UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW **IL-KUNSILL**

Brussell, 13 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

2021/0424(COD)
LEX 2366

PE-CONS 105/1/23
REV 1

ENER 722
ENV 1554
CLIMA 675
IND 720
RECH 577
COMPET 1317
ECOFIN 1439
CODEC 2607

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IS-SWIEQ INTERNI TAL-GASS RINNOVABBLI, TAL-GASS NATURALI U TAL-IDROĠENU, LI JEMENDA R-REGOLAMENTI (UE) NRU 1227/2011, (UE) 2017/1938, (UE) 2019/942 U (UE) 2022/869 U D-DEĊIŻJONI (UE) 2017/684 U LI JĦASSAR IR-REGOLAMENT (KE) NRU 715/2009 (RIFORMULAZZJONI)

REGOLAMENT (UE) 2024/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Ġunju 2024

dwar is-swieq interni tal-gass rinnovabbli, tal-gass naturali u tal-idroġenu, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011, (UE) 2017/1938, (UE) 2019/942 u (UE) 2022/869 u d-Deċiżjoni (UE) 2017/684 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2009
(riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

1 ĠU C 323, 26.8.2022, p. 101.
2 ĠU C 498, 30.12.2022, p. 83.
3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' April 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2024.

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] ġie emendat kemm-il darba u b'mod sostanzjali. Peress li jridu jsiru iżjed emendi, dan ir-Regolament għandu jiġi rriformulat fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Is-suq intern għall-gass naturali, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha fl-Unjoni, kemm jekk huma ċittadini jew jekk huma negozji, kif ukoll opportunitajiet ġodda ta' negozju u aktar kummerċ transfruntier, sabiex jiżgura gwadanji f'termini ta' effiċjenza, prezzijiet kompetittivi u standards ogħla ta' servizz, u sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u għas-sostenibbiltà.

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

(3) Permezz tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], l-Unjoni impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Ir-regoli tas-suq intern għall-fjuwils gassużi jeħtieġ li jiġu allinjati ma' dak ir-Regolament. F'dak il-kuntest, l-Unjoni stabbiliet kif taġġorna s-swieq tal-enerġija tagħha, inkluż fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-gass, fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Nixprunaw Ekonomija Newtrali għall-Klima: Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija" u "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" ("l-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu"), kif ukoll fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar approċċ Ewropew komprensiv għall-ħżin tal-enerġija[6]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-istess ħin li tiżgura s-sigurtà tal-provvista u l-funzjonament tajjeb tas-swieq interni tal-gass naturali u tal-idroġenu.

---

5 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

6 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar approċċ komprensiv Ewropew għall-ħżin tal-enerġija (2019/2189(INI)) (ĠU C 371, 15.9.2021, p. 58).

(4) Dan ir-Regolament jikkomplementa l-istrumenti ta' politika u leġiżlattivi relatati tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk proposti skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Patt Ekoloġiku Ewropew", bħar-Regolamenti (UE) 2023/857[7], (UE) 2023/957[8], (UE) 2023/1805[9] u (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u d-Direttivi (UE) 2023/959[11], (UE) 2023/1791[12] u (UE) 2023/2413[13] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li għandhom l-għan li jinċentivaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni u jiżguraw li tibqa' fuq trajettorja lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119. L-objettiv ewlieni ta' dan ir-Regolament huwa li jippermetti u jiffaċilita tali tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jiżgura ż-żieda ta' suq għall-idroġenu u suq effiċjenti għall-gass naturali.

---

7 Ir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u r-Regolament (UE) 2018/1999 (ĠU L 111, 26.4.2023, p. 1).

8 Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 105).

9 Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48).

10 Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal transport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L 2023/2405, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj).

11 Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134).

12 Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1).

13 Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj).

(5) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-penetrazzjoni tal-gass rinnovabbli u tal-gass u l-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju f'sistema tal-enerġija, u dan jabilita bidla lil hinn mill-gassijiet fossili, u jippermetti li l-gass rinnovabbli u l-gass u l-idroġenu b'livell baxx tal-karbonju jkollhom rwol importanti biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u n-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Dan ir-Regolament għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi qafas regolatorju li jippermetti u jinċentiva lill-parteċipanti kollha fis-suq biex iwettqu bidla lil hinn mill-gassijiet fossili u jippjanaw l-attivitajiet tagħhom biex jevitaw effetti ta' intrappolament u jfittxu li jiżguraw tneħħija gradwali u fil-ħin tal-gassijiet fossili, b'mod partikolari fis-setturi industrijali rilevanti kollha u għal finijiet ta' tisħin.

(6) L-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu tirrikonoxxi li, peress li l-Istati Membri għandhom potenzjal differenti għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, suq intern miftuħ u kompetittiv b'kummerċ transfruntier mingħajr xkiel għandu benefiċċji sinifikanti għall-kompetizzjoni, l-affordabbiltà u s-sigurtà tal-provvista. Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu tisħaq li t-tranżizzjoni lejn suq likwidu li jwettaq kummerċ tal-idroġenu bbażat fuq il-komodità tiffaċilita d-dħul ta' produtturi ġodda u tkun ta' benefiċċju għal integrazzjoni aktar sħiħa ma' vetturi oħra tal-enerġija u tibgħat sinjali ta' prezzijiet vijabbli għal deċiżjonijiet dwar investimenti u deċiżjonijiet operazzjonali. Għalhekk, ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffaċilitaw it-twaqqif ta' swieq għall-idroġenu, kummerċ tal-idroġenu bbażat fuq il-komodità u ċentri ta' kummerċ likwidu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jeliminaw kull ostaklu bla bżonn, inklużi tariffi sproporzjonati f'punti ta' interkonnessjoni. Filwaqt li jiġu rikonoxxuti d-differenzi inerenti, għal suq tal-idroġenu jenħtieġ li jitqiesu wkoll ir-regoli eżistenti li abilitaw operazzjonijiet kummerċjali effiċjenti u kummerċ żviluppati għas-swieq għall-elettriku u l-gass naturali. Filwaqt li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għall-operazzjoni tas-suq għall-idroġenu, huwa xieraq li jitqies l-istadju tal-iżvilupp ta' dak is-suq meta jiġu applikati dawk il-prinċipji.

(7) L-appoġġ għar-reġjuni b'intensità qawwija tal-faħam u tal-karbonju fl-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u l-introduzzjoni gradwali tal-enerġija rinnovabbli huwa element ewlieni tal-politika ta' tranżizzjoni ġusta. Dak l-appoġġ irid jiġi segwit b'mod konsistenti mal-qafas legali rilevanti, b'mod partikolari l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], li jippermetti l-finanzjament ta' teknoloġiji għall-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni għandha rwol ewlieni biex tiżgura tali appoġġ għall-politiki nazzjonali bil-mira li jnaqqsu b'mod progressiv il-kapaċità eżistenti tal-ġenerazzjoni u tal-estrazzjoni minerarja tal-faħam u ta' fjuwils fossili solidi oħra. Dak il-proċess jirrikjedi finanzjament biex jindirizza l-impatt soċjali u ekonomiku, inkluż it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol għall-fini tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tar-reġjuni li jgħaddu minn bidla strutturali. L-appoġġ għar-reġjuni b'intensità qawwija tal-faħam u tal-karbonju se jkollu jqis l-għanijiet, il-kampijiet ta' applikazzjoni u l-kriterji speċifiċi ta' kull programm ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ma jipprevedix finanzjament ta' teknoloġiji għajr l-enerġija rinnovabbli.

(8) Id-Direttiva (UE) 2024/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15+] tipprevedi l-possibbiltà ta' operatur ta' sistema kombinata. Għalhekk, ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jeħtiġux bidla fl-organizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali li jkunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dik id-Direttiva.

---

14 Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

15 Id-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni għall-gass rinnovabbli u tal-gass naturali u tal-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, ..., ELI: ...).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

(9) Jeħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji għad-determinazzjoni tat-tariffi tal-aċċess għan-network, biex ikun żgurat li dawn jikkonformaw għalkollox mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u mal-ħtiġijiet ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb, iqisu għalkollox il-ħtieġa tal-integrità tas-sistema u jirriflettu l-kostijiet reali mġarrba, dment li tali kostijiet ikunu jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment komparabbli tan-network u jkunu trasparenti, filwaqt li jinkludu r-redditu xieraq mill-investimenti, u jabilitaw l-integrazzjoni tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju. Ir-regoli dwar it-tariffi tal-aċċess għan-network stabbiliti f'dan ir-Regolament huma kkumplimentati b'aktar regoli dwar it-tariffi tal-aċċess għan-network, b'mod partikolari fil-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament, fir-Regolamenti (UE) 2022/869[16] u (UE) 2024/…[17+] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] u d-Direttiva (UE) 2023/1791.

---

16 Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).

17 Ir-Regolament (UE) 2024/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 (ĠU L, …, ELI: …).

\+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 86/23 (2021/0423(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

18 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

(10) B’mod ġenerali, ikun aktar effiċjenti li l-infrastruttura tiġi ffinanzjata permezz ta’ dħul li jinkiseb mingħand l-utenti ta’ dik l-infrastruttura u li jiġu evitati s-sussidji inkroċjati. Barra minn hekk, is-sussidji inkroċjati, f’każ ta’ assi regolati, ikunu kompatibbli mal-prinċipju ġenerali ta’ tariffi li jirriflettu l-kostijiet. F’każijiet eċċezzjonali, madankollu, is-sussidji inkroċjati jaf iwasslu għal benefiċċji soċjetali, b’mod partikolari waqt il-fażijiet bikrija tal-iżvilupp ta’ network meta l-kapaċità prenotata tkun baxxa meta mqabbla mal-kapaċità teknika u meta jkun hemm ċerta inċertezza sinifikanti b’rabta ma’ meta se timmaterjalizza d-domanda tal-kapaċità futura. Għaldaqstant, is-sussidji inkroċjati jistgħu jikkontribwixxu għal tariffi raġonevoli u prevedibbli għall-utenti tan-network bikrija u għal tnaqqis fir-riskji tal-investimenti magħmula mill-operaturi tan-networks, u b’hekk jikkontribwixxu għal klima ta’ investimenti li tappoġġa l-objettivi b’rabta mad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Bħala alternattiva għat-tariffi ogħla tan-networks mistennija li inkella jkollhom jiġu ċċarġjati lill-utenti tan-network tal-idroġenu bikrija, jenħtieġ li jkun possibbli għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu li jxerrdu l-kostijiet tal-iżvilupp tan-network fuq medda ta’ żmien, billi l-Istati Membri jitħallew jipprevedu l-possibbiltà li l-utenti futuri jħallsu parti mill-kostijiet inizjali, permezz ta’ allokazzjoni intertemporali tal-kostijiet. Tali allokazzjoni tal-kostijiet intertemporali u l-metodoloġija u l-karatteristiċi sottostanti tagħha jenħtieġ li jkunu approvati mill-awtorità regolatorja. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jakkumpanjaw tali mekkaniżmu b’miżuri li jkopru r-riskju finanzjarju tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu, bħal garanzija mill-Istat, dment li jikkonformaw mal-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Meta l-finanzjament tan-networks permezz ta' tariffi tal-aċċess għan-networks imħallsa mill-utenti tan-network ma jkunx vijabbli, l-awtorità regolatorja jenħtieġ li tkun tista' tippermetti trasferimenti finanzjarji bejn servizzi regolati separati min-networks tal-gass naturali u tal-idroġenu, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. Il-kostijiet assoċjati mal-istudji tal-fattibbiltà relatati mal-adattament għal skop ġdid tan-networks tal-gass naturali għal networks tal-idroġenu jenħtieġ li ma jitqisux bħala sussidji inkroċjati. Jenħtieġ li s-sussidji inkroċjati ma jiġux iffinanzjati minn utenti tan-network fi Stati Membri oħra u b'hekk, ikun xieraq li l-finanzjament għas-sussidji inkroċjati jingħabar mill-punti ta' ħruġ lejn il-klijenti finali fi ħdan l-istess Stat Membru. Barra minn hekk, peress li s-sussidji inkroċjati huma eċċezzjonali, jenħtieġ li jkun żgurat li dawn ikunu proporzjonali, trasparenti, limitati fiż-żmien u stabbiliti taħt superviżjoni regolatorja, soġġetti għal notifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19].

[19] Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

(11) L-użu ta’ arranġamenti bbażati fuq is-suq, bħal irkantijiet, biex jiġu ddeterminati t-tariffi, irid jikkonforma mad-Direttiva (UE) 2024/…[+] u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459[20].

(12) Sett minimu komuni ta’ servizzi ta’ aċċess għal partijiet terzi huwa meħtieġ sabiex jiġi provdut standard minimu ta’ aċċess fil-prattika fl-Unjoni kollha, sabiex jiġi żgurat li s-servizzi ta’ aċċess għal partijiet terzi ikunu suffiċjentement kompatibbli u sabiex jippermettu li jiġu sfruttati l-benefiċċji li jirriżultaw minn suq intern għall-gass naturali li jiffunzjona kif suppost.

(13) L-arranġamenti dwar l-aċċess lil partijiet terzi jenħtieġ li jissejsu fuq prinċipji stabbiliti f’dan ir-Regolament. L-organizzazzjoni tas-sistemi ta’ dħul u ta’ ħruġ, li tippermetti allokazzjoni libera ta’ gass naturali abbażi ta’ kapaċità kostanti, intlaqgħet mill-Forum Regolatorju Ewropew dwar il-Gass XXIV (Forum ta’ Madrid) f’Ottubru 2013. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiddaħħal definizzjoni ta’ sistemi ta’ dħul u ta’ ħruġ, li tgħin biex jinkisbu l-kundizzjonijiet ekwi għal gass rinnovabbli u gass b’livell baxx tal-karbonju li jkunu konnessi mal-livell ta’ trażmissjoni jew ta’ distribuzzjoni. L-iffissar tat-tariffi għall-operaturi tas-sistemi ta’ distribuzzjoni u għall-operaturi tan-networks ta’ distribuzzjoni tal-idroġenu u l-organizzazzjoni tal-allokazzjoni tal-kapaċità bejn il-livelli ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni għall-gass naturali u l-idroġenu jenħtieġ li jitħalla f’idejn l-awtoritajiet regolatorji abbażi tal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/…[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

[20] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459 tas-16 ta’ Marzu 2017 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar il-Mekkaniżmi ta’ Allokazzjoni tal-Kapaċità fis-Sistemi ta’ Trażmissjoni tal-Gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 984/2013 (ĠU L 72, 17.3.2017, p. 1).

(14) L-aċċess għas-sistema ta' dħul u ta' ħruġ jenħtieġ li jkun ibbażat b'mod ġenerali fuq kapaċità kostanti. L-operaturi tan-networks jenħtieġ li jintalbu jikkooperaw b'mod li jimmassimizza l-offerta tal-kapaċità kostanti, u mbagħad dan min-naħa tiegħu jippermetti lill-utenti tan-network jallokaw liberalment il-gass naturali li jidħol u joħroġ abbażi tal-kapaċità kostanti lejn xi punt ta' dħul jew ta' ħruġ fl-istess sistema ta' dħul u ta' ħruġ.

(15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu integrazzjoni reġjonali sħiħa jew parzjali meta jingħaqdu żewġ sistemi kontigwi ta' dħul u ta' ħruġ jew aktar. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-integrazzjoni reġjonali parzjali tinkorpora diversi żoni tal-ibbilanċjar bħala pass importanti biex jiġu integrati swieq frammentati għall-gass naturali u jitjieb il-funzjonament tas-suq intern għall-gass naturali.

(16) Meta ssir integrazzjoni tas-swieq reġjonali, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati u l-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jindirizzaw kwistjonijiet li jħallu impatt transfruntier bħall-istrutturi tariffarji, ir-reġim tal-ibbilanċjar, il-kapaċitajiet fil-bqija tal-punti transfruntieri, il-pjanijiet tal-investiment u t-twettiq tal-kompiti tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u tal-awtoritajiet regolatorji.

(17) Jenħtieġ li l-kapaċità kundizzjonali tiġi offruta biss fejn l-operaturi tan-networks ma jkunux jistgħu joffru l-kapaċità kostanti. L-operaturi tan-networks jenħtieġ li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-kapaċità kundizzjonali abbażi ta' restrizzjonijiet operazzjonali b'mod trasparenti u ċar. L-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li japprovaw il-kundizzjonijiet u jiżguraw li l-għadd ta' prodotti ta' kapaċità kundizzjonali jkun limitat biex tiġi evitata frammentazzjoni tas-suq għall-gass naturali u biex tkun żgurata l-konformità mal-prinċipju tal-għoti tal-aċċess effiċjenti lil partijiet terzi.

(18) Sabiex jitlesta s-suq intern għall-gass naturali, jenħtieġ li jinkiseb livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' interkonnessjoni tal-gass naturali transfruntiera u titrawwem l-integrazzjoni tas-suq.

(19) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jappoġġa l-produzzjoni sostenibbli tal-bijometan fl-Unjoni. Fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tagħha tat-18 ta' Mejju 2022 "Implementing the Repower EU Action Plan: Investment needs, hydrogen accelerator and achieving the bio-methane targets" (L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni RepowerEU: Il-ħtiġijiet ta' investiment, l-aċċeleratur tal-idroġenu u l-kisba tal-miri tal-bijometan), li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 bit-titolu "Pjan Repower EU" (il-"Pjan REPowerEU"), il-Kummissjoni pproponiet li żżid b'mod sinifikanti l-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli fl-Unjoni sa 35 bcm fis-sena sal-2030.

(20) L-immappjar ikkoordinat għall-użu tal-bijogass u tal-bijometan iservi bħala għodda għall-Istati Membri biex jiddeterminaw il-kontribut tal-bijometan għat-trajettorji stmati tagħhom mill-2021 sal-2030, inkluż il-konsum finali gross totali mistenni tal-enerġija u l-kapaċità installata totali ppjanata, kif previst fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima. Meta l-Istati Membri jkunu stabbilew trajettorji nazzjonali għall-bijogass u għall-bijometan, jenħtieġ li fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima jispeċifikaw il-politiki u l-miżuri għall-iżvilupp tagħhom, bħall-adozzjoni ta' strateġiji nazzjonali dwar il-bijogass u l-bijometan sostenibbli jew l-istabbiliment ta' miri nazzjonali tal-produzzjoni jew tal-konsum annwali tal-bijometan, espressi f'volumi assoluti jew bħala perċentwal tal-volum tal-gass naturali kkonsmat mill-klijenti konnessi man-network tal-gass naturali. Sabiex tiffaċilita dak, il-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri b'potenzjal sinifikanti tal-bijometan, analiżi tal-potenzjal nazzjonali tagħhom, kif ukoll suġġerimenti dwar kif il-potenzjal jista' jiġi sfruttat bl-aħjar mod. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 25(2), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-bijogass li jiġi injettat fl-infrastruttura nazzjonali tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass għall-miri tas-settur tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 25(1) ta' dik id-Direttiva.

(21) Jeħtieġ li jkun hemm aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni fost l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u, fejn relevanti, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni biex jinħolqu kodiċijiet tan-network biex jingħata u jkun immaniġġjat aċċess effettiv u trasparenti għan-networks ta' trażmissjoni transfruntiera, u biex jiżguraw ippjanar ikkoordinat li jkollu viżjoni u evoluzzjoni teknika soda tas-sistema tal-gass naturali fl-Unjoni, inkluż il-ħolqien ta' kapaċitajiet ta' interkonnessjoni, b'attenzjoni xierqa għall-ambjent. Il-kodiċijiet tan-network jenħtieġ li jaderixxu ma' linji gwida qafas, li mhumiex ta' natura vinkolanti u li huma żviluppati mill-ACER. L-ACER jenħtieġ li taqdi rwol fir-rieżami, abbażi tal-fatti, tal-abbozz tal-kodiċijiet tan-network, inkluż il-konformità tagħhom mal-linji gwida qafas, u jenħtieġ li tkun tista' tirrakkomandahom għall-adozzjoni mill-Kummissjoni. L-ACER jenħtieġ ukoll li tivvaluta l-emendi proposti għall-kodiċijiet tan-network u li tkun tista' tirrakkomandahom għall-adozzjoni mill-Kummissjoni. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jenħtieġ li jħaddmu n-networks tagħhom f'konformità ma' dawk il-kodiċijiet tan-network.

(22) Sabiex tkun żgurata l-aħjar tmexxija tan-network tat-trażmissjoni tal-gass naturali fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi previst Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni (l-"ENTSO tal-Gass"). Bl-għan li tiġi żgurata rappreżentanza ġusta ta' Stati Membri żgħar, mhux interkonnessi jew iżolati, minbarra l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass naturali, dawk l-operaturi tas-sistemi tal-gass naturali li jibbenefikaw minn deroga mill-Artikolu 60 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] skont l-Artikolu 86 ta' dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkunu eliġibbli li jkunu membri tal-ENTSO tal-Gass. Il-Kummissjoni, meta tapprova l-istatuti tal-ENTSO tal-Gass, tista' tfittex li tiżgura differenzjazzjoni xierqa tad-drittijiet ta' sħubija li tirrifletti l-istatus differenti tal-membri. Il-kompiti tal-ENTSO tal-Gass jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni li huma applikabbli għad-deċiżjonijiet tal-ENTSO tal-Gass. Il-kompiti tal-ENTSO tal-Gass jenħtieġ li jiġu definiti tajjeb u l-metodi ta' ħidma tiegħu jenħtieġ li jiżguraw l-effiċjenza, it-trasparenza u n-natura rappreżentattiva tal-ENTSO tal-Gass. Fejn xieraq, il-kodiċijiet tan-network jistgħu jiġu żviluppati b'mod konġunt mill-ENTSO tal-Gass u min-Network Ewropew tal-Operaturi tan-Networks għall-Idroġenu (ENNOH) fir-rigward ta' kwistjonijiet transsettorjali. Il-kodiċijiet tan-network imħejjija mil-ENTSO tal-Gass mhumiex intiżi biex jissostitwixxu r-regoli tekniċi applikabbli nazzjonali għal kwistjonijiet mhux transfruntiera. Ladarba jista' jsir aktar progress effettiv permezz ta' azzjoni fuq livell reġjonali, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jenħtieġ li jistabbilixxu strutturi reġjonali fi ħdan l-istruttura kumplessiva ta' kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżultati fil-livell reġjonali jkunu kompatibbli ma' kodiċijiet tan-network u ma' pjanijiet tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-Unjoni kollha mhux vinkolanti. Il-kooperazzjoni fi ħdan strutturi reġjonali bħal dawn tassumi separazzjoni effettiva ta' attivitajiet ta' network minn attivitajiet ta' produzzjoni u provvista. Fl-assenza ta' tali separazzjoni, kooperazzjoni reġjonali bejn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tagħti lok għal riskju ta' attività anti-kompetittiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromovu l-kooperazzjoni u jissorveljaw l-effettività tal-operazzjonijiet tan-network f'livell reġjonali. Il-kooperazzjoni f'livell reġjonali jenħtieġ li tkun kompatibbli mal-progress li jwassal għal swieq interni kompetittivi u effiċjenti għall-gass naturali u l-idroġenu.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(23) Sabiex tkun żgurata aktar trasparenza rigward l-iżvilupp tan-network ta' trażmissjoni tal-gass naturali fl-Unjoni, l-ENTSO tal-Gass jenħtieġ li jfassal, jippubblika u jaġġorna b'mod regolari pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-Unjoni kollha mhux vinkolanti għall-gass naturali (il-"pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha") abbażi ta' xenarju konġunt u l-mudell interkonness. Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha jenħtieġ li jiġi żviluppat skont proċess trasparenti li jinvolvi konsultazzjoni pubblika sinifikattiva, inkluż l-involviment ta' korpi xjentifiċi indipendenti, u jenħtieġ li jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u xjentifiċi. Għal dak l-għan, il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jista' jipprovdi input dwar ix-xenarji għall-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha skont ir-Regolament (UE) 2022/869. Networks vijabbli ta' trażmissjoni tal-gass naturali u interkonnessjonijiet reġjonali meħtieġa, li jkunu relevanti mil-lat kummerċjali jew ta' sigurtà tal-provvista, jenħtieġ li jkunu inklużi f'dak il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha. Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha jenħtieġ li jippromwovi l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u jikkontribwixxi għall-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali u għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija.

(24) Sabiex tissaħħaħ il-kompetizzjoni permezz ta' suq likwidu tal-bejgħ tal-gass naturali bl-ingrossa, huwa importanti ħafna li l-gass naturali jkun jista' jinbiegħ b'mod indipendenti minn fejn jinsab fis-sistema. Dan jista' jsir biss jekk l-utenti tan-network jingħataw il-libertà li jipprenotaw indipendentement il-kapaċità ta' dħul u ta' ħruġ, biex b'hekk jinħolqu żoni għat-trasport tal-gass naturali u mhux tul il-linji kuntrattwali. Biex tkun żgurata l-libertà ta' prenotazzjoni tal-kapaċità b'mod indipendenti fil-punti ta' dħul u ta' ħruġ, it-tariffi stabbiliti għal xi punt ta' dħul partikolari, għalhekk, jenħtieġ li ma jkunux relatati mat-tariffa stabbilita għal xi punt ta' ħruġ partikolari, iżda jenħtieġ li minflok jiġu offruti għal dawk il-punti b'mod separat, u t-tariffa jenħtieġ li ma tkunx tgħaqqad l-imposta ta' dħul u ta' ħruġ fi prezz wieħed.

(25) Filwaqt li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014[21] jipprevedi regoli għall-istabbiliment ta' regoli tekniċi li jibnu reġim tal-ibbilanċjar, dan iħalli bosta alternattivi ta' tfassil għal kull reġim tal-ibbilanċjar li jiġi applikat f'xi sistema speċifika ta' dħul u ta' ħruġ. Il-kombinament tal-alternattivi li saru jwasslu għal reġim tal-ibbilanċjar speċifiku li jkun applikabbli f'xi sistema speċifika ta' dħul u ta' ħruġ, li bħalissa qed jirriflettu l-iżjed it-territorji tal-Istati Membri.

(26) Jenħtieġ li l-utenti tan-network jerfgħu r-responsabbiltà li jibbilanċjaw il-kontribut tagħhom fil-konfront tat-teħid tagħhom fuq il-pjattaformi tal-kummerċ stabbiliti biex jeħfief iżjed il-kummerċ tal-gass naturali bejn l-utenti tan-network. Sabiex jiġi żgurat li jingħata aċċess ugwali għas-suq għall-gass rinnovabbli u l-gass b'livell baxx tal-karbonju, iż-żona tal-ibbilanċjar jenħtieġ li tkopri wkoll, sa fejn ikun possibbli, il-livell tas-sistema ta' distribuzzjoni. Il-punt ta' kummerċ virtwali jenħtieġ li jintuża għall-iskambju tal-gass naturali bejn il-kontijiet tal-ibbilanċjar tal-utenti tan-network.

---

21 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 15).

(27) Ir-referenzi għall-kuntratti armonizzati ta' trasport fil-kuntest ta' aċċess nondiskriminatorju għan-network ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni ma jfissrux li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' trasport ta' operatur partikolari tas-sistema fi Stat Membru għandhom ikunu l-istess bħal dawk ta' operatur ieħor tas-sistemi ta' trażmissjoni f'dak l-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor, sakemm ma jiġux stabbiliti rekwiżiti minimi li jridu jintlaħqu mill-kuntratti kollha ta' trasport.

(28) Jeħtieġ li jkun hemm aċċess ugwali għall-informazzjoni dwar l-istatus fiżiku u effiċjenti tas-sistema, sabiex il-parteċipanti kollha fis-suq ikunu jistgħu jagħmlu evalwazzjoni tas-sitwazzjoni globali tad-domanda u tal-provvista u sabiex jidentifikaw ir-raġunijiet għall-varjazzjoni fil-prezz tal-bejgħ bl-ingrossa. Dak jinkludi tagħrif aktar preċiż dwar il-provvista u d-domanda, il-kapaċità tan-network, il-flussi u l-manutenzjoni, l-ibbilanċjar u d-disponibbiltà u l-użu tal-ħażna. L-importanza ta' dik l-informazzjoni għall-funzjonament tas-suq tirrikjedi li jittaffew il-limitazzjonijiet eżistenti fuq il-pubblikazzjoni għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(29) Madankollu r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità għal informazzjoni kummerċjalment sensittiva huma partikolarment rilevanti fejn hi kkonċernata *data* ta' natura kummerċjalment strateġika għall-impriża, fejn hemm utent wieħed biss għal faċilità tal-ħażna tal-gass naturali, jew fejn hi kkonċernata *data* fir-rigward ta' punti ta' ħruġ f'sistema jew sottosistema li mhumiex konnessi ma' sistema oħra ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni iżda ma' klijent finali industrijali wieħed fejn il-pubblikazzjoni ta' tali *data* tiżvela informazzjoni kunfidenzjali dwar il-proċess ta' produzzjoni ta' dan il-klijent.

(30) Sabiex tiżdied il-fiduċja fis-suq, il-parteċipanti fis-suq jeħtieġu li jkunu ċerti li min jabbuża jista' jkun suġġett għal penali effettiva, proporzjonata u dissważiva. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jinvestigaw b'mod effettiv allegazzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għad-*data* li tipprovdi informazzjoni dwar deċiżjonijiet operazzjonali tal-impriżi ta' provvista. Fis-suq tal-gass naturali dawk id-deċiżjonijiet kollha huma kkomunikati lill-operaturi tas-sistema f'forma ta' riżervi tal-kapaċità, nominazzjonijiet u flussi realizzati. L-operaturi tas-sistema jenħtieġ li jżommu informazzjoni f'dan ir-rigward disponibbli u aċċessibbli faċilment għall-awtoritajiet kompetenti għal perijodu stabbilit ta' żmien. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li, barra minn dan, jissorveljaw b'mod regolari l-konformità mar-regoli tal-operaturi tas-sistemi.

(31) L-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali u għall-faċilitajiet tal-gass naturali likwifikat (LNG) huwa insuffiċjenti f'xi Stati Membri, u għalhekk jeħtieġ li, fir-rigward tat-trasparenza u l-objettivi tal-Pjan REPowerEU, titjieb l-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti. Tali titjib jenħtieġ li jqis il-potenzjal u l-użu tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju għal dawk il-faċilitajiet fis-suq intern.

(32) Is-sistemi tal-ibbilanċjar għall-gass naturali li huma trasparenti u nondiskriminatorji, imħaddma minn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, huma mekkaniżmi importanti, b'mod partikolari għal suġġetti żgħar li jidħlu fis-suq li jista' jkollhom iktar diffikultà minn impriżi li huma diġà stabbiliti f'suq rilevanti biex jibbilanċjaw il-portafoll ġenerali tal-bejgħ tagħhom. Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni joperaw tali mekkaniżmi b'mod li jkun kompatibbli mal-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-network li jkunu trasparenti, effettivi u nondiskriminatorji.

(33) L-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament u mal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati fuq il-bażi tiegħu.

(34) Fil-linji gwida stabbiliti f' anness, jiġu stabbiliti regoli aktar dettaljati. Meta xieraq, dawk ir-regoli jenħtieġ li jevolvu maż-żmien, filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn is-sistemi nazzjonali tal-gass naturali u l-iżvilupp tagħhom.

(35) Meta tipproponi l-emendar tal-linji gwida stabbiliti f'anness, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura konsultazzjoni minn qabel mal-partijiet rilevanti kollha li dawk il-linji gwida jikkonċernawhom, rappreżentati mill-organizzazzjonijiet professjonali, u mal-Istati Membri fil-Forum ta' Madrid.

(36) L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkollhom l-obbligu li jipprovdu, fuq talba, informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni. It-talba għall-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi r-raġunijiet għaliex l-informazzjoni hija meħtieġa għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi trattata b'mod kunfidenzjali mill-Kummissjoni.

(37) Dan ir-Regolament u l-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati f'konformità miegħu jkunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

(38) L-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib f'kull kwistjoni relatata mal-iżvilupp ta' reġjun integrat ta' kummerċ tal-gass naturali u jenħtieġ li ma jieħdu l-ebda miżura li tipperikola l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tal-gass naturali jew is-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri u tal-Partijiet Kontraenti.

(39) It-tranżizzjoni tal-enerġija u l-integrazzjoni kontinwa tas-suq għall-gass naturali jeħtieġu aktar trasparenza fir-rigward tad-dħul permess u mmirat tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni. Għadd ta' deċiżjonijiet relatati man-networks tal-gass naturali jridu jkunu bbażati fuq dik l-informazzjoni. Pereżempju, it-trasferiment tal-assi tat-trażmissjoni minn operatur tan-network tal-gass naturali lejn operatur tan-networks tal-idroġenu jew l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kumpens bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (ITC) jeħtieġ aktar trasparenza minn dik li teżisti bħalissa. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-evoluzzjonijiet tat-tariffi fuq il-perijodu fit-tul teħtieġ ċarezza b'rabta mad-domanda għall-gass naturali u anki fuq il-projezzjonijiet tal-kostijiet. It-trasparenza fir-rigward tad-dħul permess x'aktarx li tiffaċilita l-projezzjonijiet tal-kostijiet. L-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li, b'mod partikolari, jipprovdu regolarment informazzjoni dwar il-metodoloġija użata biex jiġi kkalkolat id-dħul tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, il-valur tal-bażi tal-assi regolatorja tagħhom u d-deprezzament tagħha maż-żmien, il-valur tal-infiq operazzjonali, il-kost tal-kapital applikat għall-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-inċentivi u l-primjums applikati, kif ukoll l-evoluzzjoni fit-tul tat-tariffi ta' trażmissjoni abbażi tal-bidliet mistennija għad-dħul permess jew immirat tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u fid-domanda għall-gass naturali. Sabiex jiġi żgurat il-koordinazzjoni tajjeb tal-proċess tal-ġbir u l-interpretazzjoni tad-*data* għall-istudju trasparenti u riproduċibbli ta' tqabbil tal-effiċjenza tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, jenħtieġ li l-ACER tikkollabora mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u mal-ENTSO tal-Gass.

(40) In-nefqa tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni hija predominantement kostijiet fissi. Il-mudell kummerċjali tagħhom u l-oqfsa regolatorji nazzjonali attwali jiddependu fuq il-preżunzjoni ta' użu għal perijodu fit-tul tan-networks tagħhom u dan ifisser perijodi twal ta' deprezzament: minn 30 sa 60 sena. Għaldaqstant, fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija, l-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jantiċipaw it-tnaqqis fid-domanda għall-gass naturali biex jimmodifikaw l-arranġamenti regolatorji fil-ħin u jevitaw sitwazzjoni fejn l-irkupru tal-kostijiet tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni bit-tariffi jkun jhedded l-affordabbiltà tal-gass naturali għall-konsumaturi minħabba proporzjon dejjem akbar bejn il-kostijiet fissi u d-domanda għall-gass naturali. Meta meħtieġ, il-profil tad-deprezzament jew ir-rimunerazzjoni tal-assi ta' trażmissjoni jistgħu, pereżempju, jiġu modifikati.

(41) Jenħtieġ li tiżdied it-trasparenza tad-dħul permess jew immirat tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjoni komparattiva u valutazzjoni mill-utenti tan-network. Jenħtieġ li tiżdied ukoll it-trasparenza biex tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera u t-twaqqif tal-ICTs bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, għall-integrazzjoni reġjonali jew għall-implimentazzjoni tal-iskonti fit-tariffi għall-gass rinnovabbli u l-gass b'livell baxx tal-karbonju kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

(42) Sabiex jiġu sfruttati l-aktar postijiet ekonomiċi għall-produzzjoni tal-gass rinnovabbli u l-gass b'livell baxx tal-karbonju, l-utenti tan-network jenħtieġ li jibbenefikaw minn skonti fit-tariffi bbażati fuq il-kapaċità. Tali skontijiet jistgħu jinkludu skont għall-injezzjoni minn faċilitajiet tal-produzzjoni tal-gass rinnovabbli u l-gass b'livell baxx tal-karbonju, skont għat-tariffi fil-punti ta' dħul mill-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali u fil-punti ta' ħruġ lejhom, u skont fuq it-tariffi transfruntiera f'punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji jkunu jistgħu jiddeċiedu li f'ċerti ċirkostanzi ma japplikawx l-iskonti għal dawk it-tariffi. Fil-każ ta' bidla fil-valur tal-iskonti mhux transfruntieri, l-awtorità regolatorja jenħtieġ li tibbilanċja l-interess bejn l-utenti tan-networks u l-operaturi tan-networks filwaqt li tqis l-oqfsa finanzjarji stabbli speċifikament imfassla għall-investimenti eżistenti, b'mod partikolari għall-faċilitajiet tal-produzzjoni rinnovabbli. Fejn possibbli, l-indikaturi jew il-kundizzjonijiet biex jinbidel l-iskont jenħtieġ li jiġu pprovduti biżżejjed qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni biex jinbidel. Dak l-iskont jenħtieġ li ma jaffettwax il-metodoloġija ġenerali għall-iffissar tat-tariffi, iżda jenħtieġ li jiġi pprovdut *ex post* fuq it-tariffa rilevanti. Sabiex jibbenefikaw mill-iskont, l-utenti tan-network jenħtieġ li jippreżentaw lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni l-informazzjoni meħtieġa abbażi ta' ċertifikat tas-sostenibbiltà rreġistrat fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(43) It-tnaqqis fid-dħul mill-applikazzjoni tal-iskonti jenħtieġ li jiġi ttrattat bħala tnaqqis ġenerali fid-dħul, pereżempju minn bejgħ b'kapaċità mnaqqsa, u jkun jeħtieġ jiġi rkuprat fil-ħin mit-tariffi, pereżempju b'żieda fit-tariffi speċifiċi f'konformità mar-regoli ġenerali stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(44) Sabiex tiżdied l-effiċjenza fin-networks ta' distribuzzjoni tal-gass naturali fl-Unjoni u tkun żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u mal-ENTSO tal-Gass, kif ukoll tiżdied l-effiċjenza fin-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu fl-Unjoni u tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u l-ENNOH, jenħtieġ li tkun prevista entità Ewropea għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni (l-entità tal-UE għad-DSO). L-entità tal-UE għad-DSO jenħtieġ li tinkludi wkoll lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-gass naturali u jenħtieġ li tkun tista' tinkludi l-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu. Il-kompiti tal-entità tal-UE għad-DSO jenħtieġ li jiġu definiti sew u l-metodi ta' ħidma tagħha jenħtieġ li jiżguraw l-effiċjenza, it-trasparenza u r-rappreżentattività fost l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-Unjoni u tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu. L-entità tal-UE għad-DSO jenħtieġ li tkun libera li tistabbilixxi l-istatuti u r-regoli ta' proċedura tagħha filwaqt li tqis id-differenzi bejn is-setturi tal-gass naturali, tal-idroġenu u tal-elettriku. L-entità tal-UE għad-DSO jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib mal-ENTSO tal-Gass u mal-ENNOH dwar it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network, meta applikabbli, u jenħtieġ li taħdem biex tipprovdi gwida dwar l-integrazzjoni, fost l-oħrajn, tal-ġenerazzjoni distribwita u oqsma oħra li jirrelataw mal-ġestjoni tan-networks ta' distribuzzjoni.

(45) L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jaqdu rwol importanti fejn tidħol l-integrazzjoni tal-gass rinnovabbli u l-gass b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema, pereżempju madwar nofs il-kapaċità tal-produzzjoni tal-bijometan hija konnessa mal-grilja tad-distribuzzjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' tali gass fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, il-faċilitajiet tal-produzzjoni konnessi mal-grilja tad-distribuzzjoni fl-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-punt ta' kummerċ virtwali. Barra minn hekk, skont dan ir-Regolament, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jippermettu flussi fid-direzzjoni opposta mid-distribuzzjoni għan-network ta' trażmissjoni jew biex jiżguraw l-integrazzjoni tas-sistema ta' distribuzzjoni permezz ta' mezzi alternattivi, b'effett ekwivalenti, biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-suq tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju.

(46) Il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, u l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jista' jkollhom rwol ċentrali biex jiksbu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija: it-trasparenza tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni, id-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-provvista.

(47) Il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, u l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jikkontribwixxu għall-unità tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni billi jtejbu t-trasparenza, kif ukoll jiżguraw il-viżibbiltà tad-domanda għas-sorsi tal-enerġija fl-Istati Membri kollha għall-forniturі kkonċernati.

(48) L-aggregazzjoni tad-domanda għall-gass naturali tista' ttejjeb is-sensibilizzazzjoni internazzjonali għall-fornituri tal-gass naturali, kemm jekk tal-pipeline jew tal-LNG, li hija essenzjali biex tgħin li jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-unità tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni. B'mod partikolari, koordinazzjoni ħafna aktar b'saħħitha mal-Istati Membri u bejniethom fir-rigward ta' pajjiżi terzi permezz tal-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, u l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jiżguraw użu aktar effettiv tal-piż kollettiv tal-Unjoni.

(49) L-aggregazzjoni tad-domanda għall-gass naturali tista' tikkontribwixxi għall-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni billi tinkorpora standards ambjentali fl-aggregazzjoni tad-domanda u l-ġbir tal-offerti. It-tnedija tal-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu tista' tgħin ukoll biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(50) Il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali stabbilit skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi għadd ta' passi, li jibdew billi l-impriżi tal-gass naturali jew l-impriżi li jikkunsmaw il-gass naturali stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jaggregaw id-domanda tagħhom għall-gass naturali permezz ta' fornitur tas-servizzi, ikkuntrattat mill-Kummissjoni. Dak jippermetti lill-fornituri tal-gass naturali jagħmlu offerti abbażi ta' volumi aggregati kbar, minflok ħafna offerti iżgħar lil xerrejja li javviċinawhom individwalment. Il-fornitur tas-servizzi mbagħad jiġbor l-offerti tal-provvista u jqabbilhom mal-ammonti ta' gass naturali preċedentement aggregati. In-negozjar u l-konklużjoni ta' kuntratti għax-xiri ta' gass naturali wara l-aggregazzjoni tad-domanda jenħtieġ li jkunu volontarji.

(51) L-aggregazzjoni tad-domanda tista' tiżgura aċċess aktar ugwali għall-impriżi madwar l-Istati Membri għal sorsi ġodda jew addizzjonali tal-gass naturali u twassal għal kundizzjonijiet kuntrattwali kompetittivi għax-xiri tal-gass naturali mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, għall-benefiċċju tal-klijenti finali. L-aggregazzjoni tad-domanda jenħtieġ li tkompli tappoġġa wkoll lil dawk l-impriżi li qabel kienu qed jixtru l-gass naturali biss jew prinċipalment mingħand fornitur wieħed billi tgħinhom jiksbu provvisti tal-gass naturali mingħand forniturі alternattivi tal-gass naturali f'kundizzjonijiet vantaġġużi. L-aggregazzjoni tad-domanda tista' ttejjeb il-pożizzjoni ta' tali impriżi fuq is-swieq globali tal-LNG.

(52) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-forniturі tas-servizzi jorganizzaw il-kompiti tagħhom kif stabbilit f'dan ir-Regolament filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-mekkaniżmu u l-ispeċifiċitajiet tal-gass naturali. B'mod partikolari, meta jallokaw l-offerti tal-provvista tal-gass naturali fost l-impriżi li jaggregaw id-domanda, il-forniturі tas-servizzi jenħtieġ li japplikaw metodi li ma jiddiskriminawx bejn parteċipanti iżgħar u akbar. Pereżempju, il-forniturі tas-servizzi jenħtieġ li jallokaw offerti tal-provvista tal-gass naturali fi proporzjon mal-volumi li l-impriżi individwali ddikjaraw bħala domanda. Dan jista' jkun rilevanti fejn il-provvista ma tkoprix biżżejjed id-domanda għall-gass naturali fis-suq tal-enerġija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli rilevanti għall-kompiti tal-forniturі tas-servizzi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta rilevanti.

(53) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkuntratta s-servizzi meħtieġa tal-forniturи tas-servizzi permezz tal-proċeduri ta' akkwist rilevanti skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] sabiex timplimenta l-mekkaniżmi stabbiliti skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi essenzjali tas-sigurtà jew is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, is-servizzi jenħtieġ li jiġu akkwistati minn forniturи tas-servizzi stabbiliti fl-Unjoni.

22 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(54) Il-proċess ta' aggregazzjoni tad-domanda għall-gass naturali jenħtieġ li jitwettaq minn fornitur tas-servizzi xieraq. L-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri tal-gass naturali huwa proċess kumpless, li jeħtieġ li jqis diversi elementi, li mhumiex limitati għall-prezzijiet, iżda jinkludu wkoll volumi, punti tal-konsenja u parametri oħra. Minħabba l-importanza tas-servizzi relatati mal-aggregazzjoni tad-domanda tal-gass naturali u l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu għat-trasparenza, id-diversifikazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni, u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-provvista, l-impriżi soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, jew li huma direttament jew indirettament proprjetà ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp soġġetti għal tali miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew ikkontrollati minnhom, jew jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jenħtieġ li jiġu esklużi milli jsiru fornitur tas-servizzi għall-aggregazzjoni tad-domanda għall-gass naturali jew fornitur tas-servizzi għall-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tas-servizzi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta.

(55) Il-konsumaturi industrijali li jużaw il-gass naturali b'mod intensiv fil-proċessi ta' produzzjoni tagħhom, bħall-produtturi tal-fertilizzanti, l-azzar, iċ-ċeramika jew il-ħġieġ, jistgħu wkoll jibbenefikaw mill-aggregazzjoni tad-domanda billi jippermettulhom jiġbru flimkien id-domanda tagħhom, jikkuntrattaw il-provvisti tal-gass naturali u tal-LNG, u jistrutturawhom skont il-ħtiġijiet partikolari tagħhom. Il-proċess li bih tiġi organizzata l-aggregazzjoni tad-domanda jenħtieġ ikollu regoli trasparenti dwar kif wieħed jista' jingħaqad magħha u jenħtieġ li jiżgura l-ftuħ tagħha.

(56) Il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, u l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-impriżi stabbiliti fl-Unjoni u, minħabba l-allinjament mill-qrib mal-acquis tal-enerġija tal-Unjoni u mas-suq intern tal-enerġija, għall-impriżi stabbiliti fil-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, dment li jkunu fis-seħħ il-miżuri jew l-arranġamenti meħtieġa.

(57) Madankollu, sabiex jitneħħew gradwalment id-dipendenzi eżistenti tal-Unjoni jew jiġu evitati dipendenzi ġodda fuq il-gass naturali jew l-idroġenu fornuti minn impriżi minn pajjiżi terzi soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, u biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà, il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, u l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jenħtieġ li ma jkunux miftuħa għal impriżi soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 tat-TUE jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, jew direttament jew indirettament proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp soġġetti għal tali miżuri restrittivi, jew ikkontrollati minnhom, jew jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom. Tali impriżi jenħtieġ li għalhekk jiġu esklużi milli jipparteċipaw fiż-żewġ mekkaniżmi, b'mod partikolari bħala fornitur jew xerrej.

(58) Sabiex jinvolvu ruħhom b'mod effettiv fix-xiri konġunt tal-gass naturali u jikkonkludu ftehimiet dwar il-gass naturali mal-fornituri, l-impriżi jistgħu joħolqu konsorzji jew jidħlu f'forom oħra ta' kooperazzjoni bl-għan li jinnegozjaw b'mod konġunt ċerti kundizzjonijiet tax-xiri, bħall-volumi, il-kundizzjonijiet tal-konsenja tal-punti u ż-żmien tax-xiri, fil-limiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impriżi involuti f'xiri konġunt jiżguraw li l-informazzjoni skambjata direttament jew indirettament tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv segwit. L-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' xiri konġunt skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE.

(59) Il-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva hija ta' importanza kbira meta l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-Bord ta' Tmexxija, il-gruppi ta' koordinazzjoni, il-gruppi esperti jew il-fornituri tas-servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika strumenti effettivi biex tipproteġi dik l-informazzjoni kontra kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat u riskji taċ-ċibersigurtà. Kull *data* personali li tista' tiġi pproċessata bħala parti mill-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali u l-mekkaniżmu li jappoġġja l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jenħtieġ li tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679[23] u (UE) 2018/1725[24] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

23 Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

24 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(60) Il-gwerra mhux ipprovokata u mhux iġġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna li bdiet fi Frar 2022, appoġġata mill-Belarussja, u t-tnaqqis sussegwenti fil-provvisti tal-gass naturali li ntuża bħala arma u l-manipulazzjoni tas-swieq permezz ta' interruzzjonijiet intenzjonati fil-flussi tal-gass naturali żvelaw il-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha, bil-potenzjal ċar ta' impatt dirett u serju fuq l-interessi tas-sigurtà essenzjali u tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tagħhom. Fl-istess ħin, sorsi alternattivi tal-provvista tal-gass mis-suq globali tal-LNG kibru biss modestament fl-2022 u fl-2023. Kapaċità ġdida sinifikanti ta' likwifazzjoni tal-LNG għandha tibda tiffunzjona biss matul l-2025. Għalhekk, is-swieq globali tal-gass naturali għadhom ristretti ħafna u huma mistennija li jibqgħu ristretti għal ċertu perijodu ta' żmien, li jwassal għal sitwazzjoni vulnerabbli kontinwa għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. F'dak l-isfond, huwa xieraq li jittieħdu miżuri biex tiġi indirizzata dik il-vulnerabbiltà kontinwa.

(61) Il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali huwa strument importanti biex tiġi organizzata d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass naturali u l-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza fuq il-gass naturali Russu f'ħafna Stati Membri, f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2022 bit-titolu "REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli" (ir-"REPowerEU"). Sabiex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, fl-interessi tas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista, u biex jiġu permessi t-tneħħija gradwali effettiva u rapida tad-dipendenza fuq il-gass naturali, il-provvisti tal-gass naturali li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja, jew il-provvisti tal-LNG minn faċilitajiet tal-LNG li jinsabu fihom, jenħtieġ li ma jiġux offruti permezz tal-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali sal-31 ta' Diċembru 2025. Wara dik id-data, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi li teskludi temporanjament il-provvisti ta' gass naturali li joriġina fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja, jew provvisti tal-LNG minn faċilitajiet tal-LNG li jinsabu fihom, għal perijodi sa sena, li jistgħu jiġġeddu jekk ikun iġġustifikat, meta dan ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà jew is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru. Jenħtieġ li kwalunkwe limitazzjoni bħal din ma tfixkilx bla bżonn il-funzjonament tajjeb tas-suq naturali intern għall-gass, u l-flussi transfruntiera tal-gass naturali bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li ma jdgħajfux is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika, u jenħtieġ li jittieħdu f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

(62) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri xierqa disponibbli biex tiżgura l-fatt li l-provvisti tal-gass naturali jew tal-LNG li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja, u provvisti tal-LNG minn faċilitajiet tal-LNG li jinsabu fihom, jiġu eskluży b'mod effettiv mill-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt ta' gass naturali. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob lill-fornitur tas-servizzi rilevanti biex iwettaq il-verifiki meħtieġa. Dawk il-verifiki jistgħu jieħdu l-forma, fost l-oħrajn, ta' talba mill-fornituri jew mill-produtturi tal-gass naturali li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u għax-xiri konġunt ta' gass naturali biex jiġu pprovduti d-dokumenti rilevanti tat-trasport marittimu meta jiġu kkonsenjati l-provvisti, fejn ikun teknikament fattibbli. Barra minn hekk, il-parteċipanti fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt ta' gass naturali jenħtieġ li jintalbu jipprovdu assigurazzjoni dwar il-konformità mal-obbligu tagħhom li ma joffrux jew ma jipprovdux gass naturali mill-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja, jew provvisti tal-LNG minn faċilitajiet tal-LNG li jinsabu fihom, fejn applikabbli.

(63) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun assistita minn Bord ta' Tmexxija magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni bl-għan li jiġu ffaċilitati l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-aggregazzjoni tad-domanda tal-gass naturali. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri jenħtieġ li tkun volontarja u tiddependi b'mod partikolari fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija.

(64) L-idroġenu huwa trasportatur tal-enerġija b'karatteristiċi differenti mill-gass naturali f'termini ta' kwalità, mezzi tat-trasport u xejriet tad-domanda. Għad hemm ukoll distakk sinifikanti bejn il-kostijiet tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju u l-prezz tas-suq ta' alternattivi inqas sostenibbli, li jistgħu jirrikjedu intervent pubbliku biex jiġu pprovduti inċentivi sa tali żmien li l-elettrolizzaturi u teknoloġiji u inputs oħra tal-idroġenu relatati jkunu kompetittivi biżżejjed.

(65) Madankollu, l-Unjoni għandha potenzjal qawwi ta' produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni nediet l-inizjattiva tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu f'Marzu 2023. Il-Bank Ewropew tal-Idroġenu jiddeskrivi għadd ta' attivitajiet, li permezz tagħhom il-Kummissjoni tiffaċilita l-ħolqien ta' suq tal-idroġenu tal-Unjoni, tippermetti provvisti minn sħab internazzjonali affidabbli, u tiġbor u xxerred informazzjoni dwar l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu tal-Unjoni u l-finanzjament għal proġetti tal-idroġenu. Dawk l-attivitajiet jitwettqu fil-qafas tal-istrumenti legali eżistenti rilevanti, bħad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]. L-għodod volontarji applikati għall-idroġenu fil-qafas tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu, b'mod partikolari l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu, jenħtieġ li jiffukaw fuq l-aċċellerazzjoni taż-żieda fil-produzzjoni tal-idroġenu tal-Unjoni u l-iżvilupp tas-suq, inkluż billi tiżdied it-trasparenza tad-domanda, tal-provvista, tal-flussi u tal-prezzijiet tal-idroġenu u billi jkollhom rwol ta' koordinazzjoni, jgħaqqdu lill-produtturi u lill-konsumaturi u jiffaċilitaw it-taħlit mal-istrumenti finanzjarji eżistenti.

---

25 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(66) Fil-kuntest tal-ħidma mwettqa taħt il-Bank Ewropew tal-Idroġenu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi l-mekkaniżmu biex tappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu, b'enfasi fuq il-produzzjoni bbażata fl-Unjoni. Minħabba l-karatteristiċi tal-idroġenu u tas-suq tal-idroġenu, dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jiġi stabbilit għal perijodu limitat sabiex jiġu identifikati l-aktar għodod effettivi għall-identifikazzjoni tad-domanda u tal-provvista tal-idroġenu fl-Unjoni u biex jiġu esplorati l-aktar arranġamenti ottimali tas-suq u tal-infrastruttura.

(67) L-aċċess għall-informazzjoni għall-forniturі u l-off-takers fil-kuntest tal-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jenħtieġ li jkun soġġett għall-kunsens ta' dawk l-impriżi u għall-konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

(68) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' hija stess timplimenta l-mekkaniżmu biex tappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jew jenħtieġ li tkun tista' tagħmel dan permezz tal-forniturі tas-servizzi rilevanti. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li timplimenta tali mekkaniżmu permezz ta' fornitur tas-servizzi, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward il-kuntratti mal-forniturі tas-servizzi, il-kriterji għall-għażla tal-forniturі tas-servizzi, u l-kompiti tal-forniturі tas-servizzi.

(69) Il-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu jista' jikkonsisti minn għodod iffukati fuq it-trasparenza, il-viżibbiltà tal-iżvilupp tas-suq u l-valutazzjoni volontarja tad-domanda. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jiġi implimentat fil-qafas tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu. Il-Bank Ewropew tal-Idroġenu jenħtieġ li jikkoordina l-informazzjoni dwar il-provvista, id-domanda, il-flussi u l-prezzijiet tal-idroġenu biex isaħħaħ il-fiduċja fis-suq tal-idroġenu li qed jiżviluppa u jipprovdi viżibbiltà akbar tad-domanda għall-produtturi tal-idroġenu u għall-off-takers tal-idroġenu. Il-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tal-idroġenu fis-suq jenħtieġ li jqis il-maturità u l-likwidità tas-suq tal-idroġenu kif ukoll id-disponibbiltà tal-infrastruttura.

(70) Jekk il-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' koordinazzjoni għal kwistjonijiet relatati mal-mekkaniżmu biex jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu, tali grupp ta' koordinazzjoni jenħtieġ li jkun iddedikat speċifikament fuq l-idroġenu.

(71) L-isforzi tal-Unjoni bl-għan li jeliminaw gradwalment id-dipendenza eżistenti fuq il-provvisti tal-gass naturali mill-Federazzjoni Russa u jevitaw dipendenza ġdida fuqhom u jipproteġu l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu riflessi wkoll fil-kuntest tal-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tal-idroġenu fis-suq anki fid-dawl tal-użu tal-provvisti tal-enerġija bħala arma mill-Federazzjoni Russa kif muri mit-tnaqqis tal-provvisti tal-gass naturali u l-interruzzjonijiet fil-flussi tal-gass naturali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tiddeċiedi li tirrestrinġi l-attivitajiet fir-rigward tal-valutazzjoni tal-offerti fir-rigward tal-provvisti ta' idroġenu li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa jew mill-Belarussja fi ħdan il-mekkaniżmu biex tappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Tali deċiżjoni jenħtieġ li tittieħed biss meta tkun meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri u jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-istess prinċipji bħal dawk applikabbli għall-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u għax-xiri konġunt tal-gass naturali, iżda adattata għall-attivitajiet imwettqa permezz tal-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu. B'mod partikolari, l-iskeda ta' żmien għall-adozzjoni u l-valutazzjoni minn qabel ta' tali deċiżjoni jenħtieġ li tiġi aġġustata għat-tnedija ppjanata tal-operazzjoni tal-mekkaniżmu.

(72) Qabel ma jiskadi l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-prestazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu u, b'mod partikolari, il-kontribut tiegħu għall-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu fl-Unjoni. Abbażi ta' tali valutazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tiżviluppa mekkaniżmu volontarju ta' aggregazzjoni tad-domanda u tax-xiri konġunt tal-idroġenu.

(73) L-integrazzjoni ta' volumi dejjem akbar ta' gass rinnovabbli u gass b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema tal-gass naturali tal-Unjoni se tbiddel il-kwalità tal-gass naturali trasportat u kkonsmat fl-Unjoni. Biex ikun żgurat fluss transfruntier bla xkiel tal-gass naturali, tinżamm l-interoperabbiltà tas-swieq u titħalla l-integrazzjoni tas-suq, jeħtieġ tiżdied it-trasparenza tal-kwalità tal-gass u l-kostijiet tal-ġestjoni tiegħu, jiġi previst approċċ armonizzat dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet regolatorji u tal-operaturi tas-sistemi, u tissaħħaħ il-koordinazzjoni transfruntiera. Filwaqt li jkun żgurat approċċ armonizzat għall-kwalità tal-gass fil-punti ta' interkonnessjoni transfruntiera, jenħtieġ li tinżamm il-flessibbiltà tal-Istati Membri fejn tidħol l-applikazzjoni tal-istandards tal-kwalità tal-gass fis-sistemi nazzjonali tal-gass naturali tagħhom.

(74) It-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali jenħtieġ li tkun soluzzjoni tal-aħħar istanza, peress li huwa inqas effiċjenti meta mqabbel mal-użu tal-idroġenu fil-forma pura tiegħu u jnaqqas il-valur tal-idroġenu. Dan jaffettwa wkoll l-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass naturali, l-applikazzjonijiet tal-utenti finali, u l-interoperabbiltà tas-sistemi transfruntieri. Għalhekk, il-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu fil-forma pura tiegħu u t-trasport tiegħu fis-sistema ddedikata tal-idroġenu jenħtieġ li jingħataw prijorità. Jenħtieġ li jsiru l-aħjar sforzi biex jiġi evitat l-użu tal-idroġenu għal applikazzjonijiet fir-rigward ta' liema alternattivi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija jeżistu. Id-dritt tal-Istati Membri li jieħdu d-deċiżjoni dwar jekk japplikawx it-taħlita tal-idroġenu fis-sistemi nazzjonali tal-gass naturali tagħhom jenħtieġ li jiġi ppreservat. Fl-istess ħin, approċċ armonizzat dwar it-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali fil-forma ta' limitu massimu permess għall-Unjoni kollha fil-punti ta' interkonnessjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri, li permezz tiegħu l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jkollhom jaċċettaw gass naturali b'livell tal-idroġenu mħallat inqas mil-limitu massimu, jillimita r-riskju ta' segmentazzjoni tas-suq. Is-sistemi ta' trażmissjoni kontigwi jenħtieġ li jibqgħu liberi li jaqblu dwar livelli ogħla jew aktar baxxi ta' taħlit tal-idroġenu għall-punti ta' interkonnessjoni transfruntiera. Meta jikkunsidraw tali ftehimiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkonsultaw lill-Istati Membri l-oħra li x'aktarx jiġu affettwati mill-miżura u jqisu s-sitwazzjoni f'dawk l-Istati Membri.

(75) Koordinazzjoni transfruntiera soda u proċess għar-riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni dwar il-kwalità tal-gass, inkluż dwar il-bijometan u t-taħlitiet tal-idroġenu, huma essenzjali biex jiġi ffaċilitat it-trasport effiċjenti tal-gass naturali fis-sistemi tal-gass naturali fl-Unjoni u b'hekk tkompli titwettaq integrazzjoni akbar tas-suq intern. Rekwiżiti ta' trasparenza mtejba dwar il-parametri tal-kwalità tal-gass, inkluż dwar il-valur kalorifiku gross, l-Indiċi Wobbe u l-kontenut tal-ossiġenu, u t-taħlitiet tal-idroġenu u l-iżvilupp tagħhom maż-żmien flimkien ma' obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb ta' suq intern għall-gass naturali miftuħ u effiċjenti.

(76) Meta l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri jew l-ACER jiddeċiedu li jżommu restrizzjoni transfruntiera kkawżata minn differenzi fil-livelli jew fil-prattiki tat-taħlit tal-idroġenu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jibqgħu jistgħu jużaw l-ispeċifikazzjonijiet oriġinali tagħhom tal-kwalità tal-gass. Il-possibbiltà li tinżamm tali restrizzjoni transfruntiera hija partikolarment importanti fl-Istati Membri b'punt uniku ta' interkonnessjoni jew fejn il-volumi tal-gass naturali jidħlu prinċipalment minn punt uniku ta' interkonnessjoni. Biex ikunu żgurati flussi transfruntieri mingħajr xkiel u tiġi ppreservata l-integrità tas-suq intern tal-enerġija, jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati u l-ACER, meta rilevanti, jingħataw is-setgħa li jerġgħu jibdew il-proċess komuni għar-riżoluzzjoni tat-tilwim fuq bażi kontinwa, sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi li seħħew fis-swieq tal-gass naturali u t-teknoloġiji.

(77) Regoli dwar l-interoperabbiltà u l-iskambju tad-*data* għas-sistema tal-gass naturali li huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703[26] huma essenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-ftehimiet ta' interkonnessjoni, inkluż regoli għall-kontroll tal-fluss, prinċipji ta' kejl għall-kwantità u l-kwalità tal-gass naturali, regoli għall-proċess ta' tqabbil u għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet tal-gass naturali, proċeduri ta' komunikazzjoni fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali; sett ta' unitajiet komuni, kwalità tal-gass, inkluż regoli dwar il-ġestjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ transfruntier minħabba differenzi fil-kwalità tal-gass u minħabba differenzi fil-prattiki ta' odorizzazzjoni, il-monitoraġġ tal-kwalità tal-gass għal perijodu qasir u għal perijodu fit-tul, u l-għoti tal-informazzjoni; l-iskambju tad-*data* u r-rapportar dwar il-kwalità tal-gass; it-trasparenza, il-komunikazzjoni, l-għoti tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fost il-parteċipanti rilevanti fis-suq.

(78) Sabiex tkun żgurata tmexxija ottimali tan-network tal-idroġenu tal-Unjoni u jkunu jistgħu jsiru kummerċ u forniment transfruntieri tal-idroġenu fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit l-ENNOH. Il-kompiti tal-ENNOH jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Il-kompiti tal-ENNOH jenħtieġ li jiġu definiti sew u l-metodi ta' ħidma tiegħu jenħtieġ li jiżguraw l-effiċjenza, it-trasparenza u n-natura rappreżentattiva tal-ENNOH. Fejn xieraq, il-kodiċijiet tan-network jistgħu jiġu żviluppati b'mod konġunt mill-ENTSO tal-Gass u mill-ENNOH dwar kwistjonijiet transsettorjali.

---

26 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 tat-30 ta' April 2015 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network għar-Regoli dwar l-Interoperabbiltà u l-Iskambju ta' *Data* (ĠU L 113, 1.5.2015, p. 13).

(79) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha li huma fil-proċess li jiżviluppaw in-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu jkunu rappreżentati fl-ENNOH, jenħtieġ li, b'deroga minn regola ġenerali dwar is-sħubija tal-ENNOH stabbilita f'dan ir-Regolament, ikunu jistgħu jinnominaw mill-anqas operatur wieħed tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu li jibbenefika minn deroga mill-Artikolu 68 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+] bħala membru tal-ENNOH, dment li l-operatur ikun stabbilit fi Stat Membru fejn l-ebda operatur ieħor tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu ma jkun membru tal-ENNOH. L-Istati Membri li għad ma għandhomx operatur dedikat tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu iżda li qed jippjanaw li jiżviluppaw network ta' trażmissjoni tal-idroġenu f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, jenħtieġ li jkunu jistgħu jinnominaw entità bħala sieħeb assoċjat fi ħdan l-ENNOH biex tiġi nfurmata dwar il-ħidma mwettqa mill-ENNOH, u, bħala tali, ikunu jistgħu jattendu l-laqgħat tal-assemblea, tal-bord u tal-kumitati u jipparteċipaw fi gruppi ta' ħidma, sakemm l-operaturi tan-networks tal-idroġenu tagħhom isiru membri tal-ENNOH. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddelegaw ir-rappreżentant ta' assoċjazzjoni nazzjonali ddedikata għal kwistjonijiet tal-idroġenu.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(80) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza rigward l-iżvilupp tan-network tal-idroġenu fl-Unjoni, l-ENNOH jenħtieġ li jistabbilixxi, jippubblika u jaġġorna b'mod regolari pjan mhux vinkolanti fuq għaxar snin ta' żvilupp tan-network tal-idroġenu għall-Unjoni kollha (il-"pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha") maħsub għall-ħtiġijiet tas-swieq tal-idroġenu li qed jiżviluppaw. Fil-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha jenħtieġ li jiġu inklużi networks vijabbli ta' trasport tal-idroġenu u l-interkonnessjonijiet meħtieġa, li jkunu rilevanti minn perspettiva kummerċjali. L-ENNOH jenħtieġ li jieħu sehem fl-iżvilupp tal-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha – li tinkludi l-mudell interkonness tas-suq tal-enerġija u n-network, inkluż l-infrastruttura tat-trasport tal-elettriku, tal-gass naturali u tal-idroġenu, kif ukoll il-ħażna, l-LNG u l-elettrolizzaturi –, ix-xenarji għall-pjanijiet ta' żvilupp tan-network ta' għaxar snin u r-rapport li jidentifika l-lakuni fl-infrastruttura kif stabbilit fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2022/869 għall-iżvilupp tal-listi tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-ENNOH jikkoopera mill-qrib man-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (l-"ENTSO tal-Elettriku") u mal-ENTSO tal-Gass biex jiffaċilita l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

(81) Biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, jiġu sfruttati s-sinerġiji u tiġi appoġġata l-effiċjenza ġenerali tas-sistema, l-ENNOH, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib fl-ippjanar integrat tan-network fil-livell tal-Unjoni. Dik il-kooperazzjoni jenħtieġ li tkopri t-tħejjija tax-xenarji konġunti għall-elettriku, għall-idroġenu u għall-gass naturali, ir-rapporti kkoordinati dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura, l-abbozzi tal-metodoloġiji konsistenti għall-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistemi tal-enerġija kollha u l-mudell integrat skont l-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2022/869. Biex dik il-kooperazzjoni ssir effiċjenti, l-ENNOH, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass jenħtieġ li jistabbilixxu gruppi ta' ħidma komuni li jħejju dawk ir-riżultati. Matul il-perijodu tranżitorju sal-1 ta' Jannar 2027, l-ENTSO tal-Gass jenħtieġ li jiżviluppa l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għall-2026. Għal dak l-għan, l-ENTSO tal-Gass jenħtieġ li jinvolvi bis-sħiħ lill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u lill-ENNOH hekk kif jiġi stabbilit l-ENNOH. Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għall-2026 jenħtieġ li jikkonsisti f'żewġ kapitoli separati, wieħed għall-idroġenu u wieħed għall-gass naturali. L-ENNOH jenħtieġ li jiżviluppa l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għall-2028 f'konformità mal-ippjanar tan-network integrat fil-livell tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

(82) Il-parteċipanti kollha fis-suq għandhom interess fil-kompiti mwettqa mill-ENNOH. Għalhekk hu essenzjali li jsir proċess ta' konsultazzjoni effettiv. B'mod kumplessiv, l-ENNOH jenħtieġ li jfittex l-esperjenza ta' ħidma tiegħu fl-ippjanar, l-iżvilupp u l-operazzjoni tal-infrastruttura, jibni fuqha u jintegra fiha, b'kooperazzjoni ma' parteċipanti rilevanti oħra fis-suq u l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

(83) Peress li b'approċċ fil-livell reġjonali jista' jinkiseb progress aktar effettiv, l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu jenħtieġ li jwaqqfu strutturi reġjonali fi ħdan l-istruttura kumplessiva tal-kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżultati fil-livell reġjonali jkunu kompatibbli mal-kodiċijiet tan-network u l-pjanijiet tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromovu l-kooperazzjoni u jimmonitorjaw l-effikaċja tan-network fil-livell reġjonali.

(84) Ir-rekwiżiti ta' trasparenza huma meħtieġa biex ikun żgurat li fost il-parteċipanti fis-suq tkun tista' tiġi żviluppata fiduċja fis-swieq emerġenti tal-idroġenu fl-Unjoni. Jeħtieġ ikun hemm aċċess ugwali għall-informazzjoni dwar l-istatus fiżiku u l-funzjonament tas-sistema tal-idroġenu, biex il-parteċipanti kollha fis-suq ikunu jistgħu jivvalutaw is-sitwazzjoni kumplessiva tad-domanda u tal-provvista u jidentifikaw ir-raġunijiet għall-iżviluppi fil-prezz tas-suq. L-informazzjoni jenħtieġ li tiġi żvelata dejjem b'mod sinifikattiv, faċilment aċċessibbli, u b'mod nondiskriminatorju.

(85) L-ENNOH jenħtieġ li jistabbilixxi pjattaforma ċentrali bbażata fuq l-internet biex id-*data* kollha rilevanti ssir disponibbli għall-parteċipanti fis-suq ħalli jakkwistaw aċċess effettiv għan-network tal-idroġenu.

(86) Il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks tal-idroġenu fil-fażi bikrija għall-iżvilupp tas-suq għall-idroġenu jenħtieġ li jiżguraw l-operazzjoni effiċjenti, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza għall-utenti tan-network tal-idroġenu filwaqt li jippreservaw flessibbiltà biżżejjed għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu. Il-limitazzjoni tat-terminu massimu tal-kuntratti tal-kapaċità jenħtieġ li tnaqqas ir-riskju tal-konġestjoni kuntrattwali u l-ikkapparrar tal-kapaċità.

(87) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament kundizzjonijiet ġenerali għall-għoti ta' aċċess lill-partijiet terzi għall-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u għat-terminals tal-idroġenu biex ikunu żgurati aċċess nondiskriminatorju u trasparenza għall-utenti tan-network tal-idroġenu.

(88) L-operaturi tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jikkooperaw biex jiżviluppaw kodiċijiet tan-network għall-fini li jipprovdu u jiġġestixxu aċċess trasparenti u nondiskriminatorju għan-networks tal-idroġenu bejn il-fruntieri u biex jiżguraw l-iżvilupp ikkoordinat tan-network tal-idroġenu fl-Unjoni, inkluż il-ħolqien ta' kapaċitajiet ta' interkonnessjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-ewwel lista ta' prijoritajiet għall-identifikazzjoni ta' oqsma li jridu jiġu inklużi fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network tal-idroġenu sena wara l-istabbiliment tal-ENNOH, kif previst f'dan ir-Regolament. Il-kodiċijiet tan-network jenħtieġ li jkunu konformi ma' linji gwida qafas żviluppati mill-ACER. L-ACER jenħtieġ li taqdi rwol fir-rieżami, abbażi tal-fatti, tal-abbozz tal-kodiċijiet tan-network, inkluż il-konformità tagħhom mal-linji gwida qafas, u jenħtieġ li tkun tista' tirrakkomandahom għall-adozzjoni mill-Kummissjoni. L-ACER jenħtieġ ukoll li tivvaluta l-emendi proposti għall-kodiċijiet tan-network u li tkun tista' tirrakkomandahom għall-adozzjoni mill-Kummissjoni. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li joperaw in-networks tal-idroġenu tagħhom f'konformità ma' dawk il-kodiċijiet tan-network.

(89) Il-kodiċijiet tan-network imħejjija mill-ENNOH mhumiex intenzjonati biex jissostitwixxu r-regoli nazzjonali meħtieġa għal kwistjonijiet mhux transfruntiera.

(90) Il-kwalità tal-idroġenu trasportat u kkonsmat fl-Unjoni tista' tvarja skont it-teknoloġija tal-produzzjoni u l-ispeċifiċitajiet tat-trasport tiegħu. Għalhekk, approċċ armonizzat fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kwalità tal-idroġenu fl-interkonnetturi transfruntieri jenħtieġ li jwassal għall-fluss transfruntier tal-idroġenu u għall-integrazzjoni tas-suq.

(91) Meta l-awtorità regolatorja jidhrilha li huwa meħtieġ, l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu jistgħu jsiru responsabbli għall-ġestjoni tal-kwalità tal-idroġenu fin-networks tagħhom, fil-qafas tal-istandards tal-kwalità tal-idroġenu applikabbli, biex tiġi żgurata l-kwalità affidabbli u stabbli tal-idroġenu għall-konsumaturi finali.

(92) Koordinazzjoni transfruntiera u proċess għar-riżoluzzjoni tat-tilwim sodi bejn l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu huma essenzjali biex jiġi ffaċilitat it-trasport tal-idroġenu fin-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu fl-Unjoni u b'hekk tissokta tiżdied l-integrazzjoni tas-suq intern. Jenħtieġ li rekwiżiti ta' trasparenza mtejba dwar il-parametri tal-kwalità tal-idroġenu u dwar l-iżvilupp tagħhom maż-żmien flimkien ma' obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb ta' suq intern miftuħ u effiċjenti għall-idroġenu.

(93) Sabiex jiġu emendati l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jew biex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat fir-rigward ta' elementi mhux essenzjali ta' ċerti oqsma speċifiċi li huma fundamentali għall-integrazzjoni tas-suq, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigwardli jiġu pprovduti linji gwida li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jew mill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu, jinbidlu l-livelli tal-iskont biex jittaffew l-iżbilanċi strutturali tad-dħul għall-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, tiġi stabbilita d-definizzjoni taż-żona ġeografika koperta minn kull struttura ta' kooperazzjoni reġjonali, filwaqt li jitqiesu l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti, jiġu stabbiliti kodiċijiet tan-network u linji gwida għall-gass naturali u l-idroġenu, jiġu emendati linji gwida stabbiliti f'anness u jiġu stabbiliti linji gwida fir-rigward ta' infrastruttura ġdida tal-gass naturali u tal-idroġenu. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[27]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom jenħtieġ li jkollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

[27] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(94) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

(95) Il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida jenħtieġ li jiġu applikati għall-punti ta' dħul mill-pajjiżi terzi u l-punti ta' ħruġ lejhom. Ċirkostanzi speċifiċi, inkluża l-eżistenza ta' arranġamenti kuntrattwali fit-tul eżistenti jew diffikultajiet legali biex tiġi stabbilita proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim ma' operaturi tan-networks ta' trażmissjoni jew fornituri tal-gass naturali stabbiliti f'pajjiżi terzi, jistgħu jipprevjenu applikazzjoni effettiva fi żmien qasir. Meta dan ikun iġġustifikat abbażi ta' raġunijiet oġġettivi, l-awtoritajiet regolatorji jenħtieġ li jkunu jistgħu ikellmu lill-Kummissjoni biex japplikaw għal deroga mill-applikazzjoni tal-kodiċijiet tan-network jew il-linji gwida, jew dispożizzjonijiet speċifiċi tagħhom, li ma jistgħux jiġu implimentati fil-punti ta' dħul minn pajjiżi terzi u fil-punti ta' ħruġ lejhom. Tali derogi jenħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien, għall-perijodu minimu meħtieġ biex jitneħħew l-ostakli eżistenti għall-applikazzjoni tal-kodiċijiet tan-network jew tal-linji gwida.

(96) Biex tkun żgurata l-operazzjoni effiċjenti tan-networks tal-idroġenu Ewropej, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tan-network tat-trasport tal-idroġenu b'kooperazzjoni mill-qrib ma' operaturi oħra tan-networks tal-idroġenu kif ukoll ma' operaturi oħra ta' sistemi li n-networks tagħhom ikunu konnessi magħhom, inkluż biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

---

28 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(97) Huwa fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern li jiġu stabbiliti standards li jkunu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Malli r-referenza għal tali standard tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-konformità miegħu jenħtieġ li tikkawża preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti fil-miżura ta' implimentazzjoni adottata skont dan ir-Regolament, għalkemm jenħtieġ li jkunu permessi wkoll mezzi oħra li juru din il-konformità. F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29], il-Kummissjoni tista' titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw speċifikazzjonijiet tekniċi, standards Ewropej u standards armonizzati. Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-istandards armonizzati jenħtieġ li jkun li jgħinu lill-operaturi japplikaw il-miżuri ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament u skont id-Direttiva (UE) 2024/…[+].

---

29 Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(98) Il-qafas ta' standardizzazzjoni attwali tal-Unjoni, li huwa bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jirrappreżenta l-qafas awtomatiku biex jiġu elaborati standards li jipprevedu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament jew stabbiliti f'atti delegati jew ta' implimentazzjoni speċifiċi adottati skont dan ir-Regolament. L-istandards Ewropej jenħtieġ li jkunu mmexxija mis-suq u jenħtieġ li jqisu l-interess pubbliku, kif ukoll l-objettivi ta' politika ddikjarati b'mod ċar fit-talba tal-Kummissjoni lil waħda jew aktar mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standards armonizzati, fi żmien stabbilit u abbażi ta' kunsens. Madankollu, fin-nuqqas ta' referenzi rilevanti għal standards armonizzati, jew meta l-proċess ta' standardizzazzjoni jiġi mblukkat jew ikun hemm dewmien fl-istabbiliment ta' standards armonizzati xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dment li meta tagħmel dan tirrispetta debitament ir-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni Ewropej. Jenħtieġ li dik l-għażla tinftiehem bħala soluzzjoni ta' riżerva eċċezzjonali biex tgħin lill-operaturi japplikaw il-miżuri rilevanti skont l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) 2024/…[+]. Jekk dewmien fl-istabbiliment ta' standards armonizzati jkun dovut għall-kumplessità teknika tal-istandard ikkonċernat, jenħtieġ li dan jiġi kkunsidrat mill-Kummissjoni qabel ma tikkontempla l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet komuni.

(99) Sabiex jitqiesu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-utenti finali tal-idroġenu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards tal-kwalità tal-idroġenu fin-network tal-idroġenu jenħtieġ li jqisu l-istandards diġà eżistenti li jistabbilixxu dawk ir-rekwiżiti tal-utenti finali, pereżempju, l-istandard EN 17124.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(100) L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu jenħtieġ li jibnu kapaċità transfruntiera suffiċjenti għat-trasport tal-idroġenu li tilħaq id-domandi kollha ekonomikament raġonevoli u teknikament fattibbli għal din il-kapaċità, u b'hekk jabilitaw l-integrazzjoni tas-suq.

(101) Fid-dawl tal-potenzjal tal-idroġenu bħala vettur tal-enerġija u l-possibbiltà li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom fil-kummerċ tal-idroġenu ma' pajjiżi terzi, jeħtieġ jiġi ċċarat li l-obbligi ta' notifika f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2017/684 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] għall-ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija relatati mal-gass naturali japplikaw ukoll għall-ftehimiet intergovernattivi relatati mal-idroġenu, inkluż komposti tal-idroġenu bħall-ammonijaka u trasportaturi tal-idroġenu organiku likwidu. Għalhekk, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni tiġi emendata kif xieraq.

[30] Id-Deċiżjoni (UE) 2017/684 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija, u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE (ĠU L 99, 12.4.2017, p. 1).

(102) L-investimenti f'infrastrutturi kbar ġodda jenħtieġ li jiġu promossi bil-qawwa, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-swieq interni għall-gass naturali u għall-idroġenu. Sabiex jiżdied l-effett pożittiv tal-proġetti eżentati tal-infrastruttura fuq il-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista, jenħtieġ li tul il-fażi tal-ippjanar tal-proġett jiġi ttestjat l-interess tas-suq, u jenħtieġ li jitħaddmu regoli dwar l-amministrazzjoni tal-konġestjoni. Meta infrastruttura tkun fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-ACER jenħtieġ li tittratta, bħala l-aħħar istanza, it-talba għall-eżenzjoni sabiex tqis aħjar l-implikazzjonijiet transfruntieri tal-eżenzjoni u tiffaċilita t-trattament amministrattiv ta' dik it-talba. Barra minn hekk, minħabba l-profil ta' riskju eċċezzjonali biex jinbnew dawk il-proġetti kbar ġodda ta' infrastruttura li huma eżenti, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata b'mod temporanju deroga sħiħa jew parzjali għall-impriżi b'interessi ta' forniment u produzzjoni fir-rigward tar-regoli tas-separazzjoni għall-proġetti kkonċernati. Il-possibbiltà ta' derogi temporanji jenħtieġ li tapplika, għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, b'mod partikolari għall-pipelines ġodda fl-Unjoni li jġorru l-gass naturali minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni. L-eżenzjonijiet u d-derogi mogħtija skont id-Direttivi 2003/55/KE[31] u 2009/73/KE[32] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li jkomplu japplikaw għall-perijodu li għalih ikunu ngħataw mill-eżenzjoni jew mid-deroga rilevanti.

---

31 Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57).

32 Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

(103) L-eskalazzjoni tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna minn Frar 2022 wasslet għal tnaqqis fil-provvisti tal-gass naturali minn dak il-pajjiż, u r-riżorsi mill-bejgħ tal-gass naturali ntużaw biex jiffinanzjaw il-gwerra tar-Russja mal-fruntiera tal-Unjoni. B'mod partikolari, waqfu l-flussi tal-gass naturali fil-pipeline li jibda mir-Russja u jgħaddi mill-Belarussja u fil-pipeline Nord Stream 1 u naqsu b'mod kostanti l-provvisti tal-gass naturali mill-Ukrajna, u dan ipperikola serjament is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi. L-użu ta' dak it-tnaqqis fil-provvisti tal-gass naturali bħala arma u l-manipulazzjoni tas-swieq permezz ta' interruzzjonijiet intenzjonati fil-flussi tal-gass naturali żvelaw il-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi evidenti fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha bil-potenzjal ċar ta' impatt dirett u serju fuq l-interessi essenzjali tas-sigurtà internazzjonali tagħhom. L-evidenza tal-passat uriet ukoll li l-gass jista' jintuża biex is-swieq tal-enerġija jintużaw bħala arma u jiġu manipulati, pereżempju billi jinħażnu l-kapaċitajiet fl-infrastruttura tal-gass naturali, għad-detriment tal-interessi essenzjali tas-sigurtà internazzjonali tal-Unjoni. Sabiex jittaffa l-impatt ta' tali avvenimenti, kemm fil-kuntest attwali kif ukoll għall-futur, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod eċċezzjonali, ikunu jistgħu jieħdu miżuri proporzjonati biex jillimitaw temporanjament l-offerti bil-quddiem għall-kapaċità minn kwalunkwe utent uniku tan-network fil-punti ta' dħul u fit-terminals tal-LNG għall-konsenji mill-Federazzjoni Russa u l-Belarussja, fejn ikun meħtieġ biex jipproteġu l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom u dawk tal-Unjoni, u titqies ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li tali miżuri temporanji jiġġeddu meta jkun iġġustifikat.

Jenħtieġ li dik il-possibbiltà tapplika biss fir-rigward tal-Federazzjoni Russa u tal-Belarussja, bil-ħsieb li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrispondu b'miżuri adegwati għal kwalunkwe theddida għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom u dawk tal-Unjoni li tirriżulta mis-sitwazzjoni, inkluż billi jnaqqsu b'mod gradwali d-dipendenza tagħhom fuq il-fjuwils fossili Russi, fost l-oħrajn billi jieħdu azzjoni bikrija skont l-objettivi tar-REPowerEU. Jenħtieġ li kwalunkwe limitazzjoni bħal din ma tmurx kontra l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri u jenħtieġ li tkun f'konformità mal-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ. Qabel ma japplikaw tali limitazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonsultaw lill-Kummissjoni u, f'każ li x'aktarx jiġu affettwati mil-limitazzjoni, lill-Istati Membri l-oħra, lill-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u jqisu s-sitwazzjoni f'dawk l-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi, b'mod partikolari f'termini ta' sigurtà tal-provvista. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu kif xieraq l-effetti potenzjali tal-miżura tagħhom fuq l-Istati Membri l-oħra u b'mod partikolari jirrispettaw il-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika, inkluż bl-għan li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista, meta jivvalutaw l-adegwatezza u l-ambitu ta' kwalunkwe limitazzjoni prevista.

(104) Is-settur tal-enerġija Ewropew għaddej minn bidla sinifikanti lejn ekonomija dekarbonizzata effiċjenti ferm ibbażata fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jrid jiżgura s-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività. Filwaqt li ċ-ċibersigurtà fis-subsettur tal-elettriku diġà qed tavvanza b'kodiċi tan-network dwar il-fluss transfruntier tal-elettriku, hemm bżonn regoli obbligatorji u speċifiċi għas-subsettur tal-gass naturali li jiżguraw is-sigurtà tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni.

(105) B'reazzjoni għaż-żidiet sinifikanti u mifruxa mal-Unjoni kollha fil-prezzijiet tal-enerġija evidenzjati fil-ħarifa tal-2021 u l-impatti negattivi tagħhom, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ" saħqet fuq l-importanza ta' suq intern tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb u ta' koordinazzjoni aħjar tas-sigurtà tal-provvista bejn il-fruntieri għal reżiljenza kontra xokkijiet futuri. Fl-20-21 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li jistiednu lill-Kummissjoni tikkunsidra malajr miżuri li jżidu r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u tas-suq intern tal-enerġija, inkluż miżuri li jtejbu s-sigurtà tal-provvista. B'reazzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, fit-8 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni ppreżentat il-pjan REPowerEU sabiex tneħħi b'mod gradwali d-dipendenza tal-Unjoni mill-fjuwils fossili Russi u taċċelera t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Bħala kontribut għal rispons konsistenti u fil-ħin għal dik il-kriżi u għal kriżijiet ġodda possibbli fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu introdotti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[33] regoli speċifiċi li jtejbu l-kooperazzjoni u r-reżiljenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' regoli ta' solidarjetà. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1938 jiġi emendat kif xieraq.

[33] Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1).

(106) Kif deher fis-simulazzjonijiet tal-2017, l-2021 u l-2022, fl-Unjoni kollha, il-kooperazzjoni reġjonali u l-miżuri ta' solidarjetà huma essenzjali biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-Unjoni fil-każ ta' deterjorament serju fis-sitwazzjoni tal-provvista. Il-miżuri ta' solidarjetà applikabbli fil-każ ta' emerġenza jenħtieġ li jiżguraw il-provvista ta' klijenti ta' solidarjetà protetti bħall-unitajiet domestiċi bejn il-fruntieri f'kull sitwazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu ta' solidarjetà, inkluż bi qbil bejn l-Istati Membri kkonċernati dwar arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeskrivu d-dettalji ta' dawk l-arranġamenti fil-pjanijiet ta' emerġenza tagħhom. Għall-Istati Membri li ma jaqblux dwar ftehimiet bilaterali, jenħtieġ li jkunu japplikaw ir-regoli awtomatiċi ta' dan ir-Regolament sabiex tkun żgurata tali solidarjetà effettiva.

(107) Għaldaqstant, tali miżuri ta' solidarjetà jistgħu jwasslu għall-obbligu li Stat Membru jħallas kumpens lil min jiġi affettwat mill-miżuri tiegħu. Biex ikun żgurat li l-kumpens imħallas mill-Istat Membru li jitlob solidarjetà lill-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà jkun ġust u raġonevoli, l-awtoritajiet regolatorji u l-ACER jenħtieġ li jkollhom, bħala awtoritajiet indipendenti, is-setgħa li jivverifikaw l-ammont ta' kumpens mitlub u mħallas u, jekk ikun meħtieġ, li jitolbu rettifika, b'mod partikolari filwaqt li jitqies il-livell tal-kostijiet indiretti li jkunu seħħew minħabba l-għoti ta' solidarjetà abbażi ta' miżuri mhux ibbażati fuq is-suq. Il-kooperazzjoni li għadha kif ġiet stabbilita bejn Stati Membri konnessi indirettament li jużaw miżuri bbażati fuq is-suq skont dan ir-Regolament tgħin ukoll biex tnaqqas l-ispejjeż potenzjalment sostanzjali li jistgħu jinqalgħu meta jintużaw miżuri mhux ibbażati fuq is-suq li jiswew aktar.

(108) Il-forniment ta' kontribuzzjonijiet volontarji tal-gass naturali bl-użu ta' miżuri bbażati fuq is-suq lil Stati Membri konnessi indirettament jenħtieġ li jiġi introdott fir-Regolament (UE) 2017/1938 b'mod partikolari biex jiġi evitat li Stati Membri konnessi direttament ikollhom jużaw miżuri mhux ibbażati fuq is-suq fejn Stat Membru ieħor mhux konness direttament jista' jipprovdi volumi ta' gass naturali għas-solidarjetà bl-użu ta' miżuri bbażati fuq is-suq. In-natura volontarja tal-miżuri bbażati fuq is-suq u l-kontribut li jirriżulta tal-gass naturali huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jivvalutaw u jindikaw fil-ħin jekk il-miżuri bbażati fuq is-suq jistgħux jipprovdu l-gass naturali mitlub u kif jistgħu jagħmlu dan. Tali mekkaniżmu huwa intiż li jnaqqas il-kost indirett u globali tas-solidarjetà, billi jevita r-rikors għal miżuri mhux ibbażati fuq is-suq li jiswew aktar. Is-solidarjetà bejn l-Istati Membri konnessi indirettament tifrex il-piż fuq aktar Stati Membri u tgħin biex l-Istati Membri mingħajr faċilitajiet tal-LNG jkollhom aċċess għall-provvista globali tal-LNG.

(109) L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex tiġi vvalutata s-sigurtà tal-provvista tal-gass u l-istabbiliment ta' miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jinkludu xenarji li jeżaminaw l-impatt ta' tnaqqis fid-domanda għall-gass naturali permezz ta' miżuri tal-iffrankar tal-enerġija jew tal-effiċjenza enerġetika, inklużi s-simulazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tax-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass naturali u tal-infrastruttura skont dan ir-Regolament. L-eżami tax-xenarji tal-iffrankar tal-enerġija u tal-effiċjenza enerġetika jiżgura li s-simulazzjoni mal-Unjoni kollha, kif ukoll il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri preventivi nazzjonali u komuni sussegwenti, jibqgħu validi għall-futur u kompatibbli mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u mal-objettivi tal-Unjoni tan-newtralità klimatika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119, u li jikkontribwixxu għat-tneħħija gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi. Dan ir-Regolament jippermetti wkoll lill-Istati Membri jnaqqsu l-konsum tal-gass mhux essenzjali tal-klijenti protetti biex jiffaċilitaw aktar iffrankar tal-gass naturali, b'mod partikolari matul kriżi.

(110) Ir-riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-gass ikkawżati mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna li ġġustifikaw l-emendi għar-Regolament (UE) 2017/1938 introdotti bir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] għadhom jippersistu llum. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati riskji supplimentari bħal tfixkil ulterjuri tal-infrastrutturi kritiċi, wara l-atti ta' sabotaġġ kontra l-pipelines Nord Stream f'Settembru 2022 u t-tfixkil tal-pipeline Balticconnector f'Ottubru 2023, u deterjorament tal-ambjent ġeopolitiku u tax-xenarju ta' theddid fir-reġjuni fornituri, pereżempju bil-kriżi fil-Lvant Nofsani. Għalhekk, ir-rapport li l-Kummissjoni trid tippreżenta sat-28 ta' Frar 2025 irid ikun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2017/1938.

[34] Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

(111) Ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qed jibnu fuq il-miżuri ta' kriżi introdotti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576[35] b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-kriżi sussegwenti tal-provvista tal-gass naturali. Filwaqt li r-Regolament (UE) 2022/2576 indirizza kriżi immedjata u severa tal-provvista tal-gass naturali, inkluż permezz ta' deroga mill-qafas permanenti eżistenti, dan ir-Regolament għandu l-għan li jittrasforma xi wħud mill-miżuri ta' kriżi f'karatteristiċi permanenti tas-suq tal-gass naturali. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt ta' gass naturali, il-miżuri biex jissaħħaħ l-użu tal-faċilitajiet tal-LNG u tal-ħżin tal-gass naturali, kif ukoll miżuri ta' solidarjetà addizzjonali f'każ ta' emerġenza tal-gass naturali. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' dawk il-karatteristiċi permanenti tas-suq tal-gass naturali teħtieġ iż-żmien, fost l-oħrajn minħabba l-proċeduri tal-offerti meħtieġa għall-mekkaniżmu permanenti għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt ta' gass naturali, li mhux se jiġu konklużi qabel tmiem l-2024. Barra minn hekk, ir-riskji relatati mal-provvista tal-gass naturali fl-Unjoni huma mistennija li jdumu sa tmiem l-2024. Għalhekk, sabiex jingħata biżżejjed lok għall-fażi preparatorja li tikkonċerna dawk il-miżuri u bil-ħsieb li tiġi evitata duplikazzjoni mal-miżuri introdotti bir-Regolament (UE) 2022/2576, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw biss mill-1 ta' Jannar 2025. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-istabbiliment u l-għażla ta' fornitur tas-servizzi biex iwettaq kompiti skont il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali jenħtieġ li japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu jkun operazzjonali mid-data li fiha jiskadi r-Regolament (UE) 2022/2576.

---

35 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576 tad-19 ta' Diċembru 2022 li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet u skambji transfruntiera tal-gass (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 1).

(112) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] u r-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2022/869 jiġu emendati kif xieraq.

(113) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli ġusti għall-kundizzjonijiet tal-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali, għall-ħażna u għall-faċilitajiet tal-LNG u l-miżuri fir-rigward tal-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt ta' gass naturali u l-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' tali azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Kapitolu I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament:

(a) jistabbilixxi regoli nondiskriminatorji għall-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-sistemi tal-gass naturali u tal-idroġenu li jqisu l-karatteristiċi speċjali tas-swieq nazzjonali u reġjonali, bil-għan li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-swieq interni għall-gass naturali u l-idroġenu u jikkontribwixxu għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija; kif ukoll

(b) jiffaċilita l-emerġenza u l-operazzjoni ta' swieq għall-gass naturali u l-idroġenu li jiffunzjonaw tajjeb u li huma trasparenti b'livell għoli ta' sigurtà tal-provvista u jipprovdi mekkaniżmi li bihom jiġu armonizzati r-regoli ta' aċċess għan-network għal skambju transfruntier ta' gass naturali u idroġenu.

L-objettivi msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jinkludu:

(a) l-istabbiliment tal-prinċipji armonizzati għat-tariffi, jew il-metodoloġiji biex jiġi ssottolinjat il-kalkolu tat-tariffi, għall-aċċess għan-network tal-gass naturali, bl-esklużjoni tal-faċilitajiet tal-ħażna,

(b) l-istabbiliment ta' servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi u prinċipji armonizzati għall-allokazzjoni tal-kapaċità u l-amministrazzjoni tal-konġestjoni,

(b) l-istabbiliment tar-rekwiżiti tat-trasparenza, ir-regoli għall-ibbilanċjar u ħlasijiet dovuti għal żbilanċi, u l-faċilitazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kapaċità.

Dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 34(5) tiegħu, għandu japplika biss għall-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali u tal-idroġenu msemmija fl-Artikolu 33(3) jew (4) jew l-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu entità jew korp stabbiliti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/…[+], għall-fini li jwettqu funzjoni waħda jew aktar li tipikament ikunu attribwiti lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jew lill-operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu, li għandu jkun suġġett għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dik l-entità jew dak il-korp għandhom ikunu suġġetti għaċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament u għandhom ikunu suġġetti għall-ħatra skont l-Artikolu 71 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "bażi tal-assi regolatorji" tfisser l-assi tan-network ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, operatur tas-sistemi ta' distribuzzjoni, operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u operatur tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu użati għall-forniment ta' servizzi tan-network regolati li jitqiesu fil-kalkolu tad-dħul mis-servizz relatat man-network;

(2) "trażmissjoni" tfisser trażmissjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (17), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(3) "kuntratt ta' trasport" tfisser kuntratt li l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jew l-operatur tan-networks tal-idroġenu ikkonkluda ma' utent tan-network bil-ħsieb li jitwettqu servizzi ta' trasport għall-gass naturali jew l-idroġenu;

(4) "kapaċità" tfisser il-fluss massimu, espress f'metri kubiċi normali għal kull unità ta' ħin jew f'unità ta' enerġija għal kull unità ta' ħin, li hu intitolat għalih l-utent tan-network f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' trasport;

(5) "kapaċità mhux użata" tfisser kapaċità kostanti li utent tan-network ikun akkwista b'kuntratt ta' trasport iżda li l-utent ma jkunx innomina sal-iskadenza speċifikata fil-kuntratt;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(6) “amministrazzjoni tal-konġestjoni” tfisser amministrazzjoni tal-portafoll tal-kapaċità tal-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni bil-ħsieb tal-użu ottimali u massimu tal-kapaċità teknika u l-iskoperta fil-ħin ta’ punti ta’ konġestjoni u saturazzjoni futuri;

(7) “suq sekondarju” tfisser is-suq tal-kapaċità kkummerċjata x’imkien ieħor għajr fuq is-suq primarju;

(8) “nominazzjoni” tfisser ir-rapportar mill-utent tan-network lill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni tal-fluss attwali li huwa jixtieq jinjetta fis-sistema jew jiġbed minnha, qabel tali injezzjoni jew irtirar;

(9) “rinominazzjoni” tfisser ir-rapportar ta’ nominazzjoni kkoreġuta, sussegwenti għal nominazzjoni;

(10) “integrità tas-sistema” tfisser kwalunkwe sitwazzjoni li fiha l-pressjoni u l-kwalità tal-gass naturali jew tal-idroġenu jibqgħu fil-limiti minimi u massimi, biex b’hekk it-trasport tal-gass naturali jew tal-idroġenu jkun garantit mil-lat tekniku;

(11) “perijodu ta’ bbilanċjar” tfisser il-perijodu li matulu l-ammont meħud ta’ gass naturali jew idroġenu, espress f’unitajiet ta’ enerġija, irid jitpaċa minn kull utent tan-network permezz ta’ injezzjoni tal-istess ammont ta’ gass naturali jew idroġenu f’konformità mal-kodiċi tan-network;

(12) “utent tan-network” tfisser utent tan-network kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (60), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(13) “servizzi interruttibbli” tfisser servizzi offruti mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l-operatur tan-networks tal-idroġenu b’rabta ma’ kapaċità interruttibbli;

(14) “kapaċità interruttibbli” tfisser kapaċità ta’ trażmissjoni ta’ gass naturali jew idroġenu li tista’ tiġi interrotta mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l--operatur tan-networks tal-idroġenu, f’konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta’ trasport;

(15) “servizzi għal perijodu fit-tul” tfisser servizzi offruti mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l-l-operatur tan-networks tal-idroġenu b’durata ta’ sena jew iktar;

(16) “servizzi għal perijodu qasir” tfisser servizzi offruti mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l--operatur tan-networks tal-idroġenu b’durata ta’ inqas minn sena;

(17) “kapaċità kostanti” tfisser kapaċità ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni ta’ gass naturali u idroġenu iggarantita b’mod kuntrattwali mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l-operatur tan-networks tal-idroġenu, bħala waħda mhux interruttibbli;

(18) “servizzi kostanti” tfisser servizzi offruti mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l-operatur tan-networks tal-idroġenu fir-rigward ta’ kapaċità kostanti;

(19) “kapaċità teknika” tfisser il-kapaċità kostanti massima li tista’ tiġi offruta lill-utenti tan-network, filwaqt li jitqiesu l-integrità tas-sistema u r-rekwiżiti operazzjonali tal-operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l-operatur itan-network tal-idroġenu;

(20) “kapaċità kuntrattata” tfisser il-kapaċità li tkun ġiet allokata lil utent tan-network permezz ta’ kuntratt ta’ trasport;

(21) “kapaċità disponibbli” tfisser il-parti mill-kapaċità teknika li mhijiex allokata u li għadha disponibbli għas-sistema f’mument partikolari;

(22) “konġestjoni kuntrattwali” tfisser sitwazzjoni fejn il-livell ta’ domanda għal kapaċità kostanti jeċċedi l-kapaċità teknika;

(23) “suq primarju” tfisser is-suq tal-kapaċità kummerċjalizzata direttament mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni jew, fejn applikabbli, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, jew l-operatur tan-networks ta’ trażmissjoni tal-idroġenu;

(24) “konġestjoni fiżika” tfisser sitwazzjoni fejn il-livell ta’ domanda għal kunsinni attwali jeċċedi l-kapaċità teknika f’mument partikolari;

(25) “il-kapaċità ta’ faċilità LNG” tfisser kapaċità f’terminal LNG għal-likwifikazzjoni ta’ gass naturali jew għall-importazzjoni, il-ħatt, is-servizzi anċillari, il-ħżin temporanju u r-rigassifikazzjoni ta’ LNG;

(26) “spazju” tfisser il-volum ta’ gass naturali jew idroġenu li utent ta’ faċilità għall-ħżin għandu d-dritt li juża għall-ħażna tal-gass naturali jew l-idroġenu;

(27) “kapaċità ta’ twassil” tfisser ir-rata li biha l-utent tal-faċilità ta’ ħażna għandu d-dritt li jirtira l-gass naturali jew l-idroġenu mill-faċilità tal-ħażna tal-gass naturali jew mill-faċilità tal-ħażna tal-idroġenu;

(28) “injettabbiltà” tfisser ir-rata li biha l-utent tal-faċilità ta’ ħażna jista’ jinjetta l-gass naturali jew l-idroġenu fil-faċilità tal-ħażna tal-gass naturali jew fil-faċilità tal-ħażna tal-idroġenu;

(29) “kapaċità ta’ ħżin” tfisser kwalunkwe kombinament ta’ spazju, injettabbiltà u kapaċità ta’ twassil;

(30) “sistema ta’ dħul u ta’ ħruġ” tfisser sistema ta’ dħul u ta’ ħruġ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (57), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(31) “żona tal-ibbilanċjar” tfisser żona tal-ibbilanċjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (58), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(32) “punt ta’ kummerċ virtwali” tfisser punt ta’ kummerċ virtwali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (59), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(33) “punt ta’ dħul” tfisser punt ta’ dħul kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (61), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(34) “punt ta’ ħruġ” tfisser punt ta’ ħruġ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (62), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(35) “kapaċità kundizzjonali” tfisser kapaċità kostanti li tinvolvi kundizzjonijiet trasparenti u predefiniti għall-għoti ta’ aċċess mill-punt ta’ kummerċ virtwali u lejh jew allokabbiltà limitata;

(36) “allokabbiltà” tfisser il-kombinament diskrezzjonali ta’ kwalunkwe kapaċità ta’ dħul ma’ kwalunkwe kapaċità ta’ ħruġ jew viċiversa;

(37) “dħul permess” tfisser l-ammont totali tad-dħul tas-servizz ta’ trażmissjoni u mhux ta’ trażmissjoni għall-għoti ta’ servizz mill-operatur tas-sistemi tat-trażmissjoni għal perijodu ta’ żmien speċifiku f’perijodu regolatorju speċifiku li fih tali operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni huwa intitolat jikseb bħala parti minn reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet u li huwa stipulat f’konformità mal-Artikolu 78(7), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(38) “dħul immirat” tfisser l-ammont totali tad-dħul mistenni tas-servizz ta’ trażmissjoni kkalkolat f’konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 17(1) u d-dħul mistenni tas-servizz mhux ta’ trażmissjoni għall-forniment ta’ servizzi mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni għal perijodu ta’ żmien speċifiku f’perijodu regolatorju partikolari bħala parti minn reġim b’regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet;

(39) “infrastruttura ġdida” tfisser infrastruttura li ma kinitx lesta sal-4 ta’ Awwissu 2003;

(40) “gass naturali” tfisser gass naturali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(41) “gass rinnovabbli” tfisser gass rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(42) “sistema tal-gass naturali” tfisser sistema tal-gass naturali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(43) “sistema tal-idroġenu” tfisser sistema tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(44) “faċilità tal-ħażna tal-idroġenu” tfisser faċilità tal-ħażna tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(45) “operatur tal-ħażna tal-idroġenu” tfisser operatur tal-ħażna tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(46) “terminal tal-idroġenu” tfisser terminal tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (8), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(47) “operatur tat-terminals tal-idroġenu” tfisser operatur tat-terminals tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(48) “kwalità tal-idroġenu” tfisser il-kwalità tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(49) “idroġenu b’livell baxx tal-karbonju” tfisser idroġenu b’livell baxx tal-karbonju kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(50) “gass b’livell baxx tal-karbonju” tfisser gass b’livell baxx tal-karbonju kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (12), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(51) “operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni” tfisser operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (18), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(52) “network ta’ pipeline upstream” tfisser network ta’ pipeline upstream kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (16), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(53) “distribuzzjoni” tfisser distribuzzjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (19), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(54) “operatur tas-sistemi ta’ distribuzzjoni” tfisser operatur tas-sistemi ta’ distribuzzjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (20), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(55) “network tal-idroġenu” tfisser network tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (21), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(56) “trasport tal-idroġenu” tfisser it-trasport tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (22), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(57) “network ta’ trażmissjoni tal-idroġenu” tfisser network ta’ trażmissjoni tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (23), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(58) “network ta’ distribuzzjoni tal-idroġenu” tfisser network ta’ distribuzzjoni tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (24), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(59) “operatur tan-networks tal-idroġenu” tfisser operatur tan-networks tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (25), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(60) “operatur tan-networks ta’ trażmissjoni tal-idroġenu” tfisser operatur tan-networks ta’ trażmissjoni tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (26), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(61) “operatur tan-networks ta’ distribuzzjoni tal-idroġenu” tfisser operatur tan-networks ta’ distribuzzjoni tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (27), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(62) “provvista” tfisser provvista kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (28), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(63) “faċilità tal-ħażna tal-gass naturali” tfisser faċilità tal-ħażna tal-gass naturali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (31), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(64) “operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali” tfisser operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (32), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(65) “faċilità tal-LNG” tfisser faċilità tal-LNG kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (33), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(66) “operatur tas-sistemi tal-LNG” tfisser operatur tas-sistemi tal-LNG kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (34), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(67) “sistema” tfisser sistema kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (35), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(68) “servizzi anċillari” tfisser servizzi anċillari kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (36), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(69) “interkonnettur” tfisser interkonnettur kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (39), tad-Direttiva tal-Gass (UE) 2024/...[+];

(70) “interkonnettur tal-idroġenu” tfisser interkonnettur tal-idroġenu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (40), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(71) “utent tas-sistema” tfisser utent tas-sistema kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (46), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(72) “klijent” tfisser klijent kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (47), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(73) “klijent finali” tfisser klijent finali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (50), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(74) “klijent operatur” tfisser klijent operatur kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (51), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(75) “kontroll” tfisser kontroll kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (55), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(76) “kuntratt fit-tul” tfisser kuntratt fit-tul kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (56), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(77) “punt ta’ interkonnessjoni” tfisser punt ta’ interkonnessjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (63), tad-Direttiva (UE) 2024/...[+];

(78) “punt ta’ interkonnessjoni virtwali” tfisser punt ta’ interkonnessjoni virtwali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (64), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(79) “parteċipant fis-suq” tfisser parteċipant fis-suq kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (65), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(80) “interoperabbiltà” tfisser interoperabbiltà kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (71), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

(81) “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel” tfisser l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37];

(82) “adattament għal skop ġdid” tfisser adattament għal skop ġdid kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2022/869;

(83) “impriża integrata vertikalment” tfisser impriża integrata vertikalment kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (43), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

2. Id-definizzjonijiet fil-paragrafu 1, il-punti (4) sa (24),, relatati ma’ trażmissjoni japplikaw b’analoġija f’relazzjoni mal-faċilitajiet tal-ħażna u tal-LNG.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

[37] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Kapitolu II
Regoli ġenerali applikabbli għas-sistemi tal-gass naturali u s-sistemi tal-idroġenu

TAQSIMA 1
REGOLI ĠENERALI DWAR L-ORGANIZZAZZJONI TAS-SWIEQ U L-AĊĊESS GĦALL-INFRASTRUTTURA

L-Artikolu 3

Prinċipji ġenerali

L-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji maħtura skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+] (l-"awtoritajiet regolatorji"), l-operaturi tas-sistemi tal-gass naturali jew tas-sistemi tal-idroġenu u l-operaturi delegati bħall-maniġers taż-żoni tal-kummerċ jew l-operaturi tal-pjattaformi ta' prenotazzjoni għandhom jiżguraw li s-swieq tal-gass naturali u tal-idroġenu jiġu operati f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) il-prezzijiet għall-gass naturali u l-idroġenu għandhom jiġu stabbiliti abbażi tad-domanda u tal-provvista;

(b) l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, u l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u l-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu għandhom jikkooperaw bejniethom biex jagħtu l-libertà lill-utenti tan-network li jipprenotaw il-kapaċità ta' dħul u ta' ħruġ b'mod indipendenti; il-gass naturali u, mill-2033, l-idroġenu għandhom jiġu trasportati permezz tas-sistema ta' dħul u ta' ħruġ, pjuttost milli linji kuntrattwali;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(c) it-tariffi imposti fil-punti ta' dħul u ta' ħruġ fis-sistema tal-gass naturali u fis-sistema tal-idroġenu għandhom ikunu strutturati b'tali mod li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, itejbu s-sigurtà tal-provvista u jippromwovu l-interkonnessjoni bejn in-networks tal-gass naturali u bejn in-networks tal-idroġenu;

(d) l-impriżi li huma attivi fl-istess sistema ta' dħul u ta' ħruġ għandhom jiskambjaw il-gass naturali u, mill-2033, l-idroġenu fil-punt ta' kummerċ virtwali; il-produtturi tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju għandu jkollhom aċċess ugwali għall-punt ta' kummerċ virtwali, irrispettivament minn jekk ikunux konnessi mas-sistema ta' distribuzzjoni jew is-sistema ta' trażmissjoni; il-gass naturali u, mill-2033, l-idroġenu jistgħu jiġu skambjat fiżikament fil-punti ta' dħul minn pajjiżi terzi jew fil-punti ta' ħruġ lejhom;

(e) l-utenti tan-network għandhom ikunu responsabbli biex jibbilanċjaw il-portafolli tagħhom sabiex jimminimizzaw il-bżonn li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-operaturi tan-network ta' trażmissjoni tal-idroġenu jieħdu azzjonijiet tal-ibbilanċjar;

(f) l-azzjonijiet tal-ibbilanċjar għandhom isiru abbażi ta' prodotti standardizzati f'konformità mal-kodiċi tan-network dwar l-ibbilanċjar stabbilit skont dan ir-Regolament u jitwettqu fuq pjattaforma tal-kummerċ jew permezz tas-servizzi tal-ibbilanċjar f'konformità ma' dak il-kodiċi tan-network;

(g) ir-regoli tas-suq għandhom jevitaw azzjonijiet li jimpedixxu l-formazzjoni tal-prezzijiet abbażi tad-domanda u tal-provvista għall-gass naturali u l-idroġenu;

(h) ir-regoli tas-suq għandhom jiżguraw approċċ iċċentrat fuq il-konsumaturi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija fis-swieq tal-gass naturali u tal-idroġenu;

(i) ir-regoli tas-suq għandhom irawmu l-ħolqien u l-funzjonament tal-kummerċ likwidu tal-gass naturali u tal-idroġenu, filwaqt li jrawmu l-formazzjoni tal-prezzijiet u t-trasparenza tal-prezzijiet;

(j) ir-regoli tas-suq għandhom jippermettu d-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-gass naturali u tas-sistemi tal-idroġenu, inkluż billi jabilitaw l-integrazzjoni fis-swieq tal-gass naturali u l-idroġenu, minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u billi jipprovdu inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, it-tnaqqis fid-domanda, il-flessibbiltà fid-domanda u l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u jiffaċilitaw l-ilħuq tal-miri tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija;

(k) ir-regoli tas-suq għandhom iwasslu għal inċentivi xierqa tal-investiment, b'mod partikolari għal investimenti fit-tul f'sistema dekarbonizzata u sostenibbli għall-gass naturali u f'sistema tal-idroġenu, għall-ħażna tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, it-tnaqqis fid-domanda u r-rispons għad-domanda biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-suq u l-ħtiġijiet għall-integrazzjoni tas-sistemi, u għandhom jiffaċilitaw il-kompetizzjoni ġusta u s-sigurtà tal-provvista, filwaqt li jimplimentaw il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" biex jiġu evitati inċentivi ta' investiment li jwasslu għal assi mhux rekuperabbli;

(l) ir-regoli dwar l-ippjanar tan-networks għandhom, fejn xieraq, ikollhom fil-mira l-użu tal-idroġenu għal setturi li diffiċli jiġu dekarbonizzati, filwaqt li jqisu l-potenzjal tat-tnaqqis tal-gassijiet serra, jinkoraġġixxu miżuri li jnaqqsu d-domanda għall-gassijiet fossili, u jikkontribwixxu għall-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali u għall-kisba tal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija;

(m) l-ostakli għall-flussi transfruntieri tal-gass naturali u tal-idroġenu, jekk jeżistu, bejn is-sistemi ta' dħul u ta' ħruġ għandhom jitneħħew;

(n) ir-regoli tas-suq għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali.

Artikolu 4

Żieda tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju fir-reġjuni tal-faħam u b'intensità qawwija tal-karbonju

Il-Kummissjoni għandha tappoġġa u tħeġġeġ il-penetrazzjoni tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju, b'mod partikolari l-idroġenu u l-bijometan, fis-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-faħam u b'livell għoli tal-karbonju, bl-għan li żżid is-sehem tal-gass rinnovabbli b'mod partikolari fil-proċessi industrijali, it-tisħin distrettwali u l-ħażna tal-enerġija u b'hekk taċċelera l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili solidi fis-setturi industrijali u tat-tisħin distrettwali. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa wkoll il-bidla mill-fjuwils fossili għall-idroġenu u l-bijometan rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, kif ukoll il-ħolqien ta' forza tax-xogħol lesta għall-idroġenu.

Artikolu 5

Separazzjoni tal-bażijiet tal-assi regolatorji

1. Meta operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, operatur tas-sistemi ta' distribuzzjoni jew operatur tan-networks tal-idroġenu jipprovdi servizzi regolati għall-gass naturali, l-idroġenu jew l-elettriku, dan għandu jikkonforma mar-rekwiżit għas-separazzjoni tal-kontijiet kif stabbilit fl-Artikolu 75 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] u fl-Artikolu 56 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] u għandu jkollu bażi tal-assi regolatorji separata għall-assi tal-gass naturali, tal-idroġenu jew tal-elettriku. Dik il-bażi tal-assi regolatorji separata għandha tiżgura li:

   (a) id-dħul mis-servizz miksub mill-forniment ta' servizzi regolati speċifiċi jista' jintuża biss biex tiġi rkuprata n-nefqakapitali u operazzjonali relatata mal-assi inklużi fil-bażi tal-assi regolatorji li fuqhom ġew ipprovduti s-servizzi regolati;

   (b) meta l-assi jiġu trasferiti għal bażi tal-assi regolatorji differenti, il-valur tagħhom huwa stabbilit, soġġett għal awditu u approvazzjoni mill-awtorità regolatorja u huwa tali li ma jsirux sussidji inkroċjati.

2. Stat Membru ma għandux jippermetti trasferimenti finanzjarji bejn servizzi regolati li huma separati skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

[38] Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu jifirxu l-irkupru permezz ta' tariffi tal-aċċess għan-network tal-kostijiet tan-networks tal-idroġenu maż-żmien sabiex jiżguraw li l-utenti futuri jikkontribwixxu kif xieraq għall-kostijiet inizjali tal-iżvilupp tan-networks tal-idroġenu. Tali allokazzjoni tal-kostijiet intertemporali u l-metodoloġija sottostanti tagħha għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri, bħal garanzija mill-Istat, biex ikopru r-riskju finanzjarju tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu assoċjat mad-diskrepanza inizjali fl-irkupru tal-kostijiet li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-allokazzjoni tal-kostijiet intertemporali dment li tali miżuri jikkonformaw mal-Artikolu 107 tat-TFUE.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, Stat Membru jista' jippermetti trasferimenti finanzjarji bejn servizzi regolati li jkunu separati skont it-tifsira tal-paragrafu 1, dment li l-awtorità regolatorja tkun stabbiliet li l-finanzjament tan-networks permezz ta' tariffi tal-aċċess għan-networks imħallsa mill-utenti tan-network tiegħu biss ma jkunx vijabbli. L-awtorità regolatorja, fost affarijiet oħra, għandha tikkunsidra fil-valutazzjoni tagħha, inter alia, il-valur tat-trasferimenti finanzjarji proġettati, is-sussidjar inkroċjat li jirriżulta bejn l-utenti tan-networks rispettivi u l-kosteffiċjenza ta' dawk it-trasferimenti finanzjarji.

Il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal trasferiment finanzjarju skont it-tifsira ta' dan il-paragrafu:

(a) id-dħul kollu meħtieġ għat-trasferiment finanzjarju jingħabar bħala imposta dedikata;

(b) l-imposta dedikata tingħabar biss minn punti ta' ħruġ lejn klijenti finali li jinsabu fl-istess Stati Membri bħala l-benefiċjarju tat-trasferiment finanzjarju;

(c) l-imposta dedikata u t-trasferiment finanzjarju jew il-metodoloġiji sottostanti għall-kalkolu tagħhom huma approvati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom mill-awtorità regolatorja;

(d) l-imposta dedikata approvata u t-trasferiment finanzjarju u l-metodoloġiji, meta l-metodoloġiji jiġu approvati, huma ppubblikati mhux aktar tard minn tletin jum qabel id-data ta' implimentazzjoni tagħhom;

(e) il-Kummissjoni u l-ACER ġew innotifikati mill-Istat Membru li ppermetta trasferimenti finanzjarji.

5. L-awtorità regolatorja tista' tapprova trasferiment finanzjarju u imposta dedikata msemmija fil-paragrafu 4, dment li:

(a) it-tariffi tal-aċċess għan-networks jiġu imposti fuq l-utenti tal-bażi tal-assi regolatorji li jibbenefikaw minn trasferiment finanzjarju;

(b) l-ammont totali tat-trasferimenti finanzjarji u d-dħul mis-servizzi miġbura permezz tat-tariffi tal-aċċess għan-networks ma jkunx akbar mid-dħul permess jew immirat;

(c) trasferiment finanzjarju jiġi approvat għal żmien limitat, u dak il-perijodu ma jkunx itwal minn terz tal-perijodu tad-deprezzament li jifdal tal-infrastruttura kkonċernata.

6. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ACER għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu u lill-awtoritajiet regolatorji dwar il-metodoloġiji għall-istabbiliment tal-allokazzjoni intertemporali tal-kostijiet.

L-ACER għandha taġġorna r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu mill-anqas kull sentejn.

L-ACER tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu u lill-awtoritajiet regolatorji dwar il-metodoloġiji għal dawn li ġejjin:

(a) id-determinazzjoni tal-valur tal-assi li jiġu trasferiti lejn bażi tal-assi regolatorji oħra u d-destinazzjoni ta' kwalunkwe qligħ u telf li jistgħu jsiru minħabba dan;

(b) il-kalkolu tad-daqs u t-terminu massimu tat-trasferiment finanzjarju u l-imposta dedikata;

(c) il-kriterji għall-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-imposta dedikata fost il-klijenti finali konnessi mal-bażi tal-assi regolatorji.

Artikolu 6

Servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi rigward l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom:

   (a) joffru kapaċità u servizzi fuq bażi nondiskriminatorja lill-utenti kollha tan-network;

   (b) jipprovdu kapaċità li tkun kemm kostanti kif ukoll interruttibbli; il-prezz tal-kapaċità interruttibbli għandu jirrifletti l-probabbiltà ta' interruzzjoni;

   (c) joffru lill-utenti tan-network kapaċità kemm għal perijodu fit-tul kif ukoll għal perijodu qasir.

   Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), meta operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni joffri l-istess servizz lil klijenti differenti, għandu jagħmel dan taħt termini u kondizzjonijiet kuntrattwali ekwivalenti, jew billi juża kuntratti ta' trasport armonizzati jew kodiċi komuni tan-network approvati mill-awtorità regolatorja f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 78 jew 79 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

2. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha:

   (a) twettaq evalwazzjoni tal-impatt fuq is-sistema tal-gass naturali ta' reġim tariffarju li permezz tiegħu ma tintalab ebda tariffa għall-aċċess għas-sistemi ta' trażmissjoni fil-punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, jew fil-punti ta' interkonnessjoni ma' pajjiżi terzi li s-sistemi tagħhom jikkonnettjaw żewġ Stati Membri jew aktar; u

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(b) tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Dak ir-rapport jistà, fejn xieraq, ikun akkumpanjat bi proposti leġiżlattivi biex tindirizza l-ostakli identifikati fl-evalwazzjoni.

3. Il-kuntratti ta' trasport iffirmati b'dati ta' bidu li mhumiex standard jew għal żmien iqsar minn dak ta' kuntratt standard ta' trasport annwali ma għandhomx jirriżultaw f'tariffi li jkunu arbitrarjament ogħla jew iktar baxxi u li ma jirriflettux il-valur fis-suq tas-servizz, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 17(1).

4. Meta żewġ punti ta' interkonnessjoni jew aktar ikunu jgħaqqdu l-istess żewġ sistemi kontigwi ta' dħul u ta' ħruġ, l-operaturi tas-sistemi kontigwi ta' trażmissjoni kkonċernati għandhom joffru l-kapaċitajiet disponibbli fil-punti ta' interkonnessjoni f'punt ta' interkonnessjoni virtwali wieħed. Kwalunkwe kapaċità kuntrattata fil-punti ta' interkonnessjoni, irrispettivament mid-data tal-konklużjoni tagħha, għandha tiġi trasferita lejn il-punt ta' interkonnessjoni virtwali.

Punt ta' interkonnessjoni virtwali għandu jiġi stabbilit dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kapaċità teknika totali fil-punti ta' interkonnessjoni virtwali tkun daqs jew iżjed mill-ammont totali tal-kapaċitajiet tekniċi f'kull wieħed mill-punti ta' interkonnessjoni li jikkontribwixxu għall-punti ta' interkonnessjoni virtwali;

(b) il-punt ta' interkonnessjoni virtwali jiffaċilita l-użu ekonomiku u effiċjenti tas-sistema, inklużi r-regoli stabbiliti fl-Artikoli 10 u 11.

5. Meta xieraq, jistgħu jingħataw servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi soġġetti għal garanziji adegwati mingħand l-utenti tan-network b'rabta mal-affidabbiltà kreditizja ta' tali utenti. Tali garanziji ma għandhomx jikkostitwixxu ostakli mhux ġustifikati għad-dħul fis-suq u għandhom ikunu nondiskriminatorji, trasparenti u proporzjonati.

6. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jkollhom aċċess għan-network ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni oħrajn, jekk dan ikun meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom inkluż f'relazzjoni ma' trażmissjoni transfruntiera.

7. Il-paragrafi 1 sa 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jieħdu miżuri proporzjonati biex jirrestrinġu temporanjament il-provvisti ta' gass naturali mill-Federazzjoni Russa u mill-Belarussja, għal perijodu ta' żmien fiss, li jista' jiġġedded jekk ikun ġustifikat, billi jillimitaw bil-quddiem l-offerta għall-kapaċità minn kwalunkwe utent tan-network wieħed fil-punti ta' dħul mill-Federazzjoni Russa jew mill-Belarussja, meta dak ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom u dawk tal-Unjoni, dment li tali miżuri:

   (a) ma jfixklux bla bżonn il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għal-gass naturali u l-flussi transfruntieri tal-gass naturali bejn l-Istati Membri, u ma jdgħajfux is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

   (b) jirrispettaw il-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika;

   (c) jittieħdu f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-pajjiżi terzi.

Filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont l-ewwel subparagrafu jistgħu jkollhom l-għan li jiddiversifikaw il-provvisti tal-gass naturali bil-ħsieb li titneħħa gradwalment id-dipendenza fuq il-gass naturali Russu, meta jista' jintwera li tali miżuri huma meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom u dawk tal-Unjoni.

Qabel ma jieħu deċiżjoni b'rabta ma' miżura kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni u, f'każ li x'aktarx jiġu affettwati mill-miżura kkonċernata, lil Stati Membri oħra, il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, pajjiżi terzi li jkunu Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jqis b'mod sħiħ is-sitwazzjoni f'dawk l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi u kwalunkwe tħassib imqajjem f'dak ir-rigward minn dawk l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi jew il-Kummissjoni.

Artikolu 7

Servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi li jikkonċernaw lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu

1. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom joffru s-servizzi tagħhom b'mod nondiskriminatorju lill-utenti kollha tan-network soġġetti għal termini u kundizzjonijiet kuntrattwali ekwivalenti għall-istess servizz. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippubblikaw it-termini kuntrattwali u t-tariffi tal-aċċess għan-networks mitluba u, jekk applikabbli, l-imposti tal-ibbilanċjar, fuq is-sit web tagħhom.

2. Il-kapaċità massima ta' network tal-idroġenu għandha ssir disponibbli għall-parteċipanti fis-suq, filwaqt li jitqiesu l-integrità tas-sistema u l-operazzjoni effiċjenti u sikura tan-network.

3. It-terminu massimu tal-kuntratti tal-kapaċità għandu jkun għoxrin (20) sena għall-infrastruttura mlestija qabel l-1 ta' Jannar 2028 u ħmistax-il (15) sena għall-infrastruttura mlestija f'dik id-data jew wara dik id-data. L-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom id-dritt jimponu termini massimi iqsar jekk ikun meħtieġ biex jiżguraw il-funzjonament tas-suq tal-idroġenu, iħarsu l-kompetizzjoni u jiżguraw l-integrazzjoni transfruntiera futura. Meta jadottaw deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' terminu massimu iqsar, l-awtoritajiet regolatorji għandhom iqisu, fost l-oħrajn, l-impenn mill-utenti tan-network li jiżguraw il-finanzjament tan-network, l-implikazzjonijiet negattivi għall-ippjanar u l-possibbiltajiet ta' finanzjament mill-ġdid.

4. L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jimplimentaw u jippubblikaw proċeduri nondiskriminatorji u trasparenti għall-ġestjoni tal-konġestjoni, li jiffaċilitaw ukoll l-iskambji transfruntieri tal-idroġenu b'mod nondiskriminatorju.

5. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jivvalutaw regolarment id-domanda tas-suq għal investimenti ġodda, filwaqt li jqisu s-sigurtà tal-provvista u l-effiċjenza tal-użu finali tal-idroġenu.

6. Mill-1 ta' Jannar 2033, in-networks tal-idroġenu għandhom jiġu organizzati bħala sistemi ta' dħul u ta' ħruġ.

7. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għan-networks tal-idroġenu li jibbenefikaw minn deroga skont l-Artikolu 52 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] u li mhumiex konnessi ma' network tal-idroġenu ieħor.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

8. Mill-1 ta’ Jannar 2033, jew meta Stat Membru jiddeċiedi li japplika aċċess regolat ta’ partijiet terzi għan-networks tal-idroġenu f’konformità mal-Artikolu 35 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] qabel l-1 ta’ Jannar 2033, l-Artikolu 17 ta’ dan ir-Regolament għandu japplika għat-tariffi tal-aċċess għan-networks tal-idroġenu u l-obbligi fuq l-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni stabbiliti fl-Artikolu 17(1), (2), (4) u (5) ta’ dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu. L-Artikoli 18 u 19 ta’ dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għan-networks tal-idroġenu. Dawk l-Artikoli għandhom japplikaw biss għal networks tal-gass naturali.

L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri konnessi direttament u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti qabel ma jieħdu deċiżjoni dwar il-metodoloġija għall-istabbiliment ta’ tariffi tal-aċċess għan-networks tal-idroġenu għall-punti ta’ dħul u ta’ ħruġ fil-punti ta’ interkonnessjoni transfruntiera bejn dawk l-Istati Membri konnessi direttament, inkluż għal kwalunkwe punt ta’ interkonnessjoni virtwali. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jippreżentaw ukoll il-metodoloġija tariffarja prevista lill-ACER. B’deroga mill-Artikolu 17, l-awtoritajiet regolatorji jistgħu jiddeċiedu li ma jimponu ebda tariffa tal-aċċess għan-network tal-idroġenu jew, meta l-kapaċità tiġi allokata permezz ta’ rkantijiet, li jistabbilixxu l-prezzijiet ta’ riżerva għal żero.

Meta jiddeċiedu dwar il-metodoloġija għall-istabbiliment ta’ tariffi tal-aċċess għan-networks tal-idroġenu f’punt ta’ interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom japplikaw il-prinċipji tariffarji msemmija fl-Artikolu 17(1), (2), (4) u (5) u għandhom iqisu l-eżitu tal-konsultazzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, b’mod partikolari tal-konsultazzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri konnessi direttament, u l-impatt tat-tariffi magħżula tal-aċċess għan-networks fuq il-kummerċ transfruntier u l-funzjonament tas-suq fl-Istati Membri konnessi direttament.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

L-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri konnessi direttament jistgħu jitolbu lill-ACER tipprovdi opinjoni fattwali dwar il-metodoloġija għall-istabbiliment tat-tariffi tal-aċċess għan-networks tal-idroġenu jew il-prezzijiet ta' riżerva għall-punti ta' dħul u ta' ħruġ fil-punti ta' interkonnessjoni transfruntiera bejn dawk l-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2019/942. L-ACER għandha tinforma lill-Kummissjoni kif xieraq, meta jkun rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 6(6) tar-Regolament (UE) 2019/942. Meta tipprovdi opinjoni fattwali, l-ACER għandha twettaq il-valutazzjoni tagħha b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipji tarriffarji msemmija fl-Artikolu 17(1) u (2).

Aktar dettalji meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu, b'mod partikolari l-proċedura għal konsultazzjoni transfruntiera jew biex tintalab opinjoni tal-ACER, għandhom jiġu stabbiliti f'kodiċi tan-network stabbilit skont -Artikolu 72(1).

9. Mill-1 ta' Jannar 2033, l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni skont l-Artikoli 5, 10 u 13 meta joffru s-servizzi tagħhom, u għandhom jippubblikaw it-tariffi għal kull punt tan-network fuq pjattaforma online operata min-Network Ewropew tal-Operaturi ta' Network għall-Idroġenu (ENNOH). Sakemm jiġi adottat kodiċi tan-network dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità għan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu skont l-Artikolu 72(1), il-punt (d), u jidħol fis-seħħ, tali pubblikazzjoni tista' ssir b'links għall-pubblikazzjoni tat-tariffi fuq is-siti web tal-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu.

Artikolu 8

Servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi li jikkonċernaw faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, terminals tal-idroġenu, faċilitajiet tal-LNG u faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu

1. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu, l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandhom:

   (a) joffru servizzi fuq bażi mhux diskriminatorja lill-utenti kollha tan-network li jilqgħu d-domanda tas-suq; b'mod partikolari, meta operatur tas-sistemi tal-LNG, operatur tat-terminals tal-idroġenu, operatur tal-ħażna tal-idroġenu jew operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali joffri l-istess servizz lil klijenti differenti, għandu jagħmel dan taħt termini u kondizzjonijiet kuntrattwali ekwivalenti;

   (b) joffru servizzi li huma kompatibbli mal-użu tas-sistemi interkonnessi ta' trasportazzjoni tal-gass naturali u tal-idroġenu u jiffaċilitaw l-aċċess b'kooperazzjoni mal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jew mal-operatur tan-networks tal-idroġenu; u

   (c) jagħmlu pubbliku l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari *data* dwar l-użu u d-disponibbiltà tas-servizzi, fi żmien kompatibbli mal-bżonnijiet kummerċjali raġonevoli tal-utenti tal-faċilitajiet tal-LNG, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, tat-terminals tal-idroġenu jew tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu, soġġett għall-monitoraġġ ta' tali pubblikazzjoni mill-awtorità regolatorja.

2. Kull operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali u kull operatur tal-ħażna tal-idroġenu għandu:

(a) jipprovdi servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi li jkunu kostanti u interruttibbli; il-prezz tal-kapaċità interruttibbli għandu jirrifletti l-probabbiltà ta' interruzzjoni;

(b) joffri lill-utenti tal-faċilità tal-ħażna servizzi għal perijodu fit-tul u għal perijodu qasir;

(c) joffri lill-utenti tal-faċilità tal-ħażna servizzi ta' kapaċità ta' ħżin, kemm raggruppati kif ukoll separati.

3. Kull operatur tas-sistemi tal-LNG għandu joffri servizzi raggruppati u separati lill-utenti tal-faċilità tal-LNG fi ħdan il-faċilità tal-LNG skont il-ħtiġijiet espressi mill-utenti tal-faċilità tal-LNG.

4. Il-kuntratti tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-LNG u tal-gass naturali u l-kuntratti tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u tat-terminals tal-idroġenu ma għandhomx iwasslu għal tariffi li jkunu ogħla arbitrarjament meta jiġu ffirmati:

(a) barra minn sena tal-gass b'dati inizjali mhux standard; jew

(b) ta' tul iqsar minn dak ta' kuntratt standard fuq bażi annwali.

5. Meta xieraq, jistgħu jingħataw servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi soġġetti għal garanziji adegwati mingħand l-utenti tan-network b'rabta mal-affidabbiltà kreditizja ta' dawn l-utenti. Tali garanziji ma għandhomx jikkostitwixxu ostakli mhux ġustifikati għad-dħul fis-suq u għandhom ikunu nondiskriminatorji, trasparenti u proporzjonati.

6. Il-limiti kuntrattwali fuq id-daqs minimu obbligatorju tal-kapaċità tal-faċilità tal-LNG jew tat-terminal tal-idroġenu u tal-kapaċità ta' ħżin tal-gass naturali jew tal-idroġenu għandhom ikunu ġġustifikati abbażi ta' restrizzjonijiet tekniċi, u għandhom jippermettu lill-utenti iżgħar tal-ħażna li jiksbu aċċess għas-servizzi ta' ħażna.

7. Il-paragrafi 1 sa 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jieħdu miżuri proporzjonati biex jirrestrinġu temporanjament il-provvisti ta' LNG mill-Federazzjoni Russa u mill-Belarussja, għal perijodu ta' żmien fiss, li jista' jiġġedded jekk ikun ġustifikat, billi jillimitaw l-offerti bil-quddiem minn kwalunkwe utent tan-network wieħed l jew il-provvista għall-kapaċità ta' faċilità tal-LNG lil kwalunkwe utent tan-network wieħed għal konsenji mill-Federazzjoni Russa jew mill-Belarussja, meta dak ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom u dawk tal-Unjoni, dment li tali miżuri:

(a) ma jfixklux bla bżonn il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-gass naturali, u l-flussi transfruntieri tal-gass naturali bejn l-Istati Membri, u ma jdgħajfux is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

(b) jirrispettaw il-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika;

(c) jittieħdu f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-pajjiżi terzi.

Filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont l-ewwel subparagrafu jistgħu jkollhom l-għan li jiddiversifikaw il-provvisti tal-LNG bil-ħsieb li titneħħa gradwalment id-dipendenza fuq il-gass naturali Russu, meta jista' jintwera li tali miżuri huma meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom u dawk tal-Unjoni.

Qabel ma jieħu deċiżjoni b'rabta ma' miżura kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni u, f'każ li x'aktarx jiġu affettwati mill-miżura kkonċernata, lil Stati Membri oħra, il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, pajjiżi terzi li jkunu Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jqis b'mod sħiħ is-sitwazzjoni f'dawk l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, u kwalunkwe tħassib imqajjem f'dak ir-rigward minn dawk l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi jew il-Kummissjoni.

Artikolu 9

Valutazzjoni tad-domanda tas-suq għall-gass rinnovabbli u għall-gass b'livell baxx tal-karbonju mill-operaturi tas-sistemi tal-LNG u mill-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali

L-operaturi tas-sistemi tal-LNG u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandhom, mill-anqas kull sentejn, jivvalutaw id-domanda tas-suq għal investimenti ġodda li jippermettu l-użu tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju, inklużi l-komposti tal-idroġenu, bħall-ammonijaka likwifikata u l-vetturi tal-idroġenu organiku likwidu, fil-faċilitajiet. Dawk l-operaturi għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tad-domanda tas-suq. Meta jippjanaw investimenti ġodda, l-operaturi tas-sistemi tal-LNG u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandhom jivvalutaw id-domanda tas-suq fid-dawl tal-faċilitazzjoni tal-użu tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju fil-faċilitajiet tagħhom u jqisu l-kriterji tas-sigurtà tal-provvista. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandhom jippubblikaw kwalunkwe pjan dwar investimenti ġodda li jippermettu l-użu tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju fil-faċilitajiet tagħhom.

Artikolu 10

Prinċipji tal-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċità u proċeduri għall-amministrazzjoni tal-konġestjoni li jikkonċernaw l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. Il-kapaċità massima fil-punti kollha rilevanti msemmija fl-Artikolu 33(3) għandha tkun disponibbli għall-parteċipanti fis-suq, filwaqt li titqies l-integrità tas-sistema u l-operazzjoni effiċjenti tan-network.

2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw u jippubblikaw mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċità li huma trasparenti u nondiskriminatorji, li għandhom:

(a) jipprovdu sinjali ekonomiċi xierqa għall-użu effiċjenti u massimu tal-kapaċità teknika, jiffaċilitaw l-investimenti f'infrastruttura ġdida u f'soluzzjonijiet alternattivi min-naħa tad-domanda li ma jirrikjedux investimenti f'infrastruttura ġdida u jiffaċilitaw il-kummerċ transfruntier fil-gass naturali;

(b) ikunu kompatibbli mal-mekkaniżmi tas-suq, inklużi s-swieq ta' provvista immedjat u ċ-ċentri tal-kummerċ, filwaqt li jkunu flessibbli u adattabbli għaċ-ċirkostanzi fis-suq li qed jevolvu; u

(c) ikunu kompatibbli mas-sistemi ta' aċċess għan-networks tal-Istati Membri.

3. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw u jippubblikaw proċeduri ta' amministrazzjoni tal-konġestjoni li jiffaċilitaw l-iskambju transfruntier tal-gass naturali fuq bażi mhux diskriminatorja u li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) fil-każ ta' konġestjoni kuntrattwali, l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu joffri l-kapaċità mhux użata fuq is-suq primarju mill-anqas b'ġurnata minn qabel u fuq bażi interruttibbli; u

(b) utenti tan-network jistgħu jbigħu mill-ġdid jew jissullokaw il-kapaċitajiet kuntrattati mhux użati tagħhom fis-suq sekondarju.

Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), Stat Membru jista' jirrikjedi notifika jew tagħrif tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni mill-utenti tan-network.

4. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jivvalutaw regolarment id-domanda tas-suq għal investimenti ġodda filwaqt li jqisu x-xenarju konġunt kif żviluppat għall-pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin skont l-Artikolu 55 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] kif ukoll is-sigurtà tal-provvista.

Artikolu 11

Prinċipji tal-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċità u proċeduri għall-amministrazzjoni tal-konġestjoni fir-rigward tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, it-terminals tal-idroġenu, il-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u l-faċilitajiet tal-LNG

1. Il-kapaċità massima ta' faċilità tal-ħażna tal-gass naturali, ta' faċilità tal-LNG, ta' faċilità tal-ħażna tal-idroġenu jew ta' terminal tal-idroġenu għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-parteċipanti fis-suq, b'kont meħud tal-integrità u tal-operazzjoni tas-sistema.

2. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandhom jimplimentaw u jippubblikaw mekkaniżmi ta' allokazzjoni ta' kapaċità nondiskriminatorji u trasparenti, li għandhom:

(a) jipprovdu sinjali ekonomiċi xierqa għall-użu effiċjenti u massimu tal-kapaċità teknika u jiffaċilitaw investimenti f'infrastruttura ġdida;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(b) ikunu kompatibbli mal-mekkaniżmi tas-suq, inklużi s-swieq ta' provvista immedjat u ċ-ċentri tal-kummerċ, filwaqt li jkunu flessibbli u adattabbli għaċ-ċirkostanzi fis-suq li qed jevolvu; u

(c) ikunu kompatibbli mas-sistemi konnessi ta' aċċess għan-network.

3. Il-kuntratti għal terminals tal-LNG, terminals tal-idroġenu u faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali għandhom jinkludu miżuri biex jipprevjenu l-akkapparrar tal-kapaċità, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji li ġejjin li għandhom japplikaw fil-każ ta' konġestjoni kuntrattwali:

(a) l-operatur tas-sistema għandu joffri bla dewmien kapaċità mhux użata fis-suq primarju, u, għall-faċilitajiet ta' ħażna tal-gass naturali, għandu joffri tali kapaċità mill-anqas ġurnata bil-quddiem u fuq bażi interruttibbli;

(b) l-utenti jistgħu jbigħu mill-ġdid il-kapaċità kuntrattata tagħhom fis-suq sekondarju;

(c) sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu, l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, individwalment jew flimkien ma' tali operaturi oħra, għandhom jiżguraw li pjattaforma trasparenti u nondiskriminatorja ta' prenotazzjoni għall-utenti tal-faċilitajiet tal-LNG, tat-terminals tal-idroġenu, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali tkun disponibbli biex tippermetti lil tali utenti jerġgħu jbigħu l-kapaċità kuntrattata tagħhom fis-suq sekondarju skont il-punt (b).

Artikolu 12

Il-kummerċ ta' drittijiet ta' kapaċità

Kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, operatur tas-sistemi tal-LNG, operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu, operatur tat-terminals tal-idroġenu u operatur tal-ħażna tal-idroġenu għandu jieħu passi raġonevoli biex id-drittijiet ta' kapaċità jkunu negozjabbli b'mod ħieles, kif ukoll biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. Kull tali operatur għandu jiżviluppa kuntratti u proċeduri armonizzati dwar it-trasportazzjoni, il-faċilitajiet tal-LNG it-terminals tal-idroġenu, l-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali u l-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu fis-suq primarju, sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ sekondarju ta' kapaċità, u għandu jiġi rikonoxxut it-trasferiment ta' drittijiet ta' kapaċità primarji fejn innotifikat mill-utenti tas-sistema.

Il-kuntratti u l-proċeduri armonizzati għandhom ikunu nnotifikati lill-awtoritajiet regolatorji.

Artikolu 13

Regoli ta' bbilanċjar u ħlasijiet ta' żbilanċ

1. Għandhom jitfasslu regoli ta' bbilanċjar b'mod ġust, nondiskriminatorju u trasparenti u għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi. Ir-regoli ta' bbilanċjar għandhom jirriflettu l-ħtiġijiet ġenwini tas-sistema filwaqt li jqisu r-riżorsi disponibbli għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni. Ir-regoli ta' bbilanċjar għandhom ikunu bbażati fuq is-suq.

2. Sabiex l-utenti tan-network ikunu jistgħu jieħdu azzjoni korrettiva fil-ħin, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu fil-ħin xieraq informazzjoni dwar l-istatus ta' bbilanċjar tal-utenti tan-network li jkun biżżejjed, affidabbli u disponibbli online.

L-informazzjoni pprovduta għandha tirrifletti l-livell ta' informazzjoni disponibbli għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-perijodu ta' żmien għall-issetiljar li għalih jiġu kkalkolati l-ħlasijiet għall-iżbilanċ.

L-ebda ħlas ma għandu jingħabar għall-għoti ta' informazzjoni skont dan il-paragrafu.

3. Il-ħlasijiet għall-iżbilanċ għandhom ikunu kemm jista' jkun kosteffettivi, filwaqt li jipprovdu inċentivi adegwati lill-utenti tan-network biex jibbilanċjaw il-gass naturali li jipprovdu lis-sistema u l-gass li jipprelevaw. Għandhom jevitaw sussidjar inkroċjat bejn l-utenti tan-network u ma għandhomx ifixklu d-dħul ta' suġġetti ġodda fis-suq.

Kwalunkwe metodoloġija ta' kalkolu għal ħlasijiet ta' żbilanċ kif ukoll il-valuri finali għandhom jiġu ppubblikati mill-awtoritajiet regolatorji jew mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, kif xieraq.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jistinkaw biex jarmonizzaw reġimi ta' bbilanċjar u jirrazzjonalizzaw l-istrutturi u l-livelli ta' ħlasijiet ta' bbilanċjar sabiex jiġi faċilitat il-kummerċ fil-gass naturali mwettaq fil-punt ta' kummerċ virtwali.

Artikolu 14

Ċertifikazzjoni ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni
u ta' operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina kwalunkwe notifika ta' deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jew operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu kif stabbilit fl-Artikolu 71(6) tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], hekk kif tirċievi n-notifika. Fi żmien 50 jum ta' xogħol mid-data li fiha tkun irċeviet tali notifika, il-Kummissjoni għandha toħroġ l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja konċernata fir-rigward tal-kompatibilità tagħha mal-Artikolu 71(2) jew l-Artikolu 72 kif ukoll mal-Artikolu 60 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] għall-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jew l-Artikolu 68 ta' dik id-Direttiva għall-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu, kif applikabbli.

Fit-tħejjija tal-opinjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ACER tagħti l-opinjoni tagħha dwar id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja. F'tali każ, il-perijodu ta' 50 jum ta' xogħol imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jittawwal b'50 jum ta' xogħol oħra.

Fin-nuqqas ta' opinjoni tal-Kummissjoni fil-perijodi msemmijin fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, il-Kummissjoni għandha titqies li ma għandhiex oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

2. Fi żmien perjodu ta' 50 jum ta' xogħol minn meta tirċievi opinjoni tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 1, l-awtorità regolatorja għandha tadotta d-deċiżjoni finali tagħha rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jew l-operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu, filwaqt li tieħu kont kemm jista' jkun ta' dik l-opinjoni. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja u l-opinjoni tal-Kummissjoni għandhom ikunu ppubblikati flimkien.

3. Fi kwalunkwe waqt matul il-proċedura, l-awtoritajiet regolatorji jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu lil operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, lil operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu jew lil impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew forniment, kwalunkwe informazzjoni rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom taħt dan l-Artikolu.

4. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni għandhom iħarsu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tipprovdi linji gwida li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

6. Meta l-Kummissjoni tkun irċeviet notifika dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni skont l-Artikolu 60(9) tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni. L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/2 (2021/0425(COD)).

Artikolu 15

Ċertifikazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, inkluż kwalunkwe operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali kkontrollat minn operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, ikun iċċertifikat f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, jew mill-awtorità regolatorja jew minn awtorità kompetenti dežinjata mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2017/1938 (fi kwalunkwe każ imsemmija l-"awtorità ta' ċertifikazzjoni").

   Dan l-Artikolu japplika wkoll għall-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali kkontrollati minn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni li huma ċċertifikati skont id-Direttiva 2009/73/KE jew (UE) 2024/…[+].

2. Sal-1 ta' Frar 2023 jew fi żmien 150 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' notifika skont il-paragrafu 9, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha toħroġ abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni fir-rigward tal-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali li joperaw faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art b'kapaċità ta' aktar minn 3,5 TWh meta, irrispettivament min-numru ta' operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, il-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali totali mtlew fil-31 ta' Marzu 2021 u fil-31 ta' Marzu 2022 f'livell li, bħala medja, kien inqas minn 30 % tal-kapaċità massima tagħhom.

   Fir-rigward tal-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tagħmel l-almu tagħha biex toħroġ abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni sal-1 ta' Novembru 2022.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Fir-rigward tal-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha toħroġ abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni sat-2 ta' Jannar 2024 jew fi żmien 18-il xahar mid-data tal-wasla ta' notifika skont il-paragrafu 8 jew 9.

3. Meta tikkunsidra r-riskju għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tqis kwalunkwe riskju għas-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali kif ukoll kwalunkwe mitigazzjoni ta' tali riskju, li jirriżulta, fost oħrajn, minn:

(a) sjieda, provvista jew relazzjonijiet kummerċjali oħra li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-inċentivi u l-ħila tal-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali li jimla l-faċilità tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art;

(b) id-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni fir-rigward ta' pajjiż terz li jirriżultaw fl-ambitu tad-dritt internazzjonali, inkluż kwalunkwe ftehim konkluż ma' pajjiż terz wieħed jew aktar li l-Unjoni hija parti għalih u li jindirizza l-kwistjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

(c) id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri kkonċernati fir-rigward ta' pajjiż terz li jirriżultaw fl-ambitu ta' ftehimiet konklużi mill-Istati Membri kkonċernati ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, sakemm dawk il-ftehimiet ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni; jew

(d) kwalunkwe fatt u ċirkostanza speċifiċi oħra tal-każ.

4. Jekk l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tikkonkludi li persuna li direttament jew indirettament tikkontrolla, jew teżerċita kwalunkwe dritt fuq, l-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali tista' tipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija jew l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' kwalunkwe Stat Membru, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tirrifjuta ċ-ċertifikazzjoni. Alternattivament, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tista' toħroġ deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni soġġetta għal kundizzjonijiet li jiżguraw il-mitigazzjoni suffiċjenti tar-riskji li jistgħu jinfluwenzaw b'mod negattiv il-mili tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art, dment li l-prattikabbiltà tal-kundizzjonijiet tista' tiġi żgurata bis-sħiħ permezz ta' implimentazzjoni u monitoraġġ effettivi. Tali kundizzjonijiet jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, rekwiżit li s-sid tas-sistemi tal-ħażna jew l-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jittrasferixxi l-ġestjoni tas-sistema tal-ħażna.

5. Meta l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tikkonkludi li r-riskji tal-provvista tal-gass naturali ma jistgħux jiġu mitigati bil-kundizzjonijiet skont il-paragrafu 4, inkluż permezz tar-rekwiżit li s-sid tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew l-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jittrasferixxi l-ġestjoni tas-sistema tal-ħażna tal-gass naturali, u għalhekk tirrifjuta ċ-ċertifikazzjoni, hija għandha:

   (a) tirrikjedi li s-sid tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew l-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew kwalunkwe persuna li tqis li tista' tipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija jew l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' kwalunkwe Stat Membru jċedu l-parteċipazzjoni azzjonarja jew id-drittijiet li jkollhom fuq is-sjieda tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew is-sjieda tal-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, u tistabbilixxi limitu ta' żmien għal tali ċessjoni;

   (b) tordna, meta jkun xieraq, miżuri interim, biex tiżgura li tali persuna ma tkun tista' teżerċita ebda kontroll jew dritt fuq dak is-sid tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew l-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali sakemm issir iċ-ċessjoni tal-parteċipazzjoni azzjonarja jew tad-drittijiet; u

(c) tipprevedi miżuri ta' kumpens xierqa f'konformità mal-liġi nazzjonali.

6. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni tagħha mingħajr dewmien, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha.

Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni fi żmien 25 jum tax-xogħol minn tali notifika. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tqis bis-sħiħ l-opinjoni tal-Kummissjoni.

7. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha toħroġ id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni fi żmien 25 jum tax-xogħol mill-wasla tal-opinjoni tal-Kummissjoni.

8. Qabel ma tibda titħaddem faċilità tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art mibnija ġdida, l-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandu jiġi ċċertifikat f'konformità mal-paragrafi 1 sa 7. L-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandu jinnotifika lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni bl-intenzjoni tiegħu li jħaddem il-faċilità tal-ħażna tal-gass naturali.

9. L-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandhom jinnotifikaw lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni rilevanti bi kwalunkwe tranżazzjoni ppjanata li tkun tirrikjedi valutazzjoni mill-ġdid tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4.

10. L-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni għandhom jimmonitorjaw kontinwament l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4. Għandhom jiftħu mill-ġdid proċedura ta' ċertifikazzjoni biex jivvalutaw mill-ġdid il-konformità fi kwalunkwe waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) malli jirċievu notifika mill-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali skont il-paragrafu 8 jew 9;

(b) fuq inizjattiva tagħhom stess meta jkollhom għarfien li bidla ppjanata fid-drittijiet jew fl-influwenza fuq operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali tista' twassal għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3;

(c) fuq talba motivata tal-Kummissjoni.

11. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-operazzjoni kontinwa tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art fit-territorji rispettivi tagħhom. Dawk il-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art jistgħu jieqfu joperaw biss meta ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti tekniċi u tas-sikurezza jew meta l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tikkonkludi, wara t-twettiq ta' -valutazzjoni u wara li tkun qieset l-opinjoni tan-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (l-"ENTSO tal-Gass"), li tali waqfien ma jdgħajjifx is-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali.

Għandhom jittieħdu miżuri ta' kumpens xierqa, meta jkun xieraq, jekk il-waqfien tal-operazzjonijiet ma jkunx permess.

12. Il-Kummissjoni tista' toħroġ gwida relatata mal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

13. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-partijiet tal-faċilitajiet tal-LNG li jintużaw għall-ħżin.

Artikolu 16

Kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw ma' operaturi oħra tas-sistemi ta' trażmissjoni u tal-infrastruttura fil-koordinazzjoni tal-manutenzjoni tan-networks rispettivi tagħhom sabiex jimminimizzaw kwalunkwe interruzzjoni tas-servizzi ta' trażmissjoni għall-utenti tan-network u għall-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'żoni oħra.

2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin kif ukoll ma' operaturi oħra tal-infrastrutturi sabiex jimmassimizzaw il-kapaċità teknika fis-sistema ta' dħul u ta' ħruġ u biex jimminimizzaw il-konsum tal-enerġija biex joperaw is-sistema ta' gass naturali sa fejn ikun possibbli.

TAQSIMA 2

AĊĊESS GĦAN-NETWORKS

Artikolu 17

Tariffi għal aċċess għan-networks

1. It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati biex jiġu kkalkolati, applikati minn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u approvati mill-awtoritajiet regolatorji skont l-Artikolu 78(7) tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], kif ukoll it-tariffi ppubblikati skont l-Artikolu 31(1) ta' dik id-Direttiva, għandhom ikunu trasparenti, jieħdu kont tal-ħtieġa tal-integrità tas-sistemi u t-titjib tagħha u jirriflettu l-kostijiet effettivament imġarrba, sa fejn tali kostijiet jikkorrispondu għal dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment komparabbli tan-network u jkunu trasparenti filwaqt li jinkludu redditu xieraq fuq l-investimenti. It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati biex jiġu kkalkolati, għandhom jiġu applikati b'mod nondiskriminatorju.

   It-tariffi jistgħu jiġu ddeterminati wkoll permezz ta' arranġamenti bbażati fuq is-suq, bħal irkantijiet, dment li tali arranġamenti u d-dħul li jirriżulta minnhom ikunu approvati mill-awtorità regolatorja.

   It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati biex jiġu kkalkolati, għandhom jiffaċilitaw il-kummerċ effiċjenti tal-gass naturali u l-kompetizzjoni, u fl-istess ħin jevitaw sussidji bejn l-utenti tan-network u jipprovdu inċentivi għall-investiment u żommu jew joħolqu interoperabbiltà għan-networks ta' trażmissjoni.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

It-tariffi għall-utenti tan-network ma għandhomx ikunu diskriminatorji u għandhom jiġu stabbiliti separatament għal kull punt ta' dħul fi jew punt ta' ħruġ mis-sistema ta' trażmissjoni. Il-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kostijiet u l-metodoloġija għall-istabbiliment tar-rati rigward il-punti ta' dħul u l-punti ta' ħruġ għandhom ikunu approvati mill-awtoritajiet regolatorji. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw li t-tariffi tan-network ma jkunux ikkalkolati abbażi ta' linji kuntrattwali.

2. It-tariffi għal aċċess għan-network ma għandhomx jirrestringu l-likwidità tas-suq jew jikkawżaw distorsjoni fil-kummerċ bejn il-fruntieri ta' sistemi ta' trażmissjoni differenti. Meta, minkejja l-Artikolu 78(7) tad-Direttiva (UE) 2024/…[+], id-differenzi fl-istrutturi tat-tariffi jfixklu l-kummerċ bejn is-sistemi ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali relevanti, attivament isaħħu l-konverġenza tal-istrutturi ta' tariffi u tal-prinċipji ta' ħlas.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-awtorità regolatorja tista' tapplika skont ta' massimu ta' 100 % għat-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni bbażati fuq il-kapaċità fil-punti ta' dħul minn, u punti ta' ħruġ għal, faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art u fil-punti ta' dħul minn faċilitajiet tal-LNG, sakemm u sa fejn tali faċilità tal-ħażna li tkun konnessa ma' aktar minn network wieħed ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tintuża biex tikkompeti ma' punt ta' interkonnessjoni.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Mill-1 ta' Jannar 2026, l-awtorità regolatorja tista' tapplika skont ta' massimu ta' 100 % għat-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni bbażati fuq il-kapaċità fil-punti ta' dħul minn, u punti ta' ħruġ għal, faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art u fil-punti ta' dħul minn faċilitajiet tal-LNG għall-fini li tiżdied is-sigurtà tal-provvista. L-awtorità regolatorja għandha teżamina mill-ġdid dak l-iskont tariffarju u l-kontribut tiegħu għas-sigurtà tal-provvista matul kull perijodu regolatorju, fil-qafas tal-konsultazzjoni perjodika mwettqa skont il-kodiċi tan-network adottat skont l-Artikolu 71(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d).

4. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jgħaqqdu sistemi kontigwi ta' dħul u ta' ħruġ bil-ħsieb li tkun tista' ssir integrazzjoni reġjonali sħiħa jew parzjali meta t-tariffi jafu jiġu aboliti fil-punti ta' interkonnessjoni bejn is-sistemi ta' dħul u ta' ħruġ ikkonċernati. Wara l-konsultazzjonijiet pubbliċi mwettqa mill-awtoritajiet regolatorji jew mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, l-awtoritajiet regolatorji jistgħu japprovaw tariffa komuni u mekkaniżmu ta' kumpens effettiv bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għad-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kostijiet li joriġinaw mill-abolizzjoni tal-punti ta' interkonnessjoni.

5. L-Istati Membri b'aktar minn sistema interkonnessa waħda ta' dħul u ta' ħruġ, jew aktar minn operatur wieħed tan-network fi ħdan sistema waħda ta' dħul u ta' ħruġ, jistgħu jimplimentaw tariffa tan-netwerk uniformi bl-għan li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-utenti tan-network, dment li jkun ġie approvat pjan tan-network u li jiġi implimentat mekkaniżmu ta' kumpens bejn l-operaturi tan-network.

Artikolu 18

Skontijiet tariffarji għall-gass rinnovabbli u għall-gass b'livell baxx tal-karbonju

1. Waqt l-iffissar tat-tariffi, għandu jiġi applikat skont għall-gass rinnovabbli u għall-gass b'livell baxx tal-karbonju għal:

   (a) il-punti ta' dħul minn faċilitajiet tal-produzzjoni ta' gass rinnovabbli u ta' gass b'livell baxx tal-karbonju.

   (b) it-tariffi ta' trażmissjoni bbażati fuq il-kapaċità fil-punti ta' dħul mill-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali u fil-punti ta' ħruġ lejhom, sakemm tali faċilità tal-ħażna ma tkunx konnessa ma' aktar minn network wieħed ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni u tintuża biex tikkompeti ma' punt ta' interkonnessjoni.

   L-iskont fl-ambitu tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandu jiġi stabbilit f'livell ta' 100 % fir-rigward tat-tariffi rilevanti bbażati fuq il-kapaċità għall-fini taż-żieda tal-injezzjoni tal-gass rinnovabbli u skont ta' 75 % għall-gass b'livell baxx tal-karbonju.

   L-iskont fl-ambitu tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandu jiġi stabbilit f'livell ta' 100 % fl-Istati Membri fejn il-gass rinnovabbli jew l-gass b'livell baxx tal-karbonju kien ġie injettat għall-ewwel darba fis-sistema.

2. Id-dettalji dwar l-iskonti mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu stabbiliti fil-kodiċi tan-network dwar l-istrutturi tariffarji kif imsemmi fl-Artikolu 71(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d).

3. Sa ... [ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid il-livelli ta' skont stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4. Il-Kummissjoni għandha toħroġ rapport li jagħti ħarsa ġenerali tal-implimentazzjoni tal-iskonti u tivvaluta jekk il-livell ta' dawk l-iskonti għadux adegwat fid-dawl tal-aħħar żviluppi tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 biex temenda dan ir-Regolament billi tbiddel il-livelli tal-iskonti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu.

4. Minn ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-utenti tan-network għandhom jiksbu skont ta' 100 % fuq it-tariffa bbażata fuq il-kapaċità mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni fil-punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, għall-gass rinnovabbli u 75 % għall-gass b'livell baxx tal-karbonju, wara li jipprovdu prova ta' sostenibbiltà lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernat, abbażi ta' ċertifikat ta' sostenibbiltà validu li jinkiseb għall-gass rinnovabbli skont l-Artikoli 29 u 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u rreġistrat fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 31a ta' dik id-Direttiva u għal gass b'livell baxx tal-karbonju abbażi ta' ċertifikat validu li jinkiseb skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

Fir-rigward tal-iskonti msemmija fl-ewwel subparagrafu:

(a) l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jintalbu jipprovdu l-iskont biss għall-iqsar rotta possibbli mil-lat ta' qsim tal-fruntieri bejn il-post fejn il-prova speċifika tad-dikjarazzjoni ta' sostenibbiltà, abbażi ta' ċertifikat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, tkun ġiet reġistrata għall-ewwel darba fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni u fejn tkun tħassret peress li tqieset ikkonsmata, dment li kwalunkwe primjum tal-irkant potenzjali ma jkunx kopert mill-iskont;

[+] OJ: Please insert in the text the number of the Directive contained in document PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(b) l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu lill-awtorità regolatorja rilevanti b'informazzjoni dwar il-volumi attwali u mistennija ta' gass rinnovabbli u ta' gass b'livell baxx tal-karbonju u l-effett tal-applikazzjoni tal-iskont tariffarju fuq id-dħul tagħhom u l-awtoritajiet regolatorji għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-impatt tal-iskont fuq l-istabbiltà tat-tariffi;

(c) ladarba d-dħul ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn dawk it-tariffi speċifiċi jitnaqqas b'10 % permezz tal-applikazzjoni tal-iskont, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni affettwati u dawk ġirien kollha għandhom jinnegozjaw mekkaniżmu ta' kumpens għall-operaturi tas-sistemi ta' intertrażmissjoni;

(d) aktar dettalji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-iskont għall-gass rinnovabbli u għall-gass b'livell baxx tal-karbonju, bħall-kalkolu tal-kapaċità eliġibbli li għaliha japplika l-iskont u l-proċessi meħtieġa, għandhom jiġu stabbiliti f'kodiċi tan-network stabbilit skont l-Artikolu 71.

L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati għandhom jaqblu dwar mekkaniżmu ta' kumpens għall-operaturi tas-sistemi ta' intertrażmissjoni fi żmien tliet snin minn meta d-dħul tagħhom minn tariffi speċifiċi jitnaqqas b'10 % kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (c), ta' dan il-paragrafu. Jekk, f'dak il-perijodu, ma jintlaħaq ebda ftehim, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jiddeċiedu b'mod konġunt dwar mekkaniżmu xieraq ta' kumpens għall-operaturi tas-sistemi ta' intertrażmissjoni fi żmien sentejn oħra. Fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet regolatorji, għandu japplika l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/942. Meta l-awtoritajiet regolatorji ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fi żmien sentejn, jew fuq talba konġunta tagħhom, l-ACER għandha tadotta deċiżjoni individwali, f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet regolatorji jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx skontijiet jew li jistabbilixxu skontijiet aktar baxxi minn dawk stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, dment li tali deroga tkun konformi mal-prinċipji ġenerali tat-tariffi kif stabbiliti fl-Artikolu 17 u, b'mod partikolari, il-prinċipju tar-riflettività tal-kostijiet, meta jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) id-deroga tkun meħtieġa għall-operazzjoni effiċjenti tas-sistema ta' trażmissjoni, biex jiġi żgurat qafas finanzjarju stabbli għall-investimenti eżistenti jew biex jiġu evitati sussidji inkroċjati bla bżonn, distorsjoni għall-kummerċ transfruntier jew mekkaniżmu ineffettiv ta' kumpens għall-operaturi tas-sistemi ta' intertrażmissjoni;

(b) l-applikazzjoni ta' skontijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4 mhijiex meħtieġa minħabba l-livell ta' avvanz tal-introduzzjoni tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju fl-Istat Membru kkonċernat jew l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' appoġġ alternattivi biex jiżdied l-użu tal-gass rinnovabbli jew tal-gass b'livell baxx tal-karbonju.

Artikolu 19

Dħul tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. Minn ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtorità regolatorja rilevanti għandha tiżgura t-trasparenza tal-metodoloġiji, tal-parametri u tal-valuri użati biex jiġi determinat id-dħul permess jew immirat tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni. L-awtorità regolatorja għandha tippubblika l-informazzjoni msemmija fl-Anness I, jew għandha tirrikjedi l-pubblikazzjoni mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni rilevanti soġġett għall-protezzjoni tad-*data* li l-awtorità regolatorja rilevanti tqis bħala kummerċjalment sensittiva. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli b'format aċċessibbli liberament, li jista' jitniżżel u li jinqara biss u, sa fejn ikun possibbli, b'lingwa waħda jew aktar li tinftiehem komunement.

2. Il-kostijiet tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom ikunu soġġetti għal tqabbil tal-effiċjenza bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni. L-ACER għandha twettaq dak it-tqabbil tal-effiċjenza. Sa ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u mbagħad kull erba' snin, l-ACER għandha tippubblika studju li jqabbel l-effiċjenza tal-kostijiet tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, soġġett għall-protezzjoni tad-*data* li l-ACER tqis bħala kummerċjalment sensittiva. L-awtoritajiet regolatorji rilevanti u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu lill-ACER id-*data* kollha meħtieġa għal dak it-tqabbil. Meta jistabbilixxu perjodikament id-dħul permess jew immirat tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom iqisu t-tali tqabbil u ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

3. L-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jivvalutaw l-evoluzzjoni fit-tul tat-tariffi ta' trażmissjoni abbażi tal-bidliet mistennija fid-dħul permess jew immirat tagħhom u fid-domanda għall-gass naturali fi ħdan il-perijodu regolatorju rilevanti, u, meta disponibbli sal-2050. Biex twettaq dik il-valutazzjoni, l-awtorità regolatorja għandha tinkludi l-informazzjoni dwar l-istrateġija deskritta fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima tal-Istat Membru kkonċernat u x-xenarji sottostanti tal-pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin kif żviluppat f'konformità mal-Artikolu 55 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

TAQSIMA 3

OPERAZZJONI TAS-SISTEMI TA' TRAŻMISSJONI, TAL-ĦAŻNA TAL-GASS NATURALI, TAL-LNG U TAT-TERMINALS TAL-IDROĠENU

Artikolu 20

Kapaċità kostanti għall-gass rinnovabbli u għall-gass b'livell baxx tal-karbonju għas-sistema ta' trażmissjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiżguraw kapaċità kostanti tal-aċċess għal faċilitajiet tal-produzzjoni tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju konnessi mal-grilja tagħhom Għal dak il-għan, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom, b'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, jiżviluppaw proċeduri u arranġamenti, inkluż investimenti, biex jiżguraw il-fluss fid-direzzjoni opposta min-network ta' distribuzzjoni għan-network ta' trażmissjoni. L-investimenti maġġuri għandhom jiġu riflessi fil-pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin skont l-Artikolu 55(2), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jiżviluppaw alternattivi għal investimenti ta' fluss fid-direzzjoni opposta, bħal soluzzjonijiet ta' grilji intelliġenti jew konnessjoni ma' operaturi oħra tan-network inkluża l-konnessjoni diretta tal-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' gass rinnovabbli u ta' gass b'livell baxx tal-karbonju man-network ta' trażmissjoni. Aċċess b'kapaċità kostanti jista' jkun limitat biss biex joffri kapaċitajiet soġġetti għal limitazzjonijiet operazzjonali, sabiex jiġu żgurati s-sikurezza tal-infrastruttura u l-effiċjenza ekonomika. L-awtorità regolatorja għandha tkun responsabbli għar-rieżami u l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għal kapaċità kundizzjonali u għandha tiżgura li l-limitazzjonijiet fil-kapaċità kostanti jew il-limitazzjonijiet operazzjonali għandhom jiddaħħlu mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni abbażi ta' proċeduri trasparenti u nondiskriminatorji u ma jkunux joħolqu ostakli bla bżonn għad-dħul fis-suq. Meta l-faċilità tal-produzzjoni ġġarrab il-kostijiet relatati mal-iżgurar tal-kapaċità kostanti, ma għandha tapplika l-ebda limitazzjoni.

Artikolu 21

Koordinazzjoni transfruntiera fir-rigward tal-kwalità tal-gass fis-sistema tal-gass naturali

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw biex jevitaw restrizzjonijiet fuq il-flussi transfruntieri minħabba differenzi fir-rigward tal-kwalità tal-gass fil-punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri. Meta jikkooperaw b'dan il-mod, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom iqisu l-karatteristiċi tal-installazzjonijiet tal-klijenti finali tal-gass naturali.

Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal taħlitiet ta' idroġenu meta l-kontenut tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali jaqbeż it-2 % skont il-volum.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li speċifikazzjonijiet tekniċi diverġenti, inklużi l-parametri tal-kwalità tal-gass bħall-kontenut tal-ossiġenu u t-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali, ma jintużawx biex jillimitaw il-flussi transfruntieri tal-gass naturali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-taħlitiet tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali jkunu allinjati mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi aċċettabbli għall-klijenti.

3. Meta restrizzjoni fil-flussi transfruntieri minħabba differenzi fil-kwalità tal-gass ma tkunx tista' tiġi evitata mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati fl-operazzjonijiet standard tagħhom, dawn għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati mingħajr dewmien. L-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni u r-raġunijiet li jiġġustifikaw kwalunkwe miżura li diġà ħadu l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni.

4. L-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jaqblu b'mod konġunt, fi żmien sitt xhur minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, dwar jekk jirrikonoxxux ir-restrizzjoni.

5. Fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-flussi transfruntieri kkawżati minn differenzi fit-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali u li huma rikonoxxuti skont il-paragrafu 4, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jaċċettaw il-flussi tal-gass naturali b'kontenut tal-idroġenu fil-punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri fis-sistema tal-gass naturali soġġett għall-paragrafi 6 sa 13, u wara li titlesta l-proċedura stabbilita fihom.

6. Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati jirrikonoxxu r-restrizzjoni skont il-paragrafu 4, dawn għandhom jitolbu lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati biex, fi żmien 12-il xahar mir-rikonoxximent tar-restrizzjoni kif imsemmi f'dak il-paragrafu, iwettqu dawn l-azzjonijiet li ġejjin f'sekwenza:

(a) jikkooperaw u jiżviluppaw alternattivi teknikament fattibbli, bla ma jibdlu l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità tal-gass, li jistgħu jinkludu impenji ta' fluss u trattament tal-gass naturali, sabiex titneħħa r-restrizzjoni rikonoxxuta filwaqt li jqisu l-informazzjoni pprovduta mill-klijenti finali konnessi direttament mas-sistema tal-gass naturali tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernat jew kwalunkwe parti kkonċernata oħra li jaf ikunu affettwati minn dik il-proċedura;

(b) iwettqu b'mod konġunt analiżi tal-kostbenefiċċji dwar l-alternattivi teknikament fattibbli ħalli jiddefinixxu soluzzjonijiet ekonomikament effiċjenti li għandhom jispeċifikaw id-diżaggregazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji fost il-kategoriji tal-partijiet affettwati;

(c) jipproduċu stima taż-żmien ta' implimentazzjoni għal kull għażla potenzjali;

(d) iwettqu konsultazzjoni pubblika, b'mod partikolari tal-klijenti finali affettwati li huma konnessi mas-sistema tal-gass naturali, dwar soluzzjonijiet fattibbli identifikati u jqisu r-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni;

(e) jissottomettu proposta konġunta, abbażi tal-analiżi tal-kostbenefiċċji u tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, għal soluzzjoni li tneħħi r-restrizzjoni rikonoxxuta, inkluż l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħha, lill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati tagħhom għall-approvazzjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra ta' kull Stat Membru kkonċernat għall-informazzjoni.

7. Meta l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati ma jilħqux ftehim biex jissottomettu proposta konġunta skont il-paragrafu 6, il-punt (e), kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jinforma lill-awtorità regolatorja tiegħu mingħajr dewmien.

8. L-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jieħdu deċiżjoni koordinata konġunta biex ineħħu r-restrizzjoni rikonoxxuta, filwaqt li jqisu l-analiżi tal-kostbenefiċċji mwettqa mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati u r-riżultati tal-konsultazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 6, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu fi żmien sitt xhur mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

9. B'deroga mill-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, għar-restrizzjonijiet fuq il-flussi transfruntieri kkawżati minn differenzi fit-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali, l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati jistgħu jiddikjaraw b'mod konġunt li ma għandha tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri biex tali restrizzjonijiet jitneħħew. Id-deċiżjoni koordinata konġunta għandha tittieħed fi żmien sitt xhur mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942 u għandha tqis l-analiżi tal-kostbenefiċċji u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika mmexxija skont il-paragrafu 6, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jirrieżaminaw deċiżjoni biex tinżamm ir-restrizzjoni rikonoxxuta skont dan il-paragrafu kull erba' snin.

10. Id-deċiżjoni koordinata konġunta tal-awtoritajiet regolatorji kkonċernati msemmija fil-paragrafu 8 għandha tinkludi deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet tal-investimenti li jrid iġarrab kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni miftiehma, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fid-dħul permess jew immirat tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tas-soluzzjoni fl-Istati Membri kkonċernati u l-konsegwenzi tagħha għat-tariffi.

11. L-ACER tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet regolatorji rigward id-dettalji ta' dawn id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet kif imsemmi fil-paragrafu 10.

12. Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-ACER għandha tiddeċiedi dwar ir-restrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942. Meta l-ACER tirrikonoxxi r-restrizzjoni, din għandha titlob lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati biex, fi żmien 12-il xahar, iwettqu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu f'sekwenza.

13. Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati ma jkunux jistgħu jieħdu deċiżjoni kkoordinata konġunta kif imsemmi fil-paragrafi 8 u 10 ta' dan l-Artikolu, l-ACER għandha tiddeċiedi dwar is-soluzzjoni biex tneħħi r-restrizzjoni rikonoxxuta u dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet tal-investiment li jrid iġarrab kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni maqbula jew li tiddikjara li ma għandha tittieħed ebda azzjoni ulterjuri skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942. Deċiżjoni biex tinżamm ir-restrizzjoni rikonoxxuta skont dan il-paragrafu għandha tiġi rieżaminata kull erba' snin mill-ACER.

14. Aktar dettalji meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inkluż dettalji dwar l-analiżi tal-kostbenefiċċji, għandhom jiġu stabbiliti f'kodiċi tan-network stabbilit skont l-Artikolu 71(2).

Artikolu 22

Preżunzjoni ta' konformità tal-prattiki mal-istandards armonizzati għall-gass naturali

Il-prattiki li jikkonformaw mal-istandards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 71(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

Artikolu 23

Speċifikazzjonijiet komuni għall-bijometan

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għall-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni kosteffettiva ta' volumi kbar ta' bijometan fis-sistema eżistenti tal-gass naturali, inkluż f'punti ta' interkonnessjoni transfruntieri, jew tista' tistabbilixxi dawk l-ispeċifikazzjonijiet f'kodiċi tan-network skont l-Artikolu 71(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta:

   (a) dawk ir-rekwiżiti ma jkunux koperti mill-istandards armonizzati, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(b) il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex jabbozzaw standard armonizzat għal dawk ir-rekwiżiti u mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun ġiet issodisfata:

(i) it-talba tal-Kummissjoni ma tkun ġiet aċċettata minn ebda waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni;

(ii) il-Kummissjoni tosserva dewmien bla bżonn fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati mitluba;

(iii) organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni tkun ħarġet standard li ma jikkorrispondix kompletament mat-talba tal-Kummissjoni; jew

(c) il-Kummissjoni tkun iddeċidiet, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li żżomm b'restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandards armonizzati, jew għal partijiet minnhom, li bihom ikunu koperti dawk ir-rekwiżiti.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 81(3).

2. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi rilevanti jew tal-gruppi ta' esperti stabbiliti skont id-dritt settorjali rilevanti tal-Unjoni, u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Il-prattiki li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni, jew ma' partijiet minnhom, għandhom ikunu preżunti li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 71(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali speċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u jiġi propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha tħassar l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Meta tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tieħu kont sħiħ tar-rekwiżiti tas-sikurezza meħtieġa għall-operazzjoni sikura tas-sistema tal-gass naturali, b'mod partikolari tal-operazzjoni sikura tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali madwar l-Unjoni.

Artikolu 24

Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass

L-operaturi kollha tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni permezz tal-ENTSO tal-Gass, sabiex jiġu promossi t-tlestija u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-gass naturali u għall-kummerċ transfruntier u biex jiġu żgurati l-amministrazzjoni ottima, l-operazzjoni kkoordinata u evoluzzjoni teknika soda tan-network għat-trażmissjoni tal-gass naturali.

Artikolu 25

Organizzazzjoni tal-ENTSO tal-Gass

1. L-ENTSO tal-Gass għandu, fuq inizjattiva proprja jew fuq talba motivata tal-Kummissjoni jew tal-ACER, jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni u lill-ACER kwalunkwe abbozz ta' emenda tal-istatuti, lista ta' membri jew regoli ta' proċedura, inkluż ir-regoli ta' proċedura dwar il-konsultazzjoni ta' partijiet ikkonċernati oħrajn tal-ENTSO tal-Gass.

2. Fi żmien erba' xhur mill-wasla tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1, l-ACER, wara li formalment tikkonsulta l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari l-utenti tas-sistema inklużi l-klijenti, għandha tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-emenda tal-istatuti, il-lista tal-membri u r-regoli ta' proċedura tal-ENTSO tal-Gass.

3. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni dwar l-abbozz tal-emenda tal-istatuti, il-lista tal-membri u r-regoli ta' proċedura tal-ENTSO tal-Gass, billi tieħu kont tal-opinjoni tal-ACER imsemmija fil-paragrafu 2, fi żmien tliet xhur mid-data meta l-ACER tirċievi dik l-opinjoni.

4. Fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni, l-ENTSO tal-Gass għandu jadotta u jippubblika l-istatuti, il-lista tal-membri u r-regoli ta' proċedura riveduti tal-ENTSO tal-Gass.

Artikolu 26

Kompiti tal-ENTSO tal-Gass

1. L-ENTSO tal-Gass għandu jelabora kodiċijiet tan-network fl-oqsma msemmijin fl-Artikolu 71(1) u (2) fuq stedina indirizzata lilu mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 71(9).

   Il-kodiċi tan-network imsemmi fl-Artikolu 71(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), għandu jiġi żviluppat b'mod konġunt mal-ENNOH.

2. L-ENTSO tal-Gass jista' jelabora kodiċijiet tan-network fl-oqsma stabbiliti fl-Artikolu 71(1) u (2) bil-għan li jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 24, meta dawk il-kodiċijiet tan-network ma jirrelatawx ma' oqsma koperti minn stedina indirizzata lilu mill-Kummissjoni. Dawk il-kodiċijiet tan-network għandhom jiġu ppreżentati lill-ACER għal opinjoni. Dik l-opinjoni għandha titqies kif xieraq mill-ENTSO tal-Gass.

3. L-ENTSO tal-Gass għandu jadotta:

   (a) għodod komuni għall-operazzjoni tan-network biex jiżguraw il-koordinazzjoni ta' operazzjoni tan-network f'kundizzjonijiet normali u ta' emerġenza, inkluża skala ta' klassifikazzjoni tal-aċċidenti komuni, u pjanijiet ta' riċerka;

   (b) kull sentejn, pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-gass naturali mhux vinkolanti għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 32, (il-"pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha"), inkluż prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea;

   (c) rakkomandazzjonijiet dwar il-koordinament ta' kooperazzjoni teknika bejn l-Unjoni u operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'pajjiżi terzi;

(d) rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni dwar il-kooperazzjoni teknika tagħhom mal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u mal-operaturi tan-networks tal-idroġenu;

(e) programm ta' ħidma annwali;

(f) rapport annwali;

(g) prospetti annwali dwar il-provvista għas-sajf u għax-xitwa;

(h) rapport dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tal-gass sal-1 ta' Jannar 2025 u mbagħad kull sentejn, inkluż l-iżviluppi tal-parametri tal-kwalità tal-gass, l-iżviluppi tal-livell u l-volum tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali, it-tbassir għall-iżvilupp mistenni tal-parametri tal-kwalità tal-gass u tal-volum tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali, l-impatt tat-taħlit tal-idroġenu fuq il-flussi transfruntieri kif ukoll informazzjoni dwar il-każijiet relatati mad-differenzi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità tal-gass jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-livelli ta' taħlit, u kif issolvew dawn il-każijiet, bl-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kwalità ta' applikazzjonijiet tal-użu finali differenti;

(i) rapport annwali li jinkludi l-kwantità ta' gass rinnovabbli u gass b'livell baxx tal-karbonju injettata fin-network tal-gass naturali.

Ir-rapport dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tal-gass imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (h) għandu jkopri wkoll l-iżvilupp għall-oqsma elenkati f'dak il-punt, safejn rilevanti għan-network tad-distribuzzjoni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-entità Ewropea għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni ("l-entità tal-UE għad-DSO") stabbilita skont l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39].

4. Il-prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b), għandu jkopri l-adegwatezza ġenerali tas-sistema tal-gass naturali għall-provvista ta' talbiet preżenti u ppjanati għall-gass naturali għall-perijodu li ġej ta' ħames snin kif ukoll għall-perijodu ta' bejn ħames u għaxar snin mid-data ta' dak il-prospett. Il-prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea għandu jinbena fuq prospetti nazzjonali rigward il-provvista mħejjijin minn kull operatur individwali tas-sistemi ta' trażmissjoni. Il-prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea għandu jipprevedi speċifikament il-monitoraġġ tal-progress fil-produzzjoni annwali tal-bijometan sostenibbli.

Meta kemm il-prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea kif ukoll il-pjanijiet nazzjonali integrati u aġġornati finali dwar l-enerġija u l-klima juru li l-produzzjoni annwali mhijiex miexja biżżejjed jew li l-konsum tal-gass naturali mhux qed jonqos biżżejjed fid-dawl tal-potenzjal disponibbli, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, jekk ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat, inkluż in-networks tal-idroġenu, l-iżvilupp tax-xenarju, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea, u valutazzjoni tar-reżistenza tas-sistema. Dak il-pjan għandu jippromwovi l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

---

39 Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

5. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (e), għandu jinkludi lista u deskrizzjoni tal-kodiċijiet tan-network li għandhom jitħejjew, pjan dwar il-koordinazzjoni tal-operazzjoni tan-network, u lista tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, li għandhom jitwettqu matul dik is-sena, u kalendarju indikattiv.

6. Il-kodiċijiet tan-network għandhom jiġu żviluppati għal kwistjonijiet transfruntieri tan-network u ta' integrazzjoni fis-suq u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu kodiċijiet tan-network nazzjonali li ma jaffettwawx il-kummerċ transfruntier.

7. L-ENTSO tal-Gass għandu jimmonitorja u janalizza l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 71(13) jew l-Artikolu 74, u l-effett tagħhom fuq l-armonizzazzjoni ta' regoli applikabbli mmirati lejn il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tas-suq. L-ENTSO tal-Gass għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-ACER u għandu jinkludi r-riżultati tal-analiżi fir-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu.

8. L-ENTSO tal-Gass għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-ACER biex twettaq il-kompiti tagħha skont l-Artikolu 27(1).

9. L-ACER għandha teżamina mill-ġdid il-pjanijiet nazzjonali tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin biex tiġi evalwata l-konsistenza tagħhom mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha. Jekk l-ACER tidentifika inkonsistenzi bejn pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin u l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha, hija għandha tirrakkomanda l-emenda tal-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin jew il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha skont kif ikun xieraq. Jekk tali pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin ikun elaborat f'konformità mal-Artikolu 55 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], l-ACER għandha tirrakkomanda li l-awtorità regolatorja rilevanti temenda l-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin f'konformità mal-Artikolu 55(5) ta' dik id-Direttiva u tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

10. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-ENTSO tal-Gass għandu jagħti l-opinjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-linji gwida kif stabbiliti fl-Artikolu 74.

11. L-ENTSO tal-Gass għandu jikkoopera man-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (l-"ENTSO tal-Elettriku") u mal-ENNOH.

Artikolu 27

Monitoraġġ mill-ACER tal-ENTSO tal-Gass

1. L-ACER għandha timmonitorja t-twettiq tal-kompiti tal-ENTSO tal-Gass imsemmija fl-Artikolu 26(1), (2) u (3), u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

L-ACER għandha timmonitorja l-implimentazzjoni mill-ENTSO tal-Gass tal-kodiċijiet tan-network elaborati skont l-Artikolu 26(2) u l-kodiċijiet tan-network li ġew żviluppati f'konformità mal-Artikolu 71(1) sa (12) iżda li ma ġewx adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71(13). Meta l-ENTSO tal-Gass ikun naqas milli jimplimenta tali kodiċijiet tan-network, l-ACER għandha titlob lill-ENTSO tal-Gass biex jipprovdi spjegazzjoni motivata kif xieraq dwar l-għaliex ikun naqas milli jagħmel dan. L-ACER għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dik l-ispjegazzjoni u tipprovdi l-opinjoni tagħha f'dak ir-rigward.

L-ACER għandha timmonitorja u tanalizza l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati mill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikoli 70, 71, 73 u 74, u l-effett tagħhom fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli mmirati għall-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tas-suq u tas-sistema tal-enerġija kif ukoll fuq in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament tajjeb tas-suq, u tirrapporta lill-Kummissjoni.

2. L-ENTSO tal-Gass għandu jippreżenta l-abbozz tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha, l-abbozz ta' programm ta' ħidma annwali, inkluża l-informazzjoni dwar il-proċess ta' konsultazzjoni, u d-dokumenti l-oħra msemmija fl-Artikolu 26(3), lill-ACER għall-opinjoni tagħha.

Fi żmien xahrejn mid-data tal-wasla, l-ACER għandha tipprovdi opinjoni debitament motivata kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-ENTSO tal-Gass u lill-Kummissjoni meta tqis li l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali jew l-abbozz tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha preżentati mill-ENTSO tal-Gass ma jikkontribwix għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva, għall-funzjonament tajjeb tas-suq jew għal livell suffiċjenti ta' interkonnessjoni transfruntiera miftuħa għall-aċċess mill-partijiet terzi. L-ENTSO tal-Gass għandu jqis kif xieraq l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-ACER.

Artikolu 28

Awtoritajiet regolatorji

Fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom u fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament, mal-kodiċijiet tan-network u mal-linji gwida adottati skont l-Artikoli 70 sa 74.

Meta jkun xieraq, għandhom jikkooperaw ma' xulxin, mal-Kummissjoni u mal-ACER skont il-Kapitolu V tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Artikolu 29

Konsultazzjonijiet mill-ENTSO tal-Gass

1. Waqt il-preparazzjoni tal-kodiċijiet tan-network, l-abbozz tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha u l-programm ta' ħidma annwali msemmija fl-Artikolu 26(1), (2) u (3), l-ENTSO tal-Gass għandu jwettaq proċess ta' konsultazzjoni pubblika, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti, mal-parteċipanti rilevanti kollha fis-suq, u, b'mod partikolari, mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati kollha, f'konformità mar-regoli ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 25(1). Dik il-konsultazzjoni għandha tinvolvi wkoll awtoritajiet regolatorji u awtoritajiet nazzjonali oħrajn, impriżi ta' provvista u produzzjoni, l-utenti tan-network inklużi l-klijenti, operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, inklużi assoċjazzjonijiet relevanti fl-industrija, korpi tekniċi u pjattaformi ta' partijiet ikkonċernati u pertinenti. L-ENTSO tal-Gass għandu jippubblika abbozzi tal-kodiċijiet tan-network, tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha u tal-programm ta' ħidma annwali għal kummenti mill-partijiet ikkonċernati u jagħtihom biżżejjed żmien biex jipparteċipaw fil-proċess ta' konsultazzjoni b'mod effettiv. L-għan ta' dik il-konsultazzjoni huwa li jiġu identifikati l-fehmiet u l-proposti tal-partijiet interessati rilevanti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2. Id-dokumenti kollha u l-minuti tal-laqgħat relatati mas-suġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru pubbliċi.

3. Qabel ma jiġu adottati l-programm ta' ħidma annwali u l-kodiċijiet tan-network imsemmijin fl-Artikolu 26(1), (2) u (3), l-ENTSO tal-Gass għandu jindika kif l-osservazzjonijiet li jkun irċieva waqt il-konsultazzjoni u kif dawn l-osservazzjonijiet ikunu tqiesu. Meta xi osservazzjonijiet ma jitqisux, għandu jagħti r-raġunijiet għalfejn.

Artikolu 30

Kostijiet tal-ENTSO tal-Gass

Il-kostijiet relatati mal-attivitajiet tal-ENTSO tal-Gass imsemmija fl-Artikoli 24, 25, 26, 70 u 71 ta' dan ir-Regolament, u fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/869, għandhom jiġġarrbu mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u għandhom jitqiesu fil-kalkolu tat-tariffi. L-awtoritajiet regolatorji għandhom japprovaw dawk il-kostijiet dment li jkunu raġonevoli u xierqa.

Artikolu 31

Kooperazzjoni reġjonali tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni reġjonali fi ħdan l-ENTSO tal-Gass biex jikkontribwixxu għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 26(1), (2) u (3).

2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippromwovu arranġamenti operazzjonali sabiex jiżguraw il-ġestjoni ottimali tan-network, u għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' skambji tal-enerġija, l-allokazzjoni koordinata ta' kapaċità transfruntiera permezz ta' soluzzjonijiet nondiskriminatorji bbażati fuq is-suq, bl-attenzjoni dovuta għall-merti speċifiċi ta' rkantijiet impliċiti għal allokazzjonijiet għal perijodu qasir, u l-integrazzjoni ta' mekkaniżmi ta' bbilanċjar.

3. Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi d-definizzjoni taż-żona ġeografika koperta minn kull struttura ta' kooperazzjoni reġjonali, b'kont meħud tal-istrutturi reġjonali ta' kooperazzjoni eżistenti. Kull Stat Membru għandu jkun jista' jippromwovi l-kooperazzjoni f'aktar minn żona ġeografika waħda.

Għall-fini tat-tfassil tal-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-ACER u lill-ENTSO tal-Gass.

Artikolu 32

Pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha

L-ENTSO tal-Gass għandu jadotta u jippublika l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha kull sentejn. Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha għandu jinkludi t-tfassil tan-network integrat, l-iżvilupp tax-xenarju, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema, inkluża l-infrastruttura li għandha tiġi dekummissjonata.

Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha għandu, b'mod partikolari:

(a) jibni fuq pjanijiet ta' investiment nazzjonali u l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/869;

(b) rigward l-interkonnessjonijiet transfruntieri, jibni wkoll fuq il-ħtiġijiet raġonevoli tal-utenti differenti tan-network u jintegra impenji ta' perijodu fit-tul mill-investituri, kif imsemmija fl-Artikolu 55(7) tad-Direttiva (UE) 2024/…[+]; u

(c) jidentifika l-lakuni fl-investiment, b'mod partikolari b'rabta mal-kapaċitajiet transfruntieri.

Fir-rigward tat-tieni paragrafu, il-punt (c), mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha jista' jinħemeż rieżami tal-ostakli għaż-żieda fil-kapaċità transfruntiera tan-network li jirriżultaw minħabba proċeduri jew prattiki ta' approvazzjoni differenti.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Artikolu 33

Ir-rekwiżiti tat-trasparenza li jikkonċernaw l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw informazzjoni dettaljata dwar il-kapaċità u s-servizzi li joffru u l-kundizzjonijiet rilevanti applikati, flimkien mal-informazzjoni teknika meħtieġa mill-utenti tan-network biex jiksbu aċċess effettiv għan-network.

2. Sabiex jiġu żgurati tariffi trasparenti, oġġettivi u nondiskriminatorji u biex jiġi ffaċilitat l-użu effiċjenti tan-network tal-gass naturali, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jew l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jippubblikaw informazzjoni raġonevolment u suffiċjentement dettaljata dwar id-derivazzjoni, il-metodoloġija u l-istruttura tat-tariffi.

3. Għas-servizzi provduti, kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jippubblika informazzjoni dwar kapaċitajiet tekniċi, kuntrattati u disponibbli fuq bażi numerika għall-punti kollha rilevanti inkluż punti ta' dħul u ta' ħruġ fuq bażi perjodika u rikorrenti b'mod standardizzat li hu faċli biex jintuża f'konformità mal-linji gwida stabbiliti fl-Anness I.

4. Il-punti rilevanti ta' sistema ta' trażmissjoni li dwarhom ikollha tiġi pubblikata l-informazzjoni għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti wara konsultazzjoni mal-utenti tan-network.

5. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom dejjem jikxfu l-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament b'mod sinifikanti, li hu ċar b'mod kwantifikabbli, li hu faċilment aċċessibbli u b'mod nondiskriminatorju.

6. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jagħmlu pubblika informazzjoni fuq il-provvista u d-domanda *ex ante* u *ex post*, abbażi ta' nominazzjonijiet u allokazzjonijiet, tbassiriet u l-flussi li jkunu saru ta' dħul u ħruġ mis-sistema. L-awtorità regolatorja għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha ta' dan it-tip tkun pubblika. Il-livell ta' dettall tal-informazzjoni li ssir pubblika għandu jirrifletti l-informazzjoni disponibbli għall-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni.

L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jagħmlu pubbliċi l-miżuri li jkunu ttieħdu, kif ukoll il-kostijiet imġarrba u d-dħul iġġenerat, għall-ibbilanċjar tas-sistema.

Il-parteċipanti kkonċernati fis-suq għandhom jipprovdu lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni d-*data* msemmija f'dan l-Artikolu.

7. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw informazzjoni dettaljata dwar il-kwalità tal-gass naturali trasportat fin-networks tagħhom, li jaf taffettwa lill-utenti tan-network, skont l-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2015/703.

Artikolu 34

Rekwiżiti ta' trasparenza rigward il-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, il-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu, il-faċilitajiet tal-LNG u t-terminals tal-idroġenu

1. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu u l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu għandhom jippubblikaw informazzjoni dettaljata dwar is-servizzi kollha li joffru u l-kundizzjonijiet rilevanti applikati, flimkien mal-informazzjoni teknika meħtieġa biex l-utenti tal-faċilitajiet tal-LNG, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u tat-terminals tal-idroġenu jiksbu aċċess effettiv għall-faċilitajiet tal-LNG, għall-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, għall-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u għat-terminals tal-idroġenu. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jitolbu lil dawk l-operaturi jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti addizzjonali għall-utenti tas-sistema.

2. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG għandhom jipprovdu strumenti faċli għall-utenti biex jiġu kkalkolati t-tariffi għas-servizzi disponibbli.

3. Għas-servizzi pprovduti, l-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu u l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu, għandhom jagħmlu pubblika informazzjoni dwar il-kapaċitajiet miftiehma b'kuntratt u disponibbli tal-faċilitajiet tal-LNG, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u tat-terminals tal-idroġenu fuq bażi numerika, fuq bażi regolari u kontinwa, kif ukoll b'mod standard u ta' użu faċli.

4. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu u l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu, għandhom jiżvelaw l-informazzjoni mitluba minn dan ir-Regolament b'mod li jagħmel sens, ċarament kwantifikabbli, ta' aċċess faċli u b'mod nondiskriminatorju.

5. L-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu u l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu għandhom jagħmlu pubbliku l-ammont ta' gass naturali jew idroġenu f'kull faċilità tal-LNG, faċilità tal-ħażna tal-gass naturali, faċilità tal-ħażna tal-idroġenu u terminal tal-idroġenu, jew grupp ta' faċilitajiet ta' ħażna jekk dak jikkorrispondi għall-mod ta' kif l-aċċess ikun offrut lill-utenti tas-sistema, il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-faċilitajiet disponibbli tal-LNG, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali, tal-faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu u tat-terminals tal-idroġenu, inklużi għal dawk il-faċilitajiet li huma eżentati mill-aċċess għal partijiet terzi. Dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata wkoll lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jew lill-operatur tan-networks tal-idroġenu għall-ħażna u t-terminals tal-idroġenu, li għandu jagħmilha pubblika fuq bażi aggregata għal kull sistema jew subsistema ddefinita mill-punti rilevanti. L-informazzjoni għandha tiġi aġġornata mill-anqas darba kuljum.

Meta utent tal-faċilità tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew tal-idroġenu jkun l-uniku utent ta' faċilità tal-ħażna tal-gass naturali jew faċilità tal-ħażna tal-idroġenu, l-utent tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew tal-idroġenu jista' jippreżenta talba motivata lill-awtorità regolatorja għal trattament kunfidenzjali tad-*data* msemmija fl-ewwel subparagrafu. Meta l-awtorità regolatorja tikkonkludi li tali talba tkun ġustifikata, filwaqt li tqis, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' bilanċ bejn l-interess ta' protezzjoni leġittima ta' sigrieti kummerċjali li l-iżvelar tagħhom ikun jolqot ħażin l-istrateġija kummerċjali ġenerali tal-utent tal-ħażna, bl-objettiv li jinħolqu swieq interni kompetittivi għall-gass naturali u l-idroġenu, hija tista' tippermetti li l-operatur tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew l-operatur tal-ħażna tal-idroġenu ma jiżvelax pubblikament id-*data* msemmija fl-ewwel subparagrafu, għal perijodu ta' żmien sa sena.

It-tieni subparagrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-obbligi msemmija fl-ewwel subparagrafu, sakemm id-*data* aggregata ma tkunx identika għad-*data* individwali tas-sistema tal-ħażna tal-gass naturali jew tal-idroġenu li fir-rigward tagħha l-awtorità regolatorja tkun approvat id-deċiżjoni li ma tiġix ippubblikata.

6. Sabiex jiġu żgurati tariffi trasparenti, oġġettivi u nondiskriminatorji u jiġi ffaċilitat użu effiċjenti tal-infrastrutturi, l-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali, l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu u l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu jew l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jippubblikaw informazzjoni dettaljata biżżejjed dwar minn fejn ikunu ġew it-tariffi, dwar il-metodoloġiji u l-istruttura tat-tariffi għal infrastruttura taħt aċċess regolat għal partijiet terzi. Il-faċilitajiet tal-LNG li ngħataw eżenzjoni, skont l-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2003/55/KE u l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73/KE, u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali skont ir-reġim negozjat ta' aċċess lill-partijiet terzi għandhom jippubblikaw it-tariffi għall-infrastruttura biex ikun żgurat livell għoli biżżejjed ta' trasparenza.

L-operaturi tas-sistemi tal-LNG u l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali għandhom kollha jippubblikaw b'mod trasparenti, kontinwu u faċli għall-utent l-informazzjoni meħtieġa skont dan l-Artikolu fuq pjattaforma Ewropea unika li għandha tinżamm minn dawk l-operaturi.

Artikolu 35

Żamma tar-rekords mill-operaturi tas-sistemi

L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali u l-operaturi tas-sistemi tal-LNG għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet regolatorji u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, u tal-Kummissjoni, l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikoli 33 u 34 u fil-punt 3 tal-Anness I għal perijodu ta' ħames snin.

TAQSIMA 4

L-OPERAZZJONI TAS-SISTEMI TA' DISTRIBUZZJONI

Artikolu 36

Kapaċità kostanti għall-gass rinnovabbli
u għall-gass b'livell baxx tal-karbonju għas-sistema ta' distribuzzjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jiżguraw kapaċità kostanti tal-aċċess għall-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-gass rinnovabbli u tal-gass b'livell baxx tal-karbonju konnessi mal-grilja tagħhom. Għal dak il-għan, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom, b'kooperazzjoni bejniethom u mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, jiżviluppaw proċeduri u arranġamenti, inkluż investimenti, biex jiżguraw il-fluss fid-direzzjoni opposta min-network ta' distribuzzjoni għan-network ta' trażmissjoni. L-investiment maġġuri fin-network ta' trażmissjoni tal-gass naturali li jirriżultaw mill-ħtieġa ta' kapaċitajiet addizzjonali fin-network ta' distribuzzjoni għandhom jiġu riflessi fil-pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin f'konformità mal-Artikolu 55(2), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jiżviluppaw alternattivi għal investimenti ta' fluss fid-direzzjoni opposta, bħal soluzzjonijiet ta' grilji intelliġenti jew konnessjoni ma' operaturi oħra tan-network. Aċċess b'kapaċità kostanti jista' jkun limitat għall-offerti ta' kapaċitajiet soġġetti għal limitazzjonijiet operazzjonali, sabiex jiġu żgurati s-sikurezza tal-infrastruttura u l-effiċjenza ekonomika. L-awtorità regolatorja għandha tiżgura li kwalunkwe limitazzjoni fil-kapaċità kostanti jew il-limitazzjonijiet operazzjonali jiddaħħlu minn operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni abbażi ta' proċeduri trasparenti u nondiskriminatorji u ma jkunux joħolqu ostakli bla bżonn għad-dħul fis-suq. Meta l-faċilità tal-produzzjoni ġġarrab il-kostijiet relatati mal-iżgurar tal-kapaċità kostanti, ma għandha tapplika l-ebda limitazzjoni.

Artikolu 37

Kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jikkooperaw ma' operaturi oħra tas-sistemi ta' distribuzzjoni u ma' operaturi oħra tas-sistemi ta' trażmissjoni biex jikkoordinaw il-manutenzjoni, l-iżvilupp tas-sistema, il-konnessjonijiet ġodda, id-dekummissjonar u l-operazzjoni tas-sistema biex jiżguraw l-integrità tas-sistema, bil-ħsieb li jimmassimizzaw il-kapaċità u jimminimizzaw l-użu tal-gass tal-fjuwil.

Artikolu 38

Rekwiżiti ta' trasparenza li jikkonċernaw lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni

Meta l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jkunu responsabbli għall-ġestjoni tal-kwalità tal-gass fin-networks tagħhom, dawn għandhom jippubblikaw informazzjoni dettaljata dwar il-kwalità tal-gass naturali trasportat fin-networks tagħhom, li jaf taffettwa lill-utenti tan-network, skont l-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2015/703.

Artikolu 39

Entità Ewropea għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni

L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni li joperaw sistema tal-gass naturali u l-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu li joperaw network tal-idroġenu jistgħu jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni permezz tal- entità tal-UE għad-DSO"), sabiex jippromwovu t-tlestija u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass naturali, jikkooperaw fl-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu u jippromwovu ġestjoni ottimali u operazzjoni kkoordinata tas-sistemi ta' distribuzzjoni u ta' trażmissjoni.

Il-membri reġistrati jistgħu jipparteċipaw fl-entità tal-UE għad-DSO direttament jew ikunu rappreżentati minn assoċjazzjoni nazzjonali dežinjata minn Stat Membru jew minn assoċjazzjoni fil-livell tal-Unjoni.

Il-kostijiet relatati mal-attivitajiet tal-entità tal-UE għad-DSO għandhom jiġġarrbu mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u mill-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu li huma membri reġistrati u għandhom jitqiesu fil-kalkolu tat-tariffi. L-awtoritajiet regolatorji għandhom japprovaw il-kostijiet dment li jkunu raġonevoli u proporzjonati u jagħtu raġunijiet meta ma jiġux approvati.

Artikolu 40

Bidliet fir-regoli u l-proċeduri prinċipali tal-entità tal-UE għad-DSO

1. Ir-regoli u l-proċeduri prinċipali għall-entità tal-UE għad-DSO skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/943 għandhom japplikaw ukoll għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni li joperaw sistema tal-gass naturali u għall-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu.

2. Il-Grupp Konsultattiv Strateġiku msemmi fl-Artikolu 54(2), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2019/943 għandu jkun jikkonsisti wkoll minn rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni Ewropej li joperaw sistema tal-gass naturali jew lill-operaturi Ewropej tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu.

3. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-entità tal-UE għad-DSO għandha tippreżenta lill-Kummissjoni u lill-ACER abbozz tal-istatuti aġġornati, inkluż kodiċi ta' kondotta, lista tal-membri reġistrati, abbozz tar-regoli ta' proċedura aġġornati, inklużi regoli ta' proċedura dwar il-konsultazzjoni mal-ENTSO tal-Elettriku, mal-ENTSO tal-Gass u ma' partijiet ikkonċernati oħra, u abbozz ta' regoli aġġornati dwar il-finanzjament.

L-abbozz tar-regoli ta' proċedura tal-entità tal-UE għad-DSO għandu jiżgura rappreżentanza ġusta u bilanċjata tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni parteċipanti kollha, inkluż dawk li huma proprjetarji ta' jew li joperaw sistemi tal-gass naturali, u tal-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu.

4. Fi żmien erba' xhur minn meta jaslu d-dokumenti ppreżentati skont il-paragrafu 3, l-ACER għandha tagħti l-opinjoni tagħha lill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari lill-utenti tas-sistemi ta' distribuzzjoni, inklużi l-klijenti.

5. Fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-opinjoni tal-ACER, il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni dwar id-dokumenti ppreżentati skont il-paragrafu 3, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-ACER kif imsemmi fil-paragrafu 4.

6. Fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jadottaw u jippubblikaw l-istatuti, ir-regoli ta' proċedura u r-regoli aġġornati tal-entità tal-UE għad-DSO dwar il-finanzjament tagħhom.

7. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u lill-ACER meta jsirulhom xi bidliet jew meta ssir talba motivata minn xi ħadd minnhom. Il-Kummissjoni u l-ACER għandhom joħorġu opinjoni f'konformità mal-proċess stabbilit fil-paragrafi 3, 4 u 5.

Artikolu 41

Kompiti addizzjonali tal-entità tal-UE għad-DSO

1. L-entità tal-UE għad-DSO għandha teżerċita l-kompiti elenkati fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) sa (e), tar-Regolament (UE) 2019/943 u twettaq l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 55(2), il-punti (c), (d) u (e), ta' dak ir-Regolament anki fir-rigward tas-sistemi ta' distribuzzjoni għall-gass naturali jew in-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu.

2. Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) 2019/943, l-entità tal-UE għad-DSO għandha tipparteċipa fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network li jkunu rilevanti għall-operazzjoni u l-ippjanar tal-grilji ta' distribuzzjoni u għall-operazzjoni kkoordinata tan-networks ta' trażmissjoni u tan-networks ta' distribuzzjoni skont dan ir-Regolament u tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan li jaħarbu mis-sistema tal-gass naturali.

   Meta tipparteċipa fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network ġodda skont l-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament, l-entità tal-UE għad-DSO għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ta' konsultazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2019/943.

3. Minbarra l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) 2019/943, l-entità tal-UE għad-DSO għandha:

(a) tikkoopera mal-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u tal-linji gwida adottati skont dan ir-Regolament li huma rilevanti għall-operazzjoni u l-ippjanar tal-grilji ta' distribuzzjoni għall-gass naturali u l-idroġenu u l-operazzjoni kkoordinata tan-networks ta' trażmissjoni u tan-networks ta' distribuzzjoni u n-networks ta' trażmissjoni u n-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu;

(b) tikkoopera mal-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH u tadotta l-aqwa prattiki dwar l-operazzjoni u l-ippjanar ikkoordinati tas-sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u tan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-idroġenu, inkluż materji bħall-iskambju tad-*data* bejn l-operaturi u l-koordinazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija distribwiti;

(c) taħdem biex tidentifika l-aqwa prattiki għall-implimentazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjonijiet skont l-Artikolu 23(1b) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 u għall-kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku, tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-gass naturali, tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu u tas-sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali inkluż għall-fini tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 24(8) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, inklużi rakkomandazzjonijiet għat-tqegħid xieraq ta' elettrolizzaturi bl-għan li jiġi żgurat l-użu tas-sħana mormija fin-network tat-tisħin distrettwali.

4. L-entità tal-UE għad-DSO għandha tipprovdi kontribut lill-ENTSO tal-Gass għar-rapportar tagħha dwar il-kwalità tal-gass, fir-rigward tas-sistemi ta' distribuzzjoni meta l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jkunu responsabbli għall-ġestjoni tal-kwalità tal-gass, kif imsemmi fl-Artikolu 26(3).

5. L-entità tal-UE għad-DSO għandha tipprovdi kontribut lill-ENNOH għar-rapportdwar il-monitoraġġ tall-kwalità tal-idroġenu li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 59(1), il-punt (j), ta' dan ir-Regolament fir-rigward tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu meta l-operaturi tan-network ta' distribuzzjoni tal-idroġenu jkunu responsabbli għall-ġestjoni tal-kwalità tal-idroġenu skont l-Artikolu 50 tad-Direttiva (UE 2024/…[+].

TAQSIMA 5

AGGREGAZZJONI TAD-DOMANDA U X-XIRI KONĠUNT TAL-GASS NATURALI, U MEKKANIŻMU TA' APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP TAS-SUQ TAL-IDROĠENU

Artikolu 42

Mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt volontarji tal-gass naturali skont l-Artikoli 43 sa 49.

[+] ĠU: Daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Artikolu 43

Kuntratt ma' fornitur ta' servizzi

1. B'deroga mill-Artikolu 176 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-Kummissjoni tista' tikkuntratta s-servizzi meħtieġa ta' entità jew entitajiet stabbiliti fl-Unjoni permezz tal-proċeduri ta' akkwist rilevanti skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, sabiex timplimenta l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-Kummissjoni tagħżel fornitur ta' servizzi, għandha tagħmel dan abbażi ta' kriterji li jissalvagwardjaw l-integrità tas-suq intern, li jiżguraw il-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista, u li jikkonformaw mal-Artikolu 44. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli għall-fornitur ta' servizzi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta rilevanti.

Artikolu 44

Kriterji għall-għażla tal-fornitur ta' servizzi

1. Il-fornitur ta' servizzi għandu jintgħażel mill-Kummissjoni minn fost l-entitajiet li jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

   (a) il-fornitur ta' servizzi għandu jiġi stabbilit u jkollu s-sede operazzjonali tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru;

(b) il-fornitur ta' servizzi u s-sottokuntratturi tiegħu ma għandhomx ikunu:

(i) soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 TUE jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, li jikkonsistu fi projbizzjoni li jsiru disponibbli jew li jiġu ttrasferiti fondi jew riżorsi ekonomiċi jew li jiġu pprovduti finanzjament jew assistenza finanzjarja lilhom direttament jew indirettament, jew f'iffriżar tal-assi; jew

(ii) proprjetà ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal tali miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew li jaġixxu f'isimhom jew bid-direzzjoni tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra ta' diliġenza dovuta, għandhom jiġu stabbiliti obbligi kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u l-fornituri ta' servizzi biex jiġi żgurat li l-fornitur ta' servizzi, meta jwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 45, ma jagħmel l-ebda fond jew riżorsa ekonomika disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew għall-benefiċċju tagħhom, li jkunu:

(a) soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 TUE jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, li jikkonsistu fi projbizzjoni li jsiru disponibbli jew li jiġu ttrasferiti fondi jew riżorsi ekonomiċi jew li jiġu pprovduti finanzjament jew assistenza finanzjarja lilhom direttament jew indirettament, jew f'iffriżar tal-assi; jew

(b) proprjetà ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal tali miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew li jaġixxu f'isimhom jew bid-direzzjoni tagħhom.

3. Il-fornitur ta’ servizzi ma għandux ikun parti minn impriża integrata vertikalment, ħlief għal entità diżaggregata f’konformità mal-Kapitolu IX tad-Direttiva (UE) 2024/...[+].

Artikolu 45

Kompiti tal-fornitur ta’ servizzi

1. Il-fornitur ta’ servizzi għandu jorganizza l-kompiti ta’ aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali. B’mod partikolari, iżda mhux esklużivament, il-fornitur ta’ servizzi jista’ jimplimenta l-elementi li ġejjin:

(a) il-valutazzjoni u l-aggregazzjoni tad-domanda tal-impriżi tal-gass naturali u tal-impriżi li jikkonsmaw il-gass naturali;

(b) il-ġbir ta’ offerti minn fornituri jew produtturi tal-gass naturali sabiex tali offerti jitqabblu mad-domanda aggregata;

(c) l-allokazzjoni ta’ offerti ta’ provvista lill-parteċipanti fl-aggregazzjoni tad-domanda, filwaqt li titqies distribuzzjoni proporzjonata bejn parteċipanti iżgħar u akbar skont il-volumi tad-domanda sottomessi;

(d) l-għoti ta’ kwalunkwe servizz anċillari relatat, inklużi servizzi biex tiġi ffaċilitata l-konklużjoni ta’ kuntratti għax-xiri tal-gass naturali.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Artikolu 46

Parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali

1. Il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali għandha tkun miftuħa għall-impriżi tal-gass naturali u għall-impriżi li jikkonsmaw il-gass naturali stabbiliti fl-Unjoni fuq bażi nondiskriminatorja. Tali impriżi għandhom jiġu preklużi milli jipparteċipaw bħala fornituri, produtturi u xerrejja, jekk ikunu:

   (a) soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 TUE jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, li jikkonsistu fi projbizzjoni li jsiru disponibbli jew li jiġu ttrasferiti fondi jew riżorsi ekonomiċi jew li jiġu pprovduti finanzjament jew assistenza finanzjarja lilhom direttament jew indirettament, jew f'iffriżar tal-assi; jew

   (b) proprjetà ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal tali miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew li jaġixxu f'isimhom jew bid-direzzjoni tagħhom.

2. Għandhom jiġu stabbiliti obbligi kuntrattwali biex jiġi żgurat li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew għall-benefiċċju tagħhom, li jkunu:

   (a) soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 tat-TUE jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, li jikkonsistu fi projbizzjoni li jsiru disponibbli jew li jiġu ttrasferiti fondi jew riżorsi ekonomiċi jew li jiġu pprovduti finanzjament jew assistenza finanzjarja lilhom direttament jew indirettament, jew f'iffriżar tal-assi; jew

   (b) proprjetà ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal tali miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew li jaġixxu f'isimhom jew bid-direzzjoni tagħhom.

3. L-impriżi tal-gass naturali u l-impriżi li jikkonsmaw il-gass naturali stabbiliti fil-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jistgħu jipparteċipaw fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali dment li jkunu ġew stabbiliti l-miżuri jew l-arranġamenti meħtieġa biex jippermettu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali skont din it-Taqsima.

4. L-impriżi tal-gass naturali u l-impriżi li jikkonsmaw il-gass naturali li jipparteċipaw fl-aggregazzjoni tad-domanda jistgħu, fuq bażi trasparenti, jikkoordinaw elementi tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xiri jew jużaw kuntratti ta' xiri konġunt sabiex jiksbu kundizzjonijiet aħjar mal-forniturі tagħhom, dment li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni, inkluż id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE.

5. Il-parteċipanti fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni jew lill-fornitur ta' servizzi rilevanti, kif xieraq, l-elementi li ġejjin tal-kuntratti konklużi:

   (a) il-volum;

   (b) il-kontropartijiet;

   (c) id-durata.

6. Il-parteċipanti fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali jistgħu jirrapportaw lill-Kummissjoni jew lill-fornitur ta' servizzi rilevanti, kif xieraq, jekk it-tqabbil u l-proċedura ta' offerti ma rriżultawx fil-konklużjoni ta' kuntratt ta' provvista.

7. Ir-riċevitur tal-informazzjoni rrapportata skont il-paragrafi 5 u 6 għandu jiżgura li l-aċċess għall-informazzjoni kunfidenzjali jkun strettament limitat għall-fornitur ta' servizzi u għas-servizzi tal-Kummissjoni li għalihom huwa assolutament meħtieġ li jkollhom l-informazzjoni disponibbli. Tali informazzjoni għandha tiġi ġestita bil-kunfidenjalità dovuta.

Artikolu 47

Limitazzjoni temporanja tal-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali

1. Sabiex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u fl-interess tas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista, il-provvisti tal-gass naturali li joriġinaw minn faċilitajiet tal-LNG li jinsabu fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja, u l-provvisti tal-LNG minnhom, ma għandhomx jiġu offruti permezz tal-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali sal-31 ta' Diċembru 2025.

2. L-esklużjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika għall-provvisti kollha tal-LNG li joriġinaw minn kwalunkwe faċilità tal-LNG li tinsab fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja u l-provvisti tal-gass naturali li jidħlu fl-Istati Membri jew fil-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija mill-punti ta' dħul li ġejjin:

(a) Greifswald;

(b) Lubmin II;

(c) Imatra;

(d) Narva;

(e) Värska;

(f) Luhamaa;

(g) Šakiai;

(h) Kotlovka;

(i) Kondratki;

(j) Wysokoje;

(k) Tieterowka;

(l) Mozyr;

(m) Kobryń;

(n) Sudzha (RU)/(UA);

(o) Belgorod (RU)/(UA);

(p) Valuyki (RU)/(UA);

(q) Serebryanka (RU)/(UA);

(r) Pisarevka (RU)/(UA);

(s) Sokhranovka (RU)/(UA);

(t) Prokhorovka (RU)/(UA);

(u) Platovo (RU)/(UA);

(v) Strandzha 2 (BG)/Malkoclar (TR).

Artikolu 48

Possibbiltà li tiġi limitata l-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali

1. Mill-1 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, teskludi temporanjament il-gass naturali li joriġina fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja, jew provvisti tal-LNG minn faċilitajiet tal-LNG li jinsabu fihom, mill-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, meta dan ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà jew is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, dment li tali miżuri:

   (a) ma jfixklux bla bżonn il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-gass naturali, u l-flussi transfruntieri tal-gass naturali bejn l-Istati Membri, u ma jdgħajfux is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

   (b) jirrispettaw il-prinċipju tas-solidarjetà enerġetika;

   (c) jittieħdu f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri fir-rigward tal-pajjiżi terzi.

2. Biżżejjed qabel l-ewwel sensiela ta' offerti fl-2026, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati bil-ħsieb li tiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura msemmija fih. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din għandha tkun valida għal perijodu ta' mhux aktar minn sena u tista' tiġġedded jekk tkun ġustifikata.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kontinwament jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati kif xieraq dwar il-valutazzjonijiet tagħha, inkluża l-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 jistgħu jkunu mmirati lejn id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass naturali jew l-LNG bil-ħsieb li titnaqqas id-dipendenza fuq il-gass naturali Russu, meta jista' jintwera li tali miżuri huma meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

4. Deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom lista ta':

(a) il-punti ta' dħul kollha mill-Federazzjoni Russa jew mill-Belarussja jew minn pajjiżi terzi oħra li jservu bħala pajjiżi ta' tranżitu li ma għandhomx jintużaw biex iwasslu provvisti tal-gass naturali soġġetti għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt; kif ukoll

(b) il-faċilitajiet kollha tal-LNG li jinsabu fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja.

Il-fornituri jew il-produtturi tal-gass naturali li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali għandhom jipprovdu assigurazzjoni dwar il-konformità mal-Artikolu 47 d-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 47 tista' tirrikjedi mingħand il-forniturijew il-produtturi tal-gass naturali li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tassistiha f'dak il-kompitu, inkluża s-sottomissjoni lix-xerrejja tad-dokumenti rilevanti tat-trasport marittimu meta jikkonsenjaw il-provvisti tal-gass naturali, fejn ikun teknikament fattibbli.

Artikolu 49

Bord ta' Tmexxija

1. Sabiex jiġu ffaċilitati l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Bord ta' Tmexxija.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri għandha tkun volontarja u tiddependi b'mod partikolari fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jistgħu jipparteċipaw fil-Bord ta' Tmexxija fuq stedina mill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet kollha ta' tħassib reċiproku. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Bord ta' Tmexxija.

Artikolu 50

Garanziji

L-Istati Membri, fir-rigward tal-parteċipanti stabbiliti fit-territorji tagħhom, jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jistgħu jipprovdu appoġġ ta' likwidità, inkluż garanziji, lill-parteċipanti fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meta applikabbli, b'mod partikolari meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti tkun iddikjarat wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1938.

Artikolu 51

Rapportar

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Bord ta' Tmexxija u tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali.

L-informazzjoni pprovduta fir-rapport għandha tinkludi mill-anqas:

(a) informazzjoni dwar l-għadd ta' impriżi tal-gass naturali u l-volumi tal-gass naturali li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali;

(b) informazzjoni dwar l-għadd ta' kuntratti konklużi u l-volumi ta' gass naturali li jirriżultaw rispettivament ikkuntrattati u kkonsenjati lill-Unjoni;

(c) deskrizzjoni tar-regoli applikabbli fis-sessjonijiet ta' offerti lill-parteċipanti fl-aggregazzjoni tad-domanda u l-fornituri jew il-produtturi tal-gass naturali;

(d) ħarsa ġenerali lejn l-ispiża globali tal-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali, inklużi l-ispejjeż imġarrba għall-fornitur tas-servizz;

(e) kwalunkwe żvilupp maġġuri tal-funzjonament tal-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass naturali.

Artikolu 52

Mekkaniżmu biex jappoġġaw l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu

1. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi mekkaniżmu biex tappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu inkluż l-elementi speċifikati fil-paragrafu 2 li għandhom jiġu implimentati skont l-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu. Dak il-mekkaniżmu volontarju jista' jkun fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. Il-Kummissjoni tista' tikkuntratta lill-fornitur tas-servizz rilevanti, bl-applikazzjoni b'analoġija tal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 43 u 44, għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari, iżda mhux esklussivament, tal-elementi li ġejjin:

(a) ġbir u pproċessar ta' *data* tas-suq dwar, pereżempju, id-disponibbiltà tal-infrastruttura jew l-iżvilupp ta' flussi u prezzijiet tal-idroġenu, biex tiżdied it-trasparenza tal-iżvilupp tal-idroġenu fis-suq;

(b) ġbir u valutazzjoni tad-domanda mill-off-takers;

(c) ġbir ta' offerti għall-idroġenu mingħand il-fornituri;

(d) aċċess għall-informazzjoni rilevanti u meħtieġa miġbura skont dan il-paragrafu lill-fornituri u lill-off-takers, soġġett għall-kunsens tagħhom u skont ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

3. Sabiex jikkontribwixxu għall-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw appoġġ ta' likwidità, inkluż garanziji, għall-idroġenu fl-ambitu tal-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu u f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meta applikabbli.

4. Il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu ffaċilitati mill-grupp ta' koordinazzjoni rilevanti separat mill-gruppi ta' esperti ddedikati għall-gass naturali.

Fil-każ tal-idroġenu, tali grupp ta' koordinazzjoni għandu jiġi stabbilit u għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu taħt dawk tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu.

5. Qabel l-iskadenza tal-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-prestazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kontribut ta' dak il-mekkaniżmu għall-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu fl-Unjoni.

Fejn xieraq, dik il-valutazzjoni tista' tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva biex jiġi żviluppat mekkaniżmu għall-aggregazzjoni volontarja tad-domanda u għax-xiri konġunt tal-idroġenu.

Artikolu 53

Parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu

1. Il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu għandu jkun miftuħ għal impriżi tal-idroġenu u impriżi li jikkonsmaw l-idroġenu stabbiliti fl-Unjoni fuq bażi nondiskriminatorja. Tali impriżi għandhom jiġu prekluży milli jipparteċipaw bħala fornituri u akkwirenti jekk ikunu:

   (a) soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 tat-TUE jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, li jikkonsistu fi projbizzjoni li jsiru disponibbli jew li jiġu ttrasferiti fondi jew riżorsi ekonomiċi jew li jiġu pprovduti finanzjament jew assistenza finanzjarja lilhom direttament jew indirettament, jew ta' ffriżar tal-assi; jew

   (b) proprjetà ta', jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal tali miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew li jaġixxu f'isimhom jew bid-direzzjoni tagħhom.

2. Għandhom jiġu stabbiliti obbligi kuntrattwali biex jiġi żgurat li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew għall-benefiċċju tagħhom li jkunu:

   (a) soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 tat-TUE jew l-Artikolu 215 tat-TFUE, li jikkonsistu fi projbizzjoni li jsiru disponibbli jew li jiġu ttrasferiti fondi jew riżorsi ekonomiċi jew li jiġu pprovduti finanzjament jew assistenza finanzjarja lilhom direttament jew indirettament, jew ta' ffriżar tal-assi; jew

(b) proprjetà ta', jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal tali miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew li jaġixxu f'isimhom jew bid-direzzjoni tagħhom.

3. L-impriżi tal-idroġenu u l-impriżi li jikkonsmaw l-idroġenu stabbiliti fil-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jistgħu jipparteċipaw fil-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu dment li l-miżuri jew l-arranġamenti meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jippermettu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu skont dan l-Artikolu u l-Artikoli 52 u 54.

Artikolu 54

Possibbiltà li tiġi limitata l-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu

1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li teskludi temporanjament offerti ta' provvisti ta' idroġenu li joriġina fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja milli jinġabar permezz ta' mekkaniżmu li jappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-idroġenu, meta dan ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà jew is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, dment li tali miżuri:

(a) ma jfixklux bla bżonn il-funzjonament adatt tas-suq intern għall-idroġenu u ma jheddux is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

(b) jirrispettaw il-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika;

(c) jittieħdu f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri fir-rigward tal-pajjiżi terzi.

2. Biżżejjed qabel l-ewwel ġabra ta' offerti, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati bil-ħsieb li tiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura msemmija fih. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din għandha tkun valida għal perijodu ta' mhux aktar minn sena u tista' tiġġedded jekk tkun ġustifikata.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kontinwament jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati kif xieraq dwar il-valutazzjonijiet tagħha, inkluża l-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri adegwati biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva ta' dan l-Artikolu.

Kapitolu III
Regoli applikabbli għan-networks tal-idroġenu

Artikolu 55

Koordinazzjoni transfruntiera f'dak li jikkonċerna l-kwalità tal-idroġenu

1. L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jikkooperaw biex jevitaw restrizzjonijiet fuq il-flussi transfruntieri minħabba differenzi fil-kwalità tal-idroġenu sabiex jissodisfaw r-rekwiżiti tal-kwalità ta' applikazzjonijiet differenti tal-użu aħħari f'konformità mal-istandards applikabbli għall-kwalità tal-idroġenu.

2. Meta restrizzjoni għall-flussi transfruntieri minħabba differenzi fil-kwalità tal-idroġenu ma tkunx tista' tiġi evitata mill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu kkonċernati fl-operazzjonijiet standard tagħhom, dawn għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati mingħajr dewmien. L-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni u r-raġunijiet li jiġġustifikaw kwalunkwe miżura diġà meħuda mill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu.

3. L-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jaqblu b'mod konġunt, fi żmien sitt xhur minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, dwar jekk jirrikonoxxux ir-restrizzjoni.

4. Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati jirrikonoxxu r-restrizzjoni skont il-paragrafu 3, dawn għandhom jitolbu lill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu kkonċernati biex, fi żmien 12-il xahar mir-rikonoxximent tar-restrizzjoni msemmija f'dak il-paragrafu, iwettqu dawn l-azzjonijiet li ġejjin f'sekwenza:

(a) jikkooperaw u jiżviluppaw alternattivi teknikament fattibbli biex titneħħa r-restrizzjoni rikonoxxuta;

(b) iwettqu b'mod konġunt analiżi tal-kostbenefiċċji dwar l-alternattivi teknikament fattibbli ħalli jiddefinixxu soluzzjonijiet ekonomikament effiċjenti li għandhom jispeċifikaw id-diżaggregazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji fost il-kategoriji tal-partijiet affettwati;

(c) jipproduċu stima taż-żmien ta' implimentazzjoni għal kull għażla potenzjali;

(d) iwettqu konsultazzjoni pubblika dwar soluzzjonijiet fattibbli identifikati u jqisu r-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni;

(e) jissottomettu proposta konġunta, abbażi ta' analiżi tal-kostbenefiċċji u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, għal soluzzjoni li tneħħi r-restrizzjoni rikonoxxuta, inkluż l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħha, lill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati tagħhom għall-approvazzjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra ta' kull Stat Membru kkonċernat għall-informazzjoni.

5. Meta l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu kkonċernati ma jilħqux ftehim biex jissottomettu proposta konġunta dwar il-paragrafu 4, il-punt (e), kull operatur tan-networks tat-trażmissjoni tal-idroġenu għandu jinforma lill-awtorità regolatorja tiegħu mingħajr dewmien.

6. L-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jieħdu deċiżjoni koordinata konġunta għat-tneħħija tar-restrizzjoni rikonoxxuta, filwaqt li jqisu l-analiżi tal-kostbenefiċċji mwettqa mill-operaturi tan-networks tat-trażmissjoni tal-idroġenu kkonċernati u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika mwettqa skont il-paragrafu 4, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu fi żmien sitt xhur minn meta tiġi riċevuta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

7. Id-deċiżjoni koordinata konġunta tal-awtoritajiet regolatorji kkonċernati msemmija fil-paragrafu 6 għandha tinkludi deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet tal-investimenti li jrid iġarrab kull operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni miftiehma, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fit-tariffi wara l-1 ta' Jannar 2033, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tas-soluzzjoni fl-Istati Membri kkonċernati.

8. L-ACER tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet regolatorji rigward id-dettalji ta' dawn id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet kif imsemmi fil-paragrafu 7.

9. Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-ACER għandha tiddeċiedi dwar ir-restrizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942. Meta l-ACER tirrikonoxxi r-restrizzjoni, din għandha titlob lill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu kkonċernati biex fi żmien 12-il xahar iwettqu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu f'sekwenza.

10. Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati ma jkunux jistgħu jieħdu deċiżjonikkoordinata konġunta kif imsemmi fil-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu, l-ACER għandha tiddeċiedi dwar is-soluzzjoni biex tneħħi r-restrizzjoni rikonoxxuta u dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet tal-investiment li jrid iġarrab kull operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni maqbula, f'konformità mal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

11. Aktar dettalji meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inkluż dettalji dwar speċifikazzjoni vinkolanti komuni tal-kwalità tal-idroġenu għal interkonnetturi transfruntieri tal-idroġenu, analiżi tal-kostbenefiċċji għat-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-fluss transfruntier minħabba differenzi fil-kwalità tal-idroġenu, regoli dwar l-interoperabbiltà għall-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu, inkluż l-indirizzar ta' ftehimiet ta' interkonnessjoni, unitajiet, skambju tad-*data*, komunikazzjoni u għoti tal-informazzjoni fost il-parteċipanti rilevanti fis-suq, għandhom jiġu stabbiliti f'kodiċi tan-networks stabbilit skont l-Artikolu 72(1), il-punt (b).

Artikolu 56

Kooperazzjoni bejn l-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu u l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu

L-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu għandhom jikkooperaw ma' operaturi oħra tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu u ma' operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu biex jikkoordinaw il-manutenzjoni, l-iżvilupp tan-networks tal-idroġenu, il-konnessjonijiet ġodda u d-dekummissjonar u l-operazzjoni tas-sistema tal-idroġenu biex jiżguraw l-integrità tas-sistema tal-idroġenu, bil-ħsieb li jimmassimizzaw il-kapaċità u jimminimizzaw il-konsum tal-enerġija biex titħaddem is-sistema tal-idroġenu.

Artikolu 57

Network Ewropew tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu

1. L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni permezz tal-ENNOH, biex jippromwovu l-iżvilupp u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-idroġenu u għal kummerċ transfruntier u biex tkun żgurata l-ġestjoni ottimali, operazzjoni kkoordinata u evoluzzjoni teknika soda tan-network Ewropew ta' trażmissjoni tal-idroġenu.

2. L-ENNOH għandu jikkoopera mill-qrib mal-ENTSO tal-Elettriku u mal-ENTSO tal-Gass dwar l-identifikazzjoni tas-sinerġiji u t-trawwim tal-integrazzjoni tas-sistema fost it-trasportaturi tal-enerġija sabiex tiġi ffaċilitata l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tal-enerġija.

3. L-ENNOH għandu jikkonsisti minn operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu ċertifikati skont l-Artikolu 71 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+].

L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-ENNOH mill-bidu tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni mwettqa mill-awtorità regolatorja, soġġett għal:

(a) ċertifikazzjoni pożittiva sussegwenti f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 71 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+] imwettqa fi żmien 24 xahar minn meta jsiru membri tal-ENNOH; kif ukoll

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(b) mill-anqas l-iżvilupp ta' proġetti ta' infrastruttura tal-idroġenu b'deċiżjoni finali ta' investiment fi żmien erba' snin minn meta jsiru membri tal-ENNOH.

Jekk id-deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni finali msemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), ma tkunx ittieħdet fi żmien 24 xahar minn meta jsiru membri tal-ENNOH jew jekk id-deċiżjoni finali ta' investiment imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (b), ma tkunx ittieħdet fi żmien erba' snin minn meta jsiru membri tal-ENNOH, is-sħubija tal-ENNOH tal-operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandha tiskadi.

4. B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu li jibbenefika minn deroga mill-Artikolu 68 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] għandu jkun eliġibbli biex isir membru tal-ENNOH meta, dment dak l-operatur ikun stabbilit fi Stat Membru fejn l-ebda operatur ieħor tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu ma jkun membru tal-ENNOH skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw tali operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u għandhom jippreżentaw kwalunkwe nominazzjoni bħal din lill-ENNOH, lill-Kummissjoni u lill-ACER. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw tali nominazzjoni fi kwalunkwe ħin. Fejn l-operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu ma jkunx ħa deċiżjoni finali ta' investiment fir-rigward ta' proġett tal-infrastruttura tal-idroġenu fi żmien erba' snin minn meta sar membrutal-ENNOH, is-sħubija tal-ENNOH ta' dak l-operatur għandha tiskadi.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

5. L-Istati Membri li ma ddeżinjawx operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu, iżda li qed jippjanaw li jiżviluppaw networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu skont il-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, jistgħu jinnominaw entità bħala sieħeb assoċjat fi ħdan l-ENNOH. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta nominazzjoni skont dan il-paragrafu lill-ENNOH, lill-Kummissjoni u lill-ACER. L-Istat Membru kkonċernat jista' jirrevoka tali nominazzjoni f'kull ħin. Dik in-nominazzjoni għandha tiskadi meta operatur tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu stabbilit fl-Istat Membru kkonċernat isir membru tal-ENNOH.

6. Meta jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni, l-ENNOH għandu jaġixxi bil-ħsieb li jistabbilixxi suq intern tal-idroġenu li jiffunzjona b'mod tajjeb u integrat, u għandu jikkontribwixxi għall-kisba effiċjenti u sostenibbli tal-objettivi stabbiliti fil-qafas ta' politika għall-enerġija u l-klima, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għall-integrazzjoni effiċjenti tal-idroġenu ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika filwaqt li tinżamm is-sigurtà tas-sistema tal-idroġenu. L-ENNOH għandu jkollha riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex iwettaq il-kompiti tiegħu.

7. Sal-1 ta' Settembru 2024, l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-ACER, l-abbozz tal-istatuti, il-lista tal-membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura, inkluż ir-regoli ta' proċedura dwar il-konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra, tal-ENNOH li jrid jiġi stabbilit.

8. L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-ACER, kwalunkwe abbozz tal-emendi tal-istatuti, tal-lista tal-membri jew tar-regoli ta' proċedura tal-ENNOH.

9. Fi żmien erba' xhur minn meta jaslu l-abbozzi msemmija fil-paragrafu 7 u l-abbozz tal-emendi tal-istatuti, tal-lista tal-membri jew tar-regoli ta' proċedura msemmija fil-paragrafu 8, l-ACER għandha, wara konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari lill-utenti tas-sistema tal-idroġenu, inkluż il-klijenti, tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar dawk l-abbozzi tal-emendi tal-istatuti, tal-lista tal-membri jew tar-regoli ta' proċedura.

10. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni dwar l-abbozzi tal-emendi tal-istatuti, tal-lista tal-membri jew tar-regoli ta' proċedura, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-ACER kif imsemmi fil-paragrafu 9, fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta tasal dik l-opinjoni.

11. Fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni, l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jadottaw u jippubblikaw l-istatuti, il-lista tal-membri u r-regoli ta' proċedura tal-ENNOH.

12. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 7 għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u lill-ACER meta jsirulhom xi bidliet jew meta ssir talba motivata mill-Kummissjoni jew mill-ACER. Il-Kummissjoni u l-ACER għandhom joħorġu l-opinjonijiet tagħhom f'konformità mal-paragrafi 9, 10 u 11.

Artikolu 58

Tranżizzjoni lejn l-ENNOH

Sakemm jiġi stabbilit l-ENNOH, l-ENTSO tal-Gass għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp tal-pjanijiet tal-iżvilupp tan-networks għall-Unjoni kollha tal-gass naturali u tal-idroġenu kif imsemmija fl-Artikoli 32 u 60. Meta jkun qed iwettaq dak il-kompitu, l-ENTSO tal-Gass għandu jiżgura l-konsultazzjoni effettiva u l-inklużjoni tal-parteċipanti kollha fis-suq, inkluż il-parteċipanti fis-suq tal-idroġenu.

Artikolu 59

Kompiti tal-ENNOH

1. L-ENNOH għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

(a) jiżviluppa kodiċijiet tan-network fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 72 biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 57;

(b) jiżviluppa b'mod konġunt mal-ENTSO tal-Gass il-kodiċijiet tan-network imsemmija fl-Artikolu 72(1), il-punt (f);

(c) jadotta u jippubblika, kull sentejn, pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-idroġenu għall-Unjoni kollha mhux obbligatorju msemmi fl-Artikolu 60 (il-"pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha "), inkluż prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea;

(d) jikkoopera mal-ENTSO tal-Elettriku, mal-ENTSO tal-Gass u mal-entità tal-UE għad-DSO;

(e) jiżviluppa rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu dwar il-kooperazzjoni teknika tagħhom mal-operaturi tan-networks ta' distribuzzjoni tal-idroġenu u mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u mal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni fl-Unjoni;

(f) jiżviluppa rakkomandazzjonijiet relatati mal-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni teknika bejn l-operaturi tan-networks tal-idroġenu tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi;

(g) jadotta programm ta' ħidma annwali;

(h) jadotta rapport annwali;

(i) jadotta prospett annwali għall-provvista tal-idroġenu li jkopri lill-Istati Membri li jużaw l-idroġenu fil-ġenerazzjoni tal-elettriku;

(j) jadotta rapport ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-idroġenu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju 2026 u mbagħad kull sentejn wara dan, inkluż żviluppi u tbassir għall-iżviluppi mistennija tal-parametri tal-kwalità tal-idroġenu, kif ukoll informazzjoni dwar każijiet relatati ma' differenzi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità tal-idroġenu u kif issolvew dawn il-każijiet;

(k) jippromwovi ċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-*data* b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti u mal-entitajiet regolati;

(l) jiżviluppa u jippromwovi l-aħjar prattiki fid-detezzjoni, il-monitoraġġ u t-tnaqqis tat-tnixxijiet tal-idroġenu.

2. L-ENNOH għandu jimmonitorja u janalizza l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 72, 73 u 74, u l-effett tagħhom fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli mmirati biex jiġi ffaċilitat l-iżvillup u l-integrazzjoni tas-suq tal-idroġenu. L-ENNOH għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-ACER u għandu jinkludi r-riżultati tal-analiżi fir-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (h), ta' dan l-Artikolu.

3. L-ENNOH għandu jippubblika l-minuti tal-laqgħat tal-assemblea, tal-bord u tal-kumitati tiegħu u jipprovdi informazzjoni regolari lill-pubbliku dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tiegħu.

4. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (g), għandu jinkludi lista u deskrizzjoni tal-kodiċijiet tan-network li jridu jitħejjew, pjan dwar il-koordinazzjoni tal-operazzjoni tan-network tal-idroġenu, lista tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, li jridu jsiru matul dik is-sena, u kalendarju indikattiv.

5. L-ENNOH għandu jipprovdi lill-ACER bl-informazzjoni li din teħtieġ biex twettaq il-kompiti tagħha skont l-Artikolu 64. Sabiex l-ENNOH ikun jista' jissodisfa dak ir-rekwiżit, l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-ENNOH.

6. Meta jintalab mill-Kummissjoni, l-ENNOH għandu jagħti l-fehmiet tiegħu lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-linji gwida kif stabbilit fl-Artikolu 74.

Artikolu 60

Pjan tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-idroġenu għall-Unjoni kollha

1. Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għandu jinkludi t-tfassil tan-network integrat tal-idroġenu, l-iżvilupp tax-xenarju, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema.

   Il-pjan tal-żvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għandu, b'mod partikolari:

   (a) jibni fuq il-pjanijiet nazzjonali dwar l-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu kif stabbilit fl-Artikolu 55 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+] u l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/869;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(b) rigward l-interkonnessjonijiet transfruntieri, jibni wkoll fuq il-ħtiġijiet raġonevoli tal-utenti differenti tan-network u jintegra impenji ta' perijodu fit-tul mill-investituri, kif imsemmija fl-Artikolu 55(7) tad-Direttiva (UE) 2024/…[+]; kif ukoll

(c) jidentifika lakuni fl-investiment, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet transfruntiera meħtieġa, biex jiġu implimentati l-kurituri prijoritarji għall-idroġenu u l-elettrolizzaturi kif imsemmi fil-punt 3 tal-Anness I, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2022/869.

Rigward it-tieni subparagrafu, il-punt (c), mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha jista' jinhemeż rieżami tal-ostakli għaż-żieda fil-kapaċità transfruntiera tan-network li jirriżultaw minħabba proċeduri jew prattiki ta' approvazzjoni differenti. Tali rieżami jista' jkun akkumpanjat, meta xieraq, minn pjan komprensiv biex jitneħħew tali ostakli u titħaffef l-implimentazzjoni tal-kurituri prijoritarji għall-idroġenu u l-elettrolizzaturi.

2. L-ACER għandha tagħti opinjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu meta rilevanti biex tivvaluta l-konsistenza tagħhom mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha. Jekk l-ACER tidentifika inkonsistenzi bejn il-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, din għandha tirrakkomanda l-emendar kif xieraq tal-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu ta' għaxar snin jew tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

3. Waqt it-tfassil tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, l-ENNOH għandu jikkoopera mal-ENTSO tal-Elettriku u mal-ENTSO tal-Gass, b'mod partikolari b'rabta mal-iżvilupp tal-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha u l-mudell interkonness tas-suq tal-enerġija u n-network, inkluż l-infrastruttura tat-trasport tal-elettriku, tal-gass naturali u tal-idroġenu, kif ukoll il-ħażna tal-gass naturali, il-ħażna tal-idroġenu, l-LNG u t-terminals tal-idroġenu u l-elettrolizzaturi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/869, ix-xenarji għall-pjanijiet tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin imsemmija fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament u l-identifikazzjoni tal-lakuni fl-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 61

Ippjanar integrat tan-network fil-livell tal-Unjoni

1. Matul il-perijodu tranżitorju sal-1 ta' Jannar 2027, l-ENTSO tal-Gass għandu jiżviluppa l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għall-2026, bl-involviment sħiħ tal-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u flimkien mal-ENNOH hekk kif jiġi stabbilit. Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għall-2026 għandu jikkonsisti f'żewġ kapitoli separati, wieħed għall-idroġenu u wieħed għall-gass naturali. L-ENTSO tal-Gass għandu jittrasferixxi mingħajr dewmien lill-ENNOH l-informazzjoni kollha, inkluż id-*data* u l-analiżijiet li jkun ġabar matul it-tħejjija tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha sal-1 ta' Jannar 2027.

2. L-ENNOH għandu jiżviluppa l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għall-2028 skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 60.

3. L-ENNOH għandu jikkoopera mill-qib mal-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżviluppaw pjanijiet integrati għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha skont l-Artikoli 32 u 60 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2019/943 rispettivament. Dik il-kooperazzjoni għandha tinkludi, b'mod partikolari dan li ġej:

(a) l-ENNOH, flimkien mal-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass, għandhom jiżviluppaw sett uniku ta' xenarji konġunti għall-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2022/869;

(b) l-ENNOH, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass, filwaqt li jaħdmu flimkien, għandhom jiżviluppaw rapporti kkoordinati dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura fil-qafas tal-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2022/869;

(c) fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tar-rapport tax-xenarji konġunt skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE) 2022/869 u kull sentejn wara, l-ENNOH għandu jippubblika r-rapporti dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura żviluppati fil-qafas tal-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha;

(d) l-ENNOH għandu jabbozza abbozz ta' metodoloġija tas-settur uniku għal analiżi tal-kostbenefiċċji tal-idroġenu fis-sistema tal-enerġija kollha u mudell konsistenti u integrat progressivament flimkien mal-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/869, li għandu jkun konsistenti mal-metodoloġiji żviluppati kemm mill-ENTSO tal-Elettriku kif ukoll mill-ENTSO tal-Gass skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/869 u għandu jipprovdi trasparenza fir-rigward tal-aktar soluzzjonijiet kosteffiċjenti fost it-trasportaturi tal-enerġija, inkluż soluzzjonijiet mhux ibbażati fuq l-infrastruttura;

(e) il-metodoloġiji msemmija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu applikati għat-tħejjija ta' kull pjan sussegwenti tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha żviluppat mill-ENNOH skont l-Artikolu 60 ta' dan ir-Regolament;

(f) l-ENNOH għandu jiżviluppa x-xenarji konġunti, ir-rapporti dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura, l-abbozz tal-metodoloġija tas-settur uniku u l-mudell integrat f'konformità mal-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2022/869;

(g) meta jkun meħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet biex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2023/1791 fost it-trasportaturi tal-enerġija, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH jikkooperaw mill-qrib;

(h) l-ENNOH, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jikkooperaw b'mod effiċjenti, inklużiv u trasparenti, għandhom jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet b'kunsens u għandhom jiżviluppaw l-arranġamenti ta' ħidma meħtieġa għall-fini li jippermettu tali kooperazzjoni u jiżguraw ir-rappreżentanza ġusta tagħhom.

L-ENNOH, flimkien mal-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass, jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (d) u għandu jiżgura rappreżentanza ġusta u ugwali tas-setturi tal-idroġenu, tal-elettriku u tal-gass fil-gruppi ta' ħidma.

Artikolu 62

Kostijiet tal-ENNOH

Il-kostijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-kompiti tal-ENNOH imsemmija fl-Artikolu 59 ta' dan ir-Regolament għandhom iġarrbuhom l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u għandhom jitqiesu fil-kalkolu tat-tariffi. L-awtoritajiet regolatorji għandhom japprovaw dawn il-kostijiet dment li jkunu raġonevoli u xierqa.

Artikolu 63

Konsultazzjonijiet mill-ENNOH

1. Waqt it-tħejjija tal-proposti skont il-kompiti msemmija fl-Artikolu 59, l-ENNOH għandu jwettaq proċess estensiv ta' konsultazzjoni pubblika, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti, li jkun jinvolvi lill-parteċipanti kollha fis-suq, u, b'mod partikolari, lil-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati kollha, f'konformità mar-regoli ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 57. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jakkomoda l-kummenti tal-partijiet ikkonċernati qabel l-adozzjoni finali tal-proposta, bl-għan li jidentifika l-fehmiet u l-proposti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha waqt il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dik il-konsultazzjoni għandha tinvolvi wkoll lill-awtoritajiet regolatorji u lil awtoritajiet nazzjonali oħra, il-produtturi, l-utenti tan-network, inkluż il-klijenti, il-korpi tekniċi u l-pjattaformi tal-partijiet ikkonċernati.

2. Id-dokumenti kollha u l-minuti tal-laqgħat relatati mal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru pubbliċi.

3. Qabel ma jiġu adottati l-proposti msemmija fl-Artikolu 59, l-ENNOH għandu jindika kif tqiesu l-osservazzjonijiet li kiseb waqt il-konsultazzjoni. Meta xi osservazzjonijiet ma jitqisux, dan għandu jagħti r-raġunijiet għalfejn.

Artikolu 64

Il-monitoraġġ tal-ENNOH mill-ACER

1. L-ACER għandha timmonitorja t-twettiq tal-kompiti tal-ENNOH imsemmija fl-Artikolu 59, u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni.

2. L-ACER għandha twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-ENNOH tal-kodiċijiet tan-network u tal-linji gwida adottati mill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikoli 72, 73 u 74. Meta l-ENNOH jonqos milli jimplimenta dawn il-kodiċijiet tan-network jew il-linji gwida, l-ACER għandha titlob lill-ENNOH biex jipprovdi spjegazzjoni motivata kif xieraq dwar għalfejn naqas milli jagħmel dan. L-ACER għandha tgħarraf lill-Kummissjoni dwar dik l-ispjegazzjoni u tagħti l-opinjoni tagħha dwarha.

3. L-ENNOH għandu jippreżenta l-abbozz tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali, inkluż l-informazzjoni dwar il-proċess ta' konsultazzjoni, u d-dokumenti l-oħra msemmija fl-Artikolu 59 lill-ACER għall-opinjoni tagħha.

Fi żmien xahrejn mill-jum tar-riċezzjoni, l-ACER għandha tipprovdi opinjoni debitament raġunata kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-ENNOH u lill-Kummissjoni jekk tqis li l-abbozz ta' programm ta' ħidma annwali jew l-abbozz mhux obbligatorju tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha preżentati mill-ENNOH ma jikkontribwixxix għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva, għall-funzjonament tajjeb tas-suq jew għal livell suffiċjenti ta' interkonnessjoni transfruntiera. L-ENNOH għandu jqis kif xieraq l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ACER.

Artikolu 65

Kooperazzjoni reġjonali tal-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu

1. L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni reġjonali fi ħdan l-ENNOH biex jikkontribwixxu għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 59.

2. L-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu għandhom jippromwovu arranġamenti operazzjonali biex jiżguraw l-aqwa ġestjoni tan-network u għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistema interkonnessa tal-idroġenu tal-Unjoni biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni kummerċjali u operazzjonali bejn l-operaturi kontigwi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu.

Artikolu 66

Rekwiżiti ta' trasparenza li jikkonċernaw lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu

1. L-operatur tan-networks tal-idroġenu għandu jippubblika informazzjoni dettaljata dwar is-servizzi li joffri u l-kundizzjonijiet rilevanti applikati, flimkien mal-informazzjoni teknika meħtieġa mill-utenti tan-networks tal-idroġenu biex jikseb aċċess effettiv għan-network.

2. Biex ikunu żgurati tariffi trasparenti, oġġettivi u nondiskriminatorji u biex jiġi ffaċilitat l-użu effiċjenti tan-network tal-gass, mill-1 ta' Jannar 2031 l-operaturi tan-networks tal-idroġenu jew l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jippubblikaw informazzjoni sħiħa dwar id-derivazzjoni, il-metodoloġija u l-istruttura tariffarja.

3. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippubblikaw informazzjoni dettaljata dwar il-kwalità tal-idroġenu trasportat fin-networks tagħhom, li jaf taffettwa lill-utenti tan-network.

4. Il-punti rilevanti tan-network tal-idroġenu li dwarhom trid tiġi pubblikata l-informazzjoni għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti wara konsultazzjoni mal-utenti tan-network tal-idroġenu.

5. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jiżvelaw dejjem l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament b'mod sinifikattiv, kwantifikabbli b'mod ċar, aċċessibbli faċilment u b'mod nondiskriminatorju.

6. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippubblikaw informazzjoni *ex ante* u *ex post* dwar il-provvista u d-domanda, inkluż tbassir perjodiku u l-informazzjoni rreġistrata. L-awtorità regolatorja għandha tiżgura li kull informazzjoni bħal din issir pubblika. Il-livell tad-dettall tal-informazzjoni li tiġi ppubblikata għandha tirrifletti l-informazzjoni disponibbli għall-operatur tan-networks tal-idroġenu.

7. Il-parteċipanti kkonċernati fis-suq għandhom jipprovdu d-*data* msemmija f'dan l-Artikolu lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu.

8. Aktar dettalji meħtieġa biex jiġu implimentati r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu, inkluż dettalji ulterjuri dwar il-kontenut, il-frekwenza u l-forma tal-għoti tal-informazzjoni mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu, għandhom jiġu stabbiliti f'kodiċi tan-network stabbilit f'konformità mal-Artikolu 72(2).

Artikolu 67

Żamma ta' rekords fis-sistema tal-idroġenu

L-operaturi tan-networks tal-idroġenu, l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu u l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, inkluż l-awtoritajiet regolatorji u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, u tal-Kummissjoni, l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikoli 34 u 66 u fil-punt 4 tal-Anness I għal perjodu ta' ħames snin.

Artikolu 68

Preżunzjoni ta' konformità mal-prattiki bi standards armonizzati għall-idroġenu

Il-prattiki li huma f'konformità mal-istandards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 72(1), il-punt (b).

Artikolu 69

Speċifikazzjonijiet komuni għall-idroġenu

1. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni f'kodiċi tan-network skont l-Artikolu 72(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament jew tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 50 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], meta:

   (a) dawk ir-rekwiżiti ma jkunux koperti mill-istandards armonizzati, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

   (b) il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex jabbozzaw standard armonizzat għal dawk ir-rekwiżiti u mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun ġiet issodisfata:

      (i) it-talba tal-Kummissjoni ma tkunx ġiet aċċettata minn ebda waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni;

      (ii) il-Kummissjoni tosserva dewmien bla bżonn fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati mitluba;

      (iii) organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni tkun ħarġet standard li ma jikkorrispondix kompletament mat-talba tal-Kummissjoni; jew

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(c) il-Kummissjoni tkun iddeċidiet skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li żżomm b'restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandards armonizzati, jew għal partijiet minnhom, li bihom ikunu koperti dawk ir-rekwiżiti.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 81(3).

2. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi rilevanti jew tal-gruppi ta' esperti stabbiliti skont id-dritt settorjali rilevanti tal-Unjoni, u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.

3. Il-prattiki li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni, jew ma' partijiet minnhom, għandhom ikunu preżunti li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 72(1), il-punt (b), sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali speċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

4. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u jiġi propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha tħassar l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Kapitolu IV
Kodiċijiet tan-network u linji gwida

Artikolu 70

Adozzjoni tal-kodiċijiet tan-network u tal-linji gwida

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni, soġġetta għas-setgħat stabbiliti fl-Artikoli 71 sa 74. Dawn l-atti jistgħu jiġu adottati bħala kodiċijiet tan-network abbażi tal-proposti tat-test żviluppati mill-ENTSO tal-Gass jew mill-ENNOH, jew, meta jkun previst fil-lista ta' prijoritajiet stabbilita skont l-Artikolu 71(3), mill-entità tal-UE għad-DSO, meta rilevanti b'kooperazzjoni mal-ENTSO tal-Gass, l-ENNOH u l-ACER, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 71, 72 u 73, jew bħala linji gwida skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 74.

2. Il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida għandhom:

   (a) jipprovdu l-grad minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament;

   (b) iqisu l-ispeċifiċitajiet reġjonali, meta xieraq;

   (c) ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ għall-finijiet tal-punt (a); kif ukoll

   (d) japplikaw għall-punti ta' interkonnessjoni kollha fl-Unjoni u l-punti ta' dħul mill-pajjiżi terzi u l-punti ta' ħruġ lejhom minn ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-awtoritajiet regolatorji jistgħu jippreżentaw talba lill-Kummissjoni għal deroga mill-applikazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u tal-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1 fil-punti ta' dħul minn pajjiżi terzi u fil-punti ta' ħruġ lejhom skont il-paragrafu 2, il-punt (d). It-talba għal deroga għandha tiġi ppreżentata simultanjament lill-Kummissjoni u lill-ACER. L-ACER għandha tipprovdi opinjoni motivata lill-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mid-data tar-rċevuta tat-talba għal deroga.

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar it-talba għal deroga, filwaqt li tqis l-opinjoni motivata tal-ACER u wara li tivvaluta jekk l-awtorità regolatorja:

(a) urietx li kodiċi tan-network jew linja gwida, jew element speċifiku ta' dawk l-atti, ma jistgħux jiġu implimentati b'mod effettiv fil-punti ta' dħul minn pajjiżi terzi u fil-punti ta' ħruġ lejhom; fil-każ ta' punti ta' interkonnessjoni ma' pajjiżi terzi li għandhom l-obbligu li jadattaw għall-acquis tal-Unjoni dwar l-enerġija, inkluż dan ir-Regolament, skont ftehim konkluż bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi terzi, iżda fejn l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ma tkunx tlestiet, it-talba għal deroga għandha tispeċifika liema dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma ġewx applikati jew implimentati b'mod effettiv fil-pajjiż terz ikkonċernat jew liema regoli tekniċi jew nuqqas ta' regoli tekniċi fil-pajjiż terz jimpedixxu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-kodiċi tan-netwerk jew tal-linja gwida rilevanti;

(b) spjegatx liema miżuri ttieħdu biex itaffu l-ostakli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-kodiċi tan-network jew tal-linja gwida rilevanti;

(c) urietx li d-deroga mhix detrimentali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass naturali, jew tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.

Id-deroga għandha tkun limitata għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li ma jistgħux jiġu implimentati b'mod effettiv u għandha tingħata għal perijodu ta' żmien limitat.

Artikolu 71

Stabbiliment ta' kodiċijiet tan-network għall-gass naturali

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi kodiċijiet tan-network fl-oqsma li ġejjin:

(a) regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà tan-network, inkluż regoli għas-sigurtà operazzjonali tan-network u regoli dwar l-affidabbiltà li jiżguraw il-kwalità tas-servizz tan-network;

(b) regoli dwar il-konnessjoni tan-network, inkluż regoli dwar il-konnessjoni ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-gass rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, u proċeduri għal talbiet ta' konnessjoni;

(c) proċeduri operazzjonali f'każ ta' emerġenza, inkluż pjanijiet ta' difiża tas-sistema, pjanijiet ta' restawr, interazzjonijiet tas-swieq, skambju tal-informazzjoni u għodod tal-komunikazzjoni, u faċilitajiet;

(d) regoli dwar il-kummerċ relatati mal-provvista teknika u operazzjonali ta' servizzi ta' aċċess għan-network u l-ibbilanċjar tas-sistema;

(e) l-effiċjenza enerġetika tan-networks u l-komponenti tal-gass naturali kif ukoll l-effiċjenza enerġetika fir-rigward tal-ippjanar tan-network u l-investimenti li jabilitaw l-aktar soluzzjoni effiċjenti fl-enerġija minn perspettiva ta' sistema;

(f) l-aspetti taċ-ċibersigurtà għall-flussi transfruntieri tal-gass naturali, inkluż regoli dwar ir-rekwiżiti minimi komuni, l-ippjanar, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kodiċijiet tan-network fl-oqsma li ġejjin:

(a) regoli dwar l-interoperabbiltà għas-sistema tal-gass naturali, li jimplimentaw l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 10, 39 u 44 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], inkluż l-indirizzar ta' ftehimiet ta' interkonnessjoni, regoli dwar il-kontroll tal-flussi u prinċipji tal-kejl għall-kwantità tal-gass naturali u l-kwalità tal-gass, regoli dwar l-allokazzjoni u t-tqabbil, settijiet komuni ta' unitajiet, skambju tad-data, kwalità tal-gass, inkluż regoli dwar il-ġestjoni tar-restrizzjonijiet transfruntieri minħabba differenzi fil-kwalità tal-gass jew minħabba differenzi fil-prattiki ta' odorizzazzjoni jew minħabba differenzi fil-volum tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali, analiżi tal-kostbenefiċċji għat-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-flussi transfruntieri, klassifikazzjoni tal-Indiċi Wobbe, miżuri ta' mitigazzjoni, livelli minimi ta' aċċettazzjoni għall-parametri tal-kwalità tal-gass rilevanti biex ikun żgurat fluss transfruntier bla xkiel tal-bijometan, pereżempju l-kontenut tal-ossiġenu, il-monitoraġġ tal-kwalità tal-gass fi żmien qasir u fit-tul, l-għoti tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fost il-parteċipanti rilevanti fis-suq, ir-rapportar dwar il-kwalità tal-gass, it-trasparenza, il-proċeduri ta' komunikazzjoni inkluż fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(b) regoli dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni li jimplimentaw l-Artikoli 8 sa 11 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 31 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], inkluż regoli dwar il-kooperazzjoni fuq il-proċeduri ta' manutenzjoni u kalkolu tal-kapaċità li jaffettwaw l-allokazzjoni tal-kapaċità, l-istandardizzazzjoni ta' prodotti u unitajiet tal-kapaċità inkluż ir-raggruppament, il-metodoloġija tal-allokazzjoni inkluż algoritmi tal-irkant, is-sekwenza u l-proċedura għall-kapaċità eżistenti, inkrimentali, kostanti u interruttibbli, il-pjattaformi ta' prenotazzjoni tal-kapaċità, skemi ta' sottoskrizzjoni żejda u xiri lura, skemi ta' użu jew telf għal perijodu qasir u għal perijodu fit-tul jew xi skema oħra ta' ġestjoni tal-konġestjoni li tevita l-ikkapparrar tal-kapaċità;

(c) regoli dwar l-ibbilanċjar, inkluż regoli relatati man-network dwar il-proċedura tan-nominazzjoni, regoli dwar l-imposti tal-iżbilanċ, il-proċessi ta' ssetiljar assoċjati mal-imposta tal-iżbilanċ ta' kuljum u regoli dwar l-ibbilanċjar operazzjonali bejn is-sistemi tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni li jimplimentaw l-Artikoli 8 sa 11 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 39(5) tad-Direttiva (UE) 2024/...+;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(d) regoli dwar strutturi tariffarji armonizzati ta' trażmissjoni li jimplimentaw l-Artikoli 17 u 18 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 78(7) tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], inkluż regoli dwar l-applikazzjoni ta' metodoloġija tal-prezz ta' referenza, ir-rekwiżiti assoċjati ta' konsultazzjoni u ta' pubblikazzjoni inkluż għad-dħul permess jew immirat u l-kalkolu tal-prezzijiet ta' riżerva għall-prodotti ta' kapaċità standard, skontijiet għat-terminal u l-ħażna tal-LNG, il-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-għoti ta' skont għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, inkluż prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' kumpens għall-operaturi tas-sistemi ta' intertrażmissjoni skont l-Artikolu 17(4) u l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, meta applikabbli;

(e) regoli għad-determinazzjoni tal-valur tal-assi trasferiti u l-imposta dedikata.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 81(3).

3. Kull tliet snin u wara konsultazzjoni mal-ACER, mal-ENTSO tal-Gass, mal-ENNOH, mal-entità tal-UE għad-DSO u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' prijoritajiet li tidentifika l-oqsma stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li jridu jiġu inklużi fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network.

Jekk is-suġġett tal-kodiċi tan-network ikun relatat direttament mal-operazzjoni tas-sistema ta' distribuzzjoni u ma jkunx rilevanti primarjament għas-sistema ta' trażmissjoni, il-Kummissjoni tista' titlob lill-entità tal-UE għad-DSO, b'kooperazzjoni mal-ENTSO tal-Gass, biex tlaqqa' kumitat għall-abbozzar u tippreżenta proposta għal kodiċi tan-network lill-ACER.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

4. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-ACER biex fi żmien raġonevoli li ma jaqbiżx sitt xhur minn meta tirċievi t-talba tal-Kummissjoni, tippreżentalha linji gwida qafas mhux vinkolanti li jistabbilixxu prinċipji ċari u oġġettivi għall-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network relatati mal-oqsma identifikati fil-lista ta' prijoritajiet. It-talba tal-Kummissjoni tista' tinkludi kundizzjonijiet li għandhom jiġu indirizzati mil-linji gwida qafas. Dawk il-linji gwida qafas għandhhom jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament tajjeb tas-suq. Meta ssir it-talba motivata tal-ACER, il-Kummissjoni tista' testendi l-perijodu għall-preżentazzjoni tal-linji gwida qafas.

5. L-ACER għandha tikkonsulta lill-ENTSO tal-Gass, lill-ENNOH, lill-entità tal-UE għad-DSO u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra dwar il-linji gwida qafas, għal perijodu ta' mhux inqas minn xahrejn, b'mod miftuħ u trasparenti.

6. Meta tintalab tagħmel dan skont il-paragrafu 4, l-ACER għandha tippreżenta linji gwida qafas lill-Kummissjoni.

7. Jekk il-Kummissjoni jkun jidhrilha li l-linji gwida qafas ma jikkontribwixxux għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament tajjeb tas-suq, din tista' titlob lill-ACER biex twettaq rieżami tal-linji gwida qafas fi żmien raġonevoli u terġa' tippreżentahom lill-Kummissjoni.

8. Jekk l-ACER tonqos milli tippreżenta jew milli tippreżenta mill-ġdid il-linji gwida qafas fiż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafi 4 jew 7, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-linji gwida qafas ikkonċernati.

9. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-ENTSO tal-Gass, jew lill-entità tal-UE għad-DSO b'kooperazzjoni mal-ENTSO tal-Gass meta previst fil-lista ta' prijoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3, biex fi żmien raġonevoli sa 12-il xahar minn meta jirċievi t-talba tal-Kummissjoni jippreżenta proposta lill-ACER għal kodiċi tan-network skont il-linji gwida qafas rilevanti.

10. L-ENTSO tal-Gass, jew l-entità tal-UE għad-DSO b'kooperazzjoni mal-ENTSO tal-Gass meta previst fil-lista ta' prijoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3, għandu jlaqqa' kumitat għall-abbozzar biex jassisti dan fil-proċess tal-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network. Il-kumitat għall-abbozzar għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-ACER, tal-ENTSO tal-Gass, tal-ENNOH, meta xieraq tal-entità tal-UE għad-DSO, u minn għadd limitat tal-partijiet ikkonċernati affettwati ewlenin. L-ENTSO tal-Gass, jew l-entità tal-UE għad-DSO b'kooperazzjoni mal-ENTSO tal-Gass meta previst fil-lista ta' prijoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3, għandu jiżviluppa proposti għal kodiċijiet tan-network fl-oqsma msemmija fil-paragrafi 1 u 2 meta jintalab jagħmel hekk mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 9.

11. L-ACER għandha tirrevedi l-proposta għal kodiċi tan-network propost biex tiżgura dan ikun jikkonforma mal-linji gwida qafas rilevanti u li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament tajjeb tas-suq u, għandha tippreżenta l-kodiċi tan-network rivedut lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-proposta. Fil-proposta ppreżentata lill-Kummissjoni, l-ACER għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet kollha involuti fl-abbozzar tal-proposta għal kodiċi tan-network immexxija mill-ENTSO tal-Gass jew mill-entità tal-UE għad-DSO, u għandha tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-verżjoni riveduta tal-proposta għal kodiċi tan-network li jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni.

12. Meta l-ENTSO tal-Gass jew l-entità tal-UE għad-DSO jkunu naqsu milli jiżviluppaw kodiċi tan-network fiż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 9, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ACER biex tħejji abbozz ta' kodiċi tan-network abbażi tal-linji gwida qafas rilevanti. L-ACER tista' tniedi konsultazzjoni ulterjuri bil-għan li jitħejja abbozz ta' kodiċi tan-network skont dan il-paragrafu. L-ACER għandha tippreżenta abbozz ta' kodiċi tan-network lill-Kummissjoni mħejji skont dan il-paragrafu, u tista' tirrakkomanda li dan jiġi adottat.

13. Meta l-ENTSO tal-Gass jew l-entità tal-UE għad-DSO jkunu naqsu milli jiżviluppaw kodiċi tan-network, jew l-ACER tonqos milli tiżviluppa abbozz ta' kodiċi tan-network kif imsemmi fil-paragrafu 12, il-Kummissjoni tista',fuq inizjattiva tagħha stess, jew wara proposta mill-ACER skont il-paragrafu 11, tadotta kodiċi tan-network wieħed jew aktar fl-oqsma elenkati fil-paragrafi 1 u 2.

14. Meta l-Kummissjoni tieħu l-inizjattiva hija stess u tipproponi l-adozzjoni ta' kodiċi tan-network kif imsemmi fil-paragrafu 13, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-ACER, lill-ENTSO tal-Gass u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar l-abbozz tal-kodiċi tan-network għal perjodu ta' mhux inqas minn xahrejn.

15. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li tadotta u temenda l-linji gwida kif stabbilit fl-Artikolu 74. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-ENTSO tal-Gass jiżviluppa gwida mhux vinkolanti fl-oqsma stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu meta din il-gwida ma tkunx relatata mal-oqsma koperti minn talba indirizzata lill-ENTSO tal-Gass mill-Kummissjoni. L-ENTSO tal-Gass għandu jippreżenta kwalunkwe gwida bħal din lill-ACER għal opinjoni u għandu jqis dik l-opinjoni kif xieraq.

Artikolu 72

Stabbiliment ta' kodiċijiet tan-network għall-idroġenu

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi kodiċijiet tan-network fl-oqsma li ġejjin:

   (a) l-effiċjenza enerġetika rigward in-networks u l-komponenti tal-idroġenu kif ukoll l-effiċjenza enerġetika rigward l-ippjanar tan-network u l-investimenti li jabilitaw l-aktar soluzzjoni effiċjenti fl-enerġija minn perspettiva ta' sistema;

   (b) ir-regoli dwar l-interoperabbiltà għan-network tal-idroġenu, inkluż l-indirizzar tal-ftehimiet ta' interkonnessjoni, l-unitajiet, l-iskambju tad-*data*, it-trasparenza, il-komunikazzjoni, l-għoti tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fost il-parteċipanti rilevanti fis-suq kif ukoll il-kwalità tal-idroġenu, inkluż speċifikazzjonijiet komuni f'punti ta' interkonnessjoni u standardizzazzjoni, odorizzazzjoni, analiżijiet tal-kostbenefiċċji għat-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-flussi transfruntieri minħabba differenzi fil-kwalità tal-idroġenu, u r-rapportar dwar il-kwalità tal-idroġenu;

   (c) regoli għas-sistema ta' kumpens finanzjarju għall-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu msemmija fl-Artikolu 59 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];

[+] OJ: Please insert in the text the number of the Directive contained in document PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(d) regoli dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni, inkluż regoli dwar il-kooperazzjoni fuq il-proċeduri ta' manutenzjoni u kalkolu tal-kapaċità li jaffettwaw l-allokazzjoni tal-kapaċità, l-istandardizzazzjoni ta' prodotti u unitajiet tal-kapaċità inkluż ir-raggruppament, il-metodoloġija tal-allokazzjoni inkluż algoritmi tal-irkant, is-sekwenza u l-proċedura għall-kapaċità eżistenti, inkrimentali, kostanti u interruttibbli, il-pjattaformi ta' prenotazzjoni tal-kapaċità, skemi ta' sottoskrizzjoni żejda u xiri lura, skemi ta' użu jew telf għal perijodu qasir u għal perijodu fit-tul jew xi skema oħra ta' ġestjoni tal-konġestjoni li tevita l-ikkapparrar tal-kapaċità;

(e) regoli dwar l-istrutturi tariffarji armonizzati tal-aċċess għan-network tal-idroġenu, inkluż għal tariffi f'punti ta' interkonnessjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7(8), regoli dwar l-applikazzjoni ta' metodoloġija tal-prezz ta' referenza, ir-rekwiżiti assoċjati ta' konsultazzjoni u ta' pubblikazzjoni inkluż għal dħul permess jew immirat, u l-kalkolu tal-prezzijiet ta' riżerva għall-prodotti ta' kapaċità standard u d-dħul permess;

(f) regoli għad-determinazzjoni tal-valur tal-assi trasferiti u l-imposta dedikata;

(g) regoli għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni intertemporali tal-ispejjeż;

(h) regoli dwar l-ibbilanċjar, inkluż regoli relatati man-network dwar il-proċedura tan-nominazzjoni, regoli dwar l-imposti tal-iżbilanċ u regoli dwar l-ibbilanċjar operazzjonali bejn in-networks tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu, l-imposti tal-iżbilanċ, il-proċessi ta' ssetiljar assoċjati mal-imposta tal-iżbilanċ ta' kuljum u l-ibbilanċjar operazzjonali bejn in-networks tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu;

(i) l-aspetti taċ-ċibersigurtà għall-flussi transfruntieri tal-idroġenu, inkluż regoli dwar ir-rekwiżiti minimi komuni, l-ippjanar, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kodiċijiet tan-network fil-qasam tar-regoli ta' trasparenza li jimplimentaw l-Artikolu 66, inkluż aktar dettalji dwar il-kontenut, il-frekwenza u l-forma tal-għoti tal-informazzjoni mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu u billi timplimenta l-punt 4 tal-Anness I, inkluż dettalji dwar il-format u l-kontenut tal-informazzjoni meħtieġa għall-utenti tan-networks għal aċċess effettiv għan-network, l-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata fil-punti rilevanti, u dettalji dwar l-iskedi taż-żmien.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 81(2).

3. Kull tliet snin u wara konsultazzjoni mal-ACER, mal-ENNOH u, meta rilevanti, mal-ENTSO tal-Gass jew mal-entità tal-UE għad-DSO, kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' prijoritajiet li tidentifika l-oqsma stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu li jridu jiġu inklużi fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ewwel lista ta' prijoritajiet għall-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network tal-idroġenu fi żmien sena mill-istabbiliment tal-ENNOH kif stabbilit fl-Artikolu 57.

4. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-ACER biex fi żmien raġonevoli li ma jaqbiżx sitt xhur minn meta tirċievi t-talba tal-Kummissjoni tippreżentalha linji gwida qafas mhux vinkolanti li jistabbilixxu prinċipji ċari u oġġettivi għall-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network relatati mal-oqsma identifikati fil-lista ta' prijoritajiet. It-talba tal-Kummissjoni tista' tinkludi kundizzjonijiet li għandhom jiġu indirizzati mil-linji gwida qafas. Dawk il-linji gwida qafas għandhom jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament adatt tas-suq. Meta ssir talba motivata tal-ACER, il-Kummissjoni tista' testendi l-perijodu għall-preżentazzjoni tal-linji gwida qafas.

5. L-ACER għandha tikkonsulta lill-ENNOH u, meta rilevanti, lill-ENTSO tal-Gass, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra dwar il-linji gwida qafas, għal perijodu ta' mhux inqas minn xahrejn, b'mod miftuħ u trasparenti.

6. Meta tintalab tagħmel dan skont il-paragrafu 4, l-ACER għandha tippreżenta linji gwida qafas lill-Kummissjoni.

7. Jekk il-Kummissjoni jkun jidhrilha li l-linji gwida qafas ma jikkontribwixxux għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament tajjeb tas-suq, din tista' titlob lill-ACER biex twettaq rieżami tal-linji gwida qafas fi żmien raġonevoli u terġa' tippreżentahom lill-Kummissjoni.

8. Jekk l-ACER tonqos milli tippreżenta jew milli tippreżenta mill-ġdid il-linji gwida qafas fiż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafi 4 jew 7, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-linji gwida qafas ikkonċernati.

9. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-ENNOH biex fi żmien raġonevoli li ma jaqbiżx 12-il xahar minn meta jirċievi t-talba tal-Kummissjoni, jippreżenta lill-ACER proposta għal kodiċi tan-network f'konformità mal-linji gwida qafas rilevanti.

10. L-ENNOH għandu jlaqqa' kumitat għall-abbozzar biex jassistih fil-proċess tal-iżvilupp tal-kodiċi tan-network. Il-kumitat għall-abbozzar għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-ACER, tal-ENTSO tal-Gass, tal-ENTSO tal-Elettriku, u meta xieraq, tal-entità tal-UE għad-DSO, u minn għadd limitat tal-partijiet ikkonċernati affettwati ewlenin. L-ENNOH għandu jiżviluppa proposti għal kodiċijiet tan-network fl-oqsma msemmija fil-paragrafi 1 u 2 meta jintalab jagħmel hekk mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 9.

11. L-ACER għandha tirrevedi l-proposta għal kodiċi tan-network biex tiżgura li dan jikkonforma mal-linji gwida qafas rilevanti u li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament tajjeb tas-suq u għandha tippreżenta l-kodiċi tan-network rivedut lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-proposta. Fil-proposta ppreżentat lill-Kummissjoni, l-ACER għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet involuti kollha fl-abbozzar tal-proposta għal kodiċi tan-network immexxija mill-ENNOH u għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-verżjoni riveduta tal-proposta għal kodiċi tan-network li trid tippreżenta lill-Kummissjoni.

12. Meta l-ENNOH jonqos milli żviluppa kodiċi tan-network fiż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 9, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ACER biex tfassal abbozz ta' kodiċi tan-network abbażi tal-linji gwida qafas rilevanti. L-ACER tista' tniedi aktar konsultazzjoni għall-finijiet tat-tħejjija ta' abbozz ta' kodiċi tan-network skont dan il-paragrafu. L-ACER għandha tippreżenta abbozz ta' kodiċi tan-network lill-Kummissjoni mħejji skont dan il-paragrafu, u tista' tirrakkomanda li dan jiġi adottat.

13. Meta l-ENNOH jonqos milli jiżviluppa kodiċi tan-network, jew l-ACER tonqos milli tiżviluppa abbozz ta' kodiċi tan-network kif imsemmi fil-paragrafu 12, il-Kummissjoni tista' tieħu l-inizjattiva hija stess, jew wara proposta mill-ACER skont il-paragrafu 11, u tadotta kodiċi tan-network wieħed jew aktar fl-oqsma elenkati fil-paragrafi 1 u 2.

14. Meta l-Kummissjoni tieħu l-inizjattiva hija stess u tipproponi l-adozzjoni ta' kodiċi tan-network kif imsemmi fil-paragrafu 13, hija għandha tikkonsulta lill-ACER, lill-ENNOH, lill-ENTSO tal-Gass u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar l-abbozz tal-kodiċi tan-network għal perijodu ta' mhux inqas minn xahrejn.

15. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li tadotta u temenda l-linji gwida kif stabbilit fl-Artikolu 74. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-ENNOH jiżviluppa gwida mhux vinkolanti fl-oqsma stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu meta dik il-gwida ma tkunx relatata mal-oqsma koperti minn talba indirizzata lill-ENNOH mill-Kummissjoni. L-ENNOH għandu jippreżenta kwalunkwe gwida bħal din lill-ACER għal opinjoni u għandu jqis dik l-opinjoni kif xieraq.

Artikolu 73

Emendi għall-kodiċijiet tan-network

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa temenda l-kodiċijiet tan-network fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 71(1) u (2) u fl-Artikolu 72(1) u (2) f'konformità mal-proċedura rilevanti stabbilita f'dawk l-Artikoli.

2. Il-persuni li aktarx ikollhom interess f'xi kodiċi tan-network adottat skont l-Artikoli 70, 71, 72 u dan l-Artikolu, inkluż l-ENTSO tal-Gass, l-ENNOH, l-entità tal-UE għad-DSO, l-awtoritajiet regolatorji, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, l-utenti tas-sistema u l-konsumaturi, jistgħu jipproponu abbozzi ta' emendi għal dak il-kodiċi tan-network lill-ACER. L-ACER tista' wkoll tipproponi emendi fuq l-inizjattiva tagħha stess.

3. L-ACER tista' tagħmel proposti motivati lill-Kummissjoni għal emendi, u tispjega kif dawn il-proposti huma konsistenti mal-objettivi tal-kodiċijiet tan-network stabbiliti fl-Artikolu 70 ta' dan ir-Regolament. Meta jidhrilha li xi proposta għal emenda hija aċċettabbli, u meta tieħu l-inizjattiva hija stess u tipproponi emendi, l-ACER għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/942.

L-Artikolu 74

Linji gwida

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta linji gwida vinkolanti fl-oqsma elenkati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta linji gwida fl-oqsma fejn atti bħal dawn jistgħu jiġu żviluppati wkoll skont il-proċedura tal-kodiċijiet tan-network f'konformità mal-Artikoli 71 u 72. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati fil-forma ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni, skont l-għoti tas-setgħa rilevanti previst f'dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi linji gwida fl-oqsma li ġejjin:

(a) dettalji dwar is-servizzi tal-aċċess ta' partijiet terzi inkluż il-karattru, id-durata u r-rekwiżiti oħrajn ta' dawn is-servizzi, skont l-Artikoli 6, 7 u 8;

(b) dettalji dwar il-prinċipji sottostanti għall-mekkaniżmi ta' allokazzjoni ta' kapaċità u dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri għall-amministrazzjoni ta' konġestjoni f'każ ta' konġestjoni kuntrattwali, f'konformità mal-Artikoli 10 u 11;

(c) dettalji dwar l-għoti ta' informazzjoni, id-definizzjoni ta' informazzjoni teknika meħtieġa għall-utenti tan-network biex jiksbu aċċess effettiv għas-sistema u d-definizzjoni tal-punti rilevanti kollha għar-rekwiżiti tat-trasparenza, inkluża l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikat fil-punti rilevanti kollha flimkien mal-iskeda taż-żmien għall-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 33 u 34;

(d) dettalji dwar il-metodoloġija tariffarja relatata mal-kummerċ transfruntier tal-gass naturali, f'konformità mal-Artikoli 17 u 18.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 biex temenda l-linji gwida stabbiliti fl-Anness I, bil-ħsieb li jiġu speċifikati:

(a) id-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata dwar il-metodoloġija użata biex jiġi stabbilit id-dħul regolat tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjonioperatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, f'konformità mal-Artikoli 33 u 34;

(b) id-dettalji tal-prinċipji tal-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċità u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-konġestjoni li jimplimentaw l-Artikoli 10 u 11;

(c) id-dettalji tal-informazzjoni teknika meħtieġa għall-utenti tan-network biex jiksbu aċċess effettiv għas-sistema tal-gass naturali fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 33(1);

(d) id-dettalji tad-definizzjoni tal-punti rilevanti kollha, l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata u l-iskeda ta' żmien għar-rekwiżiti ta' trasparenza li jimplimentaw l-Artikolu 33;

(e) id-dettalji tal-format u l-kontenut tal-informazzjoni teknika dwar l-aċċess għan-network li għandha tiġi ppubblikata mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu li jimplimentaw l-Artikolu 66.

5. Meta temenda l-linji gwida, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta:

(a) lill-ACER, l-ENTSO tal-Gass u l-entità tal-UE għad-DSO u, meta rilevanti, partijiet ikkonċernati oħra għal-linji gwida li jikkonċernaw il-gass naturali;

(b) lill-ACER, l-ENNOH u lill-entità tal-UE għad-DSO u, meta rilevanti, partijiet ikkonċernati oħra għal-linji gwida li jikkonċernaw l-idroġenu.

Artikolu 75

Dritt tal-Istati Membri li jipprovdu għal miżuri aktar dettaljati

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu miżuri li jinkludu dispożizzjonijiet iktar dettaljati minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, fil-linji gwida msemmija fl-Artikolu 74 jew fil-kodiċijiet tan-network imsemmija fl-Artikoli 70 sa 73, dment li dawk il-miżuri jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 76

Għoti ta' informazzjoni u kunfidenzjalità

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-infurzar ta' dan ir-Regolament, inklużi l-linji gwida u l-kodiċijiet tan-network adottati skont dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tiffissa żmien raġonevoli sa meta l-informazzjoni għandha tkun provduta, filwaqt li titqies il-kumplessità u l-urġenza tal-informazzjoni meħtieġa.

3. Jekk l-Istat Membru jew l-awtorità regolatorja kkonċernata ma jipprovdux l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-limitu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni tista' titlob l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-fini ta' infurzar ta' dan ir-Regolament direttament lill-impriżi kkonċernati.

   Meta tibgħat talba għall-informazzjoni lil impriża, il-Kummissjoni għandha, fl-istess ħin, tibgħat kopja tat-talba lill-Istat Membru jew lill-awtorità regolatorja kkonċernata tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinsab is-sede tal-impriża.

4. Fit-talba tagħha għall-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddikjara l-bażi ġuridika tat-talba, il-limitu ta' żmien sa meta trid tingħata l-informazzjoni, l-għan tat-talba, u l-penali previsti fl-Artikolu 77(2) għall-għoti ta' informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa.

5. Is-sidien tal-impriżi jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi, il-persuni fiżiċi awtorizzati li jirrappreżentaw lill-impriża legalment jew bl-istrument ta' inkorporazzjoni tagħhom, għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba. Meta jiġu awtorizzati avukati biex jipprovdu l-informazzjoni f'isem il-klijent tagħhom, il-klijent għandu jibqa' responsabbli għalkollox f'każ li l-informazzjoni mogħtija tkun inkompleta, skorretta jew qarrieqa.

6. Meta impriża ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba sal-limitu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni jew tipprovdi informazzjoni inkompleta, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li teżiġi l-għoti tal-informazzjoni. Dik id-deċiżjoni għandha tispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa u tistabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli sa meta trid tingħata. Għandha tindika l-penali previsti fl-Artikolu 77(2). Għandha wkoll tindika d-dritt ta' rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

   Il-Kummissjoni għandha, fl-istess ħin, tibgħat kopja tad-deċiżjoni tagħha lill-Istat Membru fejn tkun tinsab ir-residenza tal-persuna jew is-sede tal-impriża jew l-awtorità regolatorja ta' dak l-Istat Membru.

7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tintuża biss għall-fini ta' infurzar ta' dan ir-Regolament.

   Il-Kummissjoni ma għandhiex tiżvela informazzjoni miksuba skont dan ir-Regolament meta dik l-informazzjoni tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

Artikolu 77

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament, il-kodiċi tan-network u l-linji gwida adottati skont l-Artikoli 70 sa 74 u l-linji gwida stabbiliti fl-Anness I u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li huma implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

2. Il-Kummissjoni tista', b'deċiżjoni, timponi multi fuq impriżi sa mhux aktar minn 1 % tal-fatturat totali fis-sena finanzjarja preċedenti meta, bi ħsieb jew b'negliġenza, dawk l-impriżi jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bħala tweġiba għat-talba għal informazzjoni li ssir skont l-Artikolu 76(4) jew meta jonqsu milli jagħtu informazzjoni sal-limitu ta' żmien stabbilit b'deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 76(6), l-ewwel subparagrafu. Meta tiffissa tal-ammont ta' multa, il-Kummissjoni għandha tqis il-gravità tan-nuqqas ta' konformità tal-impriża mal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida adottati skont l-Artikoli 70 sa 74 u l-linji gwida stabbiliti fl-Annessr-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-penali previsti skont il-paragrafu 1 u kull deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 2 ma għandux ikollhom natura ta' liġi kriminali.

Kapitolu V
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 78

Infrastruttura ġdida tal-gass naturali u tal-idroġenu

1. Meta jintalab, infrastruttura maġġuri ġdida tal-gass naturali, jiġifieri interkonnetturi, faċilitajiet tal-LNG u tal-ħażna tal-gass naturali, tista' tiġi eżentata għal perijodu stabbilit, mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra l-Artikolu 34(5) u (6), u mill-applikazzjoni tal-Artikolu 31(1), l-Artikolu 32, l-Artikolu 33, l-Artikolu 60, l-Artikolu 78(7) u (9) u l-Artikolu 79(1) tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

   Meta jintalab, infrastruttura maġġuri ġdida tal-idroġenu, jiġifieri interkonnetturi, terminals tal-idroġenu u faċilitajiet tal-ħażna tal-idroġenu taħt l-art, tista' tiġi eżentata għal perijodu stabbilit, mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra l-Artikolu 34(5) u (6), u mill-applikazzjoni tal-Artikoli 35, 36, 37 u 68 tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

   Kwalunkwe tali eżenzjoni għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) l-investiment jeħtieġ isaħħaħ il-kompetizzjoni fil-provvista tal-gass naturali jew tal-idroġenu u jtejjeb is-sigurtà tal-provvista;

   (b) l-investiment jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni u l-kisba tal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija u ġie deċiż bl-applikazzjoni tal-prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(c) il-livell tar-riskju relatat mal-investiment jeħtieġ ikun tali li l-investiment ma jsirx jekk ma tingħatax eżenzjoni;

(d) l-infrastruttura għandha tkun il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika li hija separata, għall-inqas mil-lat ta' forma ġuridika tagħha, mill-operaturi tas-sistemi li fis-sistemi tagħhom tkun se tinbena dik l-infrastruttura;

(e) l-imposti jiġu imposti fuq l-utenti ta' dik l-infrastruttura;

(f) l-eżenzjoni jeħtieġ ma tkunx detrimentali għall-kompetizzjoni fis-swieq rilevanti li aktarx jiġu affettwati mill-investiment, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern integrat għall-gass naturali jew għall-idroġenu, għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi regolati kkonċernati, għad-dekarbonizzazzjoni, jew għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

(g) l-infrastruttura ma tkunx irċeviet assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħol fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40].

Il-kundizzjonijiet imsemmija fit-tielet subparagrafu għandhom jiġu vvalutati filwaqt li jitqies il-prinċipju tas-solidarjetà enerġetika. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu s-sitwazzjoni fi Stati Membri oħra affettwati u jibbilanċjaw l-effetti negattivi possibbli mal-effetti ta' benefiċċju għat-territorju tiegħu.

40 Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għal żidiet sinifikanti fil-kapaċità tal-infrastrutturi eżistenti u għal modifiki ta' tali infrastrutturi li jippermettu l-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' provvista ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.

3. L-awtorità regolatorja tista', skont il-każ, tiddeċiedi fuq l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, l-awtorità regolatorja, jew, meta xieraq, awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru kkonċernat, għandhom jikkonsultaw:

(a) lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri li s-swieq tagħhom aktarx jiġu affettwati mill-infrastruttura l-ġdida; kif ukoll

(b) lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi, meta l-infrastruttura kkonċernata tkun konnessa man-network tal-Unjoni fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u toriġina minn jew tintemm f'pajjiż terz wieħed jew aktar.

Meta l-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonsultati ma jwieġbux għall-konsultazzjoni f'perijodu ta' żmien raġonevoli jew sa skadenza stabbilita li ma taqbiżx it-tliet xhur, l-awtorità regolatorja kkonċernata tista' tadotta d-deċiżjoni meħtieġa.

4. Meta l-infrastruttura kkonċernata tkun tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-ACER tista' tippreżenta opinjoni konsultattiva lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri kkonċernati fi żmien xahrejn mid-data meta t-talba għal eżenzjoni tasal għand l-aħħar waħda minn dawk l-awtoritajiet regolatorji. Tali opinjoni konsultattiva tista' tintuża bħala bażi għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet regolatorji.

Meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati kollha jaqblu fuq it-talba għal eżenzjoni fi żmien sitt xhur mid-data meta tasal għand l-aħħar waħda mill-awtoritajiet regolatorji, dawn għandhom jinfurmaw lill-ACER dwar id-deċiżjoni tagħhom. Meta l-infrastruttura kkonċernata tkun linja ta' trażmissjoni bejn Stat Membru u pajjiż terz, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, l-awtorità regolatorja, jew, meta xieraq, xi awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-ewwel punt ta' interkonnessjoni man-network tal-Istati Membri, jistgħu jikkonsultaw lill-awtorità rilevanti ta' dak il-pajjiż terz biex, fir-rigward tal-infrastruttura kkonċernata, jiżguraw li dan ir-Regolament qed jiġi applikat b'mod konsistenti fit-territorju u, meta applikabbli, fil-baħar territorjali ta' dak l-Istat Membru. Meta l-awtorità tal-pajjiż terz ikkonsultata ma tweġibx għall-konsultazzjoni f'perijodu ta' żmien raġonevoli jew sa skadenza stabbilita li ma taqbiżx it-tliet xhur, l-awtorità regolatorja kkonċernata tista' tadotta d-deċiżjoni meħtieġa.

L-ACER għandha, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/942, teżerċita l-kompiti kkonferiti lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri kkonċernati skont dan l-Artikolu:

(a) meta l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati kollha ma jilħqux ftehim fi żmien sitt xhur mid-data meta t-talba għal eżenzjoni tasal għand l-aħħar waħda minn dawk l-awtoritajiet regolatorji; jew

(b) meta ssir talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati.

L-awtoritajiet regolatorji kkonċernati kollha jistgħu jitolbu b'mod konġunt li l-perijodu msemmi fit-tielet subparagrafu, il-punt (a), jiġi estiż b'perijodu massimu ta' tliet xhur.

5. Qabel jadottaw deċiżjoni, l-ACER għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti u lill-applikanti.

6. Eżenzjoni tista' tkopri l-kapaċità kollha jew parti minnha tal-infrastruttura l-ġdida jew tal-infrastruttura eżistenti b'kapaċità miżjuda b'mod sinifikanti.

Meta tittieħed deċiżjoni li tingħata eżenzjoni, għandha titqies il-ħtieġa, skont il-każ, li jiġu imposti kundizzjonijiet dwar it-tul tal-perijodu tal-eżenzjoni u l-aċċess nondiskriminatorju għall-infrastruttura. Meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar dawk il-kundizzjonijiet, b'mod partikolari, għandhom jitqiesu l-kapaċità addizzjonali li trid tinbena jew il-modifika tal-kapaċità eżistenti, il-perijodu previst għall-proġett u ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

Qabel tagħti eżenzjoni, l-awtorità regolatorja għandha tiddeċiedi dwar ir-regoli u l-mekkaniżmi għall-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità. Ir-regoli għandhom jeżiġu li l-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura jintalbu jindikaw l-interess tagħhom fl-ikkuntrattar tal-kapaċità qabel ma tiġi allokata l-kapaċità fl-infrastruttura l-ġdida, inkluż għall-użu proprju. L-awtorità regolatorja għandha teżiġi li r-regoli għall-amministrazzjoni tal-konġestjoni jkunu jinkludu l-obbligu li l-kapaċità mhux użata tiġi offruta fis-suq, u għandha teżiġi li l-utenti tal-infrastruttura jkunu intitolati li jikkummerċjalizzaw il-kapaċitajiet kuntrattati tagħhom fis-suq sekondarju. Fil-valutazzjoni tagħha tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (c) u (f), l-awtorità regolatorja għandha tqis ir-riżultati ta' dik il-proċedura tal-allokazzjoni tal-kapaċità.

Id-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, inkluż kwalunkwe kundizzjoni minn dawk imsemmija fit-tieni subparagrafu, għandha tkun motivata u ppubblikata kif xieraq.

7. Meta tanalizza jekk infrastruttura ġdida maġġuri hix mistennija ttejjeb is-sigurtà tal-provvista skont il-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetentigħandha tikkunsidra sa liema punt l-infrastruttura l-ġdida mistennija ttejjeb il-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, fil-livell reġjonali u anki fil-livell nazzjonali.

8. Meta awtorità għajr l-awtorità regolatorja tkun kompetenti li tadotta deċiżjonijiet ta' eżenzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtorità regolatorja tagħhom jew l-ACER, skont il-każ, jissottomettu opinjoni dwar it-talba għal eżenzjoni lil dik l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni formali dwar l-eżenzjoni. Dik l-opinjoni għandha tiġi pubblikata flimkien mad-deċiżjoni.

9. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-Kummissjoni kopja ta' kull talba għal eżenzjoni mingħajr dewmien wara li taslilha. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika, mingħajr dewmien, il-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha. Dik l-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni b'format aggregat, biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta d-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni u għandu jkollha, b'mod partikolari:

   (a) ir-raġunijiet dettaljati għalfejn l-awtorità regolatorja, jew l-Istat Membru, taw jew ċaħdu l-eżenzjoni, flimkien ma' referenza għall-punt(i) rilevanti tal-paragrafu 1 li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li fuqhom dik id-deċiżjoni tkun ibbażata, inkluż l-informazzjoni finanzjarja li tiġġustifika l-ħtieġa tal-eżenzjoni;

   (b) l-analiżi li saret tal-effett fuq il-kompetizzjoni u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern li jirriżulta mill-għotja tal-eżenzjoni;

(c) ir-raġunijiet għat-tul tal-perijodu tal-eżenzjoni u s-sehem tal-kapaċità totali tal-infrastruttura li għalih tingħata l-eżenzjoni;

(d) jekk l-eżenzjoni tkun relatata ma' interkonnettur, ir-riżultat tal-konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji kkonċernati;

(e) il-kontribut tal-infrastruttura għad-diversifikazzjoni tal-provvista.

10. Fi żmien 50 jum tax-xogħol mill-għada li tasal in-notifika skont il-paragrafu 9, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li titlob lill-korpi notifikanti biex jemendaw jew jirtiraw id-deċiżjoni ta' għoti ta' eżenzjoni. Qabel ma tadotta d-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, il-Kummissjoni tista' titlob opinjoni tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] dwar jekk l-eżenzjoni tikkontribwixxix għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni fil-qasam tal-klima u tal-enerġija. Jekk il-Kummissjoni titlob iżjed informazzjoni, dak il-perijodu jista' jiġi estiż b'50 jum tax-xogħol ieħor. Il-perijodu addizzjonali għandu jibda mill-għada li tasal l-informazzjoni sħiħa. Il-perijodu inizjali jista' jiġi estiż ukoll bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-korpi notifikanti.

Meta l-informazzjoni mitluba ma tingħatax fiż-żmien stabbilit fit-talba, in-notifika għandha tiġi kkunsidrata bħala rtirata, għajr meta qabel jiskadi dak il-perijodu, il-perijodu jiġi estiż bil-kunsens tal-Kummissjoni u tal-awtorità regolatorja, jew għajr meta l-awtorità regolatorja tinforma lill-Kummissjoni bi stqarrija motivata kif xieraq li qed tqis in-notifika bħala waħda kompleta.

41 Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni fi żmien xahar u għandha tinforma lill-Kummissjoni kif xieraq.

Il-Kummissjoni għandha tħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Meta l-Kummissjoni tapprova deċiżjoni dwar eżenzjoni, dik l-approvazzjoni għandha titlef l-effett tagħha:

(a) wara sentejn mill-adozzjoni tagħha, meta l-infrastruttura tkun għadha ma bdietx tinbena;

(b) wara ħames snin mill-adozzjoni tagħha, meta l-infrastruttura ma tkunx operazzjonali f'dak il-perijodu, sakemm il-Kummissjoni ma tkunx iddeċidietx li kwalunkwe dewmien huwa dovut għal ostakli kbar li mhumiex fil-kontroll tal-persuna mogħtija l-eżenzjoni.

11. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 80 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi linji gwida għall-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għall-proċedura li trid tintuża għall-applikazzjoni tal-paragrafi 3, 6, 8 u 9 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 79

Derogi

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass naturali li jinsabu fl-Istati Membri għad-durata tad-derogi mogħtija skont l-Artikolu 86 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Artikolu 80

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14(5), fl-Artikolu 18(3), fl-Artikolu 31(3), fl-Artikolu 71(1), fl-Artikolu 72(1), fl-Artikolu 74(3) u (4) u fl-Artikolu 78(11) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat minn ... [mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14(5), fl-Artikolu 18(3), fl-Artikolu 31(3), fl-Artikolu 71(1), fl-Artikolu 72(1), fl-Artikolu 74(3) u (4) u fl-Artikolu 78(11) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14(5), l-Artikolu 18(3), l-Artikolu 31(3), l-Artikolu 71(1), l-Artikolu 72(1), l-Artikolu 74(3) jew (4) jew l-Artikolu 78(11) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 81

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 91 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Artikolu 82

Rieżami u rapportar

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament u għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, meta jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi.

2. Sa ... [ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni tista' tħejji rapport li jivvaluta kif tippermetti integrazzjoni aktar b'saħħitha tas-sistema u tisfrutta aktar sinerġiji fis-setturi tal-idroġenu, tal-elettriku u tal-gass naturali, inkluż il-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH, jew l-integrazzjoni tagħhom. Dak ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat, meta xieraq, minn proposti leġislattivi.

Artikolu 83

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1227/2011

Ir-Regolament (UE)Nru 1227/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punt (1)(b) u l-punti (4) u (5), fl-Artikolu 3(3) u (4), il-punt (c), fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 8(5), it-terminu "elettriku jew gass naturali" huwa sostitwit bit-terminu "elettriku, idroġenu jew gass naturali";

(2) fl-Artikolu 6(2), il-punti (a) u (b), it-terminu "swieq tal-elettriku u tal-gass" huwa sostitwit bit-terminu "swieq tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass naturali".

Artikolu 84

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/1938

Ir-Regolament (UE) 2017/1938 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet bil-għan li jissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni billi jiżguraw il-funzjonament tajjeb u kontinwu tas-suq intern għall-gass billi jippermetti l-implimentazzjoni ta' miżuri eċċezzjonali meta s-suq ma jibqax f'pożizzjoni li jikkonsenja l-provvisti tal-gass meħtieġa, inkluż miżura ta' solidarjetà bħala l-aħħar alternattiva, u billi jipprevedi d-definizzjoni u l-attribuzzjoni ċari tar-responsabbiltajiet fost l-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri u l-Unjoni rigward l-azzjoni preventiva u r-reazzjoni għal interruzzjonijiet konkreti tal-provvista tal-gass. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' trasparenza li jikkonċernaw, fi spirtu ta' solidarjetà, il-koordinazzjoni tal-ippjanar għall-emerġenzi fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni, u r-reazzjoni għalihom.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-punt (1);

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(32) "gass" tfisser gass naturali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2024/...[*+].

---

[*] Id-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli u tal-gass naturali u tal-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, ..., ELI: ...).";

[+] ĠU: Daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

(3) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sal-1 ta' Novembru 2026, l-ENTSOG għandu jwettaq simulazzjoni mal-Unjoni kollha ta' xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u tal-infrastruttura, inkluż xenarji ta' interruzzjoni fit-tul ta' sors uniku ta' provvista. Is-simulazzjoni għandha tinkludi l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kurituri tal-provvista tal-gass ta' emerġenza u għandha tidentifika wkoll liema Stati Membri jistgħu jindirizzaw ir-riskji identifikati, inkluż fir-rigward tal-ħażna tal-gass u tal-LNG kif ukoll xenarji li jeżaminaw l-impatt ta' tnaqqis fid-domanda għall-gass permezz ta' ffrankar tal-enerġija jew miżuri ta' effiċjenza enerġetika. Ix-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u tal-infrastruttura u l-metodoloġija tas-simulazzjoni għandhom jiġu definiti mill-ENTSOG f'kooperazzjoni mal-GCG. L-ENTSOG għandu jiżgura livell xieraq ta' trasparenza u aċċess għall-preżunzjonijiet tal-mudell tiegħu li jintużaw fix-xenarji tiegħu. Is-simulazzjoni mal-Unjoni kollha tax-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u fl-infrastruttura għandha tiġi ripetuta kull erba' snin sakemm iċ-ċirkostanzi ma jkunux jeħtieġu aġġornamenti aktar frekwenti.";

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) billi jitqiesu r-riskji marbuta mal-kontroll tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass sa fejn dawn jistgħu jinvolvu, fost l-oħrajn, riskji ta' sottoinvestiment, theddid għad-diversifikazzjoni, użu ħażin ta' infrastruttura eżistenti, inkluż l-ikkapparrar tal-kapaċitajiet tal-ħażna, jew ksur tad-dritt tal-Unjoni;";

(4) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa mħassar;

(b) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kapitoli reġjonali għandhom jinkludu miżuri transfruntieri xierqa u effettivi, inkluż fir-rigward tal-ħażna tal-gass u tal-LNG, soġġett għal ftehim bejn l-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri mill-istess gruppi ta' riskju jew minn gruppi ta' riskju differenti affettwati mill-miżura abbażi tas-simulazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) u l-valutazzjoni tar-riskju komuni.";

(5) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 8a
Miżuri dwar iċ-ċibersigurtà

1. Meta jistabbilixxu l-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-miżuri xierqa relatati maċ-ċibersigurtà.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli speċifiċi għas-settur tal-gass, għall-aspetti taċ-ċibersigurtà tal-flussi transfruntieri tal-gass, inkluż regoli dwar ir-rekwiżiti minimi komuni, l-ippjanar, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

3. Għall-fini li tabbozza l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib mal-Aġenzija, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), mal-ENTSOG u ma' għadd limitat ta' partijiet ikkonċernati affettwati ewlenin, kif ukoll ma' entitajiet b'kompetenzi eżistenti fiċ-ċibersigurtà, fil-mandat tagħhom, bħaċ-Ċentri ta' Operazzjoni għaċ-Ċibersigurtà (SOCs) rilevanti għall-entitajiet regolati, u l-iskwadri ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRTs), kif imsemmi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

---

* Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).";

(6) L-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) miżuri preventivi oħra mfassla biex jindirizzaw ir-riskji identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju bħal dawk relatati mal-ħtieġa li jissaħħu l-interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri ġirien, biex tkompli tiżdied l-effiċjenza enerġetika, biex ikun evitat l-ikkapparrar tal-kapaċità, biex tonqos id-domanda għall-gass, u l-possibbiltà li jiġu diversifikati r-rotot tal-gass u s-sorsi tal-provvista tal-gass u l-użu reġjonali tal-kapaċitajiet eżistenti tal-ħażna u tal-LNG, jekk ikun xieraq, biex tinżamm provvista tal-gass għall-klijenti kollha sa fejn possibbli;";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(l) informazzjoni dwar miżuri relatati maċ-ċibersigurtà, kif imsemmi fl-Artikolu 8a.";

(7) fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7a. B'deroga mill-Artikolu 6(1), (2) u (3), l-Artikolu 6b(1), it-tielet subparagrafu, il-punt (a), l-Artikolu 6c(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 10(1), il-punt (l), l-Istati Membri jistgħu, eċċezzjonalment, jiddeċiedu li jieħdu miżuri temporanji biex inaqqsu l-konsum tal-gass mhux essenzjali tal-klijenti protetti, b'mod partikolari meta jiġi ddikjarat wieħed mil-livelli ta' kriżi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni skont l-Artikolu 12. Tali miżuri temporanji għandhom ikunu limitati għall-konsum tal-gass mhux essenzjali u għandhom iqisu l-elementi li ġejjin:

(a) l-impatt ta' interruzzjoni fuq il-ktajjen tal-provvista kritiċi għas-soċjetà;

(b) l-impatti negattivi possibbli fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari fuq il-ktajjen tal-provvista tas-setturi downstream li huma kritiċi għas-soċjetà;

(c) il-ħsara potenzjali fit-tul lill-installazzjonijiet industrijali;

(d) il-possibbiltajiet għat-tnaqqis fil-konsum u għas-sostituzzjoni tal-prodotti fl-Unjoni.

Tali miżuri eċċezzjonali jistgħu jittieħdu biss wara valutazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet biex jiġu ddeterminati tali volumi mhux essenzjali ta' gass.

Bħala riżultat tal-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-tnaqqis tal-konsum tal-gass mhux essenzjali ta' klijenti vulnerabbli, kif definit mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2024/...[+], għandu jiġi evitat.";

(8) fl-Artikolu 12(6), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi żmien tlett ijiem min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandhom jimmodifikaw l-azzjoni tagħhom u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan il-fatt, jew għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għala ma jaqblux mat-talba. Fil-każ tal-aħħar, il-Kummissjoni tista', fi żmien tlett ijiem minn meta tiġi infurmata, temenda jew tirtira t-talba tagħha jew tiltaqa' mal-Istat Membru jew mal-awtorità kompetenti u, fejn il-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ, mal-GCG sabiex jikkunsidraw il-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-raġunijiet dettaljati tagħha għalfejn tkun talbet kwalunkwe modifika għall-azzjoni. L-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandhom jimmodifikaw l-azzjoni tagħhom jew jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw il-konformità mal-paragrafu 5 sa fejn ikun teknikament possibbli u sikur għall-integrità tas-sistema tal-gass. L-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati.";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(9) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Miżura ta' solidarjetà għandha tiġi kkunsidrata bħala l-aħħar alternattiva u għandha tapplika dment li l-Istat Membru rikjedenti:

(a) ikun iddikjara stat ta' emerġenza skont l-Artikolu 11;

(b) ma jkunx kapaċi jkopri n-nuqqas fil-provvista tal-gass lill-klijenti tiegħu protetti mis-solidarjetà minkejja l-applikazzjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 11(3) jew, meta Stat Membru jkun ħa miżuri temporanji biex inaqqas il-konsum mhux essenzjali tal-gass ta' klijenti protetti f'konformità mal-Artikolu 11(7a), il-volumi essenzjali tal-konsum tal-gass għall-klijenti protetti mis-solidarjetà tiegħu;

(c) ikun eżawrixxa l-miżuri kollha bbażati fuq is-suq (miżuri volontarji), il-miżuri kollha mhux ibbażati fuq is-suq (miżuri obbligatorji) u miżuri oħra li jinsabu fil-pjan ta' emerġenza tiegħu;

(d) ikun innotifika talba espliċita lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li magħhom huwa konness direttament jew skont il-paragrafu 2 permezz ta' pajjiż terz, akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-miżuri implimentati msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu.

3a. L-Istati Membri li huma obbligati jipprovdu solidarjetà skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu intitolati jnaqqsu mill-offerta ta' solidarjetà l-provvista għall-klijenti protetti mis-solidarjetà tagħhom jew, meta Stat Membru jkun ħa miżuri temporanji biex inaqqas il-konsum mhux essenzjali tal-gass ta' klijenti protetti skont l-Artikolu 11(7a), il-provvisti tal-volumi essenzjali ta' konsum tal-gass għall-klijenti protetti mis-solidarjetà tagħhom.

4. L-Istati Membri li jirċievu talba għal miżura ta' solidarjetà għandhom jagħmlu l-offerti abbażi ta' miżuri volontarji min-naħa tad-domanda sa fejn possibbli u għall-itwal żmien possibbli, qabel ma jirrikorru għal miżuri mhux ibbażati fuq is-suq.

Meta l-miżuri bbażati fuq is-suq ma jkunux biżżejjed għall-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà biex ikopri d-defiċit fil-provvista tal-gass lill-klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru rikjedenti, l-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà jista' jintroduċi miżuri mhux ibbażati fuq is-suq biex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

5. Jekk ikun hemm aktar minn Stat Membru wieħed li jista' jipprovdi s-solidarjetà lil Stat Membru rikjedenti, l-Istat Membru rikjedenti għandu, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri kollha li jeħtieġ jipprovdu s-solidarjetà, jistinka għall-aktar offerta vantaġġuża abbażi tal-kostijiet, il-veloċità tal-konsenja, l-affidabbiltà u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass. Meta l-offerti disponibbli bbażati fuq is-suq juru li mhumiex biżżejjed biex ikopru d-defiċit fil-provvista tal-gass lill-klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru rikjedenti jew, meta l-Istat Membru rikjedenti jkun ħa miżuri temporanji biex inaqqas il-konsum tal-gass mhux essenzjali ta' klijenti protetti f'konformità mal-Artikolu 11(7a), id-defiċit fil-provvista tal-gass tal-volumi essenzjali ta' konsum tal-gass lill-klijenti protetti mis-solidarjetà tiegħu, l-Istati Membri meħtieġa jipprovdu solidarjetà għandhom ikunu obbligati jattivaw miżuri mhux ibbażati fuq is-suq.";

(b) il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Is-solidarjetà taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta abbażi ta' kumpens. L-Istat Membru li jitlob solidarjetà għandu jħallas minnufih jew jiżgura l-ħlas minnufih ta' kumpens ġust lill-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà.

Meta żewġ Stati Membri jkunu qablu dwar l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa skont il-paragrafu 10 (ftehim ta' solidarjetà), tali kumpens ġust għandu jkopri mill-anqas:";

(ii) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Kumpens ġust skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi għandu jinkludi, fost l-oħrajn, l-ispejjeż raġonevoli kollha li l-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà jġarrab minn obbligu li jħallas kumpens minħabba d-drittijiet fundamentali garantiti mid-dritt tal-Unjoni u minħabba l-obbligi internazzjonali applikabbli meta jiġi implimentat dan l-Artikolu u spejjeż raġonevoli ulterjuri mġarrba mill-ħlas ta' kumpens skont regoli nazzjonali dwar il-kumpens.

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa, b'mod partikolari l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji skont il-paragrafu 10, biex jiġu implimentati l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi ta' dan il-paragrafu. Tali miżuri jistgħu jipprevedu l-arranġamenti prattiċi għal ħlas minnufih.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"8a. Meta żewġ Stati Membri ma jkunux ftiehmu dwar l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji meħtieġa skont il-paragrafu 10 permezz ta' ftehim ta' solidarjetà, il-konsenja tal-gass skont l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 fil-każ ta' emerġenza għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet f'dan il-paragrafu.

Il-kumpens għall-miżura ta' solidarjetà ma għandux jaqbeż il-kostijiet raġonevoli. Sakemm kemm l-Istat Membru li jitlob is-solidarjetà kif ukoll l-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà ma jaqblux mod ieħor, il-kumpens għandu jinkludi:

(a) il-prezz għall-gass fl-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà;

(b) l-ispejjeż tal-ħażna u tat-trasport;

(c) il-kostijiet ta' litigazzjoni għall-proċedimenti ġudizzjarji jew ta' arbitraġġ relatati li jinvolvu lill-Istat Membru li jkun qed jipprovdi s-solidarjetà;

(d) kostijiet indiretti oħra li mhumiex koperti mill-prezz għall-gass, bħar-rimborż ta' ħsarat finanzjarji jew ħsarat oħra li jirriżultaw minn tnaqqis infurzat ta' tagħbija kostanti tal-klijenti mid-ditti b'rabta mal-għoti ta' solidarjetà.

Sakemm l-Istat Membru li jitlob is-solidarjetà u l-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà ma jaqblux dwar prezz ieħor, il-prezz għall-gass ipprovdut lill-Istat Membru li jitlob is-solidarjetà għandu jikkorrispondi għall-prezz tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem fl-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà, il-ġurnata ta' qabel it-talba għas-solidarjetà jew il-prezz tas-suq korrispondenti ta' ġurnata bil-quddiem fl-eqreb punt ta' skambju, fl-eqreb punt ta' negozjar virtwali aċċessibbli, jew f'ħub maqbul matul il-ġurnata ta' qabel it-talba għas-solidarjetà. Il-kumpens għall-volumi tal-gass ikkonsenjati fil-kuntest ta' talba ta' solidarjetà għandu jitħallas direttament mill-Istat Membru li jitlob is-solidarjetà lill-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà jew lill-entità li ż-żewġ Stati Membri jindikaw fit-tweġiba tagħhom għat-talba ta' solidarjetà u l-konferma tal-wasla u tal-volum li għandu jittieħed.

L-Istat Membru li lilu tkun indirizzata t-talba għal miżura ta' solidarjetà għandu jipprovdi l-miżura ta' solidarjetà mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-ħin ta' konsenja indikat għat-talba. Stat Membru jista' jirrifjuta li jipprovdi s-solidarjetà lil Stat Membru li jitlob solidarjetà dment li l-Istat Membru rikjedenti juri li:

(a) ma għandux biżżejjed gass għall-volumi li għandhom jiġu fornuti għall-klijenti protetti mis-solidarjetà; jew

(b) ma għandux biżżejjed kapaċità ta' interkonnessjoni disponibbli, kif stipulat fl-Artikolu 13(7), jew il-flussi tal-gass huma ristretti permezz ta' pajjiż terz.

Tali rifjut għandu jkun strettament limitat għall-volumi ta' gass affettwati minn limitazzjoni waħda jew mit-tnejn li huma msemmija fir-raba' subparagrafu.

Minbarra r-regoli prestabbiliti previsti f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar l-arranġamenti tekniċi u dwar il-koordinazzjoni tal-għoti ta' solidarjetà. Dan il-paragrafu għandu jkunu mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti eżistenti għat-tħaddim sikur u affidabbli tas-sistema tal-gass.

8b. Meta żewġ Stati Membri ma jkunux qablu dwar l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji meħtieġa skont il-paragrafu 10 permezz ta' ftehim ta' solidarjetà, l-Istat Membru li jitlob l-applikazzjoni tal-miżuri ta' solidarjetà għandu joħroġ talba ta' solidarjetà lil Stat Membru ieħor, li tindika mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(b) meta rilevanti, id-dettalji ta' kuntatt tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni rilevanti tal-Istat Membru;

(c) meta rilevanti, id-dettalji ta' kuntatt tal-parti terza li taġixxi f'isem l-Istat Membru;

(d) il-perijodu ta' konsenja inkluż iż-żmien tal-ewwel kunsinna possibbli u d-durata antiċipata tal-konsenji;

(e) il-punti ta' konsenja u ta' interkonnessjoni;

(f) il-volum tal-gass f'kWh għal kull punt ta' interkonnessjoni;

(g) il-kwalità tal-gass.

It-talba ta' solidarjetà għandha tintbagħat, simultanjament, lill-Istati Membri li potenzjalment ikunu kapaċi jipprovdu miżuri ta' solidarjetà, lill-Kummissjoni u lill-maniġers tal-kriżijiet dežinjati skont l-Artikolu 10(1), il-punt (g).

L-Istati Membri li jirċievu talba ta' solidarjetà għandhom jibagħtu tweġiba li tindika d-dettalji ta' kuntatt imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), u l-volum u l-kwalità li jistgħu jiġu pprovduti lill-punti ta' interkonnessjoni fiż-żmien mitlub kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punti (d) sa (g). Jekk il-volum li jista' jiġi pprovdut permezz ta' miżuri volontarji ma jkunx biżżejjed, ir-rispons għandu jindika l-volum li jirriżulta minn tnaqqis possibbli, mir-rilaxx ta' stokkijiet strateġiċi jew mill-applikazzjoni ta' miżuri oħra.

It-talbiet ta' solidarjetà għandhom jintbagħtu mill-anqas 48 siegħa qabel il-ħin tal-konsenja għall-gass indikat.

Ir-rispons għat-talbiet ta' solidarjetà għandu jsir effettiv fi żmien 18-il siegħa. Il-konferma tal-volum li għandu jittieħed mill-Istat Membru li jitlob solidarjetà għandha ssir effettiva fi żmien sitt sigħat mill-wasla tal-offerta ta' solidarjetà u mill-anqas 24 siegħa qabel il-ħin tal-konsenja għall-gass indikat. It-talba tista' titressaq għal perijodu ta' jum jew diversi jiem, u r-rispons għandu jaqbel mad-durata mitluba. Meta jkun hemm diversi Stati Membri li jipprovdu s-solidarjetà u jkunu fis-seħħ arranġamenti bilaterali ta' solidarjetà ma' wieħed jew aktar minnhom, dawk l-arranġamenti għandhom jipprevalu bejn l-Istati Membri li jkunu qablu b'mod bilaterali. Ir-regoli prestabbiliti previsti f'dan il-paragrafu għandhom ikunu applikabbli biss fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra li jipprovdu s-solidarjetà.

Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' solidarjetà, b'mod partikolari permezz ta' mudell aċċessibbli fuq pjattaforma online sigura li tippermetti t-trażmissjoni f'ħin reali tat-talbiet u tal-offerti.

8c. Meta tiġi pprovduta miżura ta' solidarjetà f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, l-ammont finali tal-kumpens li jkun tħallas mill-Istat Membru rikjedenti għandu jkun soġġett għal kontroll *ex post* mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istat Membru fornitur u tal-Istat Membru rikjedenti, fi żmien tliet xhur minn tmiem l-emerġenza.

Meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma jkunux laħqu ftehim dwar il-kalkolu tal-ammont finali tal-kumpens ġust, huma għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija mingħajr dewmien. F'dak il-każ, jew fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Aġenzija għandha tikkalkula l-livell xieraq ta' kumpens ġust għall-ispejjeż indiretti li jkunu saru b'riżultat tal-għoti tas-solidarjetà u tipprovdi opinjoni fattwali fi żmien tliet xhur mid-data ta' riferiment lill-Aġenzija. Qabel tagħti tali opinjoni fattwali, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Il-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' xahrejn meta l-Aġenzija titlob aktar informazzjoni. Dak il-perjodu addizzjonali għandu jibda mill-għada li tasal l-informazzjoni sħiħa. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiġi kkonsultat u jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-konklużjoni tal-kontroll *ex post*. Wara l-konsultazzjoni mal-Istat Membru rikjedenti, l-awtorità li teżerċita dak il-kontroll *ex post* hija intitolata li titlob rettifika tal-ammont tal-kumpens, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Istat Membru rikjedenti. Il-konklużjonijiet ta' dak il-kontroll *ex post* għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, li għandha tqishom fir-rapport tagħha dwar l-emerġenza skont l-Artikolu 14(3).";

(d) Il-paragrafi 10 u 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"10. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-gass jiġi fornut lill-klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru rikjedenti f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 u għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jaqblu dwar arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji. Tali arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji għandhom jiġu miftiehma bejn l-Istati Membri li jkunu direttament konnessi jew, f'konformità mal-paragrafu 2, li jkunu konnessi permezz ta' pajjiż terz, u għandhom jiġu deskritti fil-pjanijiet ta' emerġenza rispettivi tagħhom. Tali arranġamenti jistgħu jkopru, fost affarijiet oħra, l-elementi li ġejjin:

(a) is-sikurezza operazzjonali tan-networks;

(b) il-prezzijiet tal-gass li għandhom jiġu applikati u l-metodoloġija għall-iffissar tal-prezzijiet, filwaqt li jittieħed kont tal-impatt fuq il-funzjonament tas-suq;

(c) l-użu tal-interkonnessjonijiet, inklużi l-kapaċità bidirezzjonali u l-ħżin tal-gass taħt l-art;

(d) il-volumi tal-gass jew il-metodoloġija għall-iffissar tal-volumi;

(e) il-kategoriji tal-ispejjeż li jridu jiġu koperti permezz ta' kumpens ġust u fil-pront, li jistgħu jinkludu danni għall-industrija affettwata;

(f) indikazzjoni tal-metodu li bih jista' jiġi kkalkulat kumpens ġust.

L-arranġament finanzjarju miftiehem bejn l-Istati Membri qabel ma tintalab is-solidarjetà għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jippermettu l-kalkolu tal-kumpens ġust mill-anqas għall-ispejjeż rilevanti u raġonevoli kollha mġarrba meta tiġi pprovduta solidarjetà u impenn li tali kumpens ser jitħallas.

Kwalunkwe mekkaniżmu ta' kumpens għandu jipprovdi inċentivi favur parteċipazzjoni f'soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq bħal irkanti u mekkaniżmi fin-naħa tad-domanda. Ma għandux joħloq inċentivi perversi, inkluż fit-termini finanzjarji, għall-parteċipanti tas-suq biex jipposponu l-azzjoni tagħhom sakemm jiġu applikati miżuri mhux ibbażati fuq is-suq. Il-mekkaniżmi ta' kumpens kollha jew mill-inqas is-sommarju tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-pjani ta' emerġenza.

Meta jinħolqu kostijiet raġonevoli ġodda u sinifikanti li għandhom jiġu inklużi fil-kumpens ġust, b'riżultat ta' proċedimenti ġudizzjarji skont il-paragrafu 8, it-tieni subparagrafu, il-punt (c) wara l-konklużjoni tal-kontroll *ex post*, l-Istat Membru fornitur għandu jinforma immedjatament lill-Istat Membru rikjedenti. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u, fejn rilevanti, l-Aġenzija għandhom iwettqu kontroll *ex post* ġdid skont il-paragrafu 8c. L-eżitu ta' dak il-kontroll *ex post* ġdid huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu li Stat Membru fornitur jikkumpensa għad-danni lill-klijenti skont il-liġi nazzjonali u d-dritt tagħhom li jirċievu kumpens ġust.

11. Sakemm Stat Membru jkun jista' jkopri l-konsum tal-gass għall-klijenti tiegħu protetti mis-solidarjetà mill-produzzjoni tiegħu stess, ma għandux jitqies meħtieġ li jikkonkludi arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji ma' Stati Membri li magħhom huwa direttament konness jew, f'konformità mal-paragrafu 2, permezz ta' pajjiż terz, għall-fini li jirċievi s-solidarjetà. Dan ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-Istat Membru rilevanti li jipprovdi solidarjetà lil Stati Membri oħra skont dan l-Artikolu.";

(e) il-paragrafi 12, 13 u 14 huma mħassra;

(f) l-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"15. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jibqgħu japplikaw immedjatament wara d-dikjarazzjoni tat-tmiem ta' emerġenza jew meta l-Kummissjoni tikkonkludi, f'konformità mal-Artikolu 11(8), l-ewwel subparagrafu, li d-dikjarazzjoni ta' emerġenza mhijiex jew ma għadhiex ġustifikata.";

(10) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 13a
Kooperazzjoni bejn Stati Membri konnessi indirettament
bl-użu ta' miżuri bbażati fuq is-suq (miżuri volontarji)

1. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tas-solidarjetà enerġetika, dan l-Artikolu għandu japplika meta l-Istati Membri li jkunu konnessi indirettament permezz ta' Stat Membru ieħor u li jkunu rċevew talba għal kontribuzzjoni volontarja skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jikkontribwixxu biex jipprovdu l-volumi tal-gass mitluba skont l-Artikolu 13(1) jew (2), bl-użu ta' miżuri volontarji kif imsemmi fl-Artikolu 13(3), il-punt (c).

2. L-Istat Membru li jitlob solidarjetà skont l-Artikolu 13 jista' jibgħat talba għal kontribuzzjoni volontarja abbażi ta' miżuri bbażati fuq is-suq simultanjament lil Stat Membru wieħed jew aktar konnessi indirettament biex ifittex l-aktar offerta vantaġġuża jew kombinazzjoni ta' offerti, abbażi tal-kost, il-veloċità tal-konsenja, l-affidabbiltà u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass skont l-Artikolu 13(4).

   It-talbiet skont l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ppreżentati lill-Istati Membri konnessi indirettament li potenzjalment ikunu jistgħu jipprovdu volumi tal-gass abbażi ta' miżuri volontarji, lill-Kummissjoni u lill-maniġers tal-kriżijiet maħtura skont l-Artikolu 10(1), il-punt (g), mill-inqas 48 siegħa qabel il-ħin tal-konsenja indikat għall-gass. Dawk it-talbiet għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(8b), l-ewwel subparagrafu.

L-Istati Membri li jirċievu t-talba skont l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandhom iwieġbu lill-Istat Membru rikjedenti, u jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-maniġers tal-kriżijiet maħtura skont l-Artikolu 10(1), il-punt (g), fi żmien 18-il siegħa, filwaqt li jindikaw jekk jistgħux jagħmlu offerta għal volumi tal-gass abbażi ta' miżuri volontarji. It-tweġiba għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(8a). L-Istati Membri jistgħu jirrispondu billi jindikaw l-inabbiltà tagħhom li jikkontribwixxu bl-użu ta' miżuri bbażati fuq is-suq.

3. Meta s-somma tal-volumi tal-gass li jirriżultaw mill-offerti skont l-Artikolu 13(1) u (2) u l-offerti skont dan l-Artikolu ma tilħaqx il-volumi meħtieġa, l-offerti skont dan l-Artikolu għandhom jintgħażlu awtomatikament.

Meta s-somma tal-volumi tal-gass li jirriżultaw mill-offerti skont l-Artikolu 13(1) u (2) u l-offerti skont dan l-Artikolu taqbeż il-volumi meħtieġa, l-offerti skont dan l-Artikolu għandhom jitqiesu fil-proċess tal-għażla tal-offerti skont l-Artikolu 13(4), u l-Istat Membru rikjedenti għandu, wara li jikkonsulta mal-Istati Membri involuti kollha, ifittex l-aktar offerta vantaġġuża, jew taħlita ta' offerti fost l-offerti skont l-Artikolu 13 jew dan l-Artikolu, abbażi tal-kost, il-veloċità tal-konsenja, l-affidabbiltà u d-diversifikazzjoni. Meta l-kontribuzzjonijiet skont dan l-Artikolu jintgħażlu mill-Istati Membri rikjedenti, it-talba skont l-Artikolu 13(1) u (2) għandha titnaqqas kif xieraq.

L-Istat Membru rikjedenti għandu jinforma lill-Istati Membri kkonċernati liema volumi jkun għażel fi żmien sitt sigħat minn meta jirċievi l-offerta u mill-inqas 24 siegħa qabel il-ħin indikat tal-konsenja tal-gass.

4. Meta Stat Membru konness indirettament jipprovdi kontribuzzjoni volontarja abbażi ta' miżuri bbażati fuq is-suq lill-Istat Membru rikjedenti skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-kumpens ġust ma għandux jaqbeż il-kostijiet raġonevoli u jista' jinkludi l-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 13(8a), it-tieni subparagrafu. L-ammont finali tal-kumpens ġust għandu jkun soġġett għall-mekkaniżmu ta' kontroll *ex post* deskritt fl-Artikolu 13(8c).

5. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni bl-użu tas-Sistema ReCo għall-Gass stabbilita mill-ENTSOG skont l-Artikolu 3(6), sabiex jiġu identifikati l-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni disponibbli fi żmien sitt sigħat minn talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni. L-ENTSOG għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati kif xieraq.";

(11) fl-Artikolu 14(3), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Wara emerġenza, l-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem l-emerġenza, valutazzjoni dettaljata tal-emerġenza u l-effikaċja tal-miżuri implimentati, inkluża valutazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-emerġenza, l-impatt fuq is-settur tal-elettriku u l-assistenza pprovduta lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha, jew riċevuta mingħandhom. Meta jkun rilevanti, dik il-valutazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni dettaljata taċ-ċirkostanzi li wasslu għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 13 u l-kundizzjonijiet li skonthom ġew riċevuti l-provvisti tal-gass nieqsa, inklużi l-prezz u l-kumpens finanzjarju mħallas, u, meta jkun rilevanti, ir-raġunijiet għaliex l-offerti ta' solidarjetà ma ġewx aċċettati jew il-gass ma ġiex fornut. Tali valutazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-GCG u għandha tiġi riflessa fl-aġġornamenti tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza.";

(12) fl-Artikolu 17a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2. Ir-rapport li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni sat-28 ta' Frar 2025 għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Artikoli 6a sa 6d, l-Artikolu 7(1) u (4), il-punt (g), l-Artikolu 13, l-Artikolu 13a, l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17a, l-Artikolu 18a, l-Artikolu 20(4), u l-Annessi Ia u Ib. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, meta xieraq, minn proposta leġiżlattiva għal emenda ta' dan ir-Regolament.";

(13) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, is-sentenza li ġejja tiddaħħal wara l-ewwel sentenza:

"Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8a(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(8), fl-Artikolu 7(5), fl-Artikolu 8(5) u fl-Artikolu 8a(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.";

(c) fil-paragrafu 6, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(8), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 8(5) jew l-Artikolu 8a(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw.";

(14) l-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) fit-taqsima 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), it-tieni subparagrafu, jiddaħħal l-inċiż li ġej wara t-tieni inċiż “miżuri għad-diversifikazzjoni tar-rotot tal-gass u tas-sorsi tal-provvista,”:

“- miżuri li jevitaw l-ikkapparrar tal-kapaċità;”;

(b) fit-taqsima 11.3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), it-tieni subparagrafu, jiddaħħal l-inċiż li ġej wara t-tieni inċiż “miżuri għad-diversifikazzjoni tar-rotot tal-gass u tas-sorsi tal-provvista,”:

“- miżuri li jevitaw l-ikkapparrar tal-kapaċità;”.

Artikolu 85

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/942

Ir-Regolament (UE) 2019/942 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tagħti opinjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, lill-ENTSO tal-Elettriku lill-ENTSO tal-Gass, lin-Network Ewropew tal-Operaturi tan-Networks għall-Idroġenu (ENNOH), lill-entità tal-UE għad-DSO, liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, lill-operaturi nominati tas-suq tal-elettriku, u lill-entitajiet stabbiliti mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass naturali, l-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu jew l-operaturi tan-networks tal-idroġenu;";

(2) fl-Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta mitluba mill-ACER, l-awtoritajiet regolatorji, l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-ENNOH, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, l-entità tal-UE għad-DSO, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass naturali, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu, l-operaturi nominati tas-suq tal-elettriku, u l-entitajiet stabbiliti mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass naturali, l-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew l-operaturi tal-ħażna tal-idroġenu jew l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu għandhom jipprovdu l-informazzjoni lill-ACER bl-istess livell ta' dettall meħtieġ għall-fini ta' twettiq tal-kompiti tal-ACER skont dan ir-Regolament, sakemm l-ACER ma tkunx diġà talbet u rċeviet din l-informazzjoni.";

(3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ACER għandha tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' statuti, il-lista ta' membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura tal-ENTSO tal-Elettriku f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) 2019/943 u dwar dawk tal-ENTSO tal-Gass f'konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2024/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*+] u dwar dawk tal-ENNOH f'konformità mal-Artikolu 57(9) tar-Regolament (UE) 2024/…[++] u dwar dawk tal-entità tal-UE għad-DSO f'konformità mal-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2024/…[++].

2. L-ACER għandha timmonitorja t-twettiq tal-kompiti tal-ENTSO tal-Elettriku f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/943, tal-ENTSO tal-Gass f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2024/…[++] u tal-ENNOH f'konformità mal-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2024/…[++] u tal-entità tal-UE għad-DSO kif stabbilit fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2024/…[++].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza ta' ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

3. L-ACER tista’ tagħti opinjoni:

(a) lill-ENTSO tal-Elettriku f’konformità mal-Artikolu 30(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943, lill-ENTSO tal-Gass f’konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2024/...[+] u lill-ENNOH f’konformità mal-Artikolu 59(1) ta’ dak ir-Regolament dwar il-kodiċijiet tan-network;

(b) lill-ENTSO tal-Elettriku f’konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) 2019/943, lill-ENTSO tal-Gass f’konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2024/…[+], u lill-ENNOH f’konformità mal-Artikolu 60(2) tar-Regolament (UE) 2024/…[+] dwar l-abbozz tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u dwar id-dokumenti rilevanti l-oħra msemmija fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 26(3) u l-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) 2024/…[+], filwaqt li jitqiesu l-objettivi tan-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament tajjeb u sigur tas-suq intern tal-elettriku, l-idroġenu u tal-gass naturali;

(c) lill-entità tal-UE għad-DSO dwar l-abbozz tal-programm ta’ ħidma annwali u dokumenti rilevanti oħrajn imsemmija fl-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2024/...[+], b’kont meħud tal-objettivi tan-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament tajjeb u sikur tas-suq intern tal-elettriku, l-idroġenu u tal-gass naturali.”;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(b) il-paragrafi 6, 7 u 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jikkoordinaw sabiex jidentifikaw b'mod konġunt jekk hemmx nuqqas ta' konformità min-naħa tal-ENTSO tal-Elettriku, tal-ENTSO tal-Gass, tal-ENNOH, tal-entità tal-UE għad-DSO jew taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa f'konformità mal-Artikolu 59(1), il-punt (c), u mal-Artikolu 62(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew mal-Artikolu 78(1), il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2024/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**+].

Fuq talba ta' awtorità regolatorja waħda jew aktar jew fuq inizjattiva tagħha stess, l-ACER għandha toħroġ opinjoni motivata kif ukoll rakkomandazzjoni lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, lill-ENNOH, lill-entità tal-UE għad-DSO jew liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali fir-rigward tal-konformità mal-obbligi tagħhom.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

7. Meta opinjoni motivata tal-ACER tidentifika każ potenzjali ta' nuqqas ta' konformità tal-ENTSO tal-Elettriku, tal-ENTSO tal-Gass, tal-ENNOH, tal-entità tal-UE għad-DSO jew ta' ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali mal-obbligi rispettivi tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom b'mod unanimu jieħdu deċiżjonijiet koordinati biex jistabbilixxu jekk hemmx nuqqas ta' konformità mal-obbligi rilevanti u, meta applikabbli, jiddeterminaw il-miżuri li jridu jittieħdu mill-ENTSO tal-Elettriku, mill-ENTSO tal-Gass, mill-ENNOH, mill-entità tal-UE għad-DSO jew miċ-ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali biex jirrimedjaw dak in-nuqqas ta' konformità. Meta l-awtoritajiet regolatorji jonqsu milli jieħdu dawn id-deċiżjonijiet ikkoordinati b'mod unanimu fi żmien erba' xhur mid-data minn meta tasal l-opinjoni motivata tal-ACER, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-ACER għal deċiżjoni skont l-Artikolu 6(10).

8. Meta n-nuqqas ta' konformità mill-ENTSO tal-Elettriku, mill-ENTSO tal-Gass, mill-ENNOH, mill-entità tal-UE għad-DSO jew minn ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali, li jkun ġie identifikat f'konformità mal-paragrafi 6 jew 7 ta' dan l-Artikolu, ma jkunx ġie rimedjat fi żmien tliet xhur, jew meta l-awtorità regolatorja fl-Istat Membru li fih l-entità jkollha s-sede tagħha ma tkunx ħadet azzjoni biex tiżgura l-konformità, l-ACER għandha toħroġ rakkomandazzjoni lill-awtorità regolatorja biex tieħu azzjoni f'konformità mal-Artikolu 59(1), il-punt (c), u mal-Artikolu 62(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew mal-Artikolu 78(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+], sabiex tiżgura li l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-ENNOH, l-entità tal-UE għad-DSO jew iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, u għandha tinforma lill-Kummissjoni.

---

[*] Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar is-swieq interni tal-gass rinnovabbli, tal-gass naturali u tal-idroġenu, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011, (UE) 2017/1938, (UE) 2019/942 u (UE) 2022/869 u d-Deċiżjoni (UE) 2017/684 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 (ĠU L, ..., ELI: ...).

[**] Id-Direttiva 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, ..., ELI: ...).";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(4) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ACER għandha tipparteċipa fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-network f'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikoli 71 u 72 tar-Regolament (UE) 2024/…[+] u tal-linji gwida f'konformità mal-Artikolu 61(6) tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 74(5) tar-Regolament (EU) 2024/…[+]. B'mod partikolari għandha:

(a) tippreżenta linji gwida qafas mhux vinkolanti lill-Kummissjoni meta tintalab tagħmel dan f'konformità mal-Artikolu 59(4) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-Artikolu 71(4) jew l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2024/….[+] L-ACER għandha twettaq rieżami tal-linji gwida qafas u terġa' tippreżentahom lill-Kummissjoni meta tintalab tagħmel dan skont l-Artikolu 59(7) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-Artikolu 71(7) jew l-Artikolu 72(7) tar-Regolament (UE) 2024/…[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(b) tirrivedi l-kodiċi għan-network f'konformità mal-Artikolu 59(11) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew mal-Artikolu 71(11) jew l-Artikolu 72(11) tar-Regolament (UE) 2024/…[+]. Fir-reviżjoni tagħha, l-ACER għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet involuti fl-abbozzar ta' dak il-kodiċi tan-network rivedut, immexxi mill-ENTSO tal-Elettriku, mill-ENTSO tal-Gass, mill-ENNOH jew mill-entità tal-UE għad-DSO, u għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-verżjoni li trid tippreżenta lill-Kummissjoni. Għal dak il-għan, l-ACER tista' tuża l-kumitat għall-abbozzar stabbilit skont il-kodiċijiet tan-network meta xieraq. L-ACER għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-konsultazzjonijiet. Sussegwentement, l-ACER għandha tippreżenta l-kodiċi tan-network rivedut lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59(11) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew mal-Artikolu 71(11) jew l-Artikolu 72(11) tar-Regolament (UE) 2024/…[+]. Meta l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-ENNOH jew l-entità tal-UE għad-DSO ikunu naqsu milli jiżviluppaw kodiċi tan-network, l-ACER għandha tħejji u tippreżenta abbozz ta' kodiċi tan-network lill-Kummissjoni meta tintalab tagħmel dan skont l-Artikolu 59(12) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-Artikolu 71(12) jew l-Artikolu 72(12) tar-Regolament (UE) 2024/…[+];

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(c) tagħti opinjoni debitament motivata lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-Artikoli 27(1) jew 64(2) tar-Regolament (UE) 2024/…[+], meta l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-ENNOH jew l-entità tal-UE għad-DSO ikunu naqsu milli jiżviluppaw kodiċi tan-network imfassal f'konformità mal-Artikolu 30(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 jew fl-Artikolu 26(1) jew fl-Artikolu 59(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/…[+] jew kodiċi tan-network li jkun ġie stabbilit f'konformità mal-Artikolu 59(3) sa (12) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-Artikolu 71(3) sa (12) jew l-Artikolu 72(3) sa (12) tar-Regolament (UE) 2024/…[+] iżda li ma ġiex adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 59(13) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew skont l-Artikolu 71(13) jew l-Artikolu 72(13) tar-Regolament (UE) 2024/…[+].

(d) timmonitorja u tanalizza l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2019/943 u mal-Artikoli 71 u 72 tar-Regolament (UE) 2024/…[+] u l-linji gwida adottati f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2024/…[+], u l-effett tagħhom fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli maħsuba biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tas-suq u fuq in-nondiskriminazzjoni, fuq il-kompetizzjoni effettiva u fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq, u tirrapporta lill-Kummissjoni.";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(5) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Sal-5 ta' Lulju 2022, u mbagħad kull erba'snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji skont l-Artikolu 57(7) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 76(6) tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fuq talba ta' awtorità regolatorja waħda jew aktar jew fuq talba tal-Kummissjoni, l-ACER għandha tagħti opinjoni fattwali rigward il-konformità ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja mal-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida msemmija fir-Regolament (UE) 2019/943, ir-Regolament (UE) 2024/...[++], id-Direttiva (UE) 2019/944, jew id-Direttiva (UE) 2024/...[+], jew ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta' dawk ir-regolamenti jew direttivi, jew mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/1938.";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

9a. L-ACER għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu u lill-awtoritajiet regolatorji, fir-rigward tal-metodoloġiji għall-istabbiliment tal-allokazzjoni intertemporali tal-kostijiet skont l-Artikolu 5(6), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/…[+].

L-ACER tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, lill-operaturi tan-networks tal-idroġenu u lill-awtoritajiet regolatorji, fir-rigward tal-bażijiet tal-assi regolatorji skont l-Artikolu 5(6), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/...[+].

9b. L-ACER tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet regolatorji dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet tas-soluzzjonijiet għar-restrizzjonijiet għall-flussi transfruntieri minħabba differenzi fil-kwalità tal-gass skont l-Artikolu 21(11) tar-Regolament (UE) 2024/…[+].

9c. L-ACER tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet regolatorji dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet tas-soluzzjonijiet għar-restrizzjonijiet għall-flussi transfruntieri minħabba differenzi fil-kwalità tal-idroġenu skont l-Artikolu 55(8) tar-Regolament (UE) 2024/…[+].

9d. L-ACER għandha tippubblika rapporti ta' monitoraġġ dwar il-konġestjoni fil-punti ta' interkonnessjoni skont il-punt 2.2.1(2) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/…[+].";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(d) il-paragrafu 10 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ACER għandu jkollha l-kompetenza li tadotta deċiżjonijiet individwali dwar kwistjonijiet regolatorji li jkollhom effetti fuq il-kummerċ transfruntier jew is-sigurtà tas-sistemi transfruntiera li jeħtieġu deċiżjoni konġunta ta' mill-anqas żewġ awtoritajiet regolatorji, meta dawk il-kompetenzi jkunu ġew konferiti lill-awtoritajiet regolatorji skont wieħed mill-atti ġuridiċi li ġejjin:

(a) att leġiżlattiv tal-Unjoni adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja;

(b) il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida msemmija fl-Artikoli 59 sa 61 tar-Regolament (UE) 2019/943 adottati qabel l-4 ta' Lulju 2019 u r-reviżjonijiet sussegwenti ta' dawk il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida;

(c) il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida msemmija fl-Artikoli 59 sa 61 tar-Regolament (UE) 2019/943 adottati bħala atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011;

(d) il-linji gwida skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/…[+]; jew

(e) il-kodiċijiet tan-network u l-linji gwida msemmija fl-Artikoli 71 sa 74 tar-Regolament (UE) 2024/…[+].';

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(ii) fit-tieni subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) meta l-awtoritajiet regolatorji kompetenti ma jilħqux ftehim fi żmien sitt xhur mir-riferiment tal-każ lill-aħħar waħda minn dawk l-awtoritajiet regolatorji jew fi żmien erba' xhur fir-rigward tal-każijiet skont l-Artikolu 4(7) ta' dan ir-Regolament jew skont l-Artikolu (59)(1), il-punt (c), jew tal-Artikolu 62(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew l-Artikolu 78(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+];";

(iii) it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet regolatorji kompetenti jistgħu jitolbu, b'mod konġunt, li l-perjodu msemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu jiġi estiż b'perjodu sa sitt xhur, ħlief fir-rigward tal-każijiet skont l-Artikolu 4(7) ta' dan ir-Regolament jew skont l-Artikolu (59)(1), il-punt (c), jew l-Artikolu 62(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew l-Artikolu 78(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

Meta l-kompetenzi biex tittieħed deċiżjoni dwar kwistjonijiet transfruntiera msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkunu ġew ikkonferiti lill-awtoritajiet regolatorji f'kodiċijiet tan-network jew linji gwida ġodda msemmija fl-Artikoli 59 sa 61 tar-Regolament (UE) 2019/943 adottati bħala atti delegati wara l-4 ta' Lulju 2019, l-ACER għandha tkun kompetenti biss fuq bażi volontarja skont il-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fuq talba minn mill-inqas 60 % tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti. Meta jkunu involuti żewġ awtoritajiet regolatorji biss, kwalunkwe waħda minnhom tista' tirreferi l-każ lill-ACER.";

(e) fil-paragrafu 12, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għandha toħroġ deċiżjoni fi żmien sitt xhur mid-data tar-riferiment, jew fi żmien erba' xhur minnha fir-rigward tal-każijiet skont l-Artikolu 4(7) ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu (59)(1), il-punt (c), jew l-Artikolu 62(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew l-Artikolu 78(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2024/…[+]; u";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

(6) l-Artikolu 14(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari fil-proċess ta' żvilupp ta' linji gwida ta' qafas skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-Artikoli 71 u 72 tar-Regolament (UE) 2024/…[+], u tul il-proċess biex jiġu proposti emendi tal-kodiċijiet tan-network skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2024/…[+] l-ACER għandha tikkonsulta, b'mod estensiv, fi stadju bikri mal-parteċipanti fis-suq, mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, mal-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu, mal-konsumaturi, mal-utenti finali u, meta rilevanti, mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza rispettiva tagħhom, b'mod miftuħ u trasparenti, b'mod partikolari meta l-kompiti tagħha jkunu jikkonċernaw l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u lill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu.";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(7) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ACER, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inkluż l-awtoritajiet regolatorji, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, għandha timmonitorja s-swieq tal-bejgħ tal-elettriku u tal-gass naturali bl-ingrossa u bl-imnut, b'mod partikolari l-livelli u l-formazzjoni tal-prezzijiet bl-imnut u bl-ingrossa, sabiex tiffaċilita li l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu jidentifikaw l-imġiba antikompetittiva, inġusta jew mhux trasparenti potenzjali mill-operaturi tas-suq, u fir-rigward tal-konformità mad-drittijiet tal-konsumaturi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/944 u fid-Direttiva (UE) 2024/…[+], l-impatt tal-iżviluppi tas-swieq fuq il-klijenti domestiċi, l-aċċess għan-networks inkluż l-aċċess għall-elettriku ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-progress miksub rigward l-interkonnetturi, l-ostakli potenzjali għall-kummerċ transfruntier, inkluż l-impatt tat-taħlit tal-idroġenu fis-sistema tal-gass naturali u l-ostakli għall-fluss transfruntier tal-bijometan, l-ostakli regolatorji għal parteċipanti ġodda fis-suq u parteċipanti iżgħar fis-suq, inklużi l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, interventi mill-istat li jevitaw li l-prezzijiet jirriflettu l-iskarsezza reali, bħal dawk stipulati fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) 2019/943, il-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi kif imsemmi fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li titqies, b'mod partikolari, l-evalwazzjoni *ex post* imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/941.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 104/23 (2021/0425(COD)).

L-ACER, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inklużi l-awtoritajiet regolatorji, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, għandha timmonitorja s-swieq tal-idroġenu, b'mod partikolari l-impatt tal-iżviluppi tas-suq fuq il-klijenti tal-idroġenu, l-aċċess għan-network tal-idroġenu, inkluż l-aċċess għan-network tal-idroġenu prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-progress miksub rigward l-interkonnetturi, u l-ostakli potenzjali għall-kummerċ transfruntier.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ACER għandha tippubblika rapport fuq bażi annwali dwar ir-riżultati tal-attività ta' monitoraġġ tagħha imsemmija fil-paragrafu 1. F'dak ir-rapport, hija għandha tidentifika kull ostaklu għat-tlestija tas-swieq interni fl-elettriku, il-gass naturali u l-idroġenu.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6. L-ACER għandha tippubblika studji li jqabblu l-effiċjenza tal-kostijiet tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2024/…[+].

7. L-ACER għandha tippreżenta opinjonijiet li jipprovdu format armonizzat għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni teknika dwar l-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u tippubblika rapport tal-monitoraġġ dwar il-konġestjoni fil-punti ta' interkonnessjoni skont il-linji gwida stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/…[+].".

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

Artikolu 86

Emendi għar-Regolament (UE) 2022/869

Ir-Regolament (UE) 2022/869 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikoli 11, 12 u 13 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha

1. L-ENTSO tal-Elettriku u n-Network Ewropew tal-Operaturi tan-Networks għall-Idroġenu (ENNOH) msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2024/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*+] għandhom ifasslu abbozzi ta' metodoloġiji konsistenti għal kull settur, inkluż il-mudell tan-network tal-enerġija u tas-suq imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha fil-livell tal-Unjoni għal proġetti fil-lista tal-Unjoni taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (d) u (f) u fil-punt (3) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Il-metodoloġiji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitfasslu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness V, għandhom ikunu bbażati fuq suppożizzjonijiet komuni li jippermettu tqabbil bejn il-proġetti, u għandhom ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tagħha għall-2050, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Il-metodoloġiji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu applikati għat-tħejjija ta' kull pjan sussegwenti tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-Unjoni kollha u li jkun żviluppat mill-ENTSO tal-Elettriku skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2019/943 jew l-ENNOH skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2024/…[+].

Sal-24 ta' April 2023, l-ENTSO tal-Elettriku għandu jippubblika u jissottometti lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-abbozz ta' metodoloġija konsistenti għal kull settur tiegħu wara li jinġabar l-input mill-partijiet ikkonċernati rilevanti matul il-proċess ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Kwalunkwe metodoloġija għal analiżi tal-kostbenefiċċji tal-idroġenu fis-sistema tal-enerġija kollha żviluppata mill-ENTSO tal-Gass sal-1 ta' Settembru 2024 għandha tiġi approvata f'konformità mal-proċess stabbilit f'dan l-Artikolu. Sal-1 ta' Diċembru 2025, l-ENNOH għandu jippubblika u jissottometti lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-abbozz ta' metodoloġija konsistenti għal kull settur tiegħu wara li jinġabar l-input mill-partijiet ikkonċernati rilevanti matul il-proċess ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 61(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2024/…[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

2. Qabel ma jissottomettu l-abbozzi ta' metodoloġiji rispettivi tagħhom lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija f'konformità mal-paragrafu 1, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji u jwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv u jfittxu rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri u, mill-inqas, mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluża l-entità Ewropea għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni stabbilita skont l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 (l-"entità tal-UE għad-DSO"), l-assoċjazzjonijiet involuti fis-swieq tal-elettriku, tal-gass naturali u tal-idroġenu, il-partijiet ikkonċernati fl-oqsma tat-tisħin u t-tkessiħ, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju, l-aggregaturi indipendenti, l-operaturi tar-rispons tad-domanda, l-organizzazzjonijiet involuti fis-soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi tal-enerġija, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u, fejn jitqies xieraq, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħra.

Fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-abbozzi preliminari tal-metodoloġiji skont l-ewwel subparagrafu, kwalunkwe parti kkonċernata msemmija f'dak is-subparagrafu tista' tissottometti rakkomandazzjoni.

Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jippreżenta opinjoni dwar l-abbozzi tal-metodoloġiji.

Fejn applikabbli, l-Istati Membri, u l-partijiet ikkonċernati msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jissottomettu u jagħmlu pubblikament disponibbli r-rakkomandazzjonijiet tagħhom, u l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima għandu jissottometti u jagħmel pubblikament disponibbli l-opinjoni tiegħu lill-Aġenzija u, kif applikabbli, lill-ENTSO tal-Elettriku jew lill-ENNOH.

Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu u trasparenti. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENNOH għandhom iħejju u jagħmlu pubblikament disponibbli rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni.

L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENNOH għandhom jipprovdu raġunijiet, meta ma jkunux qiesu, jew ikunu qiesu biss parzjalment, ir-rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri jew mill-partijiet ikkonċernati, kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali, jew l-opinjoni tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima.

3. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-abbozzi ta' metodoloġiji flimkien mal-input riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u r-rapport dwar il-konsultazzjoni, l-Aġenzija għandha tipprovdi opinjoni lill-ENTSO tal-Elettriku u lill-ENNOH. L-Aġenzija għandha tinnotifika l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENNOH, lill-Istati Membri, u lill-Kummissjoni u tippubblikaha fuq is-sit web tagħha.

4. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih jirċievu l-abbozzi tal-metodoloġiji, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-ENTSO tal-Elettriku u lill-ENNOH u lill-Kummissjoni. Biex tiffaċilita l-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħat speċifiċi tal-Gruppi biex jiddiskutu l-abbozzi tal-metodoloġiji.

5. Fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu l-opinjonijiet tal-Aġenzija u l-Istati Membri, kif imsemmi fil-paragrafi 3 u 4, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENNOH għandhom jemendaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom biex iqisu bis-sħiħ l-opinjonijiet tal-Aġenzija u tal-Istati Membri u jissottomettuhom flimkien mal-opinjoni tal-Aġenzija lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-metodoloġiji mill-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH, rispettivament.

6. Fi żmien ġimagħtejn mill-approvazzjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 5, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom fuq is-siti web tagħhom. Huma għandhom jippubblikaw id-*data* tal-input korrispondenti u *data* rilevanti oħra dwar in-network, il-fluss tat-tagħbija u s-suq f'forma preċiża biżżejjed soġġett għal restrizzjonijiet skont il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet ta' kunfidenzjalità rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tad-*data* li tasal għandhom u għand kwalunkwe parti li twettaq xogħol analitiku abbażi ta' dik id-*data* f'isimhom.

7. Il-metodoloġiji għandhom jiġu aġġornati u mtejba b'mod regolari skont il-proċedura deskritta fil-paragrafi 1 sa 6. B'mod partikolari, dawn għandhom jiġu emendati wara s-sottomissjoni tal-mudell tan-network u tas-suq tal-enerġija msemmija fil-paragrafu 10. L-Aġenzija, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati, u wara li tikkonsulta formalment lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, u lill-Kummissjoni, tista' titlob tali aġġornamenti u titjib, filwaqt li tipprovdi raġunijiet u skeda ta' żmien. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li jwasslu għal talba mill-Aġenzija għal aġġornament jew għal titjib.

8. Għall-proġetti li jaqgħu fil-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (1)(c) u (e) u fil-punti (2), (4) u (5) tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iżvilupp ta' metodoloġiji għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha fil-livell tal-Unjoni. Dawk il-metodoloġiji għandhom ikunu kompatibbli f'termini ta' benefiċċji u kostijiet mal-metodoloġiji żviluppati mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENNOH. L-Aġenzija għandha, bl-appoġġ tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tippromwovi l-konsistenza ta' dawk il-metodoloġiji mal-metodoloġiji mfassla mill-ENTSO tal-Elettriku u l-ENNOH. Il-metodoloġiji għandhom jiġu żviluppati b'mod trasparenti, inkluża konsultazzjoni estensiva tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

9. Kull tliet snin, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u ta' valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-unità ta' investiment għal proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġett għandhom jipprovdu d-*data* rikjesta lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija.

   L-Aġenzija għandha tippubblika l-ewwel indikaturi għall-kategoriji tal-infrastruttura stabbiliti fil-punti (1), (2) u (3) tal-Annes II, sal-24 ta' April 2023, sal-punt li d-*data* tkun disponibbli biex jiġu kkalkulati indikaturi u valuri ta' referenza robusti. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-Unjoni kollha.

   L-Aġenzija għandha tippubblika l-ewwel indikaturi għall-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (4) u (5) tal-Anness II, sal-24 ta' April 2025.

10. Sal-31 ta' Ottubru 2025, wara proċess ta' konsultazzjoni estensiv tal-partijiet ikkonċernati msemmi fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jissottomettu b'mod konġunt lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija mudell konsistenti u integrat progressivament li jipprovdi konsistenza bejn il-metodoloġiji tas-settur uniku abbażi ta' suppożizzjonijiet komuni li jinkludu l-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku, tal-gass naturali u tal-idroġenu kif ukoll il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass naturali, il-gass naturali likwifikat u l-elettrolizzaturi, li jkopri l-kurituri u ż-żoni prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Anness I imfassal f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness V.

11. Il-mudell imsemmi fil-paragrafu 10 għandu jkopri mill-inqas l-interkonnessjonijiet tas-setturi rispettivi fl-istadji kollha tal-ippjanar tal-infrastruttura, speċifikament ix-xenarji, it-teknoloġiji u r-riżoluzzjoni spazjali, l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fl-infrastruttura, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet transfruntiera, u l-valutazzjoni tal-proġetti.

12. Wara l-approvazzjoni tal-mudell imsemmi fil-paragrafu 10 mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 5, dan għandu jiġi inkluż fil-metodoloġiji msemmija fil-paragrafu 1, li għandhom jiġu emendati b'mod korrispondenti.

13. Mill-inqas kull ħames snin, li jibdew mill-approvazzjoni tagħhom skont il-paragrafu 10, u aktar spiss fejn meħtieġ, il-mudell u l-metodoloġiji konsistenti tal-kostbenefiċċji tas-settur uniku għandhom jiġu aġġornati f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 7.

14. Sal-1 ta' Jannar 2027, dan l-Artikolu japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/...[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

Artikolu 12

Xenarji għall-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin

1. Sal-24 ta' Jannar 2023, l-Aġenzija, wara t-twettiq ta' proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-entità tal-UE għad-DSO u mill-inqas l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-assoċjazzjonijiet involuti fis-swieq tal-elettriku, tal-gass naturali u tal-idroġenu, il-partijiet ikkonċernati fl-oqsma tat-tisħin u t-tkessiħ, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju, l-aggregaturi indipendenti, l-operaturi tar-rispons tad-domanda, l-organizzazzjonijiet involuti fis-soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi tal-enerġija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, għandha tippubblika l-linji gwida qafas għax-xenarji konġunti li għandhom jiġu żviluppati mill-ENTSO tal-Elettriku, mill-ENTSO tal-Gass u mill-ENNOH. Dawk il-linji gwida qafas għandhom jiġu aġġornati b'mod regolari kif ikun meħtieġ. Il-proċess ta' konsultazzjoni għal kwalunkwe aġġornament tal-linji gwida qafas għandu jinvolvi wkoll lill-ENNOH.

Il-linji gwida qafas imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jistabbilixxu kriterji għal żvilupp trasparenti, mhux diskriminatorju u robust ta' xenarji filwaqt li jitqiesu l-aħjar prattiki fil-qasam tal-ippjanar tal-valutazzjoni tal-infrastrutturi u tal-iżvilupp tan-network. Il-linji gwida qafas għandu jkollhom l-għan ukoll li jiżguraw li x-xenarji sottostanti tal-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH ikunu konformi bis-sħiħ mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tagħha għall-2050 u għandhom iqisu l-aħħar xenarji disponibbli tal-Kummissjoni, kif ukoll, meta rilevanti, il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima.

Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jipprovdi input dwar kif tiġi żgurata l-konformità tax-xenarji għall-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tagħha għall-2050. L-Aġenzija għandha tqis b'mod dovut dak l-input fil-linji gwida ta' qafas imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-Aġenzija għandha tipprovdi raġunijiet fejn ma tkunx qieset, jew tkun qieset biss parzjalment, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri, tal-partijiet ikkonċernati u tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima.

2. L-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom isegwu l-linji gwida qafas tal-Aġenzija meta jiżviluppaw ix-xenarji konġunti li jkunu se jintużaw għall-pjanijiet tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-Unjoni kollha.

Ix-xenarji konġunti għandhom jinkludu wkoll perspettiva fit-tul sal-2050 u jinkludu passi intermedjarji kif xieraq.

3. L-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jistiednu lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-entità tal-UE għad-DSO, l-assoċjazzjonijiet involuti fis-swieq tal-elettriku, tal-gass naturali u tal-idroġenu, il-partijiet ikkonċernati fl-oqsma tat-tisħin u t-tkessiħ, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju, l-aggregaturi indipendenti, l-operaturi tar-rispons tad-domanda, l-organizzazzjonijiet involuti fis-soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi tal-enerġija, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, biex jipparteċipaw fil-proċess tal-iżvilupp tax-xenarji, b'mod partikolari dwar elementi ewlenin bħas-suppożizzjonijiet u kif dawn jiġu riflessi fid-*data* tax-xenarji.

4. L-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozz tar-rapport dwar xenarji konġunti lill-Aġenzija, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħhom.

   Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jipprovdi opinjoni dwar ir-rapport tax-xenarji konġunti.

5. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-abbozz tar-rapport tax-xenarji konġunt flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjoni tagħha dwar il-konformità tax-xenarji mal-linji gwida qafas imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, inklużi rakkomandazzjonijiet possibbli għall-emendi, lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, lill-ENNOH, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

   Fl-istess limitu taż-żmien, il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jipprovdi opinjoni dwar il-kompatibbiltà tax-xenarji mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tagħha għall-2050.

6. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, għandha tapprova l-abbozz ta' rapport tax-xenarji konġunt jew titlob lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass u lill-ENNOH jemendawh.

L-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jipprovdu raġunijiet li jispjegaw kif kwalunkwe talba għal emendi mill-Kummissjoni tkun ġiet indirizzata.

F'każ li l-Kummissjoni ma tapprovax ir-rapport tax-xenarji konġunt, hija għandha tipprovdi opinjoni motivata lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass u lill-ENNOH.

7. Fi żmien ġimagħtejn mill-approvazzjoni tar-rapport tax-xenarji konġunt f'konformità mal-paragrafu 6, l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikawh fuq is-siti web tagħhom. Huma għandhom jippubblikaw id-*data* tal-input u tal-output korrispondenti f'forma ċara u preċiża biżżejjed sabiex parti terza tirriproduċi r-riżultati, filwaqt li jqisu kif xieraq id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet ta' kunfidenzjalità u informazzjoni sensittiva rilevanti.

8. Sal-1 ta' Jannar 2027, dan l-Artikolu japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/...[+].

Artikolu 13
Identifikazzjoni tan-Nuqqasijiet fl-Infrastruttura

1. Fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tar-rapport tax-xenarji konġunt skont l-Artikolu 12(6) u kull sentejn wara, l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw ir-rapporti dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura żviluppati fil-qafas tal-pjanijiet tal-iżvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-Unjoni kollha.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

Meta jivvalutaw in-nuqqasijiet fl-infrastruttura, l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jibbażaw l-analiżi tagħhom fuq ix-xenarji stabbiliti skont l-Artikolu 12, jimplimentaw il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jikkunsidraw bi prijorità l-alternattivi rilevanti kollha għall-infrastruttura l-ġdida. Meta jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet infrastrutturali ġodda, il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet fl-infrastrutturi għandha tqis il-kostijiet rilevanti kollha, inkluż it-tisħiħ tan-network.

Huma għandhom, b'mod partikolari, jiffokaw fuq dawk in-nuqqasijiet fl-infrastruttura li potenzjalment jaffettwaw l-ilħuq tal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tagħha għall-2050.

Qabel ma jippubblikaw ir-rapporti rispettivi tagħhom l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-entità tal-UE għad-DSO, l-assoċjazzjonijiet involuti fis-swieq tal-elettriku, tal-gass naturali u tal-idroġenu, il-partijiet ikkonċernati fl-oqsma tat-tisħin u t-tkessiħ, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju, l-aggregaturi indipendenti, l-operaturi tar-rispons tad-domanda, l-organizzazzjonijiet involuti fis-soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi tal-enerġija, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, l-Aġenzija u r-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha li jkunu parti mill-kurituri prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija rilevanti stabbiliti fl-Anness I.

2. L-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jissottomettu l-abbozzi rispettivi tagħhom tar-rapporti dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-opinjoni tagħhom.

3. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi r-rapport dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura flimkien mal-input riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass jew lill-ENNOH, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u tagħmilha pubblikament disponibbli.

4. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-opinjoni tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Aġenzija u b'input mill-Istati Membri, għandha tfassal u tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass jew lill-ENNOH.

5. L-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH għandhom jadattaw ir-rapporti tagħhom dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura b'kunsiderazzjoni xierqa tal-opinjoni tal-Aġenzija u f'konformità mal-opinjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri u jagħmluhom pubblikament disponibbli.

6. Sal-1 ta' Jannar 2027, dan l-Artikolu japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/...[+].

---

[*] Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar is-swieq interni tal-gass rinnovabbli, tal-gass naturali u tal-idroġenu, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011, (UE) 2017/1938, (UE) 2019/942 u (UE) 2022/869 u d-Deċiżjoni (UE) 2017/684 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 (ĠU L, ..., ELI: ...).

[**] Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).";

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

(2) fl-Artikolu 31, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Fl-Annessi ta' dan ir-Regolament, kwalunkwe referenza għall-"ENTSO tal-Gass" għandha tinftiehem li tfisser "l-ENTSO tal-Gass u l-ENNOH" għall-fini tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/…[+]. Mill-1 ta' Jannar 2027, kwalunkwe referenza għall-"ENTSO tal-Gass" għandha tinftiehem li tfisser "l-ENNOH.".

Artikolu 87

Emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2017/684

L-obbligi ta' notifika għall-ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija relatati mal-gass naturali kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2017/684 għandhom jinftiehmu li jinkludu l-ftehimiet intergovernattivi relatati mal-idroġenu, inklużi l-komposti tal-idroġenu bħall-ammonijaka u l-vetturi tal-idroġenu organiku likwidu.

Artikolu 88

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 huwa mħassar. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 105/23 (2021/0424(COD)).

Artikolu 89

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

   Għandu japplika minn ... [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

   (a) l-Artikolu 11(3), il-punt (b), l-Artikolu 34(6) u l-Artikolu 84 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025;

   (b) It-Taqsima 5 għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2025, ħlief l-Artikoli 42, 43, 44, 52, 53 u 54, li għandhom japplikaw minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

Linji Gwida

1. Informazzjoni li trid tiġi ppubblikata dwar il-metodoloġija użata biex jiġi stabbilit id-dħul regolat tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni

L-informazzjoni msemmija fil-punti 1 sa 5 għandha tiġi ppubblikata qabel il-perjodu tariffarju mill-awtorità regolatorja jew mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni skont kif tiddeċiedi l-awtorità regolatorja.

Dik l-informazzjoni għandha tingħata b'mod separat għall-attivitajiet ta' trażmissjoni meta l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jkun parti minn entità jew azjenda kummerċjali akbar.

1. L-entità responsabbli biex tikkalkula, tistabbilixxi u tapprova l-komponenti differenti tal-metodoloġija.

2. Deskrizzjoni tal-metodoloġija, inkluża mill-anqas deskrizzjoni ta':

   (a) il-metodoloġija kumplessiva, bħar-reġim li jiffissa l-limitu massimu tad-dħul, ir-reġim ibridu, il-mudell tal-kost b'addenda (cost-plus) jew il-parametraġġ referenzjarju tat-tariffi;

   (b) il-metodoloġija biex tiġi stabbilita l-bażi tal-assi regolatorji (RAB), inklużi:

      (i) il-metodoloġija biex jiġi determinat il-valur inizjali (tal-ftuħ) tal-assi kif applikat fil-bidu tal-perjodu regolatorju rilevanti u waqt l-inkorporazzjoni ta' assi ġodda fl-RAB;

(ii) il-metodoloġija għar-rievalwazzjoni tal-assi;

(iii) spjegazzjonijiet tal-evoluzzjoni tal-valur tal-assi;

(iv) it-trattament tal-assi dekummissjonati;

(v) il-metodoloġija tad-deprezzament applikata għall-RAB, inkluża kull bidla applikata fil-valuri.

(c) il-metodoloġija biex jiġi stabbilit il-kost tal-kapital;

(d) il-metodoloġija biex tiġi determinata n-nefqa totali (TOTEX) jew, jekk applikabbli, in-nefqa operazzjonali (OPEX) u n-nefqa kapitali (CAPEX);

(e) il-metodoloġija biex tiġi determinata l-effiċjenza tal-kost, jekk applikabbli;

(f) il-metodoloġija applikata biex tiġi stabbilita l-inflazzjoni;

(g) il-metodoloġija biex jiġu determinati l-primjums u l-inċentivi, jekk applikabbli;

(h) il-kostijiet mhux kontrollabbli;

(i) is-servizzi pprovduti fil-kumpanija azzjonarja, jekk applikabbli.

3. Il-valuri tal-parametri użati fil-metodoloġija:

(a) il-valuri dettaljati tal-parametri li huma parti mill-kost tal-ekwità u milll-kost tad-dejn jew il-kost medju ponderat tal-kapital espressi f'perċentwali;

(b) il-perjodi tad-deprezzament fi snin applikabbli, separatament għall-pipelines u l-kompressuri;

(c) il-bidliet lill-perjodu tad-deprezzament jew fit-tħaffif tad-deprezzament applikat għall-assi;

(d) il-miri tal-effiċjenza f'perċentwali;

(e) l-indiċijiet tal-inflazzjoni;

(f) il-primjums u l-inċentivi.

4. Il-valuri tal-kostijiet u tan-nefqa li jintużaw biex jiġi stabbilit id-dħul permess jew fil-mira f'euro u fil-munita lokali ta':

(a) l-RAB għal kull tip ta' assi dettaljata għal kull sena, sad-deprezzament sħiħ tal-assi, inkluż:

(i) l-investimenti miżjuda mal-RAB, għal kull tip ta' assi;

(ii) id-deprezzament għal kull tip ta' assi, sad-deprezzament sħiħ tal-assi;

(b) il-kost tal-kapital, inkluż il-kost tal-ekwità u l-kost tad-dejn;

(c) in-nefqa operazzjonali;

(d) il-primjums u l-inċentivi, speċifikati separatament għal kull oġġett.

5. L-indikaturi finanzjarji li jridu jingħataw għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni. Fil-każ ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni li jkun parti minn azjenda jew impriża akbar, dawk il-valuri għandhom jingħataw b'mod separat għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, inkluż:

   (a) il-qligħ qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA);

   (b) il-qligħ qabel l-imgħax u t-taxxa (EBIT);

   (c) ir-redditu mill-assi I (ROA) = EBITDA / RAB;

   (d) ir-redditu mill-assi II (ROA) = EBIT / RAB;

   (e) ir-redditu mill-ekwità (ROE) = Profitt / Ekwità:

      (i) ir-redditu mill-kapital investit (RoCE);

      (ii) il-proporzjon ta' ingranaġġ;

      (iii) id-dejn nett / (Dejn nett + Ekwità);

      (iv) id-dejn nett / EBITDA.

   L-awtorità regolatorja jew l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu mudell tariffarju simplifikat li jinkludi l-parametri u l-valuri diżaggregati tal-metodoloġija u li jippermetti replika tal-kalkolu tad-dħul permess jew fil-mira tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni.

6. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom iżommu ġurnal ta' kuljum dwar il-manutenzjoni attwali u t-tfixkil fil-flussi li jinqala', u meta jintalbu, għandhom iqegħduh għad-dispożizzjoni tal-awtorità regolatorja. Meta tintalab, l-informazzjoni għandha titqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi affettwati mit-tfixkil.

2. Prinċipji tal-mekkaniżmi għall-allokazzjoni tal-kapaċità u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-konġestjoni li jikkonċernaw lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-applikazzjoni tagħhom f'każ ta' konġestjoni kuntrattwali

2.1. Prinċipji tal-mekkaniżmi ta' allokazzjoni ta' kapaċità u proċeduri għall-amministrazzjoni ta' konġestjoni li jikkonċernaw l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. Il-mekkaniżmi għall-allokazzjoni tal-kapaċità u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-konġestjoni għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-kompetizzjoni u l-kummerċ likwidu tal-kapaċità, u għandhom ikunu kompatibbli mal-mekkaniżmi tas-suq, inkluż tas-swieq spot u taċ-ċentri tal-kummerċ. Għandhom ikunu flessibbli u kapaċi jadattaw għaċ-ċirkustanzi tas-suq li dejjem jevolvu.

2. Dawk il-mekkaniżmi u l-proċeduri għandhom iqisu l-integrità tas-sistema kkonċernata u s-sigurtà tal-provvista.

3. Dawk il-mekkaniżmi u proċeduri la għandhom ifixklu d-dħul ta' parteċipanti ġodda fis-suq u lanqas ma għandhom joħolqu ostakli żejda għad-dħul fis-suq. Ma għandhomx iwaqqfu lill-parteċipanti tas-suq, inkluż lil parteċipanti ġodda fis-suq u kumpaniji ġodda b'sehem żgħir fis-suq, milli jikkompetu b'mod effettiv.

4. Dawk il-mekkaniżmi u l-proċeduri għandhom jipprovdu sinjali ekonomiċi xierqa għal użu effiċjenti u massimu tal-kapaċità teknika u jiffaċilitaw l-investiment f'infrastruttura ġdida.

5. L-utenti tan-network għandhom jiġu mgħarrfa dwar it-tip ta' ċirkostanza li tista' taffettwa d-disponibbiltà tal-kapaċità kuntrattata. L-informazzjoni dwar l-interruzzjoni għandha tirrifletti l-livell ta' informazzjoni disponibbli għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni.

6. Jekk, għal raġunijiet relatati mal-integrità tas-sistema, jinqalgħu xi diffikultajiet biex jintlaħqu l-obbligi kuntrattwali tal-konsenja, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jgħarrfu lill-utenti tan-network u jipprovdu soluzzjoni nondiskriminatorja mingħajr dewmien.

   L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkonsultaw lill-utenti tan-network dwar il-proċeduri qabel l-implimentazzjoni tagħhom u jiftiehmu dwarhom mal-awtorità regolatorja.

2.2. Proċeduri għall-amministrazzjoni tal-konġestjoni f'każ ta' konġestjoni kuntrattwali

2.2.1. Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Dan il-punt għandu japplika għall-punti ta' interkonnessjoni kollha bejn is-sistemi ta' dħul u ta' ħruġ ġirien, irrispettivament minn jekk ikunux fiżiċi jew virtwali, bejn żewġ Stati Membri jew aktar jew fi ħdan l-istess Stat Membru, safejn dawn il-punti huma soġġetti għall-proċeduri ta' prenotazzjoni mill-utenti. Dan il-punt jista' japplika wkoll għall-punti ta' dħul minn u l-punti ta' ħruġ lejn il-pajjiżi terzi, soġġetti għad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja rilevanti. Il-punti ta' ħruġ lejn il-konsumaturi finali u n-networks tad-distribuzzjoni, il-punti ta' dħul mit-terminals tal-LNG u mill-faċilitajiet tal-produzzjoni, u l-punti ta' dħul u ta' ħruġ minn u lejn il-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt.

2. Abbażi tal-informazzjoni ppubblikata mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni skont il-punt 3 ta' dan l-Anness u, meta xieraq, ivvalidata mill-awtoritajiet regolatorji, l-ACER għandha tippubblika rapport tal-monitoraġġ dwar il-konġestjoni fil-punti ta' interkonnessjoni rigward il-prodotti ta' kapaċità kostanti mibjugħa fis-sena ta' qabel filwaqt li tqis, safejn possibbli, il-kummerċ tal-kapaċità fis-suq sekondarju u l-użu tal-kapaċità interruttibbli.

Ir-rapport tal-monitoraġġ għandu jiġi ppubblikat kull sentejn. L-ACER għandha tippubblika rapporti addizzjonali, fuq talba sostanzjata mill-Kummissjoni, mhux aktar spiss minn darba fis-sena.

3. Kull kapaċità addizzjonali li tkun disponibbli bl-applikazzjoni ta' waħda mill-proċeduri għall-ġestjoni tal-konġestjoni kif previst fil-punti 2.2.2 sa 2.2.5 għandha tkun offruta mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni rilevanti fil-proċess tal-allokazzjoni regolari.

2.2.2. Żieda fil-kapaċità bi skema ta' sottoskrizzjoni żejda u ta' xiri lura

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipproponu u, wara l-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja, jimplimentaw skema ta' sottoskrizzjoni żejda u ta' xiri lura bbażata fuq l-inċentiv biex joffru kapaċità addizzjonali b'mod kostanti. Qabel l-implimentazzjoni, l-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri ġirien u għandha tqis l-opinjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji ġirien. Il-kapaċità addizzjonali tirreferi għall-kapaċità kostanti offruta b'żieda mal-kapaċità teknika ta' punt ta' interkonnessjoni kkalkulata skont l-Artikolu 6(1).

2. L-iskema ta’ sottoskrizzjoni żejda u ta’ xiri lura għandha tipprovdi inċentiv lill-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni biex jagħmlu disponibbli kapaċità addizzjonali, filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet tekniċi, bħall-valur kalorifiku, it-temperatura u l-konsum mistenni, tas-sistema rilevanti ta’ dħul u ta’ ħruġ, u l-kapaċitajiet fin-networks ġirien. L-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni għandhom iħaddmu approċċ dinamiku rigward ir-rikalkolu tal-kapaċità teknika jew addizzjonali tas-sistema ta’ dħul u ta’ ħruġ.

3. L-iskema ta’ sottoskrizzjoni żejda u ta’ xiri lura għandha tissejjes fuq reġim ta’ inċentivi li jirrifletti r-riskji tal-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni meta joffru kapaċità addizzjonali. Dik l-iskema għandha tkun strutturata b’tali mod li d-dħul mill-bejgħ tal-kapaċità addizzjonali u l-kostijiet imġarrba bl-iskema ta’ xiri lura jew bil-miżuri skont il-punt 6 jinqasmu bejn l-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni u l-utenti tan-network. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jiddeċiedu dwar id-distribuzzjoni tad-dħul u tal-kostijiet bejn l-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni u l-utent tan-network.

4. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dħul tal-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni, il-kapaċità teknika, b’mod partikolari l-kapaċità rinunzjata u, meta rilevanti, il-kapaċità li tirriżulta bl-applikazzjoni ta’ mekkaniżmi kostanti “tużah jew titilfu” b’ġurnata bil-quddiem u mekkaniżmi “tużah jew titilfu” fuq perjodu ta’ żmien twil, għandha titqies allokata qabel kull kapaċità addizzjonali.

5. Meta jkun qed jiddetermina l-kapaċità addizzjonali, l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jqis ix-xenarji tal-istatistika għall-ammont probabbli ta' kapaċità mhux użata fis-sens fiżiku f'xi mument partikolari fil-punti ta' interkonnessjoni. Dan għandu jqis ukoll profil tar-riskju għall-offerta ta' kapaċità addizzjonali li ma twassalx għal obbligu ta' xiri lura eċċessiv. L-iskema ta' sottoskrizzjoni żejda u ta' xiri lura għandha tqis ukoll il-probabbiltà u l-kostijiet ta' xiri lura tal-kapaċità fis-suq u għandha tirrifletti dan fl-ammont ta' kapaċità addizzjonali li jrid ikun disponibbli.

6. Meta jkun meħtieġ biex tinżamm l-integrità tas-sistema, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom japplikaw proċedura ta' xiri lura bbażata fuq is-suq biex l-utenti tan-network ikunu jistgħu joffru l-kapaċità. L-utenti tan-network għandhom ikunu informati dwar il-proċedura ta' xiri lura applikabbli. L-applikazzjoni tal-proċedura ta' xiri lura hija mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' emerġenza applikabbli.

7. Qabel ma japplikaw proċedura ta' xiri lura, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jivverifikaw jekk hemmx miżuri alternattivi tekniċi u kummerċjali li jistgħu jżommu l-integrità tas-sistema b'mod aktar kosteffiċjenti.

8. Meta jipproponi skema ta' sottoskrizzjoni żejda u ta' xiri lura, l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jipprovdi d-*data*, l-estimi u l-mudelli rilevanti kollha lill-awtorità regolatorja biex din tkun tista' tivvaluta l-iskema. L-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jirrapporta regolarment lill-awtorità regolatorja dwar il-funzjonament tal-iskema u, meta jintalab mill-awtorità regolatorja, jipprovdi d-*data* rilevanti kollha. L-awtorità regolatorja tista' titlob lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni biex jirrevedi l-iskema tiegħu.

2.2.3. Mekkaniżmu kostanti “tużah jew titilfu” b’ġurnata bil-quddiem

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni japplikaw mill-anqas ir-regoli stabbiliti fil-punt 3 għal kull utent tan-network fil-punti ta’ interkonnessjoni fir-rigward tal-alterazzjoni tan-nominazzjoni inizjali jekk, abbażi tar-rapport annwali tal-monitoraġġ tal-ACER imsemmi fil-punt 2.2.1(2), jintwera li fil-punti ta’ interkonnessjoni, id-domanda tkun iżjed mill-offerta, bil-prezz tar-riżerva meta jintużaw l-irkantijiet, tul il-proċeduri tal-allokazzjoni tal-kapaċità fis-sena koperta mir-rapport tal-monitoraġġ għall-prodotti għall-użu f’dik is-sena jew f’waħda mis-sentejn sussegwenti:

   (a) għal mill-anqas tliet prodotti ta’ kapaċità kostanti b’durata ta’ xahar;

   (b) għal mill-anqas żewġ prodotti ta’ kapaċità kostanti b’durata ta’ tliet xhur;

   (c) għal mill-anqas prodott wieħed ta’ kapaċità kostanti b’durata ta’ sena jew aktar; jew

   (d) meta għal mill-anqas sitt xhur, ma jiġi offrut l-ebda prodott ta’ kapaċità kostanti b’durata ta’ xahar jew aktar.

2. Jekk, abbażi tar-rapport annwali tal-monitoraġġ tal-ACER imsemmi fil-punt 2.2.1(2), huwa muri li ma hemmx il-probabbiltà li fit-tliet snin sussegwenti terġa’ sseħħ is-sitwazzjoni kif deskritta fil-punt 1, pereżempju għax il-kapaċità ssir disponibbli bis-saħħa ta’ espansjoni fiżika tan-network jew terminazzjoni ta’ xi kuntratti fit-tul, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti jistgħu jiddeċiedu li jitterminaw il-mekkaniżmu kostanti “tużah jew titilfu” b’ġurnata bil-quddiem.

3. Ir-rinominazzjoni ta' kapaċità kostanti hija permessa sa 90% u b'minimu ta' 10% tal-kapaċità kuntrattata mill-utent tan-network fil-punt ta' interkonnessjoni. Madanakollu, jekk in-nominazzjoni taqbeż it-80% tal-kapaċità kuntrattata, nofs il-volum mhux nominat jista' jiġi rinominat 'il fuq. Jekk in-nominazzjoni ma taqbiżx l-20% tal-kapaċità kuntrattata, nofs il-volum mhux nominat jista' jiġi rinominat 'l isfel. L-applikazzjoni ta' dan il-punt hija mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' emerġenza applikabbli.

4. Id-detentur oriġinali tal-kapaċità kuntrattata jista' jirrinomina l-parti ristretta tal-kapaċità kostanti kuntrattata fuq bażi interruttibbli.

5. Il-punt 3 ma għandux japplika għall-utenti tan-network – il-persuni jew l-impriżi, u l-impriżi li dawn jikkontrollaw fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[1] – li għandhom inqas minn 10 % tal-kapaċità teknika medja fis-sena preċedenti fil-punt ta' interkonnessjoni.

6. Fil-punti ta' interkonnessjoni fejn jiġi applikat mekkaniżmu kostanti "tużah jew titilfu" b'ġurnata bil-quddiem skont il-punt 3, għandha ssir evalwazzjoni mill-awtorità regolatorja tar-relazzjoni mal-iskema ta' sottoskrizzjoni żejda u ta' xiri lura skont il-punt 2.2.2 li tista' twassal biex l-awtorità regolatorja tiddeċiedi li ma tapplikax il-punt 2.2.2 f'dawk il-punti ta' interkonnessjoni. Deċiżjoni bħal din għandha tiġi notifikata, mingħajr dewmien, lill-ACER u lill-Kummissjoni.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

7. Awtorità regolatorja tista' tiddeċiedi li timplimenta mekkaniżmu kostanti "tużah jew titilfu" b'ġurnata bil-quddiem skont il-punt 3 f'punt ta' interkonnessjoni. Qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, l-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri ġirien. Meta tadotta d-deċiżjoni tagħha, l-awtorità regolatorja għandha tqis l-opinjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri ġirien.

2.2.4. Rinunzjar ta' kapaċità kuntrattata

L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jaċċettaw kull rinunzjar ta' kapaċità kostanti li tkun kuntrattata mill-utent tan-network f'punt ta' interkonnessjoni, għajr fil-każ tal-prodotti tal-kapaċità b'durata ta' ġurnata jew perjodu iqsar. L-utent tan-network għandu jżomm id-drittijiet u l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt tal-kapaċità sakemm il-kapaċità tkun riallokata mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni u sal-punt li l-kapaċità ma tkunx riallokata mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni. Il-kapaċità rinunzjata għandha titqies riallokata biss wara li tkun ġiet allokata l-kapaċità kollha disponibbli. L-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jinnotifika lill-utent tan-network mingħajr dewmien dwar kull riallokazzjoni tal-kapaċità rinunzjata tiegħu. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għar-rinunzjar tal-kapaċità, b'mod partikolari meta jkun hemm bosta utenti tan-network li jirrinunzjaw il-kapaċità tagħhom, għandhom jiġu approvati mill-awtorità regolatorja.

2.2.5. Mekkaniżmu “tużah jew titilfu” fuq perjodu ta’ żmien twil

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni jirtiraw parzjalment jew għalkollox u b’mod sistematiku l-kapaċità kuntrattata mhux użata biżżejjed f’punt ta’ interkonnessjoni minn utent tan-network, meta dak l-utent ma jkunx biegħ il-kapaċità mhux użata tiegħu jew offrieha b’kundizzjonijiet raġonevoli, u meta l-utenti l-oħra tan-network ikunu qed jitolbu kapaċità kostanti. Il-kapaċità kuntrattata titqies sistematikament mhux użata biżżejjed meta b’mod partikolari:

   (a) l-utent tan-network juża inqas minn medja ta’ 80 % tal-kapaċità kuntrattata tiegħu kemm mill-1 ta’ April sat-30 ta’ Settembru, u mill-1 ta’ Ottubru sal-31 ta’ Marzu b’durata effettiva tal-kuntratt ta’ aktar minn sena mingħajr ma setgħu jingħataw raġunijiet adegwati; jew

   (b) l-utent tan-network jinnomina sistematikament qrib il-100 % tal-kapaċità kuntrattata tiegħu u jirrinomina ’l isfel biex jevita r-regoli stabbiliti fil-punt 2.2.3(3).

2. L-applikazzjoni ta’ mekkaniżmu kostanti “tużah jew titilfu” b’ġurnata bil-quddiem ma għandhiex titqies li hi ġustifikazzjoni biex tkun evitata l-applikazzjoni tal-punt 1.

3. L-irtirar għandu jwassal biex l-utent tan-network jitlef parzjalment jew għalkollox il-kapaċità kuntrattata tiegħu għal perjodu partikolari jew għall-bqija tat-terminu kuntrattwali effettiv. L-utent tan-network għandu jżomm id-drittijiet u l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt tal-kapaċità sakemm il-kapaċità tkun riallokata mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni u sal-punt li l-kapaċità ma tkunx riallokata mill-operatur tas-sistemi ta’ trażmissjoni.

4. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu regolarment id-*data* meħtieġa kollha lill-awtoritajiet regolatorji biex iwettqu monitoraġġ ta' kemm qed jintużaw il-kapaċitajiet kuntrattati b'durata kuntrattwali effettiva ta' aktar minn sena jew ta' tliet xhur rikorrenti li mill-anqas ikopru sentejn.

3. Definizzjoni tal-informazzjoni teknika meħtieġa għall-utenti tan-network biex jiksbu aċċess effettiv għas-sistema tal-gass naturali, id-definizzjoni tal-punti rilevanti kollha għar-rekwiżiti ta' trasparenza u l-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata fil-punti rilevanti kollha u l-iskeda TAL-ĦIN li skontha trid tiġi ppubblikata dik l-informazzjoni

3.1. Definizzjoni tal-informazzjoni teknika meħtieġa għall-utenti tan-network biex jiksbu aċċess effettiv għas-sistema

3.1.1. Forma tal-pubblikazzjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha msemmija fil-punt 3.1.2 u fil-punti 3.3(1) sa 3.3(5) b'dan il-mod:

(a) fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr ħlas u mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni jew sħubija mod ieħor mal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni;

(b) b'mod regoli/kontinwu; il-frekwenza għandha tkun skont il-bidliet li jsiru u d-durata tas-servizz;

(c) b'mod faċli għall-utent;

(d) b’mod sinifikattiv, ċar b’mod kwantifikabbli, aċċessibbli faċilment u nondiskriminatorju;

(e) b’format li jista’ jitniżżel skont kif miftiehem mill-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni u l-awtoritajiet regolatorji – skont opinjoni ta’ format armonizzat li trid tingħata mill-ACER – u li jippermetti analiżijiet kwantitattivi u komparattivi;

(f) b’unitajiet konsistenti, b’mod partikolari kWh (b’temperatura ta’ referenza ta’ kombustjoni ta’ 298,15 K) għandha tkun l-unità għall-kontenut tal-enerġija, u m^3 (b’273,15 K u 1,01325 bar) għandha tkun l-unità għall-volum. Għandu jingħata l-fattur ta’ konverżjoni kostanti għall-kontenut tal-enerġija. Minbarra l-format ta’ hawn fuq, il-pubblikazzjoni tista’ ssir ukoll b’unitajiet oħra;

(g) bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru u bl-Ingliż;

(h) id-*data* kollha għandha tkun disponibbli fuq pjattaforma ċentrali unika għall-Unjoni kollha, stabbilita mill-ENTSOG b’mod kosteffettiv.

2. L-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni għandhom jipprovdu dettalji dwar il-bidliet effettivi msemmija fil-punt 3.1.2 u fil-punti 3.3(1) sa 3.3(5) minnufih malli jkunu disponibbli għalihom.

3.1.2. Kontenut tal-pubblikazzjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom mill-anqas jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja dwar is-sistemi u s-servizzi tagħhom:

(a) deskrizzjoni dettaljata u komprensiva tas-servizzi differenti offruti u l-imposti korrispondenti miżmuma;

(b) it-tipi differenti ta' kuntratti tat-trasport disponibbli għal dawn is-servizzi;

(c) il-kodiċi tan-network u/jew il-kundizzjonijiet standard li jindikaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-utenti tan-network kollha, inkluż:

(i) il-kuntratti tat-trasport armonizzati u dokumenti rilevanti oħra;

(ii) jekk rilevanti għall-aċċess għas-sistema, għall-punti rilevanti kollha kif definit fil-punt 3.2, speċifikazzjoni tal-parametri tal-kwalità tal-gass rilevanti, inkluż mill-anqas il-valur kalorifiku gross, l-indiċi Wobbe u l-kontenut tal-ossiġenu, u r-responsabbiltà jew il-kostijiet tal-konverżjoni għall-utenti tan-network meta l-gass ma jkunx skont dawk l-ispeċifikazzjonijiet;

(iii) jekk rilevanti għall-aċċess għas-sistema, għall-punti rilevanti kollha, informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-pressa;

(iv) il-proċedura f'każ ta' interruzzjoni ta' kapaċità interruttibbli, inkluż, meta applikabbli, it-twaqqit, il-firxa u l-klassifikazzjoni tal-interruzzjonijiet individwali, pereżempju *prorata* jew "min jiġi l-ewwel, jiġi interrott l-aħħar";

(d) il-proċeduri armonizzati applikati waqt l-użu tas-sistema ta' trażmissjoni, inkluż id-definizzjoni tat-termini ewlenin;

(e) dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tal-konġestjoni u l-proċeduri kontra il-kapparrar u l-proċeduri tal-użu mill-ġdid;

(f) ir-regoli applikabbli għall-kummerċ tal-kapaċità fis-suq sekondarju fil-konfront tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni;

(g) ir-regoli dwar l-ibbilanċjar u l-metodoloġija tal-kalkolu għall-imposti tal-iżbilanċ;

(h) jekk applikabbli, il-livelli ta' flessibbiltà u tolleranza, inkluż fit-trasport u servizzi oħra mingħajr imposta separata, u kull flessibbiltà offruta flimkien ma' dan, u l-imposti korrispondenti;

(i) deskrizzjoni dettaljata tas-sistema tal-gass naturali tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-punti rilevanti tagħha tal-interkonnessjoni kif definit fil-punt 3.2, kif ukoll l-ismijiet tal-operaturi tas-sistemi jew tal-faċilitajiet interkonnessi;

(j) ir-regoli applikabbli għall-konnessjoni mas-sistema tal-gass naturali operata mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni;

(k) informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' emerġenza, sakemm tkun ir-responsabbiltà tal-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, bħal miżuri li jistgħu jwasslu għal qtugħ fil-konnessjoni ta' gruppi ta' klijenti, u regoli ġenerali oħra ta' responsabbiltà li japplikaw għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni;

(l) proċeduri miftiehma mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni fil-punti ta' interkonnessjoni, ta' rilevanza għall-aċċess tal-utenti tan-network għas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati, relatati mal-interoperabbiltà tan-network, il-proċeduri miftiehma dwar il-proċeduri tan-nominazzjoni u t-tqabbil, u proċeduri miftiehma oħra li jistabbilixxu dispożizzjonijiet rigward l-allokazzjonijiet tal-fluss tal-gass u l-ibbilanċjar, inkluż il-metodi użati;

(m) l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw deskrizzjoni dettaljata u komprensiva tal-metodoloġija u tal-proċess, inkluż informazzjoni dwar il-parametri użati u s-suppożizzjonijiet ewlenin, użati biex tiġi kkalkulata l-kapaċità teknika.

3.2. Definizzjoni tal-punti rilevanti kollha għar-rekwiżiti ta' trasparenza

1. Il-punti rilevanti għandhom jinkludu mill-anqas:

(a) il-punti ta' dħul u ta' ħruġ kollha lejn u minn network ta' trażmissjoni operat minn operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, għajr il-punti ta' ħruġ konnessi ma' klijent finali uniku, u għajr il-punti ta' dħul konnessi direttament ma' faċilità tal-produzzjoni ta' produttur uniku li jinsab fl-Unjoni;

(b) il-punti ta' dħul u ta' ħruġ kollha li jikkonnettjaw iż-żoni tal-ibbilanċjar tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni;

(c) il-punti kollha li jikkonnettjaw in-network ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni ma' terminal tal-LNG, ċentri fiżiċi tal-gass naturali, faċilitajiet tal-ħażna u tal-produzzjoni, sakemm dawn il-faċilitajiet tal-produzzjoni ma jkunux eżentati skont il-punt (a);

(d) il-punti kollha li jikkonnettjaw in-network ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni partikolari ma' infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi anċillari.

2. L-informazzjoni għal klijenti finali uniċi u għall-faċilitajiet tal-produzzjoni, eskluża mid-definizzjoni ta' punti rilevanti kif deskritt fil-punt 3.2(1)(a), għandha tiġi ppubblikata b'format aggregat, mill-inqas għal kull żona tal-ibbilanċjar. Għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan l-Anness, l-aggregazzjoni ta' klijenti finali uniċi u ta' faċilitajiet tal-produzzjoni, eskluża mid-definizzjoni ta' punti rilevanti kif deskritt fil-punt 3.2(1)(a), għandha titqies li tkun punt rilevanti wieħed.

3. Meta l-punti bejn żewġ jew aktar operaturi ta' trażmissjoni jitmexxew biss mill-operaturi ta' trażmissjoni kkonċernati, mingħajr l-involviment kuntrattwali jew operazzjonali ta' utenti tas-sistema, jew meta l-punti jikkonnettjaw sistema ta' trażmissjoni ma' sistema ta' distribuzzjoni u ma jkun hemm l-ebda konġestjoni kuntrattwali f'dawk il-punti, l-operaturi tas-sistemi ta' tranżmissjoni għandhom jiġu eżentati għal dawk il-punti mill-obbligu li jippubblikaw ir-rekwiżiti skont il-punt 3.3. L-awtorità regolatorja tista' titlob lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jippubblikaw ir-rekwiżiti skont il-punt 3.3 għall-gruppi jew għall-punti eżentati kollha. F'dan il-każ, l-informazzjoni, jekk tkun disponibbli għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni, għandha tiġi ppubblikata b'format aggregat f'livell sinifikattiv, mill-inqas għal kull żona tal-ibbilanċjar. Għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan l-Anness, din l-aggregazzjoni ta' dawn il-punti għandha titqies li tkun punt rilevanti wieħed.

3.3. Informazzjoni li trid tiġi pubblikata fil-punti rilevanti kollha u l-iskeda kalendarja li skontha għandha tiġi ppubblikata dik l-informazzjoni

1. Fil-punti rilevanti kollha, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw l-informazzjoni kif elenkata fit-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (g), għas-servizzi u s-servizzi anċillari kollha pprovduti, b'mod partikolari informazzjoni dwar it-taħlit, il-forniment u l-konverżjoni. Dik l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata b'mod numeriku, f'perjodi ta' kull siegħa jew ta' kuljum, daqs l-iqsar perjodu ta' referenza għall-prenotazzjoni u r-rinominazzjoni tal-kapaċità u l-iqsar perjodu tal-issetiljar li għalihom jiġu kkalkulati l-imposti tal-iżbilanċi. Jekk l-iqsar perjodu ta' referenza hu differenti minn perjodu ta' kuljum, l-informazzjoni elenkata fit-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (g) għandha ssir disponibbli wkoll għall-perjodu ta' kuljum.

   L-informazzjoni li ġejja u l-aġġornamenti tagħha għandhom jiġu ppubblikati malli jkunu disponibbli għall-operatur tas-sistema ("kważi fil-ħin reali").

   (a) il-kapaċità teknika għall-flussi fiż-żewġ direzzjonijiet;

   (b) il-kapaċità kostanti u interruttibbli kuntrattata totali fiż-żewġ direzzjonijiet;

   (c) in-nominazzjonijiet u r-rinominazzjonijiet fiż-żewġ direzzjonijiet;

   (d) il-kapaċità kostanti u interruttibbli disponibbli fiż-żewġ direzzjonijiet;

   (e) il-flussi fiżiċi effettivi;

   (f) l-interruzzjoni ppjanata u effettiva fil-kapaċità interruttibbli;

(g) l-interruzzjonijiet ippjanati u mhux ippjanati għal servizzi kostanti kif ukoll l-informazzjoni dwar ir-restawr tas-servizzi kostanti, fost l-oħrajn, il-manutenzjoni tas-sistema u d-durata probabbli ta' interruzzjoni minħabba l-manutenzjoni; l-interruzzjonijiet ippjanati għandhom jiġu ppubblikati mill-anqas 42 ġurnata bil-quddiem;

(h) l-okkorrenza ta' talbiet legalment validi u rifjutati għal prodotti ta' kapaċità kostanti b'durata ta' xahar jew aktar, inkluż l-għadd u l-volum tat-talbiet rifjutati;

(i) fil-każ tal-irkantijiet, fejn u meta jkunu ġew ikklerjati prodotti ta' kapaċità kostanti b'durata ta' xahar jew aktar bi prezzijiet ogħla mill-prezz tar-riżerva;

(j) fejn u meta ma jkun ġie offrut l-ebda prodott ta' kapaċità kostanti b'durata ta' xahar jew aktar fil-proċess regolari tal-allokazzjoni;

(k) il-kapaċità totali li ssir disponibbli bl-applikazzjoni tal-proċeduri għall-ġestjoni tal-konġestjoni stabbiliti fil-punti 2.2.2 sa 2.2.5 għal kull proċedura għall-ġestjoni tal-konġestjoni.

2. Fil-punti rilevanti kollha, l-informazzjoni msemmija fil-punti 3.3(1)(a), (b) u (d) għandha tiġi ppubblikata mill-anqas 24 xahar bil-quddiem.

3. Fil-punti rilevanti kollha, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw l-informazzjoni storika dwar ir-rekwiżiti tal-punti 3.3(1)(a) sa (g) għall-aħħar ħames (5) snin b'mod kontinwu.

4. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw il-valuri mkejla tal-valur kalorifiku gross, l-indiċi Wobbe, il-kontenut tal-idroġenu mħallat fis-sistema tal-gass naturali, il-kontenut tal-metan u l-kontenut tal-ossiġenu fil-punti rilevanti kollha, ta' kuljum. Iċ-ċifri preliminari għandhom jiġu ppubblikati sa tlett (3) ijiem wara l-ġurnata tal-gass rispettiva. Iċ-ċifri finali għandhom jiġu ppubblikati fi żmien tliet (3) xhur minn tmiem ix-xahar rispettiv.

5. Għall-punti rilevanti kollha, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw il-kapaċitajiet disponibbli, il-kapaċitajiet prenotati u tekniċi, kull sena għas-snin kollha meta tiġi kuntrattata xi kapaċità u għal sena (1) addizzjonali, u mill-anqas għall-għaxar (10) snin li ġejjin. Dik l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata mill-anqas kull xahar jew aktar spiss, jekk ikun hemm xi informazzjoni ġdida. Il-pubblikazzjoni għandha tirrifletti l-perjodu li għalih il-kapaċità tkun offruta għas-suq.

3.4. Informazzjoni li trid tiġi ppubblikata dwar is-sistema ta' trażmissjoni, u l-iskeda kalendarja li skontha għandha tiġi ppubblikata din l-informazzjoni

1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' kuljum u li kuljum jiġu aġġornati l-ammonti aggregati tal-kapaċitajiet offruti, u kuntrattati fis-suq sekondarju, jiġifieri mibjugħa minn utent tan-network wieħed lil utent tan-network ieħor, meta l-informazzjoni tkun disponibbli għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi dawn l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-punt ta' interkonnessjoni fejn tinbiegħ il-kapaċità;

   (b) it-tip ta' kapaċità, jiġifieri ta' dħul, ta' ħruġ, kostanti, interruttibbli;

(c) il-kwantità u d-durata tad-drittijiet tal-użu tal-kapaċità;

(d) it-tip ta' bejgħ, pereżempju trasferiment jew assenjament;

(e) l-għadd totali ta' kummerċ jew trasferimenti;

(f) kundizzjonijiet oħra magħrufa mill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni kif imsemmi fil-punt 3.3.

Meta informazzjoni bħal din tingħata minn parti terza, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiġu eżentati minn din id-dispożizzjoni.

2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw il-kundizzjonijiet armonizzati li skonthom se jaċċettaw it-tranżazzjonijiet tal-kapaċità, pereżempju t-trasferimenti jew l-assenjamenti. Dawn il-kundizzjonijiet iridu mill-anqas jinkludu:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti standardizzati li jistgħu jinbiegħu fis-suq sekondarju;

(b) iż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni/aċċettazzjoni/reġistrazzjoni tal-iskambji kummerċjali fis-suq sekondarju; f'każ ta' dewmien, iridu jiġu ppubblikati r-raġunijiet;

(c) in-notifika mill-bejjiegħ jew mill-parti terza lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni kif imsemmi fil-punt 3.4(1) dwar isem il-bejjiegħ u x-xerrej u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kapaċità kif stabbilit fil-punt 3.4(1).

Sakemm informazzjoni bħal din tingħata minn parti terza, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiġu eżentati minn dik id-dispożizzjoni.

3. Rigward is-servizz tal-ibbilanċjar tas-sistema tiegħu, kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jipprovdi lil kull utent tan-network, għal kull perjodu tal-ibbilanċjar, il-volumi speċifiċi tal-iżbilanċ preliminarji tiegħu u d-*data* tal-kostijiet għal kull utent individwali tan-network, sa xahar (1) wara tmiem il-perjodu tal-ibbilanċjar. Id-*data* finali tal-klijenti fornuti skont profili tat-tagħbija standardizzati tista' tingħata sa 14-il xahar wara. Sakemm informazzjoni bħal din tingħata minn parti terza, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiġu eżentati minn dik id-dispożizzjoni. L-għoti ta' dik l-informazzjoni għandu jirrispetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

4. Meta jiġu offruti servizzi ta' flessibbiltà, għajr tolleranzi, għal aċċess ta' parti terza, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw it-tbassir ta' kuljum ġurnata bil-quddiem abbażi tal-ammont massimu ta' flessibbiltà, il-livell prenotat ta' flessibbiltà, u d-disponibbiltà ta' flessibbiltà għas-suq għall-ġurnata tal-gass li jmiss. L-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni għandu jippubblika wkoll l-informazzjoni *ex-post* dwar l-użu aggregat ta' kull servizz ta' flessibbiltà fi tmiem kull ġurnata tal-gass. Jekk l-awtorità regolatorja tkun sodisfatta li din l-informazzjoni tista' tagħti lok għal abbuż potenzjali mill-utenti tan-network, din tista' tiddeċiedi li teżenta lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn dak l-obbligu.

5. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw, għal kull żona tal-ibbilanċjar, l-ammont ta' gass fis-sistema ta' trażmissjoni fil-bidu ta' kull ġurnata tal-gass u t-tbassir tal-ammont ta' gass naturali fis-sistema ta' trażmissjoni fi tmien kull ġurnata tal-gass. L-ammont imbassar ta' gass naturali għal tmiem il-ġurnata tal-gass għandu jiġi aġġornat kull siegħa tul il-ġurnata tal-gass. Jekk l-imposti tal-iżbilanċ jiġu kkalkulati kull siegħa, l-operatur tas-sistema ta' tranżizzjoni għandu jippubblika l-ammont ta' gass fis-sistema ta' trażmissjoni kull siegħa. Inkella, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw, għal kull żona tal-ibbilanċjar, il-pożizzjoni aggregata tal-iżbilanċ tal-utenti kollha fil-bidu ta' kull perjodu tal-ibbilanċjar u t-tbassir tal-pożizzjoni aggregata tal-iżbilanċ tal-utenti kollha fi tmien kull ġurnata tal-gass. Jekk l-awtorità regolatorja tkun sodisfatta li din l-informazzjoni tista' tagħti lok għal abbuż potenzjali mill-utenti tan-network, din tista' tiddeċiedi li teżenta lill-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn dak l-obbligu.

6. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu strumenti faċli għall-utent biex jiġu kkalkulati t-tariffi.

7. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, għal mill-inqas ħames (5) snin, ir-rekords effettivi tal-kuntratti ta' kapaċità kollha u kull informazzjoni rilevanti oħra rigward il-kalkolu u l-għoti ta' aċċess għall-kapaċitajiet disponibbli, b'mod partikolari n-nominazzjonijiet u l-interruzzjonijiet individwali. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jridu jżommu d-dokumentazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha skont il-punti 3.3(4) u (5) għal mill-anqas ħames (5) snin u jagħmluhom disponibbli għall-awtorità regolatorja meta jintalbu. Iż-żewġ partijiet għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità kummerċjali.

8. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw, mill-inqas darba fis-sena sal-iskadenza determinata, il-perjodi kollha ta' manutenzjoni ppjanati li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet tal-utenti tan-network minn kuntratti ta' trasport u l-informazzjoni operattiva korrispondenti b'notifika adegwata bil-quddiem. Dak għandu jinkludi l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-perjodi ta' manutenzjoni ppjanata u n-notifika tal-manutenzjoni mhux ippjanata, minnufih u b'mod nondiskriminatorju, malli dik l-informazzjoni ssir disponibbli għall-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni. Tul il-perjodi ta' manutenzjoni, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippubblikaw regolarment informazzjoni aġġornata bid-dettalji u bit-tul antiċipat u l-effetti tal-manutenzjoni.

4. Format u kontenut tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni teknika dwar l-aċċess għan-network mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu, u l-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata fil-punti rilevanti kollha u l-iskeda tal-ħin

4.1. Format tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni teknika dwar l-aċċess għan-network

1. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa kollha biex l-utenti tan-network jiksbu aċċess effettiv għan-network imsemmi fil-punti 4.2 u 4.3 bil-mod li ġej:

(a) fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr ħlas u mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni jew sħubija mod ieħor mal-operatur tan-networks tal-idroġenu;

(b) b'mod regoli/kontinwu; il-frekwenza għandha tkun skont il-bidliet li jsiru u d-durata tas-servizz;

(c) b’mod faċli għall-utent;

(d) b’mod ċar, kwantifikabbli, aċċessibbli faċilment u nondiskriminatorju;

(e) b’format li jista’ jitniżżel minn sit web kif miftiehem bejn l-operaturi tan-networks tal-idroġenu u l-awtoritajiet regolatorji – skont opinjoni dwar format armonizzat mogħti mill-ACER – u li jippermetti analiżijiet kwantitattivi;

(f) b’unitajiet konsistenti, b’mod partikolari l-unità għall-kontenut tal-enerġija għandha tkun kWh, u l-unità għall-volum għandha tkun m^3, għandu jingħata l-fattur ta’ konverżjoni kostanti għall-kontenut tal-enerġija; minbarra hekk, il-pubblikazzjoni tista’ ssir ukoll b’unitajiet oħra;

(g) bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru u bl-Ingliż;

(h) id-*data* kollha għandha tkun disponibbli mill-1 ta’ Ottubru 2026 fuq pjattaforma ċentrali unika għall-Unjoni kollha, stabbilita mill-ENNOH b’mod kosteffettiv.

2. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jipprovdu dettalji dwar il-bidliet effettivi msemmija fil-punti 4.2 u 4.3 fil-ħin malli jkunu disponibbli għalihom.

4.2. Kontenut tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni teknika dwar l-aċċess għan-network

1. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom mill-anqas jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja dwar is-sistemi u s-servizzi tagħhom:

(a) deskrizzjoni dettaljata u komprensiva tas-servizzi differenti offruti u l-imposti tagħhom;

(b) it-tipi differenti ta' kuntratti tat-trasport disponibbli għal dawk is-servizzi;

(c) il-kodiċijiet tan-network u/jew il-kundizzjonijiet standard li jindikaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-utenti tan-network kollha, inkluż:

(i) il-kuntratti tat-trasport armonizzati u dokumenti rilevanti oħra;

(ii) jekk rilevanti għall-aċċess għan-network, għall-punti rilevanti kollha, speċifikazzjoni tal-parametri tal-kwalità tal-idroġenu rilevanti, u r-responsabbiltà jew il-kostijiet tal-konverżjoni għall-utenti tan-network meta l-idroġenu ma jkunx skont dawk l-ispeċifikazzjonijiet;

(iii) jekk rilevanti għall-aċċess għas-sistema, għall-punti rilevanti kollha, informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-pressa;

(d) il-proċeduri armonizzati applikati waqt l-użu tan-network tal-idroġenu, inkluż id-definizzjoni tat-termini ewlenin;

(e) jekk applikabbli, il-livelli ta' flessibbiltà u tolleranza, inkluż fit-trasport u servizzi oħra mingħajr imposta separata, kif ukoll kull flessibbiltà offruta flimkien ma' dan, u l-imposti korrispondenti;

(f) deskrizzjoni dettaljata tan-network tal-idroġenu tal-operatur tan-network tal-idroġenu u l-punti rilevanti tiegħu ta' interkonnessjoni kif definit fil-punt 2, kif ukoll l-ismijiet tal-operaturi tan-networks jew tal-faċilitajiet interkonnessi;

(g) ir-regoli applikabbli għall-konnessjoni man-network operat mill-operatur tan-network tal-idroġenu;

(h) informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' emerġenza, sakemm tkun ir-responsabbiltà tal-operatur tan-network tal-idroġenu, bħal miżuri li jistgħu jwasslu għal qtugħ fil-konnessjoni ta' gruppi ta' klijenti u regoli ġenerali oħra ta' responsabbiltà li japplikaw għall-operatur tan-network tal-idroġenu;

(i) proċeduri miftiehma mill-operaturi tan-networks tal-idroġenu fil-punti ta' interkonnessjoni, ta' rilevanza għall-aċċess tal-utenti tan-network għan-network tal-idroġenu kkonċernat, relatati mal-interoperabbiltà tan-network.

2. Il-punti rilevanti għandhom jinkludu mill-anqas:

(a) il-punti ta' dħul u ta' ħruġ kollha lejn u minn network tal-idroġenu operat minn operatur ta' network tal-idroġenu, għajr il-punti ta' ħruġ konnessi ma' klijent finali uniku, u għajr il-punti ta' dħul konnessi direttament ma' faċilità tal-produzzjoni ta' produttur uniku li jinsab fl-Unjoni;

(b) il-punti ta' dħul u ta' ħruġ kollha li jikkonnettjaw iż-żoni tal-ibbilanċjar tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu;

(c) il-punti kollha li jikkonnettjaw in-network ta' operatur tan-network tal-idroġenu ma' terminal tal-LNG, terminals tal-idroġenu, ċentri fiżiċi tal-gass naturali, faċilitajiet tal-ħażna u tal-produzzjoni, sakemm dawk il-faċilitajiet tal-produzzjoni ma jkunux eżentati skont il-punt (a);

(d) il-punti kollha li jikkonnettjaw in-network ta' operatur tan-network tal-idroġenu partikolari ma' infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi anċillari.

3. L-informazzjoni għal klijenti finali uniċi u għall-faċilitajiet tal-produzzjoni, esklużа mid-definizzjoni ta' punti rilevanti kif deskritt fil-punt 2(a), għandha tiġi ppubblikata b'format aggregat u għandha titqies bħala punt rilevanti wieħed.

4.3. Informazzjoni li trid tiġi ppubblikata fil-punti rilevanti kollha u l-iskeda tal-ħin

1. Fil-punti rilevanti kollha, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippubblikaw l-informazzjoni kif elenkat fit-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (g), għas-servizzi kollha b'mod numeriku, f'perjodi ta' siegħa jew ta' kuljum.

L-informazzjoni li ġejja u l-aġġornamenti tagħha għandhom jiġu ppubblikati "kważi fil-ħin reali":

(a) il-kapaċità teknika għall-flussi fiż-żewġ direzzjonijiet;

(b) il-kapaċità kuntrattata totali fiż-żewġ direzzjonijiet;

(c) in-nominazzjonijiet u r-rinominazzjonijiet fiż-żewġ direzzjonijiet;

(d) il-kapaċità disponibbli fiż-żewġ direzzjonijiet;

(e) il-flussi fiżiċi effettivi;

(f) l-interruzzjoni ppjanata u effettiva fil-kapaċità;

(g) l-interruzzjonijiet ippjanati u mhux ippjanati; l-interruzzjonijiet ippjanati għandhom jiġu ppubblikati mill-anqas 42 ġurnata bil-quddiem.

2. Fil-punti rilevanti kollha, l-informazzjoni msemmija fil-punti (1)(a), (b) u (d) għandha tiġi ppubblikata għal perjodu ta' mill-anqas 24 xahar bil-quddiem.

3. Fil-punti rilevanti kollha, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippubblikaw l-informazzjoni storika dwar ir-rekwiżiti tal-punti 1(a) sa (f) għall-aħħar ħames (5) snin b'mod kontinwu.

4. L-operaturi tan-networks tal-idroġenu għandhom jippubblikaw valuri mkejla tal-purità u tal-kontaminanti tal-idroġenu fil-punti rilevanti kollha, ta' kuljum. Iċ-ċifri preliminari għandhom jiġu ppubblikati fi żmien tlett (3) ijiem. Iċ-ċifri finali għandhom jiġu ppubblikati fi żmien tliet (3) xhur minn tmiem ix-xahar rispettiv.

5. Id-dettalji ulterjuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-punti 4.1, 4.2 u 4.3, pereżempju dettalji dwar il-format u l-kontenut tal-informazzjoni meħtieġa mill-utenti tan-network biex jiksbu aċċess effettiv għan-network, informazzjoni li trid tiġi ppubblikata fil-punti rilevanti u dettalji dwar l-iskedi tal-ħin, għandhom jitniżżlu f'kodiċi tan-network stabbilit skont l-Artikolu 70.

ANNESS II

Ir-Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/685/UE (ĠU L 293, 11.11.2010, p. 67)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/490/UE (ĠU L 231, 28.8.2012, p. 16)	
Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39)	(L-Artikolu 22 biss)
Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/715 (ĠU L 114, 5.5.2015, p. 9)	
Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1)	(L-Artikolu 50 biss)
Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45)	(L-Artikolu 25 biss)
Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17)	(L-Artikolu 2 biss)

ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 715/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, kliem introduttorju	Artikolu 1, l-ewwel paragrafu kliem introduttorju
Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)	Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)
Artikolu 1,l-ewwel paragrafu, il-punt (b)	-
Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (c)	Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (b)
Artikolu 1, it-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi	Artikolu 1, it-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi
Artikolu 2(1), kliem introduttorju	Artikolu 2(1) kliem introduttorju
-	Artikolu 2(1), il-punt (1)
Artikolu 2(1), il-punt (1)	Artikolu 2(1), il-punt (2)
Artikolu 2(1), il-punt (2)	Artikolu 2(1), il-punt (3)
Artikolu 2(1), il-punt (3)	Artikolu 2(1), il-punt (4)
Artikolu 2(1), il-punt (4)	Artikolu 2(1), il-punt (5)
Artikolu 2(1), il-punt (5)	Artikolu 2(1), il-punt (6)
Artikolu 2(1), il-punt (6)	Artikolu 2(1), il-punt (7)
Artikolu 2(1), il-punt (7)	Artikolu 2(1), il-punt (8)
Artikolu 2(1), il-punt (8)	Artikolu 2(1), il-punt (9)
Artikolu 2(1), il-punt (9)	Artikolu 2(1), il-punt (10)
Artikolu 2(1), il-punt (10)	Artikolu 2(1), il-punt (11)
Artikolu 2(1), il-punt (11)	Artikolu 2(1), il-punt (12)
Artikolu 2(1), il-punt (12)	Artikolu 2(1), il-punt (13)
Artikolu 2(1), il-punt (13)	Artikolu 2(1), il-punt (14)
Artikolu 2(1), il-punt (14)	Artikolu 2(1), il-punt (15)
Artikolu 2(1), il-punt (15)	Artikolu 2(1), il-punt (16)
Artikolu 2(1), il-punt (16)	Artikolu 2(1), il-punt (17)

Regolament (KE) Nru 715/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 2(1), il-punt (17)	Artikolu 2(1), il-punt (18)
Artikolu 2(1), il-punt (18)	Artikolu 2(1), il-punt (19)
Artikolu 2(1), il-punt (19)	Artikolu 2(1), il-punt (20)
Artikolu 2(1), il-punt (20)	Artikolu 2(1), il-punt (21)
Artikolu 2(1), il-punt (21)	Artikolu 2(1), il-punt (22)
Artikolu 2(1), il-punt (22)	Artikolu 2(1), il-punt (23)
Artikolu 2(1), il-punt (23)	Artikolu 2(1), il-punt (24)
Artikolu 2(1), il-punt (24)	Artikolu 2(1), il-punt (25)
Artikolu 2(1), il-punt (25)	Artikolu 2(1), il-punt (26)
Artikolu 2(1), il-punt (26)	Artikolu 2(1), il-punt (27)
Artikolu 2(1), il-punt (27)	Artikolu 2(1), il-punt (28)
Artikolu 2(1), il-punt (28)	Artikolu 2(1), il-punt (29)
-	Artikolu 2(1), il-punti (30) sa (83)
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(2)
-	Artikoli 3, 4 u 5
Artikolu 14(1)	Artikolu 6(1)
	Artikolu 6(2)
Artikolu 14(2)	Artikolu 6(3)
	Artikolu 6(4)
Artikolu 14(3)	Artikolu 6(5)
	Artikolu 6(6) u (7)
-	Artikolu 7
Artikolu 15(1) u (2)	Artikolu 8(1) u (2)
-	Artikolu 8(3)
Artikolu 15(3)	Artikolu 8(4)
Artikolu 15(4)	Artikolu 8(5)

Regolament (KE) Nru 715/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 15(5)	Artikolu 8(6)
-	Artikolu 8(7)
-	Artikolu 9
Artikolu 16(1), (2) u (3)	Artikolu 10(1), (2) u (3)
Artikolu 16(5)	Artikolu 10(4)
Artikolu 16(4)	-
Artikolu 17	Artikolu 11
Artikolu 22	Artikolu 12
Artikolu 21	Artikolu 13
Artikolu 3	Artikolu 14
Artikolu 3a	Artikolu 15
-	Artikolu 16
Artikolu 13	Artikolu 17(1), (2) u (3)
-	Artikolu 17(4) u (5)
-	Artikoli 18 sa 23
Artikolu 4	Artikolu 24
Artikolu 5	Artikolu 25
Artikolu 8(1), (2) u (3)	Artikolu 26(1), (2) u (3), l-ewwel subparagrafu,
-	Artikolu 26(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti
-	Artikolu 26(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 8(4)	Artikolu 26(4), l-ewwel subparagrafu
-	Artikolu 26(4), it-tieni u t-tielet subparagrafi
Artikolu 8(5), (7), (8) u (9)	Artikolu 26(5) sa (8)
Artikolu 8(11) u (12)	Artikolu 26(9) u (10)
-	Artikolu 26(11)

Regolament (KE) Nru 715/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 9	Artikolu 27
Artikolu 24	Artikolu 28
Artikolu 10	Artikolu 29
Artikolu 11	Artikolu 30
Artikolu 12	Artikolu 31
Artikolu 8(10)	Artikolu 32
Artikolu 18(1) sa (6)	Artikolu 33(1) sa (6)
-	Artikolu 33(7)
Artikolu 19(1)	Artikolu 34(1)
-	Artikolu 34(2)
l-Artikolu 19(2) sa (5)	Artikolu 34(3) sa (6), l-ewwel subparagrafu
-	Artikolu 34(6), it-tieni subparagrafu
Artikolu 20	Artikolu 35
-	Artikolu 36 sa 70
Artikolu 8(6), il-punti (a), (b), (f), (h) u (l)	Artikolu 71(1), il-punti (a) sa (e)
-	Artikolu 71(1), il-punt (f)
Artikolu 8(6), il-punti (e), (g), (j) u (k)	Artikolu 71(2), il-punti (a) sa (d)
-	Artikolu 71(2), il-punt (e)
Artikolu 8(6), il-punti (c), (d) u (i)	-
Artikolu 6(1), (2) u (3)	-Artikolu 71(3), (4) u (5)
-	Artikolu 71(6)
Artikolu 6(4), (5) u (6)	Artikolu 71(7), (8) u (9)
-	Artikolu 71(10)
Artikolu 6(7) u (8)	-
Artikolu 6(9) sa (12)	Artikolu 71(11) sa (14)
-	Artikolu 71(15)

Regolament (KE) Nru 715/2009	Dan ir-Regolament
-	Artikolu 72
Artikolu 7	Artikolu 73
Artikolu 26	Artikolu 75
Artikolu 25	Artikolu 76(1) u 2
-	Artikolu 76(3) sa (7)
Artikolu 27(1) u (2)	Artikolu 77(1) u (3)
-	Artikolu 77(2)
-	Artikolu 78
Artikolu 30	Artikolu 79
-	Artikolu 80
Artikolu 28(1)	Artikolu 81(1)
Artikolu 28(2)	-
-	Artikolu 81(2) u (3)
-	Artikoli 82 sa 87
Artikolu 31	Artikolu 88
Artikolu 32	Artikolu 89
Anness I	Anness I
-	Anness II
Anness III	Anness III